# Festa Titulari Santa Marija

## L-Imqabba 2014





(+356) 9999 0470 www.atcs.com.mt info@atcs.com.mt

# Soċjetà mogħnija bl-unuri...



**Les Étoiles d'Or du Jumelage 1998**




**Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru ta' Malta 2006**



**Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti L-aktar prodott Innovattiv 2013**




**Caput Lucis 2007**



**Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2010**

*L-Editorjal*

# Soċjetà Mogħnija bl-unuri ... dak li jagħmilna kburin!

**Jeremy Mercieca, f'isem il-Bord Editorjali, jintroduċi lill-qarrejja dwar il-varjetà ta' artikli li nsibu f'dan il-programm, u jitkellem fuq l-anniversarju li s-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V qed tiċċelebra din is-sena, f'għeluq it-tletin sena mill-ewwel Programm bil-kulur.**

Is-Sena 2013, kienet waħda speċjali minn kull att fejn konnha qegħdin niċċelebraw diversi anniversarji fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V – l-Għoxrin sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ, Ħamsin sena mit-tberik u l-ftuħ tal-Post tan-Nar u d-Disgħin sena mill-Pedestall tal-Inkurunazzjoni. Iż-żmien ma jistenna 'l ħadd, u bħal leqqa ta' berqa, reġgħet għaddiet sena oħra, u waslet festa oħra tal-Patruna tal-Imqabbin, Santa Marija.

*Wieħed għandu jaffaċċja l-isfidi b'impenn sabiex b'ħidma konġunta bejn il-membri jingħelbu l-ostakli kollha.*

Permezz ta' din il-pubblikazzjoni, ser naqsmu mal-partitarji u l-ammiraturi tas-Soċjetà Santa Marija dawk l-esperjenzi u l-attivitajiet varji li s-Soċjetà tagħna għaddiet minnhom fl-aħħar tas-sena elfejn u tlettax, u matul is-sena elfejn u erbatax. B'hekk, f'dawn il-paġni nkunu qegħdin nuru l-ħidma li tkun għaddejja minn diversi membri ħabrieka, kif ukoll inwasslu l-messaġġ ta' kull għaqda jew sezzjoni fi ħdan din is-soċjetà glorjuża.

Tul dawn il-mija u erba' snin li għaddew minn fuq is-Soċjetà tagħna, ma kienx kollox ward u żahar għal missirijietna. Kien hemm żmien ta' tlugħ u nżul, żmien li l-antenati tagħna ġabu s-soċjetà qabel il-familji rispettivi tagħhom. Madankollu, wieħed għandu jaffaċċja l-isfidi b'impenn sabiex b'ħidma konġunta bejn il-membri jingħelbu l-ostakli kollha. Il-Membri kollha għandhom ikomplu jiġbdu ħabel wieħed sabiex inkomplu niksbu s-suċċessi u ngħollu isem il-festa tant għażiża għalina f'ġieħ il-Patruna Universali, Santa Marija. U meta qed insemmu s-suċċessi, ma nistgħux ma nsemmux l-Unur Nazzjonali 'Premju tal-Artiġjanat Malti 2013' li ntrebaħ din is-sena wara ħidma kbira minn membri żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Nar tal-Art permezz tar-Reddiena tridimensjonali f'forma ta' kaxxa.

Din is-sena, is-Soċjetà tagħna qiegħda tiċċelebra numru ta' anniversarji oħra, fejn wieħed mill-anniversarji ewlenin huwa t-30 sena mill-ewwel Programm tal-Festa bil-Kulur maħruġ mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Kif jispjega aħjar is-Sur Mark Żammit fuq dan is-suġġett, f'wieħed mill-artikli li ser insibu f'din il-pubblikazzjoni, fl-1984, il-Kumitat Eżekuttiv ta' dak iż-żmien ħass il-ħtieġa li jtejjeb il-format ta' din il-pubblikazzjoni. Għalhekk, minn numru ta' karti żgħar bil-Programm tal-funzjonijiet tal-festa, fil-festa tal-1984, ħarġet l-ewwel pubblikazzjoni ta' din ix-xorta, u li għadna narawha sal-ġurnata tal-lum. Dik il-pubblikazzjoni kienet l-ewwel tax-xorta tagħha għar-raħal tal-Imqabba, u wittiet it-triq għal diversi soċjetajiet oħra sabiex jimxu fuq 'il passi tas-soċjetà tagħna.

Din il-pubblikazzjoni ma tistax tkun possibbli mingħajr il-ħidma fejjieda ta' diversi persuni u għaqdiet. L-ewwel nett, f'isem il-Bord Editorjali, nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kumitat Eżekuttiv taħt il-Presidenza tas-Sur Carmel Zahra talli wera fiduċja kbira fil-membri ta' dan il-bord, li nistgħu ngħidu huwa wieħed kollu kemm hu żagħżugħ. Nixtieqų nirringrazzjaw ukoll lil dawk l-entitajiet kollha li għoġobhom jagħżlu din il-pubblikazzjoni sabiex jirreklamaw il-prodotti taghhom. Għandu jingħata ġieħ ukoll lill-istampatur *Best Print* għas-servizz mill-aqwa li jagħtina ta' kull sena, u l-paċenzja kbira li jieħu sabiex fl-aħħar mill-aħħar nilħqu l-livell mixtieq.

Grazzi kbira tmur lejn sħabi tal-Bord Editorjali, li kieku mhux għall-kollettività tagħna, is-suċċess ta' din il-pubblikazzjoni ma setax jintlaħaq. Il-fehma tal-Bord Editorjali tista' ma taqbilx ma' dik tal-artikolisti.

Nawguraw il-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

Viva Santa Marija.

# Werrej


Messaġġ tal-President ........ 7
Messaġġ tas-Sindku ........ 9
Il-Messaġġ tal-Kappillan ........ 11
Messaġġ mis-Segretarju ........ 13
Appell mill-Kaxxier ........ 17
Messaġġ mis-Surmast Direttur ........ 19
Messaġġ mill-Assistent Surmast ........ 21
Funzjonijiet fil-Knisja ........ 22
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali ........ 23
Fergħa Nisa ........ 25
Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ........ 27
Leħen il-Banda ........ 33
Żewġ bandisti ġodda tal-post ........ 35
L-Għaqda tal-Armar ........ 39
L-Għaqda tan-Nar ........ 45
Messaġġ mill-President tal-Għaqda Piroteknika Maltija ........ 51
Għaqda Nar tal-Art ........ 55
Programm Festi Esterni ........ 58
Minn fejn se jgħaddi l-Marċ ........ 60
Programm Vokali u Strumentali ........ 63
Programm tan-Nar ........ 65
Messaġġ tal-fratellanza ........ 67
Mill-Wirja 'La Semana Santa' ........ 70
Attivitajiet 2013-2014 ........ 73
Kisba ta' Unur ieħor ........ 81
Lil Santa Marija, Kewkba ta' Mħabba ........ 87
Messaġġ mill-Grupp Go Reds – Adoloxxenti Titulari ........ 89
Klabb Tfal tat-Titular ........ 93
Kummissjoni Web ........ 97
St. Mary Pool Team ........ 101
Intervista ma' Lawrence Attard
l-Iskultur li ħadem l-Istatwa tal-Assunta ta' fuq il-Mentna ........ 103
Kurżità – Intervista mal-Aħwa Ellul – Il-benefatturi tal-istatwa tal-ġebel ta' Santa Marija
li ser tiżżanżan fuq il-Mentna tal-Imqabba. ........ 107
Int Marija Wisq Sabiħa ........ 109
Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għoxrin sena anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. ........ 111
Profil Carmel Zahra – Ħamsa u Għoxrin Sena ta' Presidenza Kontinwa ........ 121
Mill-Istorja tal-Parroċċa – 1814: tispiċċa l-ġrajja tal-Knisja
ta' Santa Marija "il-Fuqqanija" ........ 147
L-Imġarrba Titkellem... fid-disprament tagħha ........ 153
Mill-istorja tas-Soċjetà – Is-sena 2014 iġġib magħha numru ta' anniversarji ........ 154
Anniversarju – It-30 Anniversarju mill-ewwel Programm tal-Festa bil-Kulur maħruġ
mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ........ 157
Tifkira – Santa Marija tal-Imqabba l-aqwa u l-aħjar għal Ċensu s-Solot! ........ 161
Anniversarju – Ħamsin sena ta' Servizz mill-qalb fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V ........ 167
Intervista – Mill-Orkestra għall-Banda Re Ġorġ V ........ 171
Lil Ommna Marija Assunta Mtellgħa fis-sema minn Fostna l-Imqabbin ........ 174
L-Attivist tas-sena 2012/13 – Matthew Ellul – Bniedem ħabrieki fl-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija ........ 175
Arti fil-knisja – Fjuri nterzjati fix-xemgħa tal-vara ........ 177
Twemmin – Marija fil-Kitbiet ta' San Ġwann ........ 181
GRAZZI DUN NAZZAREN! Esperjenza fil-Vatikan ........ 186
Talent Imqabbi – 'Federica tagħmel unur lill-Malta u lill-Imqabba bil-vuċi impekkabbli tagħha!' ........ 187
Mill-istorja tal-Parroċċa – Il-karru tal-istatwa ta' Santa Marija fin-niċċa ........ 190
Bejn Tradizzjoni u storja tal-Imqabba – Il-Wegħda li saret sabiex tiġi kkummissjonata statwa
ta' Santa Marija ........ 193
Il-lingwa Maltija – L-isbaħ libsa ........ 196
Tagħrif mid-dinja tal-arti – L-Assunzjoni tal-Verġni Marija ta' El Greco 1577-1579 ........ 197
Lil Ommi Marija ........ 198
Il-Konvoj ........ 198
Innu lil Marija Assunta ........ 198
Lil Santa Marija Omm l-Imħabba! ........ 199
Lil Marija F'Jum it-Tlugħ tagħha fis-Sema ........ 199
Bukkett għall-Madonna ........ 199
Lilek Madonna ........ 199
Lil Ommi Marija ........ 199
Lil Raħal Twelidi ........ 199
"Miss Malta" b'demm Imqabbi – Joanne Galea, tfajla li ġejja minn familja Imqabba, rebbieħa tal-konkors
Miss World Malta u ambaxxatriċi ta' pajjiżna f'Miss World 2014 ........ 201
Spiritwalità – Perikli ta' qima żbaljata lejn il-Verġni Mbierka ........ 203
Storja u devozzjoni lejn l-Assunta f'Malta – L-artal tal-Assunta fil-Knisja ta' San Nikola fis-Siġġiewi ........ 205
Rendikont tal-Knisja Festa Santa Marija 2013 ........ 206
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ........ 208



**Bord Editorjali**
GHIGO Patrick
ZAMMIT Mario
ZAMMIT Mark
BORG GRECH Remenda
MERCIECA Jeremy

**Qari tal-Provi**
MERCIECA Jeremy

**Riklami**
BRIFFA Carmel
GHIGO Patrick

**Fotografija**
Arkivji tas-Soċjetà
CAMILLERI Ian
FALZON Alex
FARRUGIA Kan. Dun Jonathan
GALEA Maria
MERCIECA Jeremy
MIFSUD Gabriella
MIFSUD Jonathan
SCHEMBRI BALDACCHINO Chris
TONNA Johann
ZAMMIT Mario





**Ritratt tal-Faċċata**
L-istatwa artistika ta' Santa Marija
fuq sfond tal-knisja
u l-faċċata tal-Każin

*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Bord Editorjali jew tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.*

*L-Artikolisti kollha huma responsabbli għal kitbiethom.*


© Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V – Mqabba,
Malta Est. 1910

L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi kkupjata minghajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.



**Design & Printing**
BEST Print CO. LTD
**Żurrieq Road, Qrendi**
**Tel: 21 680789, 21 649012**
**E-mail: bestprint@maltanet.net**

TAR-ROBBA

Recycling Centre

LIMITED

**Tar-Robba** l/o Kirkop KKP 9090, Malta
Tel: 2168 3558, 2168 5332    Fax: 2164 2834
John Ghigo  : 9949 3311
Jurtin Ghigo : 9945 7162
E-mail: johnghig@maltanet.net
Web: www.tarrobbarecycling.com







*For all types of original, second hand and imitation autoparts with the best prices found locally!!!*



TAR-ROBBA

ta' pataw

LIMITED

- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tas-Sejjieħ
- Torba
- Bricks









# Kumitat Eżekuttiv 2014

**Presidenti Onorarji**
Dr. Louis Galea B.A., LL.D.
Joseph Farrugia

**Membru Onorarju**
Roderick Tonna

**President**
Carmel Zahra

**Segretarju**
Carlo Sciberras

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Uffiċjali Relazzjonijiet Pubbliċi**
Mario Zammit

**Delegati tal-Armar**
Reuben Vella

**Viċi-President/Delegat Banda**
Christopher Spiteri

**Viċi-Segretarju**
Joseph Briffa

**Assistent Kaxxier**
Patrick Ghigo

**Direttur tal-Każin**
Felix Galea

**Assistent Direttur tal-Każin**
Jerry Ghigo

**Delegata tan-Nar/Rappreżentanta tal-Każin fl-NGOs**
Pauline Agius Farrugia

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O.P.

**Rappreżentanti fl-Għaqda Każini tal-Baned**
Carmel Briffa, Carlo Sciberras

**Reviżuri**
Francis Vella, Antoine Abdilla, Paul Spiteri

**Konsulent Legali**
Dr. Mark Portelli B.A.,LL.D.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.), A.L.C.M.

**Kummissjoni Banda**
Antoine Farrugia, Nicholas Baldacchino, Alfred Galea,
Christopher Spiteri, Chris Schembri Baldacchino, Philip Saliba


Jerry's Silencer Repairs
$CO_2$ Welding
Jerry's Garage
Siġġiewi Road, Mqabba
Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237


Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
TEL: 21692917 MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com
Specialising In:
Liquid Membrane
Skylights
Raised Flooring
Water Gutters
Manhole Covers
Street Furniture
Expanding Joints
All Types Of Staircases
Permanent Cold Asphalt
And Much More...
Raised Flooring
Skylights
Stair Cases
Gutters
Floor Drains
Manhole Covers
Glass Doors

*Messaġġ tal-President*

# Soċjetà Glorjuża

**Carmel Zahra, il-President tas-Soċjetà, jagħti ħarsa lejn in-numru kbir ta' proġetti kbar li s-soċjetà embarkat fuqhom taħt il-presidenza tiegħu, ewlenin fosthom l-estenzjoni tal-każin u s-sala 'Marija Assunta'.**

Is-sena 2014 ser tibqa' waħda memorabbli kemm fil-ħajja personali tiegħi kif ukoll fl-istorja glorjuża tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Dan għaliex propju din is-sena qegħdin niċċelebraw il-ħamsa u għoxrin anniversarju tal-ħatra tiegħi bħala President ta' din is-Soċjetà hekk kbira u għażiża għalina. Huwa ta unur kbir għalija li f'din l-okkażjoni hekk speċjali qiegħed għal darb'oħra nwassalilkom dan il-messaġġ annwali tiegħi.

> *Matul dawn is-snin għarafna nilħqu l-bilanċ ġust bejn il-maġġoranza u l-minoranza f'kull deċiżjoni mittieħda.*

Wara li għal xi żmien kont nokkupa l-kariga ta' Segretarju tas-Soċjetà, kien propju f'Ġunju tal-1990 meta sħabi tal-kumitat il-ġdid ħatruni bħala President biex immexxi l-istess Kumitat Eżekuttiv. Iż-żmien għadda bħal leħħa ta' berqa imma kull sena f'din il-katina ta' snin ħalliet il-marka tagħha fil-ħajja glorjuża tas-Soċjetà tagħna. Il-proġetti li saru u s-suċċessi li nkisbu rnexxieli nagħmilhom bl-għajnuna siewja li kelli minn għand sħabi tad-diversi Kumitati Eżekuttivi kif ukoll minn għandkom il-membri u partitarji. Mhux il-mument li noqgħod nelenkom kollha bħallikieku qed niftaħar b'rixi imma dawn jista' jaraħom kulħadd u ninsab żgur li ser jitgawdew minn ġenerazzjonijiet futuri. Iżda ma nistax ma nsemmiex żewġ proġetti li huma tant għal qalbi: il-proġett tal-estensjoni tas-Sede prinċipali kif ukoll il-pitturi maestużi li jinsabu jsebbħu s-Sala Prinċipali Marija Assunta.

Għal din is-sena sabiex nkompli nżied ma' dawn il-kisbiet li diġà saru ser jitwettaq proġett ieħor li tant ilu jberren f'moħħi. Jien flimkien mal-ex-Segretarju s-Sur Carmel Ellul konna pproponejna li ssir statwa ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema biex issebbaħ ir-raħal tagħna tal-Imqabba. Dan il-ħsieb ntlaqa' tajjeb mill-benefatturi familja Ellul ta' Ketrinu li ħargu l-fondi kollha sabiex l-Istatwa u l-Pedestall ikunu jistgħu jinħadmu mill-iskultur Lorenzo Attard. Nirringrazzjaw lill-familja Ellul ta' dan kollu u li komplew fuq l-eżempju ta' nannuhom Lorenzo meta daħal għall-ispejjeż sabiex issir l-istawa tal-Assunta li hemm fuq il-faċċata tas-Sede Prinċipali. Ninsab persważ li din l-Istatwa ser tkun ta' ġmiel naturali u li ser tiġbed id-devozzjoni ta' dawk kollha li jkunu għaddejjin mill-inħawi tal-Mintna.



*Il-President tas-Soċjetà, Carmel Zahra waqt l-inawgurazzjoni tas-Sala 'Marija Assunta' fl-10 ta' Awwissu 2013*

Dan kollu ma kienx isir kieku jiena ma qdejtx dmirijieti bħala President b'lealtà kbira lejn is-Soċjetà. Dan intom tafuħ. Iżda dan ma jfissirx li kull deċizjoni li ħadt flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv dejjem intgħoġbot minn kulħadd. Iżda fi kwalunkwe deċizjoni li ttieħdet dejjem kien hemm l-għan ewlieni li ngħollu l-livell tas-Soċjetà u mhux xi interess partikulari. Madankollu aħna dejjem imxejna 'l quddiem bħala Soċjetà peress li l-ispirtu tat-tolleranza kien dejjem qawwi, alavolja mhux dejjem kien hemm qbil unanimu ma' dak li kien ser isir. Matul dawn is-snin għarafna nilħqu l-bilanċ ġust bejn il-maġġoranza u l-minoranza f'kull deċiżjoni mittieħda.

Ngħaddi għall-preżent u jkun xieraq insemmi xi proġetti oħra li saru jew li ser isiru dalwaqt. Bil-fondi miksuba mill-Agenzija Żgħażagħ irrestawrajna s-sala tal-banda u xtrajna xi strumenti mużikali ġodda. Permess tal-fondi mogħtija mill-Gal-Xlokk ser jinbeda f'Settembru l-proġett tal-lift fis-Sede tas-Soċjetà. Żgur li dan ser ikun ta' siewi għal anzjani u dawk bi bżonnijiet speċjali. Hekk s-Sede tkun tista' titgawda minn kulħadd. F'Ottubru s-Sezzjoni Żgħażagħ ser itella' Seminar Nazzjonali bit-tema "Qalb Żagħżugħa Festi Inklussivi". Nirringrazzja lil-Kumitat tas-Sezzjoni b'mod speċjali lil Pauline Agius Farrugia u Chris Schembri Baldacchino tal-ħidma kbira li qed jagħmlu sabiex din l-attività tkun success.

L-armar tal-festa huwa proġett kontinwu li ma jintemm qatt. Din is-sena qegħdin fil-fażi finali fit-tisbiħ tat-Triq Karmenu Ciantar u fir-restawr komplet tal-armar tal-pjazza. L-isem Mario Camilleri hu sinonimu mal-armar. It-tmexxija u d-dedikazzjoni tiegħu jagħtu

sodisfazzjon lil-partitarji li jgħinu finanzjarjament għal dan it-tiżjin tal-Festa tal-Assunta.

Il-ħajja mhux biss ward u zahar fiha imma għandha wkoll l-imrar tagħha. Bħalma jafu ħafna minnkom bħalissa għaddej minn ħafna mumenti diffiċli u għandi taqbida sħiħa mal-ħajja. Il-forza fiżika xi kultant titlaqni u għalhekk kelli kontra qalbi nnaqqas xi ftit mis-sehem fiżiku li s-soltu nagħti fil-preparazzjonijiet tal-festa. Iżda nassigurakom li l-qalb u l-imħabba tiegħi lejn is-Soċjetà għadhom jixegħlu bi fjamma qawwija. Bħalissa ninsab mimli b'kuraġġ kbir biex inkompli nissielet sakemm nasal fil-port tas-salvazzjoni u dan kollu ġej bil-għajnuna t'Alla l-Imbierek u Ommu Marija Santissma li jien tant devot tagħha, kif ukoll tal-esperti fil-kamp mediku u tagħkom ħbieb tiegħi li ġejtu minn kull qasam tal-ħajja biex tawgurawli fejqan ta' malajr. Ta' dan kollu nirringrazzjakom f'ismi u f'isem il-familja tiegħi.

Kif jixraq irrid nirringrazzja lil kullħadd mingħajr ebda distinzzjoni tas-sehem kemm fiżiku kif ukoll finanzjarju li qegħdin tagħtu biex il-Festa ta' Santa Marija għal darb'oħra tkun suċċess. B'mod speċjali lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv, fergħa tan-nisa, Sezzjoni Żgħażagħ, għaqdiet tan-nar u armar, direttur spiritwali, surmast u assistent surmast, bandisti u allievi u lil dawk kollha li jieħdu ħsieb it-tindif u armar kemm tas-Sede kif ukoll tal-Knisja. Ħajr ukoll lis-Sindku u l-Kunsill Lokali, Kappillan u kleru tal-Parroċċa kif ukoll lil Uffiċjali u membri tal-Korp tal-Pulizija għas-sehem kbir li jagħtu fil-ġranet tal-Festa.

Ngħalaq billi nwassal lill-membri u partitarji kollha l-awguri tiegħi għal festa sabiħa u li nagħmlu festa kif misthoqq lil Ommna Marija billi inġibu ruħna kif jixraq u nattendu għall-funzjonijiet liturġiċi. Hekk inkunu denji tassew li nissejħu wlied Marija Assunta u nkunu ta' eżempju għal ħaddieħor sabiex inwasslu l-messaġġ ta' binha Ġesù.

Grazzi lil kulħadd

Viva Santa Marija, Patruna tal-Imqabba

*Is-Soċjetà Santa Marija*
*u Banda Re Ġorġ V*
*tixtieq tawgura lis-*

# *Sur Carmel Zahra*

*fl-okkażjoni tal-25 festa*
*taħt il-presidenza tiegħu*

*Messaġġ tas-Sindku*

# Niċċelebraw din il-festa qaddisa kif jixraq

**Nicholas Briffa jwassal il-messaġġ tiegħu bħala Sindku tar-raħal fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Marija, u jikteb fuq l-ewwel żjara tal-Eċċellenza tagħha Marie Louise Coleiro Preca fir-raħal tal-Imqabba, proprju ġewwa s-sede tas-Soċjetà.**

Ghaddiet sena minn meta nħtart Sindku ta' dan ir-raħal sabiħ tal-Imqabba u waslet ukoll festa oħra ad unur il-festa titulari Santa Marija u għaldaqstant ġejt mitlub mil-Kumitat biex inwassal il-messaġġ tiegħi lilkom l-Imqabbin fl-okkażjoni ta' din il-festa.

Għalkemm il-festa tiġi darba fis-sena, kemm il-Kumitat u l-membri kif ukoll l-anzjani u ż-żgħażagħ jaħdmu s-sena kollha biex tiġi ċċelebrata festa kbira bhal din. Is-sagrifiċċju bla limitu li jagħmlu dawn flimkien mal-familji tagħhom għandu jiġi apprezzat.



*Is-Sindku tal-Imqabba, Nicholas Briffa*

> ***L-Eċċellenza Tagħha l-President baqgħet impressjonata bis-sbuħija tas-swali u bit-talent kbir li tippossjedi din is-Soċjetà.***

Għandna wkoll każini mill-isbaħ, b'arkitettura ta' faċċati li tpaxxi l-għajn. Waħda mill-isbaħ swali artistiċi, hija proprju s-sala tal-każin ta' din is-Soċjetà b'xogħlijiet ta' pittura mill-isbaħ tal-artist famuż Pawlu Camilleri Cauchi. Din is-sena, bħal snin oħra, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet mogħnija b'għadd ta' statwi artistiċi jirrappreżentaw il-passjoni ta' Ġesù Kristu fuq stil Spanjol. Kienet impressjonanti l-istatwa l-ġdida *full size* tal-Macarena li ġiet sponsorjata mill-familja Chetcuti. Din is-sena kelli x-xorti li bhala Sindku, flimkien mal-President u Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija, nagħti merħba lill-Eċċellenza tagħha Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, meta għamlet żjara ta' korteżija fil-Każin tal-istess Soċjetà fl-okkażjoni tal-wirja mtellgħa miż-żgħażagħ fil-Ġimgħa l-Kbira. L-Eċċellenza tagħha l-President baqgħet impressjonata bis-sbuħija tas-swali u bit-talent kbir li tippossjedi din is-Soċjetà. Għamlet suġġeriment lill-Kumitat biex jekk inhu possibbli, din il-wirja tittella' fis-swali tal-Palazz, il-Belt Valletta.

Nirringrazzja mill-qalb lill-Kumitat ta' din is-Soċjetà tal-kooperazzjoni li sibna fl-attività li tella' l-Kunsill Lokali 'l-Imsallab Fi Triqatna' fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, fejn folol kbar ta' nies li ġew iżuruna setgħu jitpaxxew bil-faċċata maestuża tal-Każin tas-Soċjetà li ġiet ittrasformata fil-Pretorju Ruman bħala xenarju tal-istess dramm.

Niċċelebraw din il-festa qaddisa kif jixraq b'imħabba lejn xulxin u f'għaqda bejnietna. Inżommu lill-Madonna bħala ċ-ċentru ta' kull azzjoni li nieħdu f'ħajjitna. Jekk inpoġġu lilha l-ewwel, kollox jirnexxi.

Nappellalkom bħala Sindku ta' dan ir-raħal li tant ngħożżu biex fil-festa nagħmlu dak kollu li nistgħu biex min jiġi jżurna jmur lura lejn pajjiżu sodisfatt u ħalli jibqa' jsemmi lir-raħal tagħna għall-ħiliet kbar li għandna u li żammejna ħajjin matul is-snin.

Inħeġġeġ lill-Imqabbin kollha, biex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi u nitolbu biex il-Patruna tagħna Santa Marija tidħol għalina f'dak kollu li jkun ta' ġid għalina. Nawgura lill-Kappillan u lill-Kleru fil-ħidma tagħhom fis-servizz tal-festa.

Nikkonkludi billi f'ismi u f'isem il-familja tiegħi, flimkien ma' sħabi l-kunsillieri kollha, nawgura festa mill-aqwa lill-President, lill-Kumitat u lis-Soċji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u lill-Imqabbin kollha biex f'dawn il-ġranet ta' festa nkomplu nkattru l-għaqda ta' bejnietna għall-ġid tar-raħal tagħna. Grazzi.

# Kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ
Tel: 21649150/21647391 email: kristsouth@onvol.net





SMART CARD ACCEPTED

For all your stationery needs, books, gifts, greeting cards, …..
Photocopying - Binding - Lamination - Book Covering

*Il-Messaġġ tal-Kappillan*

# Ommna Marija fil-ħajja tagħna

**Il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Imqabba, ir-Rev. Kanonku Dun George Spiteri jitkellem fuq ir-relazzjoni spiritwali li l-bniedem għandu jkollu mal-Madonna.**

Għeżież devoti tal-Madonna. Wasal ix-xahar għażiż ta' Awwissu li għalina l-Maltin u l-Għawdxin huwa żmien speċjali speċjalment għalina l-insara hekk kif infakkru l-Għid tal-Assunta. Il-Knisja tfakkarna fid-domma tat-tlugħ ta' Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Bl-għajnuna tal-Mulej wasalna biex niċċelebraw festa oħra ad unur il-Madonna Sultana tas-sema u l-art. Reġina u avukata tagħna quddiem binha Ġesù. Min jaf x'ferħ fis-sema meta din l-omm qaddisa ma kellhiex tara t-taħsir tal-qabar iżda ġiet akkumpanjata mill-anġli fl-Assunzjoni fis-sema.

*Il-post speċjali li għandu jkollna għal Marija m'għandux ikun superfiċjali jiġifieri devozzjoni tal-qoxra u li jdum biss għall-ftit jiem tal-festa.*

Bħalma l-ulied kemm jekk jgħixu tajjeb kemm jekk jgħixu ħażin xorta jkollhom dik ix-xrara ta' mħabba lejn ommhom li welldithom u rabbiethom hekk wkoll l-omm ikunu xi jkunu uliedha dejjem tibqa' tħobbhom u taqbeż għalihom. L-ulied jibqgħu wlied anke meta jikbru u jiżżewwġu. Dan wkoll nistgħu ngħiduh għal Ommna Marija li hija l-vera omm li tħobbna u tifhimna. Bħal dik l-omm naturali li dejjem taqbeż u tiddefendi l-uliedha f'ħafna ċirkustanzi tal-ħajja hekk wkoll tagħmel din l-omm tas-sema. Il-Verġni mbierka hija l-mezz jew it-triq li twassalna għand binha. Hija dik li takkumpanjana li titlob magħna fil-ħajja mimlija sfidi u kumplikazzjonijiet. Hekk kif qabżet għal dawk iż-żewġ povri għarajjes ta' Kana hekk wkoll għadha tagħmel għalina ma' binha Ġesù. Il-post speċjali li għandu jkollna għal Marija m'għandux ikun superfiċjali jiġifieri devozzjoni tal-qoxra u li ddum biss għall-ftit jiem tal-festa. L-imħabba tagħna lejn Ommna Marija għandha tkun mħawwla fil-qalb ta' qalbna.



*Il-Kappillan WR Kan Dun Ġorġ Spiteri, waqt il-Quddiesa tal-Paniġierku fil-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-2013*

Hija ħasra li aħna l-Maltin ftit li xejn naqraw, naħlu ħafna ħin ngħidu fuq xulxin jew inkella nitkellmu fuq suġġetti bla valur. Kemm hi ħaġa tajba jekk irridu nkunu tassew Marjani nibdew naqraw aktar il-kelma ta' Alla. Fit-testment il-Ġdid insibu paġni sbieħ ħafna fejn tissemma Ommna Marija. L-evanġelisti jagħtuha importanza kbira speċjalment San Luqa.

Tajjeb li naqraw il-passaġġi fejn tissemma Ommna Marija hekk ngħidu aħna meta ltaqgħet mal-anġlu Gabrijel li mar isejħilha mfawra bil-grazzja u din il-laqgħa spiċċat billi qalet hawn jien il-qaddejja tal-Mulej ħa jsir minni skont kelmtek. Jekk tassew irridu nidħlu fil-fond u nifhmu lil Ommna Marija ejja nħalluha tispirana fil-kelma tal-Evanġelju altrimenti d-devozzjoni tagħna tkun vojta u tal-qoxra biss.

B'din l-aħħar sentenza nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd u jalla dak li ser niċċelebraw ikun jirrifletti tassew l-imħabba tagħna lejn il-Madonna.

VIVA Santa Marija.

***Nagħmlu festa kif jixraq lil***

***Ommna Marija***

***billi nattendu għall-funzjonijiet liturġiċi***

# Albion Vrt Station

Triq Luret Cutajar, Zebbug ZBG 2731
Tel: 21467052 Mob: 99471703/99866576
Email: josef@albion.com.mt Website: albion.com.mt
Opening Hours: Mon-Fri 7.30am – 4.30pm  Saturday 7.30am – 1.00pm





**FOR:** VRT TESTS AND INSPECTIONS
VEHICLE SERVICING AND REPAIRS
COMPUTERISED WHEEL ALIGNMENT
AIRCONDITION SERVICE AND REFILL
CAR BATTERIES
INSURANCE SALES

LIKE US ON facebook

**3** YEARS WARRANTY ON CAR BATTERIES

TOTAL Lubricants




MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

Flora Grech and Middlesea are both licensed by the MFSA

## Contact us for a quotation

*Messaġġ mis-Segretarju*

# Magħqudin u b'saħħitna – Taħt il-ħarsien tal-Assunta...

**Carlo Sciberras, is-Segretarju tas-Soċjetà, jispjega kif it-tmexxija ta' Soċjetà volontarja bħalma hi s-soċjetà tagħna mhix waħda faċli, iżda b'ħidma kollettiva bejn il-membri dejjem inkisbu unuri u suċċessi diversi.**

Għeżież Soċji, Partitarji, Benefatturi, Żgħażagħ, Sostenituri u Ammiraturi tal-Festa ta' Santa Marija fl-Imqabba,

Hekk kif qed tasal fi djarkom din il-pubblikazzjoni tant mistennija minnkom, żgur li intom ilkoll tinsabu b'ċertu ferħ u entużjażmu fil-qalb tagħkom; dak il-ferħ u l-entużjażmu speċjali li x-xahar ta' Awwissu jġib miegħu ta' kull sena. Sena għaddiet bħal-leħħa ta' berqa u b'daqstant ferħ u entużjażmu f'qalb il-fergħat kollha fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ninsabu bħalissa magħqudin naspiraw li bħala Soċjetà unita taħt il-ħarsien tal-Assunta, naħsdu l-frott ta' sena ħidma mingħajr heda proprju f'Awwissu, fil-festa tal-Imqabba, fil-festa ta' Santa Marija.

*L-impenn tas-Soċjetà ma naqasx tul il-5 xhur minn Frar sa Ġunju b'laqgħat u komunikazzjoni kontinwa mal-awtoritajiet Ekkleżjastiċi, il-Parroċċa, il-Kunsill Lokali u l-Pulizija biex il-festi fl-Imqabba jiġu kkordinati aħjar bis-sehem taż-żewġ Soċjetajiet.*

Żgur li mhix missjoni faċli t-tmexxija ta' Soċjetà bħal din, Soċjetà komposta min bosta riżorsi, b'dawk ewlenin ikunu r-riżorsi umani u l-volontarjat. L-element uman huwa wieħed kumpless li fin-natura tiegħu huwa strument b'saħħtu ta' fortizza li tixpruna kisbiet kbar u fl-istess waqt huwa wkoll fin-natura umana li xi drabi jiltaqa' ma mumenti ta' dubju u ta' qtiegħ il-qalb. Il-kisbiet u s-sehem li kull fergħa fi ħdan is-Soċjetà tagħti tul is-sena, huwa eżempju ċar ta' Soċjetà magħquda li fid-diversità tal-fergħat fi ħdanha tista' tiġi assoċjata ma' ħolqa, li b'ħidma kollettiva u kontinwa tifforma u tgħaqqad katina b' saħħitha. Illum il-ġurnata, is-Soċjetà tagħna hija bla dubju Soċjetà b'saħħitha, eżemplari u bi storja glorjuża wara isimha. Fil-paġni li jmiss f'dan l-istess ktieb ser ikollkom l-opportunità li tapprezzaw dak kollu li qiegħed nirreferi ghalih.

Meta wieħed iħares lura lejn l-istorja tas-Soċjetà żgur li ħsibijietna jduru lejn il-veterani, l-anzjani u l-morda tagħna li middew idejhom u harġu għonqhom biex illum wasalna fejn wasalna. Min hawn insellem ukoll il-memorja ta' dawk li għalkemm m'għadhomx magħna jinsabu għal dejjem fil-qalb ta' din is-Soċjetà. Ħsibijieti ma jistgħux ma jdurux lejn il-ħabib tagħna Ċensu Galea li mar igawdi l-ħajja ta'dejjem iktar kmieni din is-sena. Niftakru wkoll fid-disgrazzja li seħħet ġewwa l-bottegin tal-każin fil-15 ta' Awwissu 1939, proprju 75 sena ilu. Żgur li l-memorja tat-tfajjel Joseph Farrugia ser tibqa' mnaqqxa fil-qalb tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

F'dak li għandu x'jaqsam b'mod dirett mal-amministrazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv, fil-festa tas-sena l-oħra poġġejna fuq quddiem l-inawgurazzjoni tas-'Sala Marija Assunta' bi tlestija tal-aħħar fażi tal-proġett ta' pitturi fis-soqfa – kapulavur tal-Kavallier Paul Camilleri Cauchi. Il-programm vokali u strumentali mtella' fl-10 ta' Awwissu kien wieħed ta' livell għoli ferm, kemm mil-lat ta' kwalità mużikali kif ukoll mil-lat organizzattiv filwaqt li l-organizzazzjoni ġenerali tal-Festa kienet waħda brillanti.

Tul is-sena ngħatat spinta lit-tagħlim tal-banda b'numru sabiħ ta' aljievi ġodda filwaqt li tkompla l-investiment fl-infrastruttura tas-sede tas-Soċjetà. Saret ħidma bla waqfien fuq proġett kbir li ser iwassalna għall-installazzjoni ta' Lift ġewwa l-Każin fix-xhur li ġejjin kif ukoll qiegħed issir ħidma fuq proġett Nazzjonali li ser jirrigwarda ż-żgħażagħ u r-rwol



*Is-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà, Carlo Sciberras ma' Chev. Paul Camilleri Cauchi waqt l-Inawgurazzjoni tas-Sala Marija Assunta – 10 ta' Awwissu 2013*

tagħhom fil-festi li ser jiġi implimentat f'forma ta' workshops u konferenza f'Settembru u Ottubru. Kellna żewġ laqgħat ġenerali annwali fil-15 ta' Diċembru u 23 ta' Marzu fejn fil-laqgħa marbuta mal-amministrazzjoni tas-Soċjetà b'ħidma mal-Kummissjoni Web ġiet varata dehra ġdida tas-sit uffiċjali tas-Soċjetà www.santamarija.com. L-element sportiv u rikreattiv ingħata importanza wkoll fejn proprju din is-sena nxtrat it-tieni *pool table* li saħħet id-dehra ħajja tal-każin fil-ġranet xitwin. Kienet ukoll sena rekord ta' attivitajiet imtellgħin ġewwa l-każin b'tant dedikazzjoni mid-diversi Sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà. Is-Sala l-ġdida li tagħmel parti mill-estensjoni tal-Każin qiegħda kull ma jmur tiżdied fil-popolarità mar-residenti Mqabbin u oħrajn li jagħżlu li jikruha għall-funzjonijiet privati. Ix-xahar ta' April, sewwa sew il-5 ta' April ġab miegħu l-inawgurazzjoni tal-istatwa 'life size' tal-Esperanza Macarena ġewwa l-iskola Primarja tal-Imqabba waqt il-programm mużikali fil-ftuħ tal-Wirja 'La Semana Santa'. Vara li tissimbolizza s-sbuħija tal-Arti Sagra, xogħol l-artist Ghawdxi Michael Cutajar Zahra u rregalata lis-Soċjetà mill-familja ta' Michael Chetcuti. Kellna wkoll l-unur li nilqgħu fis-sede tas-Soċjetà lill-E.T. President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca li nisġet kliem ta' tifħir lejn dak kollu li qiegħed isir mill-fergħat kollha tas-Soċjetà.

L-impenn tas-Soċjetà ma naqasx tul il-5 xhur minn Frar sa Ġunju b'laqgħat u komunikazzjoni kontinwa mal-awtoritajiet Ekkleżjastiċi, il-Parroċċa, l-Kunsill Lokali u l-Puluzija biex il-festi fl-Imqabba jiġu kkordinati aħjar bis-sehem taz-żewġ Soċjetajiet.

Kienet sena li fiha rajna wkoll l-kisba ta' unur nazzjonali ieħor permezz tal-Għaqda tan-Nar tal-Art bir-rebħ tal-Premju Nazzjonali f'ġieħ l-Artiġjanat Malti bl-innovazzjoni tar-raddiena tridimensjonali li żżanznet f'lejliet il-festa tas-sena l-oħra.

Proprju din is-sena, wara diversi snin ta' ħidma mal-Familja Ellul (Ta' Katrinu) u l-iskultur Lawrence Attard ser nassistu għall-inawgurazzjoni ta' statwa li tirrappreżenta lil Santa Marija. Din ser tkun qiegħda ssebbaħ il-Mentna tal-Imqabba bil-valur artistiku u devot tagħha filwaqt li ser tiftaħ uffiċjalment iċ-ċelebrazzjonijiet li ser iwassluna għall-Ghid tal-Assunta.

Żgur li l-Kumitat Eżekuttiv mhux ser jieqaf hawn u proprju flimkien ma' dak li sar u li qiegħed jiġi mħejji mill-Kummissjoni Banda, mill-Għaqda tan-Nar tal-Ajru, mill-Għaqda tan-Nar tal-Art, mill-Għaqda tal-Armar u dawk li jarmaw it-toroq, mis-Sezzjoni Żgħażagħ, mis-Sezzjoni Nisa, mill-Fratellanzi u l-Grupp li jgħin fl-armar fil-Knisja, mis-Sezzjoni Tfal tat-Titular, mill-Kummisjoni Planċier, mill-Kummissjoni Web, mill-Kummisjoni Manutenzjoni, mill-Bord Editorjali, mit-Tim tal-pool, kif ukoll mis-Sezzjoni mwaqqfa reċentament l-Go Reds Adolexxenti Titulari, ser inkunu qed nagħmlu dak kollu possibbli biex il-Festa Titulari tal-Imqabba għal darba oħra tkun eżemplari, ċelebrazzjoni grandjuża u dinjituża li tixraq lill-Patruna Santa Marija.

Nemmen bis-sħiħ li jekk ma nkunux progressivi, is-suċċess jista' jkun l-ikbar għadu tagħna! Ħafna għaqdiet spiċċaw marru lura wara li għamlu suċċess!! Dan għaliex ma għarfux ikunu progressivi biżżejjed u waqfu hemm – ma komplewx joħolmu! Għalina, u għall-fergħat kollha fi ħdan din is-Soċjetà tagħna, is-suċċess huwa meqjus bhala l-istrument li jixpruna l-entużjażjmu fina biex inkomplu niksbu iżjed suċċessi – Ta' dan jien nirringrazzja lil kulħadd ta' tant u tant sagrifiċċji kbar li saru u li qed isiru.

Minn dan l-ispunt nawgura iżjed ħidma u iżjed suċċessi lil dawn is-Sezzjonijiet kollha filwaqt li nsellem, nirringrazzja u nawgura lill-President tas-Soċjetà Carmel Zahra li proprju din is-sena ser inkunu qegħdin niċċelebraw l-ħamsa u għoxrin anniversarju tal-Presidenza għaqlija tiegħu. Nifraħ u nirringrazzja wkoll lil tliet bandisti tal-post – Michael Zammit f'għeluq is-70 sena servizz, li jmur lura għall-formazzjoni tal-Orkestra Santa Marija, kif ukoll lil Robert Farrugia u Victor Galea f'għeluq il-50 sena servizz fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V.

Minn hawn nifraħ u nirringrazzja wkoll lil Fr. Joseph Zahra OP f'għeluq l-għaxar snin mill-ħatra tiegħu bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà. Insellem ukoll lill-membri tal-Kumitat tan-Nisa li servew b'tant dedikazzjoni tul is-snin kif ukoll nawgura lill-membri l-ġodda tal-Kumitat li ħafna minnhom hija l-ewwel esperjenza tagħhom. Nemmen li l-enerġija tal-membri l-ġodda qed tikkumplimenta ferm tajjeb mal-esperjenza imprezzabbli tal-membri veterani sabiex il-Kumitat tan-Nisa jibqa' wieħed mill-Kumitati ferm importanti tas-Soċjetà.

Filwaqt li nħeġġeġ lil kulħadd sabiex jingħaqad magħna kemm fiċ-ċelebrazzjonijiet interni u dawk esterni, nitlob il-koperazzjoni tagħkom tul il-ġimgħa kollha, b'mod partikulari waqt il-marċi. Żgur li m'għandix kliem biżżejjed sabiex nuri l-apprezzament sinċier tieghi lejn il-kooperazzjoni sħiħa li sibt minn ghandkom waqt il-marċi tas-sena l-ohra. Nemmen bis-sħiħ li l-Kumitat ma jista' qatt jiffunzjona kif imiss mingħajr il-kooperazzjoni tas-soċji u l-partitarji. Nemmen ukoll bis-sħiħ fil-frażi 'Fejn Hemm l-Għaqda – Hemm is-Saħħa' – Żgur li kieku ma kienx għall-għaqda kbira preżenti bejn il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv, din is-sena iktar minn qatt qabel – ma kontx inkun f'pożizzjoni li nikteb dawn il-kelmtejn b'tant serenità u ottimiżmu.

Min qalbi nerġa' ntenni l-gratitudni tiegħi lejn il-fergħat kollha tas-Soċjetà kif ukoll lejn il-President Carmel Zahra, il-Kaxxier Carmel Briffa, l-Assistent tiegħi Joseph Briffa, il-Viċi President u d-Delegat tal-Banda Chris Spiteri, il-Viċi Kaxxier Patrick Ghigo, l-Assistent Direttur tal-Każin Jerry Ghigo, il-PRO Mario Zammit, id-Delegata tan-Nar u Proġetti Ewropej Pauline Agius Farrugia, id-Delegat tal-Armar Reuben Vella u d-Direttur tal-Każin Felix Galea.

Nirringrazzja wkoll lill-Kappillan il-Kanonku Dun Ġorġ Spiteri, lill-Viċi Kappillan Dun Ġorġ Schembri u lill-Kleru, lis-Sindku Nicholas Briffa u lill-Kunsill Lokali, lill-Konsulent Legali Dr Mark Portelli u l-Perit l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Dr. Marlene Farrugia, l-Ex Sindku Noel Galea, lill-Pulizija kif ukoll lis-Surmast Mro David Agius, l-Assistent Surmast Mro. Gordon Mayer u lid-Direttur Spiritwali Fr. Joe Zahra.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nġedded l-impenn tiegħi u ta' sħabi membri tal-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll billi nħeġġeġ lil kulħadd sabiex inkomplu naħdmu biex bl-għajnuna ta' kulħadd u taħt il-ħarsien tal-Assunta, it-tifsira ewlenija tal-frażi; 'Fejn hemm l-Għaqda, Hemm is-Saħħa' tkun tista' tibqa' tissawwar u tissostna bħala pilastru ewlieni tul ħidmietna b'risq din is-Soċjetà li tant inħobbu.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

**Viva Santa Marija – Padruna u Protettriċi tal-Imqabba!**


# Agħti sehmek

## lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V billi tingħaqad ma' xi waħda mis-sezzjonijiet tagħha




CONSTRUCTION • MARINE WORKS • LANDSCAPING • TURNKEY • BUILDING MATERIALS • PLANT EQUIPMENT HIRE • REAL ESTATE



ŻEBBUG • KIRKOP

Finished Luxury Apartments
from just €75,000

For viewing call 7933 3325

*Appell mill-Kaxxier*

# Dak kollu li ngawdu fil-festa jinvolvi spejjeż kbar

**It-Teżorier tas-Soċjetà, Carmel Briffa, jagħmel l-appell tiegħu sabiex il-membri ħabrieka tas-Soċjetà tagħna jagħtu s-sehem tagħhom kemm finanzjarjament, kif ukoll manwalment, speċjalment fil-ġranet tal-festa.**

Huwa ta' unur għalija li qiegħed nerġa' nwassal dan il-messaġġ tiegħi bħala kaxxier ta' din is-Soċjetà għall-okkażjoni tal-festa tant għal qalbna, il-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija li ta' kull sena tiġi ċċelebrata bil-kbir fil-15 t'Awwissu fil-gżejjer Maltin speċjalment fir-raħal tagħna l-Imqabba. F'dan iż-żmien ninsabu fl-aħħar tħejjijiet għall-festa li kulħadd ikun qiegħed jistenna.

Minbarra l-festa ninsabu impenjati bil-proġett tal-każin. Fil-fatt is-sena li għaddiet tlesta l-proġett tas-sala prinċipali tal-każin fejn ġiet inawgurata uffiċjalment is-sala "Marija Assunta" billi ġew imżanżna l-aħħar pitturi tal-Kav. Paul Camilleri Cauchi. Il-proġett li jmiss huwa l-lift. Dan huwa bżonjuż ħafna għall-każin, speċjalment għall-anzjani. F'April li għadda ffirmajna l-kuntratt u jekk Alla jrid wara l-festa ser nagħtu bidu lil dan il-proġett. L-ispejjeż għal dan il-proġett huma kbar però bl-għajnuna tal-partitarji kif ukoll b'għajnuna minn fondi Ewropej sal-aħħar tas-sena nkunu lestejna.

*Fil-fatt is-sena li għaddiet tlesta l-proġett tas-sala prinċipali tal-każin fejn ġiet inawgurata uffiċjalment is-sala "Marija Assunta" billi ġew imżanżna l-aħħar pitturi tal-Kav. Paul Camilleri Cauchi. Il-proġett li jmiss huwa l-lift.*

F'Marzu ta' din is-sena ġiet immodernizzata l-website www.santamarija.com li ngħatat dehra ġdida u iżjed moderna. Sar tiġdid fil-Kumitat tas-Sezzjoni Nisa kif ukoll tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Ġie mwaqqaf ukoll il-Klabb tal-Adoloxxenti li qed jilqa' fih subien u bniet fl-età bejn it-tnax u l-ħmistax-il sena. Sar investiment ukoll fis-Sezzjoni li tieħu ħsieb l-isports ġewwa l-każin fejn inxtara Billiard ieħor.



*Il- Kaxxier tas-Soċjetà, Carmel Briffa (l-ewwel mil-lemin) waqt l-inawgurazzjoni tas-Sala Marija Assunta fl-10 ta' Awwissu 2013*

F'dawn il-kelmtejn ma nistax ma nifraħx liż-Żgħażagħ tagħna li minn dejjem kienu rinomati għall-avvenimenti kbar u għall-unuri li kapaċi jġibu. Din is-sena għat-tieni darba reġgħu rebħu l-Premju tal-Artiġjanat Malti tal-2013. Dis-sena qegħdin infakkru wkoll għeluq il-ħamsa u għoxrin festa taħt il-presidenza tas-Sur Carmel Zahra. Hawn nixtieq nifraħlu f'isem il-Kumitat għall-ħidma tiegħu li jwettaq b'impenn, sagrifiċċju, dedikazzjoni u entużjażmu.

Kif qegħdin taraw il-ħidma fi ħdan is-Soċjetà ma tonqosx. Il-fergħat kollha tas-Soċjetà tal-Banda, tal-Armar, tan-Nar, tan-Nisa u taż-Żgħażagħ kollha jaħdmu għal għan wieħed, sabiex iżommu s-Soċjetà attiva matul is-sena kollha. Matul is-sena jsiru ħafna attivitajiet sabiex jinġabru fondi kemm għall-Każin kif ukoll għall-Festa.

Dan kollu jimplika li kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu kemm finanzjarjament kif ukoll manwali fil-ġranet tal-festa. Inħeġġiġkom sabiex tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom. Bħalissa kemm il-każin kif ukoll il-festa jirrikjedu ħafna spejjeż, għalhekk nappella sabiex tkunu ġenerużi fil-ġabra li nagħmlu bl-envelopes kif ukoll fl-arbural li jsir fil-jiem tal-Festa minn membri tal-Kumitat. Bis-sehem tagħkom tkunu qed tagħmlulna kuraġġ għall-ġejjieni.

Nagħlaq dan l-appell tiegħi billi nawgura festa mill-isbaħ lill-Imqabbin kollha u nħeġġiġkom sabiex tieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-Knisja kif ukoll tattendu bi ħġarkom għall-programm ta' attivitajiet li ħejjejna. Nieħdu pjaċir flimkien mingħajr ma noffendu lil ħadd. Jalla Santa Marija żżommna magħqudin flimkien.

Grazzi Santa Marija talli dejjem tħares lill-membri kollha li jkunu qed jaħdmu f'ġieħ il-Festa Tiegħek.

VIVA SANTA MARIJA PATRUNA TAL-IMQABBIN



Ta' Frida
Prop. Andrew Grech
Pet & Garden
103, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba - MQB 1309.
Tel: 2164 2693 • Mob: 7970 6677 • E-mail: fridapts@maltanet.net
Where you can find various pet foods, plants, trees, agricultural products and agricultural feeds.
Veterinary Service available every Wednesday
Mon - Fri: 8.00am - 12.00pm & 3.00pm - 7.00pm • Sat: 7.00am - 3.00pm
Premium Quality Rabbit Feeds
LEONE ITALY
KOUDIJS HOLLAND
Grup Alimentari Guissona SPAIN
Friskies
PURINA PROPLAN
Eukanuba
ANDREWS
whiskas
Pedigree
Hill's SCIENCE PLAN
CIMIAO
Farmina
ROYAL CANIN
CIBAU
VANROBAEYS

*Messaġġ mis-Surmast Direttur*

# Ħidma kontinwa fil-qasam mużikali

**Is-Surmast David Aguis, jispjega kif ix-xogħol fil-Banda Re Ġorġ V baqa' miexi b'ritmu mgħaġġel, fejn din is-sena hemm numru ta' aljievi li għamlu progress kbir fil-qasam mużikali tagħhom.**

Wara dawn is-snin kollha li għaddejna flimkien, ninsab verament grat lejn il-ħidma konitnwa minn diversi kumitati li kellna tul dawn l-aħħar snin biex dejjem għollejna isem is-soċjetà kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna.

Dan ma setax ikun possibli kieku ma rrenjatx l-umiltà fit-tmexxija ta' din is-soċjetà. Qed nghid dawn il-fatti fid-dawl ta' għeluq il-ħamsa u għoxrin festa taħt il-presidenza fi ħdan is-soċjetà tas-Sur Carmel Zahra. Jien permezz ta' dawn il-kelmtejn nifraħlu għal dan l-anniversarju u nirringrazzjah b'mod pubbliku għad-direzzjoni li dejjem ta' lill-kumitati li kellu u tal-attenzjoni li dejjem ta lill-Banda li hija l-fulkrum tas-soċjetà.

*Hawnhekk napprezza ħafna li qed inżidu fis-segwaċi tal-banda tagħna għax l-udjenza dejjem qed tikber u meta timla s-swali, dan jagħmlilna iktar kuraġġ biex nibqgħu nagħtu kunċerti ta' livell għoli.*

L-umiltà tiegħu, l-attenzjoni u l-mod kawtel kif mexxa tul dawn l-aħħar snin wassal biex f'dawn l-aħħar snin is-soċjetà kisbet suċċessi f'kull sezzjoni li hemm fi ħdanha.

Ix-xogħol fil-qasam muzikali fi ħdan is-soċjetà baqa' miexi ġmielu. Minn naha tas-sezzjoni tal-woodwind kellna żieda konsiderevoli ta' aljievi li qed jagħmlu progress ġmielu fl-istudji mużikali tagħhom u żgur ser ikunu utli fil-ġejjieni qarib meta jsiru membri regolari tal-banda tagħna. Ħaġa li nixtieq ninnota hija li bħalissa għandna diversi ġenituri li qegħdin jattendu għal-lezzjonijiet u dan juri li qatt mhuwa tard wisq. Fejn ikun hemm ir-rieda wieħed xorta jista' jasal! Minn naħa tas-sezzjoni tar-ramm, l-ewwel nett nibda biex nirringrazzja lill-Assistent Surmast Gordon Mayer tal-impenn tiegħu u nħeġġeġ biex iktar persuni juru interess li jitgħallmu strument f'din is-sezzjoni wkoll għax għandna bżonn inżidu iktar mużiċisti f'din is-sezzjoni tal-banda.

Il-proġett tagħna fit-tagħlim mużikali qed jittieħed b'mod mill-aktar serju u dan ġie rrikonoxxut għall-iktar minn darba fosthom meta s-soċjetà tagħna wara preżentazzjoni ta' rapporti tax-xoghol li sar ġiet ippremjata b'fondi mill-awtoritajiet rispettivi għall-xiri ta' strumenti u apparat ieħor li jgħin fit-tagħlim tal-mużika. Dan żgur hu dovut għall-ħidma kontinwa li qed tiġi rrikonoxxuta minn dawn l-awtoritajiet li qed jippromwovu u jgħinu dawn il-proġetti ta' edukazzjoni informali li jkattru l-karattru tal-persuna fi ħdan is-soċjetà Maltija.

Mis-sena l-oħra 'l hawn wara l-impenn li kellna fil-festa kellna żewġ kunċerti kbar ġewwa l-iskola primarja tal-Imqabba. L-ewwel kunċert li kellna kien fl-okkażjoni dak fejn jingħata ġieħ l-Imqabba li jittella' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Hawnhekk napprezza ħafna li qed inżidu fis-segwaċi tal-banda tagħna għax l-udjenza dejjem qed tikber u meta timla s-swali, dan jagħmlilna iktar kuraġġ biex nibqgħu nagħtu kunċerti ta' livell għoli.

Jien naf li f'dawn il-kunċerti il-banda qed tiġi segwita ħafna mhux biss mill-Imqabbin iżda wkoll minn diversi dilettanti minn diversi rħula f'Malta. Fejn hemm is-serjetà, mingħajr hafna pompi u ftaħir is-soċjetà xorta qed tiġbed ħafna nies lejha. Is-sigriet huwa l-attenzjoni fl-għażla tal-arranġamenti mużikali biex nolqtu l-gosti ta' kulħadd, kif ukoll il-mod kif qed tiġi esegwita l-mużika fejn hawnhekk bħala Surmast Direttur nagħti importanza kbira li l-livell tal-ħoss fil-bilanċ tal-banda jkun tal-ogħla livell u mhux kemm li għaddejna biċċa mużika!!

Reċentament fuq inizjattiva tal-familja Chetcuti tellgħajna kunċert memorabbli iehor dejjem fl-istess sala f'għeluq il-ħamsin sena tal-fratellanza Esperanza



*Is-Sumarst Direttur, Mro. David Agius*

Macarena ta' Sevilja. Għalkemm kien hemm diversi kunċerti f'dik il-ġurnata, kont impressjonat ħafna bl-udjenza numeruża li attendiet għal dan il-kunċert fejn kien hemm xalata ta' mużika minn Spanja.

Wara dan ix-xogħol kollu, ninsabu impenjati nippreparaw għall-kunċert annwali tal-10 t'Awwissu li sab postu sewwa fil-festa tagħna. Dan il-kunċert bħall-oħrajn kiber fil-popolarità tiegħu għax dejjem nagħtu laqta differenti mis-snin ta' qabel biex dejjem nagħtu lill-poplu dik ix-xi ħaġa ġdida li turi l-motivazzjoni mġedda tal-banda tagħna u dan jawgura ġejjieni feliċi. Din is-sena mhix ser tkun eċċezzjoni u qed nippreparaw għall-kunċert b'heġġa kbira biex niksbu r-riżultati li dejjem kellna f'dawn it-tip ta' kunċerti.

Nasal biex nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi l-ewwel nett nirringrazzja lil kull min jagħti l-għajnuna tiegħu biex is-soċjetà tibqa' miexja 'l quddiem, lill-kumitat ċentrali u lis-sezzjonijiet kollha li qed jagħmlu xogħol mill-iktar professjonali biex id-dehra u l-promozzjoni tas-Soċjetà tkun qed issir b'mod mill-aktar teknoloġiku fiż-żminijiet tal-lum. Nirringrazzja lill-mużiċisti kollha l-iktar dawk tal-post għall-impenn tagħhom u bħas-soltu nawgura suċċess kbir lil sħabi tal-karma tan–nar, biex ikollhom is-suċċess li jistħoqqilhom fl-ispettakli tan-nar li għandhom imħejjija għalina.

Biss bil-Ħila huwa l-motto tar-raħal tal-Imqabba u nistgħu ngħidu li s-soċjetà tagħna timxi ma' dan il-motto għax BISS BIL-ĦILA u BL-UMILTÀ dejjem tellgħajna isem ir-raħal tal-Imqabba fuq pedestall.

Viva Santa Marija

Patruna tal-Imqabbin!!



*Messaġġ mill-Assistent Surmast*

# L-Arti kbira tal-mużika

**Gordon Mayer, l-assistent surmast tal-Banda Re Ġorġ V, jispjega kif b'kooperazzjoni mas-Surmast David Aguis, l-aljievi l-ġodda qed jingħataw l-aħjar tagħlim b'ċertu dedikazzjoni u serjetà.**

Reġgħet għaddiet sena oħra, u għat-tieni sena qed nerġa' nikteb dan il-messaġġ tiegħi bħala assistant surmast direttur għall-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Marija.

Il-ħidma tiegħi u tas-surmast tista' tgħid li ma tieqaf xejn tul is-sena kollha, u l-għan tagħna hu li nkomplu nkabbru din l-arti kbira tal-mużika. Hekk kif għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, f'anqas min xahar bdejna l-kunċerti għall-programm li sar fl-iskola primarja tal-Imqabba fl-okkażjoni ta' ġieħ l-Imqabba li sar is-Sibt 26 ta' Ottubru 2013. F'qasir żmien bl-għajnuna tal-bandisti tal-post li dejjem insibu kooperazzjoni minnhom irnexxielna ntellgħu programm strumentali li ntlaqa' tajjeb minn kulħadd. Fil-Milied sar ukoll il-Christmas Village fl-Imqabba fejn il-bandisti tal-post ħadu sehem b'daqq ta' Christmas Carols. Tajjeb ngħid ukoll li l-banda għamlet programm vokali u strumentali fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali ta' La Semana Santa de Espana fl-Imqabba u ġiet inawgurata l-istatwa ġdida ta' la Esperanza Macarena taħt il-patroċinju ta' Mons. Lawrence Mifsud, Rettur tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Dan il-programm ittella' nhar is-Sibt 5 ta' April 2014 u kien suċċess kbir għall-banda taghna. Tista' tgħid li kif għadda dan il-programm bdejna bil-ħsibijiet għall-programm tal-festa biex bħal kull sena jkollna programm tajjeb li jintlaqa' minn kulħadd.

Matul is-sena jiena u s-surmast dejjem għaddejjin bit-tagħlim tal-mużika lill-aljievi tagħna. Nista' ngħid li qed nagħmlu minn kollox biex nagħtu l-aħjar tagħlim mużikali b'dedikazzjoni, serjetà, dixxiplina u mħabba. Din l-arti kbira tal-mużika tgħin lil uliedna jiffurmaw il-karattru tagħhom u hekk jikbru u jkunu ċittadini mill-aktar sodi u edukati. Hawn nappella lill-ġenituri biex iħajjru lil uliedhom jibdew jitgħallmu din l-arti tant sabiħa tal-mużika.

> *Hawn nappella lill-ġenituri biex iħajru lil uliedhom jibdew jitgħallmu din l-arti tant sabiħa tal-mużika.*


*L-Assistent Surmast, Mro. Gordon Mayer*

Sinċerament inħoss li nkunu qed nibnu futur aħjar għal uliedna. Nixtieq ukoll nappella liż-żgħażagħ biex min hu mħajjar ma jiddejjaqx jagħmel dan il-pass. Żgur li ħa ssibu min jagħmlilkom kuraġġ u ħa taraw dedikazzjoni min għandna l-għalliema. Kull min ikun interessat li jibda jitgħallem din l-arti tal-mużika jista' javviċina lil xi membru tal-Kumitat Eżekuttiv jew xi membru tal-kummissjoni banda. Tajjeb li ngħid li t-tagħlim tal-mużika isir kollu bla ħlas u jiġi pprovdut strument ukoll.

Nixtieq ngħid f'dan il-messagg tieghi li din is-sena fix-xahar ta' Awwissu kollu ser inkun indispost, peress li Jiena nifforma parti mill-banda tal-Forzi Armati ta' Malta li din is-sena ser tipparteċipa fil-Military Tattoo f'Edinburgh l-Iskozja. Għalkemm mhux ser inkun magħkom fiżikament, żgur li mhux ser ninsikom speċjalment fil-ġimgħa tal-Festa. Nixtieq ngħidilkom ukoll li jiena ser inkompli naħdem u ngħallem minn qalbi u b'mod ġenwin ħalli b'hekk ikollna aljievi ta' kwalità għaliex aħna nfittxu l-kwalità u mhux il-kwantità.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil Mr. David Agius għall-kooperazzjoni kbira li nsib minn għandu. Nirringrazzja wkoll lill-kumitat eżekuttiv speċjalment lill-President, lis-Segretarju u lill-Kaxxier kif ukoll lill-Kummissjoni Banda, lid-delegat tal-Banda Christopher Spiteri. Nirringrazzja wkoll lil Alfred Galea tal-għajnuna tiegħu u lis-Sezzjoni Żgħażagħ, lill-Fergħa Nisa, lill-Għaqda tan-Nar u fl-aħħar u mhux l-anqas lill-familja tiegħi kollha.

Ejjew għinuna ħalli nkomplu ngħollu isem il-banda tagħna, il-Banda Re Ġorġ V.

Nawgura l-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

# FESTA TA' SANTA MARIJA - 2014
# Funzjonijiet fil-Knisja

**L-Erbgħa, 30 ta' Lulju –** ***Bidu tal-Kwindċina***

**6.30pm** Quddiesa Solenni, Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 31 ta' Lulju –** ***Jum l-Għaqda tan-Nar***

**6.30pm** Quddiesa għall-membri u dilettanti tan-nar. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi Dun Manuel Caruana.

**Il-Ġimgħa, 1 ta' Awwissu –** ***Jum It-Tfal***

**6.00pm** Preżentazzjoni tat-tfal (sa ħames snin) lill-Madonna.

**6.30pm** Quddiesa. Mistiedna t-tfal kollha tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi Dun Trevor Fairclough.

**Is-Sibt, 2 ta' Awwissu –** ***Jum is-soċji u benefatturi***

**6.30pm** Quddiesa. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali Imexxi l-Kappillan.

**Il-Ħadd 3 ta'Awwissu –** ***It-Tmintax il-Ħadd ta' Matul is-sena***

**6.00pm** Talba tal-Kwindiċina.Innu u Barka sagramentali.

**6.30pm** Quddiesa.

**It-Tnejn, 4 ta' Awwissu – Jum il-Familji**

**6.30pm** Quddiesa bis-sehem tal-Familji. Mistiedna speċjali l-Koppji li din is-sena qed jagħlqu 25 u 50 sena miżżewġin. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi Dun Joe Mizzi, Direttur tal-Moviment ta' Kana.

**It-Tlieta, 5 ta' Awwissu –** ***Jum iż-żgħażagħ***

**6.30pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi Dun Charles Cini.

**L-Erbgħa, 6 ta' Awwissu –** ***Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u Fratellanzi***

**6.30pm** Quddiesa. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali Iqaddes Fr. Joe Zahra.

**Il-Ħamis, 7 ta' Awwissu –** ***Jum il-Morda u Anzjani***

**6.30pm** Quddiesa għall-morda u anzjani tal-Parroċċa. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi Patri Karm Zammit.

**Il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu –** ***Jum is-Saċerdoti, Reliġjużi u Vokazzjonijiet***

**6.30pm** Konċelebrazzjoni mmexxija minn Dun Vinċenz Deguara. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 9 ta' Awwissu –** ***Ħruġ tal-Istatwa***

**6.30pm** Quddiesa Kantata, Talba tal-Kwindiċina u Barka Sagramentali.

**7.30pm** Isir il-ħruġ Solenni tal-Istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier tal-knisja u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V.

**Il-Ħadd, 10 ta' Awwissu –** ***Tifkira tal-Mejtin tal-Parroċċa***

**6.30pm** Quddiesa Solenni b'sufraġju tal-mejtin tal-parroċċa speċjalment dawk li mietu mill-aħħar festa. Mistiedna l-qraba u ħbieb ta' dawn il-mejtin. Talba tal-Kwindinċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi Dun Manwel Caruana

**It-Tnejn, 11 ta' Awwissu –** ***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

**6.30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes Dun Ray Cassar. Jippritka Kan Timon Mercieca. Wara, Talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Regina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

**It-Tlieta, 12 ta' Awwissu –** ***It-Tieni Jum tat-Tridu***

**8.00am** Quddiesa kantata.

**6.00pm** Quddiesa solenni minn Dun Karm Camilleri. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**L-Erbgħa, 13 ta' Awwissu –** ***It-Tielet Jum tat-Tridu***

**8.00am** Quddiesa kantata

**6.30pm** Quddiesa solenni mll Kan Jonathan Farrugia.. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħamis, 14 ta' Awwissu –** ***Lejlet il-Festa***

**8.30am** Quddiesa Solenni mill-Kappillan Kan George Spiteri. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".

**6.30pm** Transolazzjoni Solenni tar-Relikwa mmexxija mill-Viċi Kapp. Dun Ġorġ Schembri. Wara Salve Regina, Quddiesa Kantata u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu –** ***Jum il-Festa***

**7.00am, 8.00am** Quddies.

**9.15am** Quddiesa Konċelebrata Solenni bil-Paniġierku mill Kan Joe Cilia. Iqaddes Mons. Edgar Attard. Mistiednin l-Għaqdiet Soċjali flimkien mal-Kunsill Lokali.

**10.00am** Quddiesa fil-Kappella ta' San Bażilju.

**11.15am** Quddiesa.

**5.00pm** Quddiesa.

**6.00pm** Għasar solenni minn Fr Joe Zahra op. Salve u Innu.

**7.15pm** Purċissjoni bl-istatwa artistika, devota u titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess ċelebrant.

**10.15pm** Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu –** ***L-Ottava tal-Festa***

**6.30pm** Quddiesa, ripożizzjoni tar-relikwa, Te Deum u Barka.

N.B. Il-mużika tat-Tridu, Lejliet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Patri Salv Galea O.P.
It-Tlieta, 14 ta' Awwissu, ikun hawn diversi konfessuri għall-Qrar bejn it-8.30am u l-10.30am u l-4.30pm u s-6.30pm

*Messaġġ mid-Direttur Spiritwali*

# 10 snin mas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

**Patri Joseph Zahra O.P, id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, jagħti ħarsa lura lejn dawn l-aħħar għaxar snin li hu ilu f'din il-kariga fis-Soċjetà, u jelenka dawk l-attivitajiet l-iktar li baqgħu ttimbrati f'moħħu.**

Din is-sena, bilfors ikolli nħares xi ftit lura, u dan biex ikolli mbuttatura ħalli bil-ferħ inħares 'il quddiem. Għaxar snin ilu, fis-sena 2014 proprju sena wara li rċivejt l-Ordinazzjoni Saċerdotali, il-Kappillan Dun Joe Bartolo, kien stedinni biex nipprietka fil-jumejn ta' preparazzjoni għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba. Jumejn li niftakar kont ħadt gost nipprepara għalihom u ngħixhom fil-komunità tal-Imqabba. Inzerta li dik kienet is-sena meta s-Soċjetà Santa Marija, kienet qed tfittex Direttur Spiritwali għaliha, minħabba li Patri Joseph Ghigo S.J. kien għadda għal ħajja ta' dejjem fl-20 ta' Lulju 2003.

*Meta nħares lura lejn dawn l-għaxar snin, ninduna kemm meta timxi bil-għaqal u bil-kwiet, u tkun kapaċi tistenna ħafna, tara l-frott mixtieq*

Il-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra flimkien mas-segretarju s-Sur Carmel Ellul, kienu attendew għal quddiesa fil-knisja, u wara daħlu fis-sagristija biex ikellmuni u jistednuni nkun id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Santa Marija. Ngħid il-verità, b'din l-aħbar ħadt gost dejjem kelli x'xewqa li nkun involut b'xi mod fil-festi tagħna li jnisslu fostna ġid li huwa frott il-fidi awtentika ta' missirijietna. Din iżda ma kinitx deċiżjoni li neħodha waħdi. F'parroċċa hemm kappillan ma' min titkellem u tieħu pass għaqli miegħu, kif ukoll f'Ordni Reliġjuż hemm Provinċjal li miegħu wieħed ikun irid jitkellem u mingħandu jieħu l-approvazzjoni għal intrigu bħal dan. Wara li mxejt ma' din il-proċedura, jiena bil-ferħ tajt l-aħbar fil-pożittiv lill-President.

Meta nħares lura lejn dawn l-għaxar snin, ninduna kemm meta timxi bl-għaqal u bil-kwiet, u tkun kapaċi tistenna ħafna, tara l-frott mixtieq. Inħoss li bil-kwiet qed naħdmu ħafna flimkien u mingħajr daqq ta' trombi. B'sodisfazzjon insemmi il-ħidma taż-żgħażagħ li għandhom mod uniku kif jitolbu għajnuna f'waqtha. Hawn biżżejjed insemmi l-attenzjoni għal proġetti bħal Wirja u l-Ġimgħa Marjana li bdiet tkun organizzata kull sena, bi ħsieb ewlieni ta' tagħlim dwar Sidtna Marija, tant li l-wirja ttaffiet ħafna u qed issir enfasi akbar fuq it-tagħlim. Il-preparazzjoni dwar is-sett u r-rakkont għall-edizzjonijiet tal-Presepju u ċ-Ċenaklu Ħaj u l-Wirja 'La Semana Santa', li għalkemm ma nkunx involut fihom b'mod dirett, niskanta kemm ikun hemm kuntatti miegħi minn wara l-kwinti u kemm ikun hemm ferħ u sodisfazzjon li dawn il-proġetti jkunu ħallew ħafna frott spiritwali kif fil-fatt dejjem ikun mixtieq. Ġid ieħor li nkompli nħeġġeġ li jibqa' jsir, issa li qabad ritmu tajjeb grazzi għas-sagrifiċċju ta' individwi partikulari, huwa ir-Rużarju Meditat fis-Sede tas-Soċjetà, f'ġieħ l-Erbgħat ta' Santa Marija. Hawn nixtieq li l-attendenza tiżdied b'rieda tajba, għalkemm inħossni kuntent bl-attendenza li diġà hemm. Ma dan hemm marbut il-Pellegrinaġġ annwali, f'wieħed mill-Erbgħat, għas-Santwarju Nazzjonali tal-Assunta, magħruf bħala Ta' Pinu fl-Għarb, Għawdex. Prosit tassew u Grazzi.

Din is-sena ninsab kuntent ukoll li ser ninawguraw monument ieħor f'ġieħ l-Assunta. Jalla x-xbieha mbierka ta' Marija Ommna, fit-toroq ta' ħajjitna tibqa' tfakkarna li aħna x-xbieha ħajja ta' Kristu Binha. Sidtna Marija trid tkun fostna biex kontinwament tfakkarna li ħarsitna, bħal tagħha għandha tkun iffissata fis-sema. Din is-sena għalhekk nerġgħu nistaqsu lilna nfusna b'onestà u sinċerità kemm qed naħdmu biex nindirizzaw ħajjitna tabilħaqq lejn il-premju etern li wiegħdna Sidna Ġesù Kristu. Ejjew ma nintelqux fil-fidi tagħna, u bħalma nagħmel kważi dejjem, hekk nerġa' nagħmel din-is-sena: Inħeġġeġ ħafna biex ma nittraskurawx is-Sagramenti, l-aktar tal-Qrar u it-Tqarbin mhux



Id-Direttur Spiritwali, Fr. Joseph Zahra O.P.

biss fil-ġranet tal-Festi tagħna, imma matul is-sena kollha. Tħallux mqar Ħadd wieħed jgħaddi mingħajr l-attendenza għall-Ewkaristija Mqaddsa li fiha Marija u Ommna l-Knisja jmantnuna bil-Kelma Qaddisa u salvifika ta' Alla u bil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej Ġesù.

Permezz ta' dan il-messaġġ nerġa' nħeġġeġ biex kemm jista' jkun malajr nerġgħu nirkuparaw il-Kappella tas-Sede tas-Soċjetà tagħna. Din għandha tkun kappella f'nofsna li tibqa' tfakkarna u tistedinna l-fejn għandna nħarsu. Li fiha u madwarha nkunu nistgħu niċċelebraw b'mod isbaħ l-Erbgħat tal-Assunta u jekk ikun hemm bżonn ukoll, anke s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Quddiem dan l-anniversarju, nixtieq nuri r-ringrazzjament tiegħi lis-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija. Ilkoll tafu kemm tabilħaqq napprezzakom. Napprezza l-ħidma kontinwa tal-Kumitat Ċentrali, il-kumitat taż-żgħażagħ, is-sezzjonijiet tal-armar, u tan-nisa, il-fratellanzi tas-Santissmu Sagrament u tar-Rużarju. Nista' ninsa lil tan-nar? Żgur li le. Grazzi mill-qalb tal-ħidma kontinwa tagħkom. Lejliet Santa Marija nkun qed nistennieh minn sena għal sena biex niġi ngawdi l-ispettakli uniċi li ttellgħu. Nixtieq insemmi ħafna ismijiet b'ringrazzjament, imma dan huwa impossibbli f'sempliċi messaġġ, għaldaqstant ngħid grazzi kbira lill kull min b'xi mod jew b'ieħor huwa parti minn din is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, u għalhekk f'dan l-anniversarju qed nagħtikom b'rigal dan ir-Relikwarju minn qalbi biex ilkoll ingawduh fil-kappella tas-Sede tagħna. Dan huwa Relikwarju li jħaddan fih Relikwija awtentika mill-Qabar tal-Madonna, li minnu telgħet Assunta u glorjuza fis-sema. Miegħu qed nagħti d-dokument tal-awtentiċità ta' din ir-relikwija. Nibżgħu għaliha u nħalluha tfakkarna li l-mewt u l-qabar mhumiex l-aħħar kelma u t-tmiem ta' kollox. Rebbieħa fuq il-mewt tagħna, hemm il-mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu li minnhom bir-ruħ u bil-ġisem hemm diġà tipparteċipa Marija Ommna fil-Glorja tal-viżjoni bejatifika – is-Saltna tas-Smewwiet.

Ejjew b'ħarsitna 'l quddiem, inkomplu nitgħallmu kif għandna naqbdu id f'id ħalli nimxu 'l quddiem biex ikollna festi mill-aqwa għad unur Sidna Ġesù Kristu u l-Assunzjoni tal-Verġni Mbierka Marija, Patruna tal-Parroċċa tagħna. Festi ta' għaqda li jagħmlulna unur bħala nsara u li jimlewna bl-entużjażmu ħalli jkollna l-kuraġġ ngħixu b'impenn il-Fidi tagħna quddiem id-dinja.

Nawgura l-Festi t-tajba lil kulħadd u fuq kollox, nawgura kull barka lill-Imqabbin kollha bla distinzjoni ta' ħadd.




Fergħa Nisa

# Awwissu qiegħed magħna!

**Franġiska Ghigo tispjega kif din il-fergħa qed taħdem biex tkompli tiġbor fondi sabiex jiġi installat il-lift fil-każin tagħna li hu bżonjuż għal numru ta' partitarji, speċjalment dawk nisa anzjani.**

Xahar li bih mhux l-Imqabbin biss ikunu ferħanin, iżda bosta rħula madwar Malta u Għawdex huwa dak ta' Awwissu, u dan għaliex sewwa sew f'nofs dan ix-xahar tiġi ċċelebrata l-festa tant għażiża u daqstant ieħor kbira ta' Santa Marija, li hija wkoll il-patruna tar-raħal għażiż tagħna l-Imqabbin.

Din is-sena, bħal ħafna snin oħra li għaddew, il-Fergħa Nisa għamlet sena oħra ta' xogħol bla heda. Organizzajna ħafna attivitajiet li ghalihom dejjem attendew numru sabiħ ta' partitarji u minn hawn nixtieq nirringrazzjahom minn qiegħ qalbi.

Permezz tal-fondi li tant naħdmu bil-qalb sabiex niġbru, ser inkunu qegħdin, fost affarijiet oħra, nutilizzawhom sabiex ikollna l-lift installat fil-Każin tagħna, li għandu jkun ta' għajnuna kbira għall-maġġoranza tagħna n-nisa, biex inkunu nistgħu naħdmu aħjar.

Hawnhekk, bħal kull sena, nixtieq ngħid grazzi u prosit kbira lis-Sinjura Doris Camilleri tax-xogħol kontinwu li tagħmel fil-ġbir tan-nisa għall-Coffee Morning u Afternoon Teas, bejgħ ta' biljetti tal-lotterija, li huma ħafna, u għal kull ħaġa oħra. Grazzi Doris!

*Din is-sena wkoll is-somma li ser nirregalaw hija sabiħa ħafna. Is-somma li niġbru dejjem ġiet użata b'għaqal kbir mill-Kumitat Eżekuttiv u ta' dan aħna grati ħafna lejhom.*

Din is-sena wkoll is-somma li ser nirregalaw hija sabiħa ħafna. Is-somma li niġbru dejjem ġiet użata b'għaqal kbir mill-Kumitat Ezekuttiv u ta' dan aħna grati ħafna lejhom.

Nirringrazzjaw lil uħud mill-Fergħa tagħna li jagħmlu sagrifiċċju biex inaddfu l-Każin, flimkien ma' xi partitarji li wara kull Coffee Morning u Afternoon Tea jgħinu fit-tindif.

Din is-sena niextieq nirringrazzja lil xi membri li wara ħafna xogħol li taw fl-Imgħoddi ma għadhomx fis-Sotto Kumitat magħna, bhal Ġulja Farrugia, Dilor Vassallo, Anni Mazzelli, Marthese Farrugia u Jane Psaila. Grazzi mill-qalb!

Nirringrazzja wkoll lill-membri li daħlu ġodda magħna. Dawn huma Loredana Galea Cilia, Maria Galea, Nicoletta Ghigo, Samantha Baldacchino u Charmaine Azzopardi.

Dawn il-membri huma nies validissimi bħal dawk ta' qabilhom u diġà taw riżultat sabiħ ħafna.

Nappellalkom biex, jekk jogħġobkom, nieħdu sehem f'kull attività li tiġi organizzata matul il-ġranet tal-Festa, sija dik esterna u wisq aktar dik tal-Knisja. Nużaw serjetà, prudenza u għaqal kif dejjem għamilna.

Nappella biex kulħadd jersaq aktar lejn Alla l-Imbierek f'dawn il-ġranet sbieħ biex nagħtu ġieħ u glorja lil Alla u lil Ommu Marija li tant hija għażiża għalina.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin!



Il-Kumitat tal-Fergħa Nisa

easygas
MALTA LTD

For Cleaner & Cheaper Energy!

Valletta Road, Luqa

(T) 2122 6126
(M) 7922 2112
(E) easygasmalta@hotmail.com

# Żgħażagħ attivi fis-Soċjetà

**Chris Schembri Baldacchino, il-President ta' din is-sena għal din is-sezzjoni, jispjega kif apparti l-attivitajiet li din is-sezzjoni ħadmet fuqhom, membri fi ħdan is-Soċjetà qed jaħdmu fuq proġett ta' riċerka u policy making, b'fondi tal-Unjoni Ewropeja, bit-titlu ta' 'Qalb Żagħżugħa, Festi Inklussivi'.**

Għeżież żgħażagħ, soċji, partitarji u ammiraturi tal-Festa Titulari tal-Imqabba, bla dubju nħossni onorat li din is-sena qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn bħala President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, li matul dawn l-aħħar wieħed u għoxrin sena kienet u għadha waħda mill-pilastri ewlenin tas-Soċjetà Santa Marija u tal=Banda Re Ġorġ V.

Bħalma uħud jafu, is-sehem tiegħi fis-Soċjetà imur lura numru snin, kemm f'diversi kumitati u kummissjonijiet, kif ukoll fil-qasam tal-banda li fiha qed nagħlaq l-għaxar sena ta' servizz lejn il-Banda Re Ġorġ V. Minkejja s-snin ta' ħidma, bosta drabi minn wara l-kwinti bħalma jagħmlu firxa wiesa tal-partitarji tagħna li joffru l-impenn tagħhom 'il bogħod mill-għajn u mill-binjiet tas-Soċjetà, qatt daqs illum ma stajt nifhem xi tfisser ir-responsabbiltà li ġġib magħha l-kariga ta' President.

*Bla dubju, waħda mill-iktar esperjenzi li tat sodisfazzjon lill-membri tal-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ kienet l-attività tal-għoti tad-demm fis-sede tas-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V.*

Din is-sena ħidma fil-kumitat taż-żgħażagħ kienet waħda mhux mistennija, bil-wisq inqas il-kariga li qed inservi biha; kariga li torbot magħha numru ta' responsabbiltajiet, fosthom li għandha sservi ta' għodda sabiex tissaħħaħ l-għaqda u jisseddaq l-interess tal-partitarji ħabrieka tagħna lejn is-Soċjetà. Minkejja li jien, bħal kulħadd, suġġett għall-iżball, nemmen li din l-esperjenza mislufa lili dejjem fittixt biex inħaddimha għall-aħjar interess tas-Sezzjoni Żgħażagħ u tas-Soċjetà li hija mħaddna fiha.

Espressjoni famuża mill-litteratura Ingliża tgħid li l-ebda persuna mhi gżira (*No man is an island*), liema espressjoni tfisser li l-ebda bniedem mhu kapaċi jagħmel kollox waħdu u li kulħadd jiddependi fuq xulxin. Bl-istess mod, dan il-kunċett ta' tim japplika perfettament għall-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ,-Marica, Joseph, Osvaldo, Samantha, Warren, Jeremy, Johann, Delia, Chantelle u jien magħha – taħlita ta' żgħażagħ li ġabu magħhom esperjenzi differenti u li permezz tad-djalogu għaġnu l-ideat tagħhom flimkien sabiex wettqu programm ta' sena ta' attivitajiet.

Bit-tema tas-sena 2013/14 tkun 'Żgħażagħ attivi fis-Soċjetà', is-Sezzjoni Żgħażagħ wettqet firxa ta'



Membri tal-Kumitat jieħdu sehem f'reċta komika fis-Serata Karnivaleska



Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ 2013/2014



Membri tal-Kumitat jieħdu sehem f'reċta komika fis-Serata Karnivaleska



*Il-Ġimgħa Marjana organizzata fil-Kappella ta' San Bażilju*



*BBQ fuq il-bejt tal-każin organizzat fil-Bidu tas-Sajf*



*L- ewwel attività ta' Trick or Treat f'raħalna*



*Membri żgħażagħ jieħdu sehem fil-Maratona tal-Liedna*



*Uħud mill-Partitarji li ħadu sehem fl-għeluq tal-Maratona tal-liedna*

attivitajiet, li jvarjaw minn dawk reliġjużi, soċjali, kif ukoll ta' *fundraising*. Mingħajr ma wieħed jidħol fid-dettall ta' bosta minnhom, fost l-avvenimenti organizzati kien hemm żewġ celebrazzjonijiet tal-Quddiesa, l-aċċessibiltà tal-bejt għall-pubbliku waqt l-Airshow 2013, iż-żjara lill-anzjani fir-residenza San Vinċenz de Paul, il-*Halloween party*, it-tqassim tar-rigali tal-Milied minn Santa Klaws, il-*PS3 tournament, carwash* fil-pjazza, erba' ikliet imqassma matul is-sena (fosthom il-*Pool Party* u s-Serata Karnivaleska li inkludiet l-iskeċċ komiku 'Kollha Esse'), il-Ġimgħa Marjana, kif ukoll parteċipazzjoni mill-membri tal-kumitat f'attivitajiet reliġjużi bħall-purċissjoni tad-Duluri u l-ħasil tar-riġlejn f'Ħamis ix-Xirka. Tqassmet ukoll ħarġa oħra tal-ktejjeb 'It-Titular', liema pubblikazzjoni kompliet fil-forma ta' waħda annwali b'mod simili għall-edizzjoni preċedenti.

## *Trick or Treat* fl-Imqabba

Matul din is-sena, is-Sezzjoni Żgħażagħ ħasbet sabiex tkompli tkun innovattiva fil-kalendarju tal-attivitajiet tagħha. Permezz ta' ħidma konġunta mal-Klabb Tfal tat-Titular, it-titulari ċkejkin ta' raħalna esperjenzaw l-ewwel *Trick or Treat* organizzat fl-Imqabba. Fis-satra tal-lejl fi tmiem Ottubru, dwiet l-għajta 'Ħelu, ħelu' mit-tfal li pparteċipaw, li fuq wiċċhom ilkoll kellhom tbissima liema bħalha.

## 50 siegħa Maratona tal-Liedna

Is-sena 2013 rat ukoll l-ewwel maratona tal-liedna mtella' fis-Soċjetà tagħna. Kienu 50 siegħa li matulhom rajna l-impenn ta' firxa wiesa ta' partitarji; żgħar, kbar, ulied, ġenituri, koppji, membri tas-sezzjonijiet differenti kollha tas-Soċjetà. Tajjeb li wieħed jgħid li l-liedna li dawn il-partitarji ħabrieka ħadmu se tkun qed iddur



*Parti mil-liedna li nħadmet fil-Maratona tal-liedna*

madwar il-pjazza ta' raħalna fil-Festa Titulari ta' Santa Marija. B'hekk matul Awwissu se jkollna pjazza (ċioe` fejn iseħħ il-qofol tal-Festa) mdawra bil-ħidma ta' ħafna mill-partitarji ta' din is-Soċjetà, li se jkollhom l-opportunità jassoċjaw lilhom infushom magħha matul dawk il-ġranet tant għeżież għalina.

Il-maratona tal-liedna serviet ukoll ta' opportunità biex il-partitarji ta' din is-Soċjetà, filwaqt li jitgħallmu t-teknika tal-ħidma, jiltaqgħu, isiru jafu aktar lil xulxin u jikkollaboraw id f'id flimkien. L-ebda tul ta' metri ta' liedna ma seta' joffri l-istess ammont ta' sodisfazzjon biex din l-attività tkun waħda ta' suċċess bħalma nemmnu li kienet. Nawguraw aktar okkażjonijiet ta' ħidma flimkien u opportunitajiet fejn jirbaħ l-ispirtu tal-inklużjoni u tal-għaqda f'din is-Soċjetà.

## Milied Imdawwal

F'Diċembru, is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat l-attività 'Milied Imdawwal', li kienet l-ewwel fix-xorta tagħha għas-Soċjetà tagħna kif ukoll għal raħalna. Kienu ljieli li fihom, fost oħrajn, tajna dawl u ħajja lill-pjazza tar-raħal tagħna permezz ta' bosta elementi fosthom mużika, żfin, tiżjin u dwal, dewwaqna togħma tajba lil kull min ġie permezz ta' ikel tradizzjonali, u aktar importanti, żammejna l-qofol tal-Milied (ċioè t-twelid tal-Messija) fil-qalb tas-Soċjetà tagħna permezz tal-Presepju Ħaj fis-sotterran tal-Każin.

'Milied Imdawwal' irrikjediet l-għajnuna minn bosta partitarji tas-Soċjetà; b'hekk serviet ukoll ta' opportunità sabiex qsamna l-ideat tagħna u tgħallimna



L-atmosfera fil-Pjazza Ewlenija waqt l-Attività 'Milied Imdawwal'



Natività ħajja – Il-Kantina tas-sede tas-Soċjetà trasformata fi Grotta tipika tal-Milied waqt l-attività 'Milied Imdawwal'

flimkien, kif ukoll ħdima aktar id f'id biex ir-riżultat ikun wieħed sodisfaċenti. Persważi li, lil hinn mill-prodott ta' kwalità li qsamna ma' dawk li żaruna, is-sodisfazzjon tagħna kompla jintlaħaq billi rajna l-kollaborazzjoni tirrenja fost il-partitarji tagħna.



Ħidma kontienwa miż-żgħażagħ



Ħidma kontinwa miż-żgħażagħ

## *Blood Drive* fil-Palazz Santa Marija

Bla dubju, waħda mill-iktar esperjenzi li tat sodisfazzjon lill-membri tal-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ kienet l-attività tal-għoti tad-demm fis-sede tas-Soċjetà Santa Marija u tal-Banda Re Ġorġ V. Matul l-attività, is-Soċjetà fetħet il-bibien tagħha għall-pubbliku li kkonkorra bi ħġaru 'l hinn mill-kuluri jew ideoloġija li normalment jifirdu lill-poplu Malti. Kien tassew f'waqtu l-ġest ta' dak li kien il-Ministru tas-



Ministri u Membri Parlamentari jagħmlu żjara u jagħmlu donazzjoni ta' demm ġewwa s-sede tas-Soċjetà




@santamarija
www.facebook.com/santamarija
www.santamarija.com



Chris Schembri Baldacchino jitkellem mal-Ministru tas- Saħħa, is-Sur Godfrey Farrugia waqt l-għoti tad-demm ġewwa l-Każin

Saħħa Godfrey Farrugia u tad-deptutat parlamentari Toni Bezzina li ngħaqdu magħna u taw id-demm flimkien.

Sabiex l-attività tkun waħda ta' aktar suċċess, is-Sezzjoni Żgħażagħ ħadmet ħafna fuq promozzjoni kreattiva fuq il-mezzi socjali, flimkien mal-*posters* u l-artikli tradizzjonali. Apparti dawn, matul l-attività tqassmu wkoll fliexken tal-ilma b'xejn lill-pubbliku fil-pjazza (partikolarment lil dawk ħerġin mill-quddiesa) b'messaġġ ta' stedina għall-għoti tad-demm anness magħhom.

Waqt attività, numru ta' studenti tal-Mediċina (MMSA – *Malta Medical Students Association*) offrew testijiet tas-saħħa b'xejn lil kulħadd fil-pjazza, kif ukoll rappreżentanti tal-*Health Promotion Unit* qassmu xi materjal informattiv lill-pubbliku.

## Semana Santa

L-edizzjoni ta' din is-sena tal-wirja 'La Semana Santa', li hija sinonima mas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fi żmien l-Għid, fetħet bi programm vokali u strumentali mill-Banda Re Ġorġ V fis-sala tal-iskola primarja tal-Imqabba. Matul is-serata ġiet inawgurata statwa ġdida *life-size* li tirrappreżenta x-xbieha ta' La Esperanza Macarena, li hija l-protettriċi tal-wirja 'La Semana Santa'. Din l-istatwa ġiet ikkummissjonata mill-Familja Chetcuti fl-okkażjoni tal-50 sena anniversarju mill-inkurunazzjoni ta' La Esperanza



Uħud mill-membri tal-kumitat mal-Eċċellenza tagħha President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca waqt iż-żjara tagħha fil-wirja 'La Semana Santa'

Macarena ta' Sevilja, u hija xogħol kapolavur tal-artist żgħażugħ Għawdxi, Michael Cutajar Zahra.

Ringrazzjament speċjali jmur għas-Sur Michael Chectuti, li huwa l-mutur ewlieni wara kull edizzjoni tas-Semana Santa. Permezz tal-imħabba u d-devozzjoni tiegħu lejn Ommna Marija taħt it-titlu tal-Esperanza Macarena. Michael huwa xempju għalina lkoll ta' kemm għandna nżommu lil Marija Santissma ċentrali f'ħajjitna. Nieħu l-opportunità sabiex, għan-nom tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, nirringrazzja lilu u lil ħutu Mary Rose u Mary Louise għall-istatwa li rregalaw lis-Soċjetà, u fl-istess waqt infakkar il-memorja tal-ġenituri tagħhom li għalihom hi ddedikata din l-istatwa.

## Qalb żagħżugħa, festi inklussivi

Bla dubju, meta wieħed iħares lejn l-ammont ta' attivitajiet li tħejjew mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, jara kemm it-tema 'Żgħażagħ attivi fis-Soċjetà' verament ġiet appikata f'kull dimensjoni. Biss, dan ma kienx kollox, għax matul din l-aħħar sena dawn iż-żgħażagħ kienu impenjati fi proġett ta' riċerka u *policy-making* b'fondi tal-Unjoni Ewropea. Bit-titlu 'Qalb żagħżugħa, festi inklussivi', l-għan ta' dan il-proġett huwa li jistħarreġ l-involviment taż-żgħażagħ fl-għaqdiet tal-festi, kemm dawn jinvolvu lilhom infushom u għalfejn, kif ukoll x'inhuma l-elementi li jistgħu ixekkluhom milli jinvolvu ruħhom.

Il-proġett wasal fi stadju avvanzat fejn diġa` ngħabret informazzjoni permezz ta' *survey* li twieġeb minn madwar 600 persuna minn madwar Malta u Għawdex. L-analiżi tas-*survey* se sservi ta' bażi sabiex jiġu organizzati serje ta' seminars u anke konferenza fuq livell nazzjonali li matulhom ilaqqgħu flimkien l-entitajiet konċernati (l-għaqdiet tal-festi, għaqdiet nazzjonali li jirrappreżentaw liż-żgħażagħ u l-qasam volontarju, il-Gvern ċentrali, fost oħrajn), bil-ħsieb ikun li tiġi mfassla politika (*policies*) għal dan il-qasam.

Permezz ta' dan il-proġett, is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V, b'mod proattiv, se tkun qed tagħti l-kontribut tagħha sabiex jissaħħaħ il-volontarjat fost iż-żgħażagħ għall-gwadann tal-għaqdiet tal-festi li huma attivi fihom.

## Inġeddu l-impenn

Issa li ninsabu propju ftit jiem biss bogħod minn li nilħqu l-milja tal-ħidma tagħna, permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Marija, nawgura li lkoll flimkien nużaw bl-aħjar mod iż-żmien misluf lilna f'din is-Soċjetà biex meta jasal il-ħin tagħna nkunu ħallejna dan il-post wieħed aqwa milli sibnieh. Ejjew minn issa nġeddu l-impenn tagħna sabiex din is-Soċjetà tissaħħaħ bħala ċentru attiv ta' kultura fejn iż-żgħażagħ tagħna jiskopru u jtejbu t-talenti tagħhom, kif ukoll jinsġu fihom il-kwalitajiet soċjali li huma neċessitati fil-ħajja li ngħixu llum.

Nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha!



## FIRE EXTINGUISHERS

We supply and service all types of fire extinguishers together with any other type of fire fighting equipment such as hose reels, landing valves, inlet breaches and cabinets. Domestic packages of a small fire extinguisher and a fire blanket is available at a reasonable price.



## FIRE ALARMS

We can supply and install fire alarm and detection systems for any size of premises from a one zone system up to a large multizone system or a complex analogue addressable system. FSE also installs extinguishing systems for computer rooms or high risk areas, mostly with Fm200 or Carbon Dioxide.



## BURGLAR ALARMS

Available with onboard keypad or even with separate keypads, with both LED and LCD models. Fully programmable with part setting and multi user facility. Telephone dialers are also available which work through the normal trunk line or even via a GSM module. The more complex systems can be armed or disarmed from a PC in a remote location with full upload and download capability.



## CCTV SYSTEMS

Closed Circuit Television systems are available for both domestic and commercial applications. Stand alone DVR's and also PC based systems which offer exceptional quality in recording and also when viewed remotely over the internet. Cameras are availlable in different resolution quality and with infra red night illumination to offer good quality B/W images even in total darkness.



## HALLPORTER SYSTEMS

We also provide Fire Protection services and Private Emergency Medical Services including Private Ambulance Hire for any type of event or patient transport.



*FIRE PROTECTION & AMBULANCE SERVICE*

**FSE**

Fire & Security Engineering

Soteria Buildings Dawret Hal Ghaxaq
Ghaxaq GXQ 9011
Tel: 21225956, 21227746, 79494233
Fax: 21226182
E mail: info@fse.com.mt

**w w w . f s e . c o m . m t**

# Unur Waħdieni f'raħalna u f'pajjiżna – Il-Ġemellaġġ

**Antoine Farrugia jispjega kif is-Surmast David Aguis, l-Assistent Surmast Gordon Mayer u l-bandisti tal-post jaħdmu minn wara l-kwinti sabiex dejjem jippreparaw programm tal-ogħla livell fl-10 t'Awwissu, u jkunu preparati għas-servizzi kollha li l-Banda jkollha matul is-sena.**

Għeżież Soċji, Partitarji u ammiraturi tal-Banda Re Ġorġ V,

Qegħdin fil-qofol tal-istaġun tal-Festi Maltin. Matul il-medda taż-żmien, il-festi Maltin, għalkemm kibru u evolvew, il-pulmun ewlieni ta' kull festa baqa' jikber dejjem iżjed. Hawn qed nirreferi għall-baned Maltin li kienu huma l-pijunieri tal-festi esterni f'Malta. Kull soċjetà Mużikali, barra l-attivitajiet ta' għaqdiet oħra fi ħdanha, ikollha attivitajiet bandistiċi mtellgħin mill-banda tagħha kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Is-soċjetà Santa Marija li tindokra l-Banda Re Ġorġ V mhix eċċezzjoni.

*Il-banda tagħna għandha pedamenti sodi u magħrufa għall-unur waħdieni f'raħalna u f'pajjiżna; L'Etoile D'or Du Jumelage – unur li hu monument ħaj tal-banda tagħna.*

Fost is-servizzi li l-Banda Re Ġorġ V tagħmel matul il-festa, l-iktar servizz importanti huwa l-programm vokali u strumentali li jittella' fil-pjazza ewlenija biswit il-Kazin nhar Jum il-Banda – l-10 t'Awwissu. Konna fost tal-ewwel li bdejna nagħmlu dan il-programm fil-bidu tal-festa biex l-attenzjoni tkun fuq il-banda. Peress li din n-novità ntgħoġbot, ħafna baned bdew jagħmluh fil-bidu tal-ġimgħa tal-festa minflok lejlet il-festa.



Jeffrey Attard jirċievi l-unur tal-Bandist tas-Sena mingħand Rokku Camilleri f'isem il-kumpanija Di Rocco Ltd

Minbarra l-appuntament tal-programm annwali li fih ta' kull sena ninkludu xi silta ġdida, il-banda Re Ġorġ V daqqet fil-marċ tal-aħħar tridu u anke f'nhar il-festa. Wara l-festa, fix-xahar ta' Settembru, il-banda tagħna tkun mistiedna għall-marċ u programm fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja mill-Banda San Mikiel.

F'Ottubru, il-banda daqqet Buġibba fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Akkwarjum Nazzjonali. Fl-istess xahar, il-banda ħadet sehem f'*mass band* fl-okkażjoni ta' Jum L-Imqabba. Bħala parti mill-festi ta' Jum l-Imqabba, organizzati mill-Kunsill Lokali Mqabba, il-banda kien imissha ttella' program fl-awditorjum tal-Iskola Primarja. Bhala apprezzament lill-bandisti tal-post, fil-bidu ta' Novembru saret l-ikla ad unur il-bandisti fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V.



Iż-żewġ baned Imqabbin idoqqu f'mass band fl-okkażjoni tal-attività 'L-Imqabba Biss bil-Ħila' organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba fit-13 ta' Ottubru 2013





Il-Banda Re Ġorġ V tagħmel servizz mużikali fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Akwarju Nazzjonali fil-Qawra fl-4 ta' Ottubru 2013

Fil-jiem tal-Milied, is-sezzjoni żgħażagħ tellgħet villaġġ tal-Milied u l-banda tat is-sehem tagħha billi daqqet għanjiet tal-Milied madwar il-pjazza. Fil-bidu ta' Frar rappreżentanti tal-banda ħadu sehem f'seminar li ġie organizzat fl-iskola San Benedittu dwar it-tagħlim tal-mużika fl-iskejjel u l-każini tal-Baned. Fit-tielet Ħadd ta' Frar, il-banda tagħna għamlet marċ mat-toroq tal-Imqabba biex flimkien mas-soċji u partitarji niċċelebraw unur ieħor li ħadet is-soċjetà permezz tal-membri tagħha. Dan l-unur intrebaħ fl-artiġġjanat Malti.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-Kunċert Vokali u Strumentali fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-wirja 'La Semana Santa de Espana' fl-Imqabba, fil-5 ta' April 2014*

Fix-xahar ta' Marzu, il-banda tagħna ħadet sehem bl-attendenza tagħha fl-iskema tal-għajnuna finanzjarja mill-Aġenzija żgħażagħ f'Pembroke. Dawn il-fondi qed imorru biex jitħarrġu iktar studenti mal-banda tagħna u li t-tagħlim li jingħata jkun ta' livell professjonali. Fil-bidu t'April il-banda tellgħet programm mużikali fl-awditorjum tal-Iskola Primarja għall-inawgurazzjoni tal-wirja La Semana Santa. F'dan il-programm ġiet inawgurata statwa ġdida rregalata lis-soċjetà mis-Sur Michael Chetcuti u l-familja tiegħu.

Bħal kull sena, l-amministrazzjoni tal-kulleġġ San Benedittu, torganizza l-Festa Komunità. Din is-sena kienet speċjali għax f'din il-festa nkiser ir-rekord ta' kemm baned daqqew flimkien kif ukoll rekord ta' standardi tal-baned. Fl-aħħar tas-serata ġejna ppremjati biċ-ċertifikat.

Fix-xahar ta' Lulju kellna s-servizz li jsir ta' kull sena mill-Banda tagħna fil-festa ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop, kif ukoll is-servizz fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa ż-Żurrieq.

Barra dawn is-servizzi, l-bandisti tal-post jiltaqgħu regolarment għall-kunċerti matul is-sena biex jippreparaw irwieħhom għas-servizzi kollha li l-banda jkollha matul is-sena.

Qabel nagħlaq dan l-artiklu, nixtieq nirringrazzja lis-Surmast Mro David Agius tal-paċenzja li jieħu bina l-bandisti kif ukoll lil Mro Gordon Meyer, Assistant surmast. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-kumitat eżekuttiv li kull meta l-banda jkollha bżonhom dejjem sibnihom spalla ma' spalla biex jagħtuna l-appoġġ tagħhom.

Nappella lill-ġenituri biex jibagħtu lil uliedhom jistudjaw l-arti mużikali fis-sede tas-soċjetà tagħna. Il-banda tagħna għandha pedamenti soda u magħrufa għall-unur waħdieni f'raħalna u f'pajjiżna -L'Etoile D'or Du Jumelage. Dan l-unur hu monument ħaj tal-banda tagħna. U hawn inħeġġeġ ex-bandisti li kienu magħna meta ġibna dan l-unur biex jingħaqdu magħna f'atmosfera festiva.

Viva l-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija Mqabba!

# Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jibagħtu lil uliedhom għat-tagħlim tal-mużika

*Frott il-ħidma kontinwa…*

# Żewġ bandisti ġodda tal-post

**Michael Grech**

Michael għandu 42 sena, hu twieled fis-26 ta' Ġunju 1972. Iben Francis Grech u Dolores Grech née Colombo u għandu żewġ ħutu oħra Robert u Maurizio. Miżżewweġ lil Marisa Grech u għandhom żewġt itfal Maria u Carsten Karl. Michael attenda l-iskola tas-Snajja' tan-Naxxar u llum jaħdem bħala self employed fis-settur tal-kostruzzjoni. Michael minn età żgħira kien iħobb il-mużika l-aktar għax kien imur il-baned ma' missieru. Beda jiistudja l-mużika 20 sena ilu mal-banda ta' Lourdes ta' San Ġwann u wara mal-banda tal-Karmnu tal-Balluta.

Dak iż-żmien kien idoqq l-althorn. Dawn l-aħħar snin beda jitgħallem il-percussion mal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba. Bħala passatempi Michael iħobb it-tpinġjia, jaħdem l-istained glass, jilbes ta' fratell fil-purċissjonijiet u jħobb l-għawm. Michael jerfgħa fil-vara titulari tal-Madonna tal-Lourdes, San Ġwann u jieħu sehem attiv fil-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira.



*Michael Grech*

**Marcon Galea**

Marcon Galea għandha 40 sena, hi twieldet fl-14 ta' Settembru 1973. Bint Agostino u Magdalena Gauci u għandha żewġ ħuta oħra. Marcon attendiet l-iskola Primarja tal-Imqabba u l-iskola Sekondarja tal-Immakulata Kunċizzjoni. Marcon bdiet tigħallem il-mużika mal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba f'Settembru tas-sena 2013. Hi qed tattendi wkoll l-iskola tal-mużika Johann Strauss fil-Belt Valletta fejn għadha kemm temmet ir-raba' sena tistudja it-teorija tal-mużika u t-tieni sena Cello. Hi qed tieħu lezzjonijiet addizzjonali għall-eżamijiet tat-tejorija organizzati minn kulleġġ rinomat fl-Ingilterra fejn bħalissa qed tipprepara għall-eżamijiet tas-sitt sena. Il-ħajra lejn il-mużika bdiet minn età żgħira peress li missiera kien mużiċist. Meta kibret kompliet fuq dak li kienet tgħallmet mingħand missierha stess u anke grazzi għat-tagħlim li bdiet tikseb it-tifla tagħha Neve Marlene Galea, bandista mal-istess Banda Re Ġorġ V. Marcon għandha diversi passatempi bħall li segwi kunċerti mużikali varji, tħobb ħafna l-annimali, fosthom il-qtates u l-klieb. Żgur ukoll li safra ġewwa l-Ingilterra tgħoddha bħala passatemp ukoll.



*Il-Bandisti l-ġodda Michael Grech u Marcon Galea mas-Surmast Direttur Mro. David Agius*



*Marcon Galea*

# For all your Electrical & Plumbing Needs

# Farell Ironmongery

Blue Grotto Avenue, Żurrieq • Tel: 21647 960

Opening Hours:
Monday to Friday from 7.30am to 7.00pm & Saturdays from 7.00am to 1.00pm

# JMA Aluminium works



Joseph Mizzi Aluminium works

**_FREE QUOTATIONS_**

Address Work shop & Office
LQA040A
Luqa industrial estate
Luqa,MALTA.

Tel/fax : 00356-21807851
mob : 99445686

Email : mizalum@gmail.com

For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works.

We fabricate aluminium apertures like doors & windows with new profiles and a large range of colours .

We cater for customer made structure as greenhouse,verandas,skylight,facades and more.

Call for free quotation for :



- Louvers fixed & adjustable
- Double glazed apertures (with Argon Gas)
- Showers & Partitions
- Insect screens & Roller nets
- Hinged , Sliding & Revolving apertures
- Maltese Balcony's , Stairs & Handrails
- Security Main Doors
- Arched apertures & Folding doors



We do also Soffit Ceilings in Mineral Fibre & Gypsum in various models


Town Twinning
Jumelages de Villes
Hermanamientos entre ciudades
Gemellaggi di città
Cidades geminadas
Les étoiles d'or du jumelage
Ferrara 13 novembre 1998
Mqabba
EUROPA KOMMISSIONENS PRIS
PREIS DER EUROPÄISCHEN KOMMISSION
ΒΡΑΒΕΙΟ ΕΥΡΩΠΑΪΚΗΣ ΕΠΙΤΡΟΠΗΣ
PRIZE OF THE EUROPEAN COMMISSION
PREMIO DE LA COMISIÓN EUROPEA
EUROOPAN KOMISSION PALKINTO
PRIX DE LA COMMISSION EUROPÉENNE
PREMIO DELLA COMMISSIONE EUROPEA
PRIJS VAN DE EUROPESE COMMISSIE
PRÊMIO DA COMISSÃO EUROPEIA
EUROPEISKA KOMMISSIONENS PRIS
Jacques Santer

# Skip Hire




*Mini Skip Service also available*

*Leli Camilleri*

Leli,
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba
Tel: 9947 4468

# Tahabel Ltd

St. Catherine, John Borg Str., Żejtun ZTN 2705
Tel: 2167 3589 / 9947 0351 • Fax: 2169 2894 • E-mail: info@tahabel.com

Importers of:

- All Kinds of Ropes
- Chains
- Hardware Iems
- Shading Cloths
- Safety Wear
- Tents
- Camping Equipment
- Gyzers
- Heaters
- Fans
- Air Conditioners
- Computers & Laptops
- Polyplumb Water Fittings & Pipes
- Key Clamps
- Fishing & Trapping Nets
- Wire rope
- Bathroom Spares
- & Much More








VALY Heaters
TESY
EVERNAL
POLYPLUMB
NOVA
Gleistein Ropes since 1824

# Armar mill-ifjen u ta' kwalità għall-festa titulari

**Mario Camilleri, il-pilastru tal-Għaqda Armar jispjega kif għalkemm waslu fi tmiem numru ta' proġetti li kienu nbdew fi snin li għaddew, ewlieni fosthom il-proġett tat-Triq Karmenu Ciantar, l-Għaqda Armar bdiet taħseb u taħdem fuq numru ta' proġetti ġodda, kemm fl-injam kif ukoll fid-drapp.**

Għeżież partitarji, għaddiet sena oħra u ninsabu ftit jiem 'il bogħod milli niċċelebraw festa kbira oħra ddedikata lill-patruna tagħna, Santa Marija. Konvint li fil-jiem li ġejjin ħa terġgħu tgawdu festa kbira oħra minħabba l-fatt li kull għaqda fi ħdan is-soċjetà tagħna ħadmet bla waqfien biex terġa' toffri festa ta' livell għoli. F'dan l-artiklu għandkom l-opportunità taqraw x'sar minn din l-għaqda matul din is-sena li sinċerament kienet sena impenjattiva ħafna. L-għan ewlieni għal din is-sena kien li nagħtu spinta lill-progetti li nibdew fis-snin ta' qabel u kemm jista' jkun nlestuhom. Dan minħabba l-fatt li fis-snin li ġejjin ħa nkunu qegħdin naħdmu fuq xi proġetti ġodda.

*Barra minn hekk, jiena naħseb li din is-soċjetà hija fortunata li għandha kwantità ta' statwi li għadhom fi stat tajjeb u ta' livell ta' artistrija kbira*

### Pedestalli Triq Karmenu Ciantar

Wara li s-sena li għaddiet tlesta x-xogħol ta' rħamar u induratura fuq tmien pedestalli, din is-sena komplejna l-erba' pedestalli li kien jonqos minn dan is-sett ta' tnax-il pedestall. Barra minn hekk, minħabba li f'jum il-festa tas-sena li għaddiet kien hemm aċċident fuq wieħed minn dawn il-pedestalli, kien hemm bżonn li nerġgħu nirħamaw u naħdmu skultura ġdida għall-istess pedestall.



*Xogħol ta' rħamar u nduratura li saru fuq il-Pedestalli ta' Triq Karmenu Ciantar*

### Statwi ġodda għal Triq Karmenu Ciantar

Din is-sena l-artist Aaron Camilleri Cauchi tana l-kelma li jlestilna statwa oħra għal Triq Karmenu Ciantar. L-istatwa l-ġdida li ħa nżanżnu hija ta' Mosè.

### Pavaljuni Triq Valletta

Din is-sena tkompla x-xoghol fuq dan is-sett ta' għaxar pavaljuni. Din is-sena tlestew tliet pavaljuni oħra minn dan is-sett ta' għaxar pavaljuni. Ix-xogħol ta' ħjata fuq dawn il-pavaljuni qeghdin jieħdu ħsiebu s-Sur Antwan Abdilla, Ian Camilleri u Daniela Barbara. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawn il-partitarji b'mod speċjali lil Daniela li ħadet ħsieb tħit id-drapp kollu li ħa joħrog matul din is-sena. Ix-xogħol ta' sfumar qiegħed isir mis-sur Patrick Ghigo.



*Membri ta' din l-għaqda waqt ix-xogħol ta' ħjata*

### Bnadar ġodda għat-trufej tal-pjazza

Din is-sena tlestew ukoll ħamsin bandiera ġdida għat-trufej tal-pjazza peress li l-bnadar li kellna kienu



*Emanuel Pace waqt ix-xogħol ta' nċanar ta' injam*


YOUR EVENT IN
1 PUSH OF A BUTTON. EASY.
THE VISAGE MOBILE FOLDING STAGE. NOW RENTING
VISAGE
SOUND LIMITED
tel: 99473535/2146 3607 / e-mail: visageltd@gmail.com / web: www.visagesound.com


Step in
RESTAURANT • BAR • LOUNGE
Dining over the beautiful view of Wied iz-Zurrieq ... Terrace available.
Proprietor: Glen Galea
Wied iz-Zurrieq • Blue Grotto • Malta
T +356 2168 3104 • 9944 2084 E glengalea@hotmail.com



wisq zgħar għal ma' dawn it-trufej. Ix-xogħol ta' tfassil u ħjata ta' dawn il-bnadar ħadu ħsiebhom Daniela Barbara, Ian Camilleri, Paul Gauci u Antwan Abdilla, filwaqt li Sur Emanuel Pace ħa ħsieb xi xogħol ta' njam li kien hemm involut fuq il-lasti ta' dawn il-bnadar. Is-sena li ġejja ħa nkomplu naħdmu fuq dan il-proġett, u jekk il-Bambin irid, inlestu l-pumi li ħa jintramaw ma' dawn il-bnadar. Barra minn hekk, fis-snin li ġejjin, ħa nkunu qegħdin naħdmu fuq sett ġdid ta' bandalori għal dawn it-trufej.

### Proġett ġdid ta' erba' anġli u erba' pedestalli maz-zuntier tal-pjazza

Din is-sena wkoll tajna bidu għall-proġett ta' erba' pedestalli ġodda għal ma' zuntier tal-pjazza. F'dak li jirrigwarda d-disinn ta' dawn il-pedestalli, xtaqna li nżommu l-istess stil ta' pedestall li kien iddisinja l-artist Renzo Gauci meta għamilna sett ta' erba' pedestalli u gastri tad-dawl. Saru xi modifakazzjoniet fuq l-istess disinn fuq parir tal-istess artist, inħadmet skultura ġdida għal dan il-pedestall minn Renzo Gauci u Andrew Zammit, filwaqt li ntużat xi skultura li kien ħadem l-istess Andrew Zammit. Is-sur Twanny Zammit ħadmilna gastra ta' dawl ġdida magħmulha bl-*stainless steel* li ħa jikkumplimentaw dawn l-anġli, filwaqt li s-Sur



Michael Ghigo waqt il-ħidma tiegħu fuq il-proġett il-ġdid ta' erba' pedestalli għal maz-zuntier tal-Knisja

Michael Ghigo ħa ħsieb il-qafas ta' din il-gastra. Dan il-proġett ma kienx possibbli mingħajr il-ħidma ta' sieħbi Micheal Ghigo li ħa ħsieb ix-xogħol ta' injam involut f'dan il-pedestall u anke x-xogħol ta' *fiberglass* involute fil-manifattura tal-iskultura. Din is-sena Michael laħaq lesta l-ewwel pedestall, filwaqt li ħadem l-skultura għal tliet pedestalli li ħa nkunu qegħdin naħdmu fuqhom is-sena li ġejja. Is-sur Ivan Falzon ħa ħsieb ix-xogħol ta' *spray* li kien hemm involut f'dan il-pedestall. Min-naħa tiegħi jiena ħadt ħsieb nirħama u nindura dan l-ewwel pedestall. Matul din is-sena ħdimna ħafna mill-qrib mal-artist żagħżugħ Għawdxi Micheal Cutajar Zahra u dan wassal li bħala għaqda niddeċiedu li nikkummissjonawlu erba' anġli ġodda għal ma' zuntier tal-pjazza. Għal din is-sena ħa jkollna l-opportunità li naraw l-ewwel statwa minn dan is-sett ta' erba' statwi.

Jiena ninsab konvint li dan il-proġett ħa jintogħġob ħafna peress li qagħdna attenti li nżommu s-simetrija li għandna fil-pjazza tagħna. Nitkellem ma' diversi dilettanti tal-armar madwar Malta u kollha jsemmu xi wirt artistiku li ħallewna missirijietna u d-disinjatur Abraham Gatt. Filwaqt li forsi llum il-ġurnata qed naraw ħafna xogħol ta' armar u skultura li xi kultant aktar tweġġa' l-għajn milli ssebbaħ biċċa armar, pedestalli bħalma għandha din is-soċjetà bħal dak tal-inkurunazzjoni u anke tal-appostli jgħinuk tiskopri kemm xi kultant is-sempliċità tispikka ħafna aktar u tgħin tagħti aktar prominenza lill-istatwi li jkunu armati fuq dawn il-pedestalli. Kull meta ġejt biex nitkellem ma kwalunke artist li ħdimna magħhom matul dawn is-snin dan kien l-ewwel kliem tiegħi u l-bażi ta' tluq biex naħdmu disinn ġdid. Barra minn hekk, jiena naħseb li din is-soċjetà hija fortunata li għandha kwantità ta' statwi li għadu fi stat tajjeb u ta' livell ta' artistrija kbira.

### Bandalori ta' Triq Karmenu Ciantar

Għal din is-sena, l-artist Paul Falzon kompla ħadem fuq żewġ bandalori oħra għal Triq Karmenu Ciantar. Ta' min ifakkar li s-sena li għaddiet laħaq lesta bandalora oħra bil-pittura minn dan is-sett ta' tmien bandalori li jirrappreżentaw il-virtujiet tal-Madonna.



Il-bandalora li żżanznet is-sena li għaddiet fi Triq Karmenu Ciantar

### Restawr ta' statwi

Wara li tgħaddi l-festa u jitnaddaf l-armar kollu, nieħdu ħsieb li naraw x'hemm bżonn isir restawr fuq l-armar li għandna. Kważi kull sena nieħdu ħsieb li għall-inqas isir restawr fuq statwa waħda. Din is-sena l-artist is-Sur Andrew Bugeja ġie kkumissjonat biex jirrestawrawha l-istatwa ta' San Bartilmew. Barra minn hekk, is-Sur Emanuel Pace matul din is-sena, beda jaħdem fuq bankini ġodda għall-pedestalli li jiġu armati fil-pjazza.

### Strutturi ġodda li jintużaw fil-jiem tal-festa

Matul din is-sena Micheal Ghigo u Mario Ghigo ħadu ħsieb li jaħdmu xi strutturi ġodda tal-ħadid li ħa jgħinuna ħafna fil-jiem tal-festa. Struttura minnhom ħa tintuża biex intellgħu u nniżżlu l-arbli tal-festa, filwaqt



*Partitarji waqt twaqqif tal-arbli permezz ta' strutturi ġodda li nħadmu matul is-sena*

li l-istruttura l-oħra ħa tintuża waqt li nkunu qegħdin narmaw l-istatwi. Xi kultant minħabba l-fatt li jkun hemm kwantità ta' karozzi pparkjati fil-pjazza u toroq oħrajn ma jkunx possibbli li tarma kif trid. Dawn it-tip ta' għodda ħa jiffaċilitawlna ħafna waqt il-jiem tal-festa, minħabba l-fatt li barra li teħles minn tbatija żejda, dawn l-istrutturi jnaqqsu l-ħsarat li jiġu kkawżati waqt li qegħdin narmaw u l-aktar importanti nnaqsu perikli żejda.

### Proġetti ġodda

Kif ilkoll tafu, matul din is-sena, is-Sur Micheal Chetcuti għoġbu jirregala statwa ġdida mill-isbaħ lil din is-Soċjetà li tirrappreżenta x-xbieha tal-Esperanza Macarena u nkariga lili u lil din l-għaqda biex nkunu aħna li nieħdu ħsieb din l-istess statwa matul is-sena. Micheal wera xewqa wkoll li din l-istatwa tiġi armata matul il-jiem tal-festa. Din l-istatwa hija xogħol l-istawarju bravu s-sur Micheal Cutajar Zahra; statwa li min kellu l-opportunità li jaraha kulħadd baqa' mistagħġeb bis-sbuħija ta' din l-istatwa. Matul din is-sena tkellimt ma' diversi disinjaturi u bħalissa wasalna biex nibdew ix-xogħol ta' ingrandiment tad-dissin li ntagħżel. Il-ħsieb tagħna huwa li fis-sentejn li ġejjin tkunu tistgħu taraw din l-istatwa armata fil-jiem ta' matul il-festa fuq pedestall kif jixraq lil din l-istatwa.

Kif stajtu taqraw f'dan l-artiklu, din kienet sena impenjattiva oħra. Ta' kull sena qegħdin noħorgu volum konsiderevoli ta' armar ġdid. Dan l-armar kollu jinvolvi spejjeż kbar. Kif tafu, din l-għaqda tieħu ħsieb tħallas l-ispejjeż kollha li jkun hemm involuti u dan xi kultant huwa ta' uġigħ ta' ras kbira għalija. Matul is-sena norganizzaw diversi ikliet biex niġbru parti minn dawn l-ispejjeż. Għalhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha involuti li jgħinuna f'dawn l-ikliet. B'mod speċjali nirringrazzja lil ħija Kevin Camilleri, lill-*barman* Francis Vella u l-familja tiegħu, u s-Sur Louis Zammit. Nirringrazzja wkoll lil sħabi Robert Ghigo u Alex Falzon li jieħdu ħsieb il-ġbir u l-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Nirringrazzja lil dawk kollha involuti f'dawn l-attivitajiet u lilkom partitarji li tattendu, u li tifhmu li biex toħroġ din il-kwantità ta' armar hemm bżonn ta' għajnuna finanzjarja kbira.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd u nirringrazzja lil sħabi li mingħajr il-kontribut kbir tagħhom dawn il-proġetti żgur ma jsirux, lil dawk li jgħinuna fil-jiem tal-festa u lil dawk il-partitarji li ta' kull sena joffru l-inġenji tagħhom biex jiffaċilitaw il-ġarr tal-armar.

Finalment grazzi kbira tmur lill-Patruna tagħna Santa Marija.




*L-arma ġdida tal-Għaqda tal-Armar*



Is-sala tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba issa qiegħda tinkera għal diversi okkażjonijiet.

Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv.




Grills
Snacks
Pizza
House Specialities

8,
Church Square,
Mqabba

Tel: 79050724

Opening Hours:
Monday to Thursday
6.00pm till 11.00pm
Weekends from
6.00pm till late
& Sunday from
5.00pm till late



az
to
electronics
Look no further.

Attard & PAVI

www.atoz.com.mt

Tel: 2731-9555 / 2731-9444 Mob: 7731-9555 / 7731-9444

Laptops




LED TVs



Tablets



# Spettaklu varjat ta' logħob tan-nar sena wara oħra

**Josef Camilleri, Licensee tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija u President tal-Għaqda Piroteknika Maltija jikteb fuq is-sena impenjattiva tal-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà tagħna, u li l-ġimgħa tal-festa ser tkun imżewqa bi programm vast ta' logħob tan-nar.**

Is-sena tgħaddi malajr u f'radda ta' salib issib ma' wiċċek ix-xahar ta' Awwissu. F'dan iż-żmien ir-raħal tal-Imqabba tiġi ċċelebrata l-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija.

Però qabel inkompli nidħol aktar fil-fond f'dan l-artiklu ma nistax l-ewwel ma nsemmix lil seħibna Censu Galea (Is-Sulut) li għadda għall-ħajja ta' dejjem fil-11 ta' Jannar 2014. Din l-aħbar li seħibna Censu ħalliena biex mar fis-sema fejn Ommna Marija ħalliet lil kulħadd taħt xokk qawwi.

*Din l-aħbar li seħibna Ċensu ħalliena biex mar fis-sema fejn Ommna Marija ħalliet lil kulħadd taħt xokk qawwi. Bilfors li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tħoss in-nuqqas tiegħu bil-kbir.*



*Il-mibki Censu Galea (Is-Solot) li ħalla din id-dinja aktar kmieni din is-sena*

Bilfors li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tħoss in-nuqqas tiegħu bil-kbir. Censu kien kważi jagħmel il-porvli kollha ġol-Molazza, in-niċċa kollha, kaxxi tal-kulur, manutenzjoni tal-Kamra tan-Nar u jibqa' speċjalment imfakkar għall-kontribut li ta flimkien mal-antennati tagħna biex inbniet il-Kamra tan-Nar li llum l-għaqda għadha tgawdi. Censu kważi refa' l-ġebel kollu biex il-kamra setgħet tinbena.

Żgur li din it-telfa ta' seħibna Censu ser tibqa' tinħass għal żmien twil. Lil Censu l-għaqda tan-Nar anke ħarqitlu salut fil-funeral u dan żgur li kien jixraqlu. Jiena, flimkien ma' sħabi, ma ninsewx lanqas il-mumenti sbieħ li għaddejna fil-kamra tan-nar ma' Censu li dejjem kien ikun minn ta' quddiem fiċ-ċajt tiegħu, iżomm atmosfera ferrieħa fil-kamra tan-Nar. Pero` żgur li Censu qed jitlob għalina fejn Omnna Marija Assunta li huwa wkoll tant kien iħobb. Però issa l-ħajja trid tkompli u għalhekk f'isem l-Għaqda tan-Nar irrid nagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familja tiegħu.

Jekk inħarsu lejn is-sena 2013 nistgħu ngħidu li kienet sena oħra impenjattiva għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba. Wara li għaddiet il-Festa tas-sena l-oħra l-grupp inġbarna flimkien sabiex infasslu l-programm għas-sena 2014. Kif jaf kulħadd l-ispejjeż huma kbar, għalhekk inħeġġukom biex bħalma dejjem għamiltu, terġgħu tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom sabiex bħal snin oħra nerġgħu ntellgħu programm ta' Nar kif jixraq lil Ommna Vergni Marija.



*Murtali waqt il-proċess ta' tnixxif fil-post tan-Nar*

Għalhekk aħna irridu nkomplu fuq dak li bdejna u għal dan l-għan ġew preparati għal matul il-ġimgħa kollha tal-Festa, settijiet ta' murtali tal-beraq pront u kulur, murtali bil-logħob, blalen, sfejjer, bebbux bil-beraq u kulur li anke jduru tliet darbiet, forom anke jduru bin-nar li jiġu maħruqa fl-ajru li l-għaqda tagħna




# J. GAFF SERVICE STATION

**Luqa Road, Qormi**
**Tel: 2144 5717 • Mob: 7904 7111**
**email: jgaff@maltanet.net**

***Car Wash Self Service 24Hr, Fuel Station, Car Products & Car Sales***

Ħinijiet mit-Tnejn sal-Ġimgħa 6.00a.m - 6.00p.m u
Is-Sibt mis-6.00a.m - 2.00p.m



Baraxx tipiku fl-Lejliet il-Festa Titulari ta' Santa Marija

hija magħrufa għalihom. Ma' dawn hemm murtali tal-kulur. Ma' dawn ma nistax ma nsemmix ukoll il-ħarqa ta' Nar tal-Art Mekkanizzat li ssir lejlet il-festa li l-għaqda tagħna hija tant rinomata għaliha. Barra minn hekk, lejliet il-festa jiġi organizzat spettaklu ta' Nar sinkronizzat mal-mużika flimkien ma' murtali tradizzjonali li f'Malta u Għawdex, il-piroteknići tant magħrufin għalihom.

Nixtieq li l-poplu Mqabbi japprezza s-sagrifiċċji li kull wieħed u waħda minna l-piroteknići ngħaddu minnhom fil-ħidma tagħna, speċjalment il-ħafna ħin 'il bogħod mill-familji tagħna kif ukoll il-perikli li nkunu mdawrin bihom waqt il-ħidma tagħna. Nixtieq ukoll, f'isem l-Għaqda tan-Nar Santa Marija, nifraħ lil sħabi kollha li huma membri fl-Għaqda tan-Nar tal-Art li daħħlu raddiena tikkompeti fil-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti u ġejna wkoll iddikjarati bħala rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni.

Grazzi mill-qalb lil sħabi li mlew din l-għaqda bl-aqwa unuri Nazzjonali u Internazzjonali. Qabel nagħlaq irrid nirringrazzja mill-qalb lill-membri kollha ta' din l-Għaqda li sajf u xitwa dejjem jaħdmu biex inkunu nistgħu ntellgħu dawn l-ispettakli hekk kbar. Nirringrazzja wkoll lill-Kumitat Eżekuttiv tal-koperazzjoni kbira li dejjem sibna min naħa tagħhom, lill-partitarji u l-membri kollha ta' din is-Soċjetà hekk ħabrieka li dejjem sibna l-għajnuna tagħhom u persważ li ha nibqgħu nsibu. Il-gratitudni tiegħi tmur ukoll lejn il-kappillan u l-kleru ħabrieki li għandna ġewwa raħalna.

Nirringrazzja wkoll lil Wenzu Ellul tal-Elbros u lil ħutu tal-għajnuna li dejjem insibu min-naħa tagħhom. Ma naħsibx li għandi kliem biżżejjed biex inkun nista' nirringrazzjahom. Irrid nirringrazzja wkoll lill-benefatturi kollha mill-qalb, kif ukoll lis-sidien tal-għelieqi li dejjem tawna permess nużaw ir-raba' tagħhom.

Ringrazzjament imur ukoll lis-Sindku Nicky Briffa u l-kunsilliera kollha tal-għajnuna li dejjem sibna min-naħa tagħhom, kif ukoll lill-korp tal-Pulizija li taħt is-Supretendent Sandro Gatt u l-ispettur Kevin Pulis dejjem sibna għajnuna kbira min-naħa tagħhom meta aħna tlabniha. Nirringrazzja wkoll lill-kumitati tal-Fergħa Nisa, Sezzjoni Żgħażagħ eċċ. li kollha dejjem kienu ta' għajnuna, u lis-Surmast Direttur tal-Banda u l-bandisti kolla tal-marci u l-programm sabiħ fil-gimgħa tal-Festa. Jekk insejt insemmi lil xi ħadd żgur li mhux b'intenzjoni u jekk dan hu l-każ, niskuża ruħi bil-quddiem.

Grazzi lill-Imqabbin kollha u lil ħutna Maltin u Għawdxin li jiġu jżuruna ġewwa raħalna fil-Festa ad unur l-Assunta.

Għeżież soċji u partitarji, inħeġġiġkom sabiex kif dejjem ghamilna nieħdu pjaċir flimkien fil-Festa tagħna u nuru rispett kif dejjem ghamilna u nagħtu eżempju kif għandha tiġi ċċelebrata festa ġewwa raħalna.

Għażiża Ommna Marija  
Ahna wliedek inħobbuk  
Għax bħal Ommna dejjem smajtna nitolbuk  
Inti dejjem hemmhekk qiegħda  
Biex tħarisna mit-tiġrib  
Għalhekk inti Santa Marija  
Patruna tal-Imqabbin  
Aħna lilek tant inħobbu  
U nsellmulek b'kull tifħir  
Grazzi Santa Marija Patruna Universali



Il-Logħob tan-Nar huwa tradizzjoni kbira fl-Imqabba


Imqabba Road, Siggiewi
Mob: 99486437
Gabba
auto tint
Vast Range of Car Accessories | Tinted Glass Installation
Computer Cut Stickers | Steroes & Car Audio Equipment
SALE!
€49.99
Pioneer
New 2013 Pioneer Model
USB, Aux-in, iPod, iPhone, Android smartphone - MVH-150ui
AVH-X7500bt
€499
JVC
SONY
KW-AVX746
€499
Sony CDX-GT610 €135
Pioneer
TS-A6923i
400 Watt
€79.99
Mutant Sub + AMP + Wirekit
€185
Sony CDX-GT710 €155
Xplod
XS-GTX6931
€115
XM-GTX6021
400 Watt €130
XM-GTX6041
600 Watt
€170
SONY
Xplod
JVC
Pioneer
Panasonic


ST. MARY FIREWORKS FACTORY MQABBA
presents
FOUNTAINS
OF LIGHT
14th AUGUST
9:30PM
MQABBA BY-PASS
PYROMUSICAL DISPLAY
TRADITIONAL MALTESE SHELLS
GROUND FIREWORKS (IRDIEDEN)
Attend fuq facebook
@santamarija
www.facebook.com/santamarija
www.santamarija.com
St. Mary
FIREWORKS FACTORY

POLIDANO

DELIVERING
LANDMARK DEVELOPMENTS
AND CRITICAL INFRASTRUCTURE
FOR OVER 30 YEARS

www.polidano-group.com
info@polidano-group.com

**Josef Camilleri**

# Il-piroteknići Maltin għandhom talent kbir

Bħala President tal-Għaqda Piroteknika Maltija li f'Jannar li għadda erġajt ġejt fdat din il-kariga għal sentejn oħra flimkien ma' sħabi tal-Kumitat preżenti, nirringrazzja lil dawk il-membri li taw is-servizz tagħhom f'isem l-Għaqda Piroteknika u li llum il-ġurnata ma għadhomx membri. Grazzi.

Nifraħ ukoll lill-piroteknići sħabi kolla Maltin u Għawdxin għall-kapaċità li wrew fil-festi tagħhom li diġà ġew iċċelebrati. Nawgura wkoll lil min għad irid jaħraq in-nar wara li ġie ppubblikat dan il-messaġġ. Inħeġġeġ lil kulħadd sabiex bħalma dejjem għamilna fl-imgħoddi dejjem nosservaw il-liġijiet. Wara kollox ma nistax nagħlaq dan il-messaġġ mingħajr ma nitlob lill-wisq għażiża l-Vergni Ommna Marija biex bħalma dejjem għamlet iżżomm taħt il-mant tagħha u teħles lilna u lill-familji tagħna minn kull periklu speċjalment lil dawk li jkunu fil-kmamar tan-Nar sewwa fl-Imqabba kif ukoll dawk madwar Malta u Għawdex.



*Il-Licensee tal-Għaqda tan- Nar Santa Marija, u l-President tal-Għaqda Piroteknika Maltija, is-Sur Josef Camilleri*

Il-*Licencee* tal-Kamra tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba is-Sur Josef Camilleri f'isem l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba jixtieq jirringrazzja lis-Sur Kevin Saliba, *Licencee* tal-Kamra tan-Nar Madonna tal-Ġilju, u lil sħabu tal-istess Għaqda tan-Nar Madonna tal-Gilju tal-istedina li saritilna biex inżuru l-Kamra tan-Nar tagħhom. Il-Laqgħa kienet waħda kordjali ħafna u grazzi mill-qalb lil ħutna li jaħdmu nar ġewwa l-Kumpless Madonna tal-Ġilju ġewwa raħalna. Jalla l-Madonna żżomm idejha fuqna li naħdmu nar u tħarisna minn kull tiġrib sew lill-Imqabbin u anke lil ħaddiema oħrajn, kemm Maltin u anke Għawdxin.

Grazzi mill-qalb

**Nota mill-Bord Editorjali**

Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw lill-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar kif ukoll lil kull min għen sabiex jittella' dan il-programm vast ta' logħob tan-nar. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar u wkoll waqt il-ħruq.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Kampjonat Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li sar fl-2006 fil-Port il-Kbir, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata wkoll bir-rebħ tal-Kampjonat Dinji tan-Nar 'Caput Lucis' f'Ruma, l-Italja. Fl-2010 l-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija rebħet il-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art fuq il-Fosos tal-Furjana.





















TITULAR












**CHEYENNE**

AUTO MECHANIC GARAGE

REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES

**Christian Mifsud**
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420

(C)TRONICS

Blue Grotto Avenue Zurrieq

Opening Hrs
Mon-Fri 4.00 Pm—7.00 Pm
Sat 9.00 Am—12.30 Pm

For appointments Call on
T: 21642744 M: 79478259

Digital Decoders
Android Box

Repairs On Notebooks
Repairs On Pc Systems
Format / Repairs
Notebook Upgrades
Pc Upgrades
Virus Removal

**Best Prices on Pc's Notebooks & Netbooks**

Asus
Intel 2117u
4GB 500GB
Intel HD
HD / DvDrw
Webcam
Wifi
Win 8
€ 465.00

Packard BEll
Intel i3
4GB 500GB
Intel HD
HD / DvDrw
Webcam
Wifi
Win 8
€ 495.00

HP
Intel B960
4GB 500GB
Intel HD
DvDrw
Webcam
Wifi
Win 8
€ 549.00

HP Probook
Intel i5
6GB 750GB
Intel HD
DvDrw
Webcam
Wifi
Win 7 / 8 pro
€ 799.00

HP
Intel i3
4GB 500GB
Intel HD
DvDrw
Webcam
Wifi
Win 7 / 8 pro
€ 695.00

SONY make.believe

Computer System
Intel Core i3
4GB DDR III 500GB HD
Nvidia GT620
SuperMulti DVD
Starting From € 425.00

TP-LINK

HP warranty Upgrade
€ 25.00 for 3 years

Tablets Starting from
€ 135.00

Canon

Digital Cameras
From € 65.00

Dvd Players
Headphones
Notebook
Bags
Tablets
Pendrives

All in one Printers
starting from € 65.00

Student Smartcard
Accepted

*Għaqda Nar tal-Art*

# Unur ieħor permezz tal-ewwel reddiena tridimensjonali f'raħalna

**Matthew Ellul jikteb dwar is-sena ta' ħidma fi ħdan l-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija b'enfasi fuq l-ispettaklu ewlieni ta' lejlet il-festa, u jitkellem fuq ir-rebħ tal-Premju tal-Artiġjanat Malti.**

Għal darb'oħra reġa' wasal iż-żmien biex niċċelebraw il-festa wisq għażiża għalina l-imqabbin kif ukoll biex naħsdu l-frott ta' din is-sena impenjattiva ferm fejn il-preparamenti tista' tgħid li ma waqfu xejn, u għalhekk għal darb'oħra erġajt ġejt mitlub biex nikteb dan l-artiklu biex fil-qosor nispjega kif kienet din is-sena ta' preparamenti kontinwi, kif ukoll difersi punti oħra fosthom ix-xogħol li sar minn din l-għaqda matul din is-sena minkejja l-problemi li ta' kull sena nistgħu nħabbtu wiċċna magħhom.

*Għal din il-fergħa din kienet it-tieni rebħa wara li f'2010 rbaħna l-festival nazzjonali tan-nar tal-art ġewwa l-Furjana*

Proprju kif għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, bħas-snin l-imgħoddija beda xogħol ta' ippustjar u ta' tindif tal-irdieden li ġew armati kif ukoll it-tindif tal-imħażen, biex b'hekk kollox jerġa' jirritorna f'postu u fl-ordni. Wara dan erġajna ltqajna flimkien biex noħolqu pjan għall-festa tal-2014 kif ukoll pjan tal-esebizzjonijiet tan-nar li aħna konna ser nagħmlu għal barra minn raħalna biex jinġabru l-fondi mistħoqqa biex jitħallas il-materjal meħtieġ għal-ġimgħa tal-festa, għax kif jaf kulħadd barra xogħol manwali dan id-delizzju tagħna jirrikjedi spejjeż finanzjarji mhux ħażin. L-ewwel wirja ta' nar li aħna għamilna kienet l-istess bħal tas-sena ta' qabel ġewwa l-Valletta Waterfront fl-okkażjoni tat-tluq ta' żewġ bastimenti bl-isem ta' Meinschiff għall-aħħar vjaġġ tagħhom minn ġewwa pajjiżna għall-iskeda tas-sajf. It-tieni esebizzjoni kienet nhar id-9 ta' Frar ġewwa l-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl, fejn ġejna mistiedna biex nagħmlu l-ħarqa tan-nar tal-art, iżda l-ħarqiet li kellna wara din kienu pjuttost ftit differenti is-soltu billi produċejna diversi stoppini, sbruffaturi u effetti u vari oħra fejn dawn ġew użati f'avvenimenti differenti madwar Malta kif ukoll f'diversi festi.

Wara dan kollu reġgħet inħasset il-ħtieġa li nagħmlu diversi manutenzjonijiet ġewwa l-maħżen li għandna f'raħalna kif ukoll f'dak li jinsab ġewwa l-post tan-nar.



*Nar tal-art armat f'Lejliet il-Festa Titulari ta' Santa Marija*



*L-Unur Ġieħ l-Artiġjanat Malti mirbuħ mill-Għaqda Nar tal-Art*


DAVID'S
healthy sliced bread
DAVID'S
BAKERY • GOZO
freshly baked daily
WHITE
SLICED BREAD
OUR SLICED BREAD IS FREE FROM
LACTOSE
SOYA
GMO
Wholemeal
Melon
Fruit & Fibre
White
Nettle
Multigrain
Multiseed
DAVID'S
BAKERY
GOZO
You can find our products at leading supermarkets and grocers in Gozo and Malta.
For further information call us on (+356) 21 555 655 or email: davidmercieca@onvol.net

Tnaddfet ukoll parti żgħira oħra maġenb dan il-maħżen biex inkunu nistgħu niffaċilitaw aktar ix-xogħol tagħna kif ukoll naħdmu aktar b'kumdità. Ġewwa l-maħżen ta-post tan-nar ġiet installata wkoll struttura ġdida biex meta nar ikun lest dan ikun jista' jiġi organizzat u ppustjat ukoll skont il-ħtieġa.

Sar pjan ukoll biex fil-maħżen li għandna ġewwa r-raħal, issir struttura oħra biex din id-darba jkun imiss l-arbli u xi għodod oħra li jintużaw għall-armar tan-nar tal-art matul il-ġimgħa tal-festa li jiġu ppusstjati kif xieraq. Dan il-proġett għandu jkun lest sa ftit ta' xhur oħra. Wara dan, għall-ħabta ta' Novembru beda wkoll ix-xogħol tal-porvli li jintuża għal diversi prodotti li jintużaw għan-nar tal-art wara li kien inħaraq iż-żarġun għall-faħam.

Kif tlesta l-porvli bdew ukoll diversi xogħlijiet oħra fosthom il-brim tal-funtani, gassijiet u tal-vajina, kif ukoll xogħol fuq tafal, taħlit tal-gassijiet u tal-funtani tal-kulur. Wara dan bdejna l-proċess tal-ikkargat tal-funtani tal-kulur, tal-gassijiet u tal-funtani tal-provli fejn dawn il-proċessi ħadu ftit xhur mhux ħażin. Waqt dawn il-preparamenti kien hemm ukoll preparamenti oħra fuq diversi rdieden u ngranaġġi.

B'diqa kbira ma nistax ma nsemmix it-telfa kbira ta' wieħed minn sħabna li ħalliena nhar il-11 ta' Jannar ta' din is-sena. Din il-persuna m'hu ħadd ħlief is-Sur Ċensu Galea li kien magħruf magħna bħala solot. Permezz ta' dan l-artiku f'ismi u f'isem sħabi nixtiqu nagħtu l-kondoljanzi lill-qraba tiegħu kif ukoll nirringrazzja lil din il-persuna tax-xogħol li wettaq ġewwa l-post tan-nar tagħna.

Lil Ċensu tista' tgħid li dejjem kont issibu minn tal-ewwel biex jgħin f'kollox u lil kulħadd. Għal żmien twil ħafna Ċensu barra li kien jagħmel kaxxi tal-kulur, kien jagħmel ukoll il-miċċa, prodott importanti ferm fil-qasam tan-nar tal-art. Ċens, f'ismi u f'isem sħabi nixtiequ nirringrazzjawk ta' dak kollu li għamilt magħna u għall-festa tagħna, kif ukoll inwiegħduk li ser tibqa' f'qalbna u m'aħna qatt ser ninsew lilek u liċ–ċajt li kont tagħmel biex tferraħna. Ċens, għal darb'oħra ngħidulek grazzi u strieħ fis-sliem ma' Santa Marija, dik li tant kont tħobb, ħabib.

Minn banda l-oħra mumenti ta' ferħ matul din is-sena għal din il-fergħa fis-soċjetà tagħna tfaċċaw ukoll permezz tar-rebħ tal-premju tal-artiġġjanat Malti fejn klassifikajna fl-ewwel post permezz ta' reddiena li żżanżnet għall-ewwel darba s-sena l-oħra propju fil-ħarqa ta' lejljiet il-festa, li ta minn wieħed jgħid li din ir-reddiena qanqlet ukoll interess partikolari minħabba l-fatt li din kienet l-ewwel waħda tax-xorti tagħha ġewwa raħalna jiġifieri bi tliet dimensjonijiet.

Għal din il-fergħa din kienet it-tieni rebħa wara li fl-2010 rbaħna l-festival nazzjonali tan-nar tal-art ġewwa l-Floriana. Permezz ta' din ir-rebħa ġie organizzat ukoll marċ li dar mat-toroq ta' raħalna filwaqt li wara sar riċeviment ġewwa s-sede tagħna. Bis-saħħa ta' dan il-premju, l-għaqda tan-nar tal-art setgħet tagħti somma flus lill-kumitat ċentrali biex din is-somma tkun parti mill-ħlas ta' *lift* ġdid li għandu jiġi nstallat ġewwa l-każin.

Għall-festa ta' din is-sena mistenni li jkollna programm varjat u sabiħ ta' nar tal-art fejn fi ħruġ il-vara min-niċċa u f'kull tridu mistenni li jkollna madwar 9 biċċiet nar tal-art f'kull darba, iżda wkoll fil-ħarqa tal-lejliet il-festa mistenni li jkollna madwar 20 biċċa nar tal-art. Minn hawn nixtieq nieħu l-opportunità biex nistieden lill-poplu kollu tal-Imqabba u anke lid-dilettanti kollha Maltin biex jattendu għall-ispettakli kemm tal-art kif ukoll tal-ajru li aħna għandna preparati għalikom biex b'hekk tgawdu din is-sena xogħol kontinwu u preparamenti flimkien magħna.



*Marċ mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tar-rebħ tal-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2013*

Nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-kumitat ċentrali tas-sapport li dejjem sibna, kif ukoll lir-residenti ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju, propju fejn jinħaraq in-nar tal-art matul il-ġimgħa tal-festa, kif ukoll lir-residenti tal-madwar u residenti li joqogħdu fil-viċinanzi tal-maħżen tagħna għal kull tip ta' nkonvenjent li dawn jista' jkollhom matul il-ġimgħa tal-festa.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk l-individwi li ta' kull sena jiġu jarmaw l-irdieden tagħhom jew jgħinu fl-armar tal-irdieden, kif ukoll lil dawk il-benefatturi li sena wara sena joffru xi tip ta' għajnuna kif ukoll self ta' għodod, krejnijieet, makkinarju, vannijiet, eċċ għax mingħajr dawn il-benefatturi dawn l-ispettakli ma jkunux jistgħu ikunu possibbli mingħajr l-għajnuna tagħhom. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk is-soċji u partitarji li ħadmu fil-qasam tan-nar tal-art qabilna biex dejjem żammew isem is-soċjetà u isem raħalna fl-ogħla livell. L-aħħar u mhux lanqas nixtieq nirringrazzja wkoll lill-familjari tagħna li sena wara sena jieħdu paċenzja bina u jagħtuna appoġġ kbir matul is-sena kollha minkejja li ma rridux ninsew l-element ta' perikolu li delizzju tagħna jġib miegħu.

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu billi nappella lill-ispettaturi li jkollna matul il-ġimgħa tal-festa waqt il-ħruq tan-nar, biex jikkoperaw magħna u mal-pulizija u jobdu l-ordnijiet mogħtija biex b'hekk ma jkollniex inċidenti bla bżonn u b'hekk kulħadd jieħu gost.

Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha b'divertiment u qima reliġjuża mingħajr l-ebda nsulti lejn ħadd biex inkunu poplu li nagħtu eżempju. Inħeġġeġ lill-partitarji biex jattendu wkoll għall-funzjonijiet imħejjija ġewwa knisja u mhux fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra biss, biex b'hekk tkun festa vera kompluta b'kollox.

Viva Santa Marija Patruna tagħnal-Imqabbin.

# Programm Festi Esterni

## L-Erbgħa 30 ta' Lulju

*Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00pm** Mixegħla tal-knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

*Matul il-Ġranet tal-Kwindiċina*

**8.00pm** Mixegħla tal-faċċata tal-knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## Il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu

*Inawgurazzjoni ta' Statwa Ġdida*

**8:00pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur taghha Mro. David Agius tagħmel marċ minn quddiem il-Każin sa Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

**8:30pm** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V u l-inawgurazzjoni tal-istatwa l-ġdida mill-aħwa Ellul (Ta' Katrinu)

## Is-Sibt 9 ta' Awwissu

*Jum il-Ħruġ tal-Istatwa*

**7.30pm** Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet Marjani. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbija, is-Sinjorina Francesca Farrugia. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ninġabru lkoll fil-knisja għal funzjoni qasira.

**8.30pm** Wara l-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-ewwel marċ tagħha li jibda mill-Pjazza tal-Knisja.

## Il-Ħadd 10 ta' Awwissu

*Jum il-Banda*

**8.30pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel marċ qasir u wara tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier taħt il-Patroċinju tal-E.T. Marie-Louis Coleiro Preca President tar-Repubblika. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti, soċji, benefatturi u partitarji kollha.

## It-Tnejn 11 ta' Awwissu

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## It-Tlieta 12 ta' Awwissu

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi taħt id-direzzjoni ta' Mro. Archibald Mizzi tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## L-Erbgħa 13 ta' Awwissu

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tibda l-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji.
Wara l-marċ jingħata bidu għal spettaklu kbir li jinkludi filmati awdjoviżivi u spettaklu ta' dwal, karti u nar sinkronizzati mal-mużika fil-Pjazza quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

## Il-Ħamis 14 ta' Awwissu

*Lejlet il-Festa*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius.
Tibda marċ mat-toroq tal-Imqabba.

**8.00pm** Programm Strumentali mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. John Galea.

**10.00pm** Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius.
Tesegwixxi Programm Strumentali ġewwa l-pjazza tar-raħal.





## Il-Ġimgħa 15 ta' Awwissu

*L-Għid tal-Assunta*

**1:00pm** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro. David Agius tibda l-marċ popolari minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju sal-Pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq tal-Ave Marija u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbija Francesca Farrugia. Wara il-banda tkompli b'marċ qasir.

**9:00pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-Kav. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro. Herman Farrugia Franz. Wara l-istess banda tkompli bil-programm ta' innijiet bis-sehem tas-sopran Francesca Farruga u l-kantanta Roberta Mallia.

**10.30pm** Wara r-ringrazzjament ġewwa l-knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Re Ġorġ V mmexxija minn Mro. David Agius tkompli tallegrana b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa 22 ta' Awwissu

*L-Ottava tal-Festa*

**7.30pm** Mixegħla tal-faċċata tal-knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.
Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' kant u divertiment quddiem il-Każin.

# Minn fejn se jgħaddi l-Marċ

Għal darba oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-Festa Titulari ta' Santa Marija. Però qabel ma nagħtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## Il-Ġimgħa 8 ta' Awwissu

***Inawgurazzjoni ta' Statwa ġdida fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti.***

**8:00pm** Il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħmel marc li jibda minn quddiem il-Kazin tas-Soċjetà għal Triq Santa Katerina għall-Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

**8:30pm** Programm Vokali u Strumentali.

## Is-Sibt 9 ta' Awwissu

***Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-zuntier***

**7.30pm** Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk: Triq il-Parroċċa, Triq id-Duluri, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Aħwa Ghigo, Triq il-Barumbara, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq is-Sejba, Misraħ il-Ġublew tad-Djamanti, Triq iż-Żurrieq, Triq it-Torba, Triq l-Ispnar, Triq il-Familja Brancati, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Mentna, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Misraħ il-Ġublew tad-Djamanti, Triq Santa Katarina, Triq il-Pal, Triq it-Troll, Triq il-Mitħna, Triq Santa Katarina, Triq Santa Marija, Triq iċ-Ċavi, Triq San Innoċenzju, Triq Santa Katarina, għall-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd 10 ta' Awwissu

***Jum il-Banda***

**8.15pm** Jerġa' jmiss lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. David Agius, tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali annwali tagħha.

## It-Tnejn 11 ta' Awwissu

***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

**8.15pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, Triq San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Qattara, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Xandru Farrugia, Triq M.A. Caruana, Triq il-Ħajt tal-Matla, Triq Ħal Kirkop, Triq in-Nazzarenu, Triq Dun Ġerald Mangion, Triq Mikiel Zammit, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Katakombi, Triq Dun Ġerald Mangion, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Kileb, Triq iċ-Ċavi, Triq Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin.

## It-Tlieta 12 ta' Awwissu

***It-Tieni Jum tat-Tridu***

**8.15pm** Il-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi taħt id-direzzjoni ta' Mro. Archibald Mizzi tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi kif ġej: Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Aħwa Ghigo, Triq il-Barumbara, Triq ix-Xriek, Triq il-Mitħna, Triq it-Troll, Triq is-Sejba, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Murselli, Triq Ħal Kirkop, Triq is-Saljatura, Triq il-Qrendi, Triq Santa Katarina, Triq San Innoċenzju, Triq iċ-Ċavi, Triq Santa Marija, Triq Santa Katarina, Triq il-Kileb, Triq Mikielanġ Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

## L-Erbgħa 13 ta' Awwissu

***It-Tielet Jum tat-Tridu***

**8.30pm** Il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir

u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk: Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Fjuri, Triq il-Parroċċa mit-tarf, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

## Il-Ħamis 14 ta' Awwissu

*Lejlet il-Festa*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ minn Triq il-Pal u jkompli hekk: Triq it-Troll, Triq is-Sejba, Triq Santa Katarina, Triq San Innoċenzju, Triq Mikiel Anġ Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

**8.00pm** Il-Banda King's Own taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Galea tesegwixxi programm strumentali quddiem il-Każin u wara tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Parroċċa, Triq id-Duluri, Pjazza tal-Knisja u jintemm fi Triq Karmenu Ciantar.

**10.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa 15 ta' Awwissu

*L-Għid tal-Assunta*

**1.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali li jibda minn quddiem il-Każin u jgħaddi minn Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa u għal fejn il-Każin.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa għall-Pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M, flimkien mas-Sopran Francesca Farrugia, issellem lill-Istatwa bl-Ave Marija.

**9:00pm** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi eks-Surmast il-Kav. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro. Herman Farrugia Franz. Wara, bis-sehem tal-istess kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess banda tkompli bil-Programm ta' innijiet Marjani bis-sehem tas-sopran Francesca Farrugia u l-kantanta Roberta Mallia sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq tal-Ave Marija.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-Banda Re Ġorġ V tagħlaq il-festa b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.





Aqra Iktar Kotba
Qalb ta' Omm
€10
Meta d-Dmugħ ma Jinxifx
€10
Tlett Ħbieb
€10
€10
€10
Taħt il-Ħarruba
€10
Vari ta' Malta u Għawdex
€15
€3.50
€10
Duminku Mintoff
l-Ekonomija ta' Malta
€15
€10
Namra
€4
€15
DUMINKU MINTOFF
U
KARMENU MIFSUD BONNICI
€15
€6.50
Malta
€10
Malta's Struggle for Survival
€10
MALTA
€6.50
MINTOFF
SANT
€15
DUMINKU MINTOFF
€45
€20
Iż-Żiju Frans
€5
PRIM MINISTRI
€7.50
TRIQ ID-DEJQA
Nru. 313
€10
€15
PRIESTS
and POLITICS
in MALTA
€10
DUMINKU MINTOFF
MONS. MIKIEL GONZI
€45
€45
€8.50
Il-Vatikan
€12
DOM Book Distributors
Tel:2768 1916 Mob: 7768 1916
E-Mail domdistributors@gmail.com
FREE DELIVERY
we
DESIGN
PUBLISH
PRINT
DISTRIBUTE

# Programm
# Vokali u Strumentali
*10 ta' Awwissu 2014*

| | |
|---|---|
| **Innu Malti**<br>Mal-wasla tal-President | R. Samut |
| **Innu lil Raħal Twelidi** | Anthony Camilleri |
| **Omaggio A Giorgio V** | David Agius |
| **Olimpic Spirit** | John Williams<br>Arr. Alfred Farrugia |
| **Music from Braveheart** | James Horner |
| **Homage to the President** | David Agius |
| **Tragedy**<br>Tkanta Federica Falzon | Arr. J.D. Zammit |
| **Chanson D'Amour**<br>Adattat għas-sax tenur solist is-Sur Victor Galea | Wayne Shanklin<br>Arr. Josef Grech |
| **O Sole Mio**<br>Ikanta Ludwig Galea | G. Capuro /E. Di Capua<br>Arr. Luciano Apap |
| **Music from the Incredibles** | Michael Giacchino |
| **I want to spend my lifetime loving you**<br>Ikantaw Ludwig Galea and Federica Falzon | James Horner<br>Arr. Josef Grech |
| **Santana Selection** | Arr. Giancarlo Gazzani |
| **Innu March Marija Assunta** | Leonard Farrugia |
| **Innu tal-Banda** | Anthony Camilleri |



# Cassar Florist

## (taz-zizzu)

***For your Wedding Flowers, Holy Communion, Head Dresses, Engagement Parties, funerals, bouquets for feasts, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions***



5% discount on total wedding flowers, souvenirs & invitations

**Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq (near Aida Hall)**
**Tel: 2164 0501 / 9946 7457 / 9989 7385**

*Il-familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha!*

# Programm tan-Nar

## L-Erbgħa 30 ta' Lulju

*Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali wara l-funzjoni tal-Kwindiċina tinħaraq kaxxa infernali u murtaletti.

## Il-Ġimgħa 8 ta' Awwissu

*Inawgurazzjoni ta' Statwa Ġdida*

**8:45pm** Mal-inawgurazzjoni tal-istatwa tinħaraq musketterija, kaxxa infernali u wara jkomplu ħruq ta' beraq u kulur.

## Is-Sibt 9 ta' Awwissu

*Ħruġ tal-Istatwa Titulari fuq iz-Zuntier*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-Zuntier isir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

## It-Tnejn 11 ta' Awwissu

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-Barka Sagramentali fi tmiem il-funzjoni tat-Tridu jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ u wirja ta' logħob tan-nar tal-art.

## It-Tlieta 12 ta' Awwissu

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## L-Erbgħa 13 ta' Awwissu

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ħamis 14 ta' Awwissu

*Lejlet il-Festa*

**9.30am** Mad-daqq tat-*Te Deum* ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tat-Tranżulazzjoni jkun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u wirja kbira ta' settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir u innovattiv ta' logħob tan-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika li jinkludi salut, bombi sinkronizzati, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari u l-Funtana tan-Nar, settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur. Ix-xogħol sinkronizzat se jinħaraq bis-sistema kompjuterizzata *Fire One*.
**11.30pm** Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art oriġinali u mekkanizzat.

## Il-Ġimgħa 15 ta' Awwissu

*L-Għid tal-Assunta*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjat mid-daqq tas-sirena, segwit minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni bl-istatwa titulari u artistika ta' Santa Marija mnaqqxa fl-injam u mogħnija b'pedestall tal-fidda, jiġi sparat salut. Hekk kif l-istatwa devota tal-Patruna tal-Imqabba toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-'Ave Maria', tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li se tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor u li tkun maħruqa bis-sistema kompjuterizzata *Fire One*. Wara l-kaxxa infernali jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni titulari.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema* wara li l-istatwa titulari tkun waslet quddiem is-sede tas-Soċjetà Santa Marija, isir ħruq ta' kaxxa infernali, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Hekk kif il-purċissjoni bl-istatwa tal-Patruna tal-Imqabba tkun se tidħol, isir ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur. Wara, fil-knisja, tingħata l-Barka Sagramentali flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lil Santa Marija.

## Il-Ġimgħa 22 ta' Awwissu

*L-Ottava tal-Festa*

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tar-repożizzjoni jinħarqu musketterija.

DOLCERIA CROCE BONACI

Office: Dolceria Croce Bonaci - 32 • St. Ursula Street • Valletta
T 2122 5924 F 2123 7753

Shop: Cafeteria - 24 • St. John Street • Valletta
T 2124 7933 E info@crocebonaci.com
www.crocebonaci.com

# All inclusive Quotation

## Wedding Cake Table

Wedding Cake
Side Cakes
Ice-Cream
Pasta Reale
Biskuttini
Pastini di Mandorla
Eclairs
Kannoli
Brioche
Fruit Flans
Roma
Diplomatica
Perlini
Toffee

## Beverages

Heineken
Cisk
Hopleaf
Pepsi
Diet-Pepsi
7-Up
Diet 7-Up
Kinnie
Diet Kinnie
Orange Juice
Pineapple Juice
Bitter Lemon
Tonic
Soda Water
Still Water
Fizzy Water
Lime Squash

## Finger Items

Shrimps & Chicken Vol-au-vent
Caviar & Salmon Canape'
Asparagus in ham
Stuffed Olives
Stuffed Eggs
Stuffed Artichokes
Hamroll Mayo
Rainbow Sandwiches
Panini with Tuna

Quiche Lorraine
Qassatat Rikotta
Qassatat Peas
Pizza
Cornish Pies
Maccaroni Cubes

Arancini
Meat Balls
Gammon Trays
Beef Trays
Pork Trays
Angels on Horse Backs

Beef Satays
Chicken Satays
Wontons
Thai Veg. Samosa
Spring Rolls

Crab Meat
Octopus in Garlic
Marinated Mussels
Shrimp Boats
Scampi in Panura
King Prawns

## Free

### Gateaux Table

Pineapple
Peach
Kiwi
Chocolate
Strawberry
Black Forest
Apple Pie
Swiss Rolls
Gateaux St. Honore
Lemon Meringue
Cheese Cakes
Profiterols
Cassatella Siciliana

### Coffee Table

Coffee
Dates
Chocolate Balls

## Fruit Kebabs

## Staff Inclusive

Head Waiter
Waiters
Chefs
Kitchen Helpers
Barmen

## Free Overtime

In the evening free overtime till midnight
in the morning free overtime till 16:00hrs

• Cooler Van, Ice, Cutlery, Transport & Laundry - FREE
• This Quotation includes the Wedding Cake Table, Sweets, 32 Finger food items, Fruit Kebabs, Beer, Soft Drinks, Free Gateaux Table, Free Coffee Table & Full service of waiters with Free Overtime.

**• All inclusive for the price of €22 p.p. + vat (Vat refundable)**

Price valid for 2012 - 2014

# Party Menus

### Menu A

• Sandwiches
• Panini Tuna
• Cheese Cakes
• Quiche Lorraine
• Pizza
• Sausage Rolls
• Canape
• Timpana
• Shrimp Boats
• Stuffed Olives
• Arancini
• Cream Cakes

PRICE € 4.50 per person

### Menu B

• Sandwiches
• Panini Tuna
• Cheese Cakes
• Quiche Lorraine
• Pizza
• Sausage Rolls
• Canape
• Timpana
• Shrimp Boats
• Stuffed Olives
• Arancini
• Stuffed Eggs
• Stuffed Artichokes
• Meat Balls
• Cream Cakes

PRICE € 5.50 per person

### Menu C

• Sandwiches
• Panini Tuna
• Cheese Cakes
• Quiche Lorraine
• Pizza
• Sausage Rolls
• Canape
• Timpana
• Shrimp Boats
• Stuffed Olives
• Arancini
• Stuffed Eggs
• Stuffed Artichokes
• Meat Balls
• Chicken Satays
• Vol-Au-Vent
• Crab Meat
• Cream Cakes

PRICE € 6.50 per person

### Menu D

• Sandwiches
• Panini Tuna
• Cheese Cakes
• Qassatat Anchovies
• Quiche Lorraine
• Pizza
• Sausage Rolls
• Canape
• Timpana
• Shrimp Boats
• Stuffed Olives
• Arancini
• Stuffed Eggs
• Stuffed Artichokes
• Meat Balls
• Chicken Satays
• Vol-Au-Vent
• Crab Meat
• Chicken Mini Kievs
• Angels on Horseback
• Cream Cakes

PRICE € 7.50 per person

• Almond Cake
• Gateaux
• Ice-Cream per person
• Pastini per kilo
• Biskuttini per kilo
• Spring Rolls / Wontons / Samosa - per person



# Il Cortile

FARMHOUSE

Situated in the centre of the island surrounded by the tranquil beauty of countryside, and offering a perfect setting for any occasion.

Catered by Dolceria Croce Bonaci

Call for viewing and bookings: 7931 4412 • 9949 8903 • 2147 0311

Messaġġ tal-fratellanza

# L-armar tal-Knisja f'festa titulari jinvolvi ħafna xogħol

**Antoine Farrugia, Rettur tal-fratellanza, ifisser kif ix-xogħol tal-fratellanza dejjem isir fis-skiet u mingħajr ebda pompi żejda ġewwa l-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Patruna Universali, Santa Marija.**

*Hawn ta' min inħeġġeġ iktar żgħażagħ, irġiel u nisa jissieħbu magħna – speċjalment waqt l-armar u ż-żarmar fil-knisja.*

Merħba għeżież soċji u partitarji tas-soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

Ta' kull sena s-soċjetà Santa Marija tistedinna biex insemmgħu lehinna fuq il-ktejjeb annwali tagħha li toħrog għall-festa titular ta' Santa Marija. F'din il-festa, il-Fratellanza tieħu sehem sħiħ fiha kif se naraw iktar 'il quddiem. Din is-sena, barra s-servizzi li joffru l-fratellanzi, se niddedika l-kitba tiegħi fuq xi jsir fil-knisja parrokkjali

Il-membri tal-fratellanza, jibdew mill-bidu ta' Lulju jnaddfu l-knisja u l-artali biex mat-tielet ġimgħa ta' Lulju jiddendel id-damask. Wara d-damask, jibdew jintramaw l-artali biex fid-29 ta' Lulju jilqgħu lill-padruna tagħna Santa Marija mill-ħrug min-niċċa biex fit-30 ta' Lulju nagħtu bidu għall-kwindiċina ta' Santa Marija. Matul il-ġranet tal-kwindiċina jintensifika x-xogħol tal-armar fil-knisja billi jintramaw l-fjuretti fuq kull artal, it-tużell, il-brazzi, il-linef u l-lampieri. Fl-aħħar jiem tal-kwindiċina jiġifieri fit-tridijiet, jintramaw it-tapiti, il-ventartali, s-slaleb u l-lanterni ta' kull fratellanza flimkien mal-istandardi rispettivi. Jintrama wkoll l-artal maġġur flimkien mal-fided u l-apparat reliġjuż li jsebbħu l-knisja tagħna fil-Festa Titulari. Eżatt kif tgħaddi l-festa, jibdew jintrefgħu b'mod ordnat l-affarijiet kollha. L-aħħar li jiżżarma huwa d-damask. Dan jiżżarma wara t-23 t'Awwissu peress li l-istatwa titulari tibqa' fil-knisja sat-22 t'Awwissu – l-Ottava tal-festa.



*Fratelli tas-Santissmu Sagrament waqt il-Purċissjoni tat-Transulazzjoni Lejliet il-Festa Titulari ta' Santa Marija*

Lejn l-aħħar ta' Settembru, parti mill-knisja kif ukoll il-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju jintrama mill-membri tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju bid-damask. Jintrama wkoll l-artal tagħha biex fl-1 t'Ottubru toħroġ il-vara fuq il-bradella tagħha. Fl-Ewwel Ħadd t'Ottubru ssir il-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Il-vara tibqa' armata fil-knisja sal-aħħar t'Ottubru.

Membri tal-fratellanza jieħdu ħsieb jarmaw ukoll il-knisja għal żmien il-Milied u żmien il-Għid kif ukoll għall-festa ta' Corpus Christi – l-festa ewlenija tal-Fratellanza tas-Santisismu Sagrament.

Kif qed taraw, il-membri tal-fratellanza dejjem jaħdmu fis-skiet biex it-tempju ta' raħalna, iddedikat lill-Assunta dejjem ikun armat skont kif titlob il-liturġija. Hawn ta' min inħeġġeġ iktar żagħżagħ, irġiel u nisa jissieħbu magħna – speċjalment waqt l-armar u żżarmar fil-knisja.

Mill-att ta' servizzi li l-fratellanza tieħu sehem fihom huma t-Traslazzjoni Solenni tar-relikwija tal-Madonna nhar l-14 t'Awwissu kif ukoll il-purċissjoni titulari nhar il-15 t'Awwissu. Il-fratellanzi jieħdu sehem ukoll fl-Ewwel Ħadd t'Ottubru fil-Festa tal-Madonna tar-Rużarju, kif ukoll fix-xahar ta' Diċembru fil-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Il-fratellanza tas-Santissimu Sagrament tieħu sehem ukoll fil-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm kif ukoll fil-purċissjoni f'għeluq il-Kwaranturi Mqaddsa. Fil-Kwaranturi Mqaddsa tieħu ħsieb li tmexxi l-aħħar adorazzjoni u l-quddiesa t'għeluq il-kwaranturi. Fix-xahar ta' Mejju, il-fratellanza tar-Rużarju Mqaddes, ħadet sehem fil-pellegrinaġġ nazzjonali li jsir ta' kull sena fil-parroċċa ta' Marsaxlokk. F'Ġunju, il-fratellanzi tas-Santissimu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes jieħdu sehem fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju kif ukoll fil-festa tal-Corpus Christi.

Bħalma qed taraw il-fratellanzi dejjem ikunu impenjati bis-servizzi tagħhom. Il-membri tagħhom dejjem jaħdmu fis-skiet u mingħajr daqq ta' trombi. Dawk li jkunu interessati jingħaqdu magħna jkellmu lil xi ħadd mill-fratelli.


Nick's Agriculture
Supplier of Agricultural and
Gardening Products + Others
• Plant Protection Products
• Pots & Fertilizers
• Irrigation Fittings
• Peat and Potting Compost
• Drip Irrigation Systems
• Pet Foods and Other
Mons. Mikiel Azzopardi Street,
Siġġiewi
Tel: 2146 5869


Reno Farrugia
(Ta' L-Għawdxi)
GĦALL KULL XOGĦOL TA' FUNERALI
Twiebet ta' Malta u ta' Barra / Fjuri / Reffiegħa / Permessi
Karrijiet tal-Mejtin / Karozzi Privati / Xandir Fuq Ir-Radju
Santi / Deffiena u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-funerali
BLY 025
'Emerald', Triq il-Konvoj Ta' Santa Marija, Mqabba
Mobile: 9949 1477





Electrical Mechanical Energy

Clinton

www.clintonj.com

Clinton Electrical & Mechanical Installations Triq Baskal Xuereb, Mqabba, MQB 9019
T: +356 21652269 M: +356 99268261 E: info@clintonj.com

*Mill-Wirja 'La Semana Santa'*

# Il-festi tal-Ġublew tal-Macarena

**Micheal Chetcuti, membru fil-fratellanza tal-Esperanza Macarena u wieħed mill-pilastri ta' din il-wirja unika, jikteb kif l-Imqabbin qed jingħaqdu mas-Seviljani biex jiċċelebraw il-ħamsin anniversarju minn meta l-istatwa ta' Santa Marija del Esperenza Macarena ġiet solennament inkurunata b'digriet mill-Vatikan.**

Wara sena ta' ċelebrazzjonijiet reliġjużi u soċjali, li saru fil-bażilika ta' Santa Marija De La Esperanza Macarena, immexxija mill-Irjali Hermandad li jġib isimha, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju minn meta l-istatwa Devota tal-Macarena ġiet Kanonikament Inkurunata b'Kuruna tad-deheb u d-djamanti fil-Katidral ta' Sevilja fi Spanja, fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju ta' din is-sena saru festi kbar lil din ix-xbieha tad-Duluri tal-Esperanza, fejn fl-24 ta' Mejju saru l-ftuħ ta' dawn il-festi.

*Ġiet inawgurata l-istatwa life-size ferm sabiħa u devota tal-Esperanza Macarena. Statwa kbira li ġiet apprezzata mill-poplu inġenerali – kapolavur taż-żagħżugħ bravu Għawdxi Micheal Cutajar Zahra*

L-Istatwa tal-Macarena taħt il-Baldakkin aħmar (*paso de palio*) u mlibbsa bl-ifjen ilbies, ġiet proċessjonalment meħuda sal-Katidral. Hawnhekk, ma naqsux il-folol kbar ta' devoti li tawha merħba kbira, bid-daqq tal-baned, tiżjin tat-toroq u l-galleriji, tfiegħ tal-petali u l-ward, bil-kant tas-saetas u innijiet oħra. Kienu xeni kommoventi għal ħafna nies. Bejn il-25 u s-27 ta' Mejju, sar il-bews tal-idejn (Besomano) ta' din ix-xbieha għażiża. Tul dawn it-tlett ijiem, mijiet kbar ta' nies b'emozzjoni u b'imħabba kbira biesu l-idejn ta' din l-istatwa li kienet armata fuq il-presbiterju tal-knisja tal-Katidral. Fis-Seminarju maġġur ta' Sevilja nżamm il-Kungress marjoloġiku internazzjonali, u fl-istess ġranet sar tridu solenni minn diversi Isqfijiet Spanjoli, b'Korijiet u Orkestri differenti.

L-istatwa Inkurunata tal-Macarena ġiet armata fl-Artal tal-Ġublew fuq il-Pedestall barokk armat bid-deheb tal-Madonna tar-Rużarju tal-istess Hermandad tal-Macarena. Il-vara kienet imżejna b'ħafna fjuri u xemgħat li kienet dehra li tgħaxxqek. Is-Sibt 30 ta' Mejju il-jum propju ta' dan l-anniversarju, fit-8 ta' filgħodu mad-daqq tal-qniepen u bl-għajjat tal-gwapa gwapa tfaċċat ix-xbieha tal-Macarena fil-bieb il-kbir tal-Katidral imkennija taħt il-Baldakkin rikk tagħha, u mlibbsa bil-mant ħadrani rrakkmat bid-dehen tal-Inkurunazzjoni, u bil-kuruna imperjali. Din



*L-istawa tal-Esperanza Macarena irregalata lis-Soċjetà mill-Familja Chetcuti, xogħol l-artist Michael Cutajar Zahra*



*Michael Cutajar, Leonard u Nathalie Azzopardi u s-Sindku Nicky Briffa mal-President ta' Malta l-ET tagħha Marie-Louise Coleiro Preca waqt żjara tagħha ġewwa l-Palazz Santa Marija fl-okkażjoni tal-Wirja La Semana Santa de Espana fl-Imqabba*

il-Purċissjoni ta' glorja ġiet akkumpanjata mill-Banda tal-Karmnu tal-Belt ta' Salteras, fejn daqqet marċi u innijiet ferm sbieħ tal-okkażjoni. Kien għall-ħabta tal-11:30 ta' filgħaxija meta l-Istatwa tal-Macarena waslet fi Pjazza De Espana, waħda mill-isbaħ u l-ikbar pjazez fl-Ewropa. Dak li ma sarx ħamsin sena ilu f'din il-pjazza, sar dis-sena f'temp mill-isbaħ tar-Rebbiegħa. Fl-għodwa ta' filghodu din ix-xbieha ġiet imdawwra ma' numru ta' pjazez u toroq f'Sevilja. Apparti hekk, il-vara ddaħħlet f'numru ta' knejjes fejn sar xi talb u kant. Kien hemm ċelebrazzjonijiet kbar dakinhar. Meta l-Istatwa ddaħħlet lura fil-Bażilika tagħha, saret funzjoni ħelwa u b'hekk ġie fi tmiemu dan il-ġublew.

Fir-raħal sabiħ u pittoresk tagħna tal-Imqabba, din il-ġrajja ta' 50 sena ilu ġiet ikkommemorata nhar il-5 t'April, 2014 fis-Sala tal-Iskola Primarja, bi programm ferm sabiħ u impenjattiv mill-Banda Re Ġorġ V, immexxija minn Mro. David Aguis. Din il-lejla kienet ippreseduta minn Monsinjur Lawrence Mifsud, ir-rettur tal-Konkatidral ta' San Ġwann. Kienet lejla memorabbli li għaliha attendew ħafna nies, fejn indaqqet mużika Spanjola u Reliġjuża. Il-Palk kien armat għall-okkażjoni. F'nofs din is-serata anniversarja, intwera filmat fuq il-Maccarena ta' Sevilja imħejji tajjeb ħafna mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba. Wara, ġiet inawgurata l-istatwa life-size ferm sabiħa u devota tal-Esperanza Macarena; statwa kbira li ġiet apprezzata mill-poplu inġenerali. Din l-istatwa tas-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba hija kapulavur taż-żagħżugħ bravu Għawdxi Micheal Cutajar Zahra mill-Belt Victoria, li ħadimha b'ħafna mħabba u dedikazzjoni kbira. Matul is-sena, din ix-xbieha ser tkun qed issebbaħ is-sala prinċipali tal-każin. Din il-vara tal-Macarena saret ukoll b'tifkira ta' ommi Carmen u Missieri Joseph Chetcuti. F'din l-istess serata ġie rilaxxat *CD album* ġdid b'kant u tifħir Marjan li jġib l-isem tal-wirja tagħna.

### Talba

O għażiża Macarena, faraġ u tama tagħna, kun int il-kewkba li b'dawlek turina t-triq tas-sewwa, biex wara dan il-wied tad-dmugħ, niġu ngawduk fil-ġenna pajjiżna, flimkien ma' ibnek Ġesù, u hemm narawk inkurunata b'Kuruna ta' sebħ u glorja li ma tintemm qatt.

Ammen.






J&J
BOATYARD & WAREHOUSING
Ta' Għadajma l/o Mqabba
(near ST Micro Electronics)
m: 99995020 / 79495020

State-of-the-art Facilities
24 hrs x 7 onsite Security
CCTV recordings all around
All time access to pass holders









**Rental charges**
garages 250sqm - 600sqm - €39.50/sqm yearly
boatyard & caravans -€16.30/r ft yearly
internal boat storage -€32.60/r ft yearly

**your storage partner**

*Attivitajiet 2013-2014*

# Sena mimlija b'attivitajiet li jappellaw għall-bosta aspetti tal-individwu

**Mario Żammit, PRO tas-Soċjetà, jelenka l-attivitajiet diversi tal-Għaqdiet kollha tas-Soċjetà Santa Marija fosthom il-bidu ta' taqsimiet ġodda u r-rebħ ta' aktar unuri**

### Bejn is-16 u 18 ta' Awwissu 2013

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tellgħet wirja ta' murtali tal-beraq u kulur kif ukoll wirja ta' Nar tal-Art fl-okkażjoni tal-Festa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema.

### 22 ta' Awwissu 2013

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba torganizza *Pasta Night* f'Jum l-Ottava ta' Santa Marija fil-Pjazza tal-Knisja.

### 7 u 8 ta' Settembru 2013

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tellgħet żewġ wirjiet ta' murtali tal-beraq u murtaletti fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa.

### 15 ta' Settembru 2013

Il-Banda Re Ġorġ V għamlet servizz ta' marċi fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż Żabbar bħala mistiedna tal-Banda San Mikiel.

### 20 ta' Settembru 2013

L-Ghaqda tal-Armar organizzat ikla bejn il-Ħbieb.

### 28 u 29 ta' Settembru 2013

Is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat attività soċjali fuq il-bejt tal-Każin fl-okkażjoni tal-*Airshow* Internazzjonali ta' Malta.



### 4 ta' Ottubru 2013

Il-Banda Re Ġorġ V u l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tellgħu servizz ta' mużika tradizzjonali Maltija kif ukoll wirja ta' logħob tan-Nar rispettivament fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta fil-Qawra.

### 5 ta' Ottubru 2013

Żjara mill-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ lill-anzjani Mqabbin membri fl-isptar San Vincenz de Paul fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Anzjani.

### 6 ta' Ottubru 2013

Il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament tieħu sehem fil-Purċissjoni tal-Festa tar-Ružarju.

### 11 ta' Ottubru 2013

Ikla bejn il-Ħbieb organizzata mill-Għaqda tal-Armar.



### 13 ta' Ottubru 2013

Is-Soċjetà Santa Marija Banda Re Ġorġ V ipparteċipat fl-attività 'L-Imqabba – Biss bil-Ħila'. Attività mtellgħa mill-Kunsill Lokali, permezz ta'




Always there to
brighten your day
GasanMamo
INSURANCE
We're always there
www.gasanmamo.com
TIED INSURANCE INTERMEDIARY, JOSEPH BUSUTTIL
61, Zurrieq Road, Safi. SFI 1411 | Tel: 2168 2095 / 2768 2095 | jbs16@hotmail.com
GasanMamo Insurance is authorised by the MFSA

marċi mill-Banda Re Ġorġ V, stand tal-ikel tradizzjonali u wirja ta' fotografija mill-Kummissjoni WEB fis-Sala tal-Palazz Santa Marija.

**13 ta' Ottubru 2013**
Għaqda Nar tal-Art tellgħet wirja tul il-*waterfront* tal-belt fl-okkażjoni tal-waqfa tal-Cruise Liners Mein Schriff u Mein Schrif II.

**20 ta' Ottubru 2013**
Quddiesa fl-okkażjoni tal-bidu tas-sena ħidma mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**26 ta' Ottubru 2013**
Il-Banda Re Ġorġ V tellgħet programm vokali u strumentali fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba organizzat mill-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Iskola Primarja tal-Imqabba.

**31 ta' Ottubru 2013**
Il-Klabb Tfal tat-Titular organizzaw attività bit-titlu *Trick or Tweet* fl-okkażjoni tal-*Halloween*.

**1 ta' Novembru 2013**
Is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat *Party* tal-*Haloween* bil-kostum.

**2 ta' Novembru 2013**
Il-kumitat Eżekuttiv organizza Ikla Buffet fis-Soreda Hotel, Buġibba.

**15 sa 17 ta' Novembru 2013**
Is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat maratona ta' 50 siegħa ħidma tal-liedna fil-Palazz Santa Marija.

**22 ta' Novembru 2013**
Ikla bejn il-Ħbieb organizza mill-Għaqda tan-Nar.

**13 ta' Diċembru 2013**
Pasta Night organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**15 ta' Dicembru 2013**
Quddiesa fil-Kappella ta' San Bażilju fl-okkażjoni tal-20 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

**20,21,22 ta' Diċembru 2013**
Ittellgħa *Christmas Village* fil-Pjazza tal-Knisja kif ukoll fil-Palazz Santa Marija bit-titlu ta' Milied Imdawwal mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**22 ta' Diċembru 2014**
Party tal-Milied ghat-Tfal organizzat mil-Kumitat Eżekuttiv.

**31 ta' Diċembru 2013**
Ikla ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena organizzata mill-Bar Tenders.

**9 ta' Jannar 2014**
Coffee Morning organizzat mill-Fergħa Nisa.

**24 ta' Jannar 2014**
Ikla bejn il-Ħbieb organizzata mill-Għaqda tal-Armar.

**7 ta' Frar 2014**
Ikla għall-Partitarji organizzata mill-Kumitat Eżekuttiv.

**9 u 10 ta' Frar 2014**
L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba u l-Għaqda Nar tal-Art tellgħu wirja ta' murtali tal-beraq u kulur kif ukoll wirja ta' Nar tal-Art rispettivament fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

**10 ta' Frar 2014**
*PlayStation2 tournament* organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**16 ta' Frar 2014**
Blood Drive fil-Palazz Santa Marija organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**23 ta' Frar 2014**
Marċ mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tar-Rebħ tal-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2013 mill-Għaqda tan-Nar tal-Art.

**23 ta' Frar 2014**
*High Tea* organizzat mill-Fergħa Nisa.





OPENING HOURS
Mondays Closed
Tuesdays - Fridays:
*9:00am - 1.30pm*
*5:00pm till late*
Saturdays:
*9:00am - 1.30pm*
*4:00pm till late*
Sundays:
*4:00pm till late*

**Free Delivery**

www.dees-pizzeria.com

**dee's**™
**pizzeria & takeaway**

**Deelan Sacco**

Dee's
Pizzeria
& Take-Away

**Tel: 21680200 · Mob: 79680200**
**17, Triq Dun Guzepp Zammit, Zurrieq**



A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.

St. Paul's Dental Clinic
Dolmen Street
Safi

TEL: 27560272
MOB: 79092400

**1 ta' Marzu 2014**

Serata Karnivaleska organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**23 ta' Marzu 2014**

Isir il-*launch* uffiċjali tal-verżjoni ġdida tal-website uffiċjali tas-Soċjetà www.santamarija.com mill-Kummissjoni WEB flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv, waqt Laqgħa Ġenerali Annwali.



**23 ta' Marzu 2014**

*Scavanger Hunt* fl-Imdina organizzata mill-Kummissjoni WEB.

**31 ta' Marzu 2014**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat *Car Wash* fil-Pjazza quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

**4 ta' April 2014**

Ikla bejn il-Ħbieb organizzata mill-Għaqda tan-Nar.

**5 ta' April 2014**

Kunċert vokali u strumentali mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-Ftuħ uffiċjali tas-Semana Santa u l-inawgurazzjoni tal-istatwa lifesize tal-Esperanza Macarena. Il-programm ittella' fis-Sala tal-Iskola Primarja tal-Imqabba.

**11 ta' April 2014**

Membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ ħadu sehem fil-purċissjoni tad-Duluri madwar it-toroq tal-Imqabba.

**17 ta' April 2014**

Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà jipparteċipaw fir-rit tal-Ħasil tas-Saqajn f'Ħamis ix-Xirka organizzata mill-Parroċċa.

**Bejn il-5 u l-20 ta' April**

Ittellgħet b'suċċess il-wirja unika għall-gżejjer Maltin, La Semana Santa de Espana fl-Imqabba, mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**18 ta' April 2014**

Żjara mill-ET President ta' Malta s-Sinjura Marie




Louise Coleiro Preca fil-Palazz Santa Marija fl-okkażjoni tal-Wirja La Semana Santa.

**7 ta' Mejju 2014**

Matul l-Erbgħat ta' Santa Marija jiġi organizzat Rużarju Meditat fis-Sala tal-Każin kull nhar ta' Erbgħa għal 15-il ġimgħa.

**8 ta' Mejju 2014**

*Coffee Morning* organizzat mill-Fergħa Nisa.

**9, 10 u 11 ta' Mejju 2014**

Attività ta' bejgħ ta' kejkijiet, pjanti u oġġetti oħra fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm organizzata mill-Go Reds – Adoloxxenti Titulari.

**16 ta' Mejju 2014**

Il-Banda Re Ġorġ V ħadet sehem fil-Festa Komunità mtellgħa fil-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop permezz ta' daqq ta' marċi f'*mass band* ma' baned oħra mir-reġjun.

F'din l-okkazjoni il-baned partecipanti daħlu fil-*Malta Records* bħala l-aktar numru ta' baned mill-istess reġjun li daqqew flimkien.

L-Għaqda Nar tal-Art ikkontribwiet f'din l-attività permezz tan-Nar tal-Art.

**26-30 ta' Mejju 2014**

Ġimgħa Marjana organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ fil-Kappella ta' San Bażilju.




**L-AVUKAT**
**DR MARK PORTELLI B.A., LL.D.**

*jawgura l-Festa t-Tajba*

*lill-Imqabbin kollha*

*u jieħu l-okkażjoni biex jinforma l-klijenti tiegħu*

*li d-dettalji l-ġodda tal-uffiċċji huma*

**11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba MQB 1330**
**99, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT 1446**

Tel: **2123 9151** | Fax: **2123 9757** | Mob: **7905 5392**
Email: **mark@pnpadvocates.com** | Web: **www.pnpadvocates.com**



**30 ta' Mejju 2014**
BBQ fil-Bejt tal-Palazz Santa Marija organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**21 ta' Ġunju 2014**
*Pool party* organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**12 ta' Lulju 2014**
Servizz ta' marċi mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop.

**18 ta' Lulju 2014**
Ikla fil-Pjazza mill-Għaqda tan-Nar.

**27 ta' Lulju 2014**
Servizz ta' marċi mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq.

Is-Soċjetà tirringrazzja
lil dawk kollha
li jattendu għall-attivitajiet
ta' matul is-sena





Triq Karmenu Ciantar, l-Imqabba Tel: 27036191

Under New Management Check our weekly special offers


SPARKLETINI®
SAY I DO WITH A HINT OF SPARKLE...
Exclusive Importer and Distributor:
Antonio Piscopo Wines & Spirits
115 Zabbar Road,
Paola
Tel. 21691084
Piscopo's Cash & Carry
Triq Erba' Mwiezeb,
St Paul's Bay
Tel: 21570375
E-mail: info@piscopo.com.mt
www.piscopo.com.mt
raspberry SPARKLETINI VERDI
SPARKLETINI VERDI


Unistyler Hair Salon
• Blowdries
• Latest Cuts
• Latest Colors Techniques
• Up styles
• Straightening
• Brazilian Treatments
• Well experienced in Real Hair Extensions
14 years experience
Attended Rome Hair School Italy
unistyler@outlook.com
Triq il-Katakombi, Mqabba
By Maria Zahra | 99460519


EXCEPTIONAL FOOD... Consistently
"One of the very nicest things about life is the way we must regularly stop whatever it is we are doing and devote our attention to eating" (Luciano Pavarotti) ... and Browns Malta is the place to do so! Original, exceptional and tasty food is served every time – that's our commitment.
BROWNS® MALTA
Reservations on
t: 21227410 / 27020471
m: 99406309
We are open 7 days a week, from 10.00am till late!
Accepting bookings for large groups, staff lunches/dinners, hens & bachelors, birthdays & any other occasion.
KITCHEN OPEN ALL DAY

*Kisba ta' Unur ieħor*

# L-Ewwel Reddiena tridimensjonali f'raħalna tirbaħ il-Premju tal-Artiġanat Malti 2013

**Jeremy Mercieca, wieħed miż-żgħażagħ li ħadem fuq din ir-reddiena ġdida fil-forma ta' kaxxa jispjega kif wara li din ir-reddiena kienet ta' suċċess fil-festa tal-2013, tqanqal il-ħsieb li tiġi mimlija l-applikazzjoni li twassal għar-rebħ tal-Premju tal-Artiġjanat Malti 2013.**

Il-Membri ħabrieka tal-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija tal-Imqabba riedu joħolqu xi ħaġa differenti mis-soltu għal-lejljiet il-festa tal-Assunta, u minn Mejju tal-2013 sal-14 t'Awwissu tal-istess sena, huma ħadmu fuq proġett kbir. Wara ħafna ħsieb u tħabbil il-moħħ, huma ddeċidew li r-reddiena li kienet ser tinħadem kellha tkun fuq bażi tridimensjonali, u mhux fuq bażi bidimensjonali bħalma normalment naraw. Fil-fatt, it-telespettatur seta' japprezza l-mod kif ir-reddiena nfetħet u ħadmet b'mod mill-aktar preċiż anke fil-fond.

*Uħud mill-membri tal-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija kienu ilhom xhur sħaħ jaħdmu sabiex jagħmlu ġieħ lill-Għaqda u lill-Patruna tagħhom, u fil-fatt, huma kisbu unur ieħor Nazzjonali permezz tar-rebħ tal-Premju tal-Artiġjanat Malti 2013*

Din ir-reddiena fil-forma ta' Kaxxa hi tqila 900 kg, armata fuq arblu ta' 38 pied, b'sitt friegħi qishom umbrelel magħluqin, kull waħda ta' dijametru ta' pied wieħed. Dawn il-friegħi jiftħu bħal umbrella f'forma ta' kaxxa bil-ġnub jitwalu għal 14-il pied. Dan sar b'mod preċiż u eżatt kif ippjanat permezz tal-fintuna mwaħħla mar-raddiena. Apparti l-mekkaniżmu, jidħol ukoll l-effett tal-gass li permezz ta' taħlit differenti u aktar innovattiv ħareġ diversi kuluri u wriehom b'effett kreattiv.

Il-Ġurnata tat-Tnejn, 17 ta' Frar, 2014 kienet ġurnata speċjali għall-partitarji kollha tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Uħud mill-membri tal-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija kienu ilhom xhur sħaħ jaħdmu sabiex jagħmlu ġieħ lill-Għaqda u lill-Patruna tagħhom, u fil-fatt, huma kisbu unur ieħor Nazzjonali permezz tar-rebħ tal-Premju tal-Artiġjanat Malti 2013.

Il-proċess tal-applikazzjoni ma kienx wieħed faċli. L-applikazzjoni għal dan il-premju riedet tkun dettaljata, fejn il-membri tagħna riedu jikkonfermaw u



*Xogħol b'inġinerija u perfezzjoni kbira li sar fuq din ir-reddiena*



*Waħda mis-sitt umbrellel maħduma għal din ir-reddiena b'mekkaniżmu sofistikat*


Cutie Boutique
Issibulna ħwejjeġ minn trabi sa kbar b'ditti rinomati bħal blue sand, sottotono, Koalarao, Alph Adventure, Pink Shadow u ħafna oħrajn. Issibulna wkoll żraben, ħwejjeġ ta' taħt bħal abanderado, nottingham, pompea mami u ħafna oħrajn.
Cutie Boutique jinsab Triq il-Pal Mqabba.
Tel: 2164 1209
Prezzijiet fenomenali


Magri
BUTCHER
SHOP
Diamond Jubilee Square, Mqabba
Mob: 7972 9699
Free Delivery
For the best quality of fresh and frozen meat
Opening Hours:
Tuesday: 7.00am - 12.00pm 3.30pm - 7.00pm
Wednesday: Morning Closed 3.30pm - 7.00pm
Friday: 7.00am - 12.00pm 3.00pm - 6.00pm
Saturday: 7.00am - 1.00pm

juru li dan il-prodott huwa prestiġġjuż għall-artiġjanat Malti u fuq kollox innovattiv. Membri żgħażagħ li ħadmu fuq din ir-reddiena, inkoraġġuti minn membri fi ħdan il-kumitat eżekuttiv, ħadmu bla waqfien fuq din l-applikazzjoni, u fit-18 ta' Ottubru, 2013 rappreżentanti tas-soċjetà tagħna daħlu l-applikazzjoni eżatt fil-ħin fid-dipartiment tal-kummerċ ġewwa l-Belt Valletta. L-istennija kienet waħda twila, però s-sodisfazzjonn kien wieħed kbir.

Fi Frar, membri fi ħdan l-Għaqda Nar tal-Art saru jafu li kienu fost il-finalisti għal dan il-premju kbir, iżda l-ħolma ma waqfitx hawn. Waslet il-ġurnata li tant bdew jistennew – l-għoti tal-premjazzjonijiet ġewwa l-Westin Dragonara Resort f'San Ġiljan nhar is-17 ta' Frar, 2014. L-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija kisbet unur ieħor għas-soċjetà, għar-raħal tal-Imqabba u fuq kollox għall-Piroteknika Maltija fejn ġiet inkurunata bħala r-rebbieħa ta' dan il-Premju tal-Artiġjanat Malti bħala grupp ta' artiġġjana.

B'hekk, l-artiġġjanat tipiku tal-logħob tan-nar tal-art tradizzjonali f'festa Maltija, b'din ir-raddiena tridimensjonali żviluppa b'mod sostenibbli ferm. Din ir-raddiena rawha eluf ta' nies li attendew għall-wirja ta' lejlet il-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba b'mod li ħalliet impatt kbir fuqhom minħabba l-effett kreattiv tagħha. Setgħu jaraw preċiżjoni fil-ħidma tagħha u l-innovazzjoni li tkompli tagħti l-ħajja lil-logħob tradizzjonali u artiġġjanali tan-nar tal-art.

***Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tifraħ lill-Għaqda Nar tal-Art għas-suċċess miksub fil-Premju Ġieħ l-Artiġġjanat Malti 2013***


3M Kebab House
34, Blue Grotto Avenue, Zurrieq
3M KEBAB HOUSE
FREE DELIVERY minimum order of€10
Opening Hours:
Mondays Closed, Tuesday to Sunday: 11am till Late
Tel: 2164 2986 - 9917 1435
7947 3207


3M Take Away
32, Blue Grotto Avenue, Zurrieq
3M Take Away
WE DELIVER
OPEN
FREE DELIVERY minimum order of€10
Opening Hours:
Mondays Closed, Tuesday to Sunday: 4pm till Late
Tel: 2164 2986 - 9917 1435
7947 3207











BRAND IT
MERCHANDISING
www.branditmalta.com
FOR ALL YOUR FEAST FUND RAISING REQUIREMENTS .
FLAGS, T-SHIRTS, KEYCHAINS AND MORE ...
A 72, R. Caruana Dingli
Street, San Gwann
SGN 1034
Malta - Europe
SMALL QUANTITIES ACCEPTED
T (356) 21 257 411
M (356) 99 499 043
E info@branditmalta.com


Reborn
BAR
Marsa Cross Road, Marsa
(Infront of Bank of Valletta Branch)
We specialize in
Pasta dishes, Steak dishes
& a variety of snacks
Tel 21224921
Open on week days from 6.00 am onwards

# Lil Santa Marija, Kewkba ta' Mħabba

Kewkba tilma qalb il-kwiekeb, ġriet mas-sema sa fuq nett,
tielgħa mwieżna ħelu ħelu, kollha lwien bħal fjur, farfett,
taqbeż sħaba wara l-oħra bla titħabat, bla tidbiel
għax il-ġieħ li jistħoqqilha fis refagħha minn kull xkiel.

Wiċċha jiddi bit-tjubija, demmha jnixxi tbatijiet,
qatra qatra l-biki sieket qed ifawwar f'ilmijiet
u hi tostor kollox f'qalbha, toffri ruħha lill-Ħallieq
li għażilha minn kull mara, ħa juriha dlonk it-triq.

U bħal gwida turi lilna dil-mogħdija qalb l-imwieġ
li tgħaqqadna ħaġa waħda daqs ir-rabta għal tnejn biż-żwieġ,
u tnebbaħna bil-frott ħlejju li jsostnina tul it-triq
daqs l-ulied li jġibu l-hena u l-imħabba tikber sfiq.

Liema mħabba setgħet tisboq dik ta' binha l-kbir ħaruf,
u xejn inqas tagħha mbikkma b'binha mejjet, frott il-ġuf?
Imma m'nkejja d-dulur kollu f'dik id-dalma taqta' s-skiet,
kien il-waqt li lkoll nagħrfuha bħala Ommna tas-smewwiet.

U mid-dalma fuq il-għolja sa ġol-qabar bl-akbar skiet
terġa' tixref il-qawsalla f'ħin il-qawma mill-imwiet.
U kif l-Iben tela' s-sema bla ma l-ġisem ra t-taħsir,
hekk kien jixraq li l-Omm safja ssaltan f'baħar ikħal nir.

Aħna wliedha nduru lejha, ġol-Imqabba miġburin,
raħal ċkejken iżda kburi b'dak li kiseb tul is-snin,
frott il-ħidma tal-ħabrieka b'għaraq ġbinhom fil-mestier
u l-id ħelwa ta' Marija li ħarsithom bħall-Missier.

Nitolbuk Marija Ommna, Int li ħlistna mit-telfien
f'kull assedju w f'kull tempesta, sa fil-gwerra tan-nirien,
kompli ħares lil raħalna u lil ħutna lkoll Maltin
biex magħquda dejjem nibqgħu, taħt ħarsitek rebbiħin.

**Stefano Farrugia, L-Imqabba**
**Id-9 t'April 2014**


A&A
Stone & Interiors
Antique shop now open
in New Street, Luqa
For all kind of:
Stone Works, Fireplaces, Coffeetables, BBQ's, Units, Kitchens, Covings, A variety of frames, Statues, Home Decorations and Much More
Vast Variety of Stone BBQs to Choose From
Showroom: New Street, Luqa
Tel: 2125 7189 • Mob: 9982 1255 / 9982 1402
Email: a_astone@maltanet.net
Find us on Facebook
www.aandastoneandinteriors.com
Fireplaces Installers & Importers
Different Models & Colours Available


Il-prodotti finanzjarji tagħna huma reali
Qed toħlom li tixtri dik il-karozza li dejjem xtaqt? Ikseb il-ħolma tiegħek. Staqsina għall-pakkett finanzjarju li l-aktar jgħodd għalik. Kellimna llum.
Impenn lejn is-suċċess tiegħek.
BOV PERSONAL LOANS
2131 2020 | bov.com
Ibgħat sms vojt fuq 7969 6975
(tariffi normali japplikaw)
Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.
BOV
Bank of Valletta
Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130 - Malta

## *Messaġġ mill-Grupp Go Reds – Adoloxxenti Titulari*

# ‘Adoloxxenti mimlija enerġija’

**Maria Galea tispjega l-ħsieb wara t-twaqqif u l-ewwel xhur ta’ ħidma għal din is-sezzjoni ġdida fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija, li tilqa’ fiha adoloxxenti minn 12 sa 16-il sena.**

Din is-sena nħass il-bżonn li jitwaqqaf grupp tal-adoloxxenti fi ħdan is-Soċjetà tagħna; għalhekk tkellimna mal-Kumitat Ċentrali fejn wara li saru xi laqgħat bdejna l-ħidma tagħna biex b’ hekk fl-1 ta’ Frar 2014 ġie mwaqqaf dan il-grupp, bl-isem ta’ ***Go Reds – Adoloxxenti Titulari.*** L-iskop ta’ dan kien li wara li jkunu attendew il-klabb tat-tfal u jkunu waslu fl-età tal-adoloxxenza aħna nkunu nistgħu nippreparawhom u ngħallmuhom kif jimxi Kumitat fi ħdan l-istess Soċjetà.

*Nixtieq li nħeġġu lilkom ġenituri biex tikkoperaw magħna u tibagħtu lil uliedkom biex b’ hekk flimkien inkabbru s-Soċjetà tant għażiża għalina.*

Minn hawn aħna bdejna bil-ħidma tagħna u waqqafna Kumitat tal-adoloxxenti fejn huma nnominaw lil xulxin. Nixtieq nawgura lil Christine Galea bħala Presidenta, lil Karl Ghigo bħala Segretarju u lil Steve Galea bħala Kaxxier. L-għan ta’ dan il-Kumitat huwa li dawn il-membri jkunu jistgħu jingħataw iċ-ċans li jitgħallmu jerfgħu ftit mir-responsabbilitajiet u li jsemmgħu leħinhom filwaqt li jiżviluppaw aktar it-talenti tagħhom. Aħna nemmnu li bħal kull fergħa oħra fi ħdan is-Soċjetà, dan il-grupp għad iħalli l-frott kif diġà beda juri f’dawn il-ftit xhur ta’ ħidma kontinwa.

Waqt il-laqgħa aħna nieħdu l-ideat tagħhom biex b’hekk flimkien inkunu nistgħu ngħinuhom jorganizzaw attivitajiet varji. Norganizzawlhom ukoll logħob li jinvolvi ‘team building’ fejn dawn l-adoloxxenti jitgħallmu jaħdmu bħala grupp kollu flimkien fejn ħadd ma jitħalla barra. S’issa bil-għajnuna ta’ Santa Marija qed ikollna riżultati pożittivi.

Fit-28 ta’ Frar saret ‘Serata Karnivaleska’ mtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ fejn huma ntalbu jippreparaw xi affarijiet. Huma wrew interess kbir u preparaw reċita



*Reċta mtellgħa mill-Klabb tal-Addoloxxenti waqt is-Serata Karnivaleska*



*Waħda miż-żifniet tal-membri tal-Klabb Go Reds fis-serata karnivaleska*



*Membri tal-Go Reds waqt parteċipazzjoni fl-iScavanger Hunt ġewwa l-Imdina organizzata mill-Kummissjoni WEB*



*Membri tal-Go Reds waqt il-parteċipazzjoni f’attività sportiva organizzata mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-Imqabba Youth Nursery*


Ta' Rita Lapsi View Bar & Restaurant
Offering authentic traditional cuisine, Ta' Rita Lapsi View serves breakfast, lunch and dinner, with a vast selection of wines to choose from. Whatever the time of day, patrons will be dining in style with an exceptional view of Ghar Lapsi and Filfla in a comfortable and relaxing atmosphere.
Opening times:
Winter: Lunch Tuesday to Friday
Summer: Lunch and Dinner Tuesday to Friday
Weekends open all year round.
Lapsi View Bar & Restaurant, Lapsi Road, 40, Siggiewi. Tel: 2164 0608/2168 0800 Mob: 7982 0098
www.taritalapsiview.com


SCICLUNA FLORIST
Garden Centre
Specializes in:
Flower Arrangements for Weddings, Holy Communion etc.
Souvenirs for every occasion, Artificial Flower and Tulle,
Fresh Plants and Fruit Trees.
Bronja Street, Żurrieq
Tel: 2164 9621

qasira u kif ukoll żifna. Imbagħad fit-23 ta' Marzu morna l-'*Scavenger Hunt'* li kienet organizzata mill-kummissjoni Web.

Kemm ħadu gost u kemm urew interess għal din l-attività! Għamlu minn kollox biex jirbħu! Fis-26 ta' April ipparteċipaw bis-sħiħ fl-*Imqabba Youth Challenge 2014* li kienet organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba bil-kollaborazzjoni tal-*Imqabba Youth Nursery*.

Bejn id-9 u l-11 ta' Mejju organizzaw attività ta' Jum l-Omm. F'dawn it-tlett ijiem kellna bejgħ ta' pjanti u kejkijiet. Kellna wkoll wirja tal-Hansa mtellgħa mis-Sinjura Charmaine Balzan. Ma nistax ma nsemmix li l-ħsieb ewlieni ta' din l-attività kien li parti mill-qliegħ imur għat-tfal tal-Ursolini. Nixtieq nirringrazzja lil dawk in-nies kollha li għinuna biex din l-attività kienet ta' **suċċess kbir**.

L-attività ma waqfitx hawn għax imbagħad morna d-Dar tal-Ursolini bl-affarijiet li konna ġbarna u xtrajna. Kemm ferħu t-tfal tal-Ursolini meta morna! Sensazzjoni ta' qsim il-qalb li lanqas ikollok aptit titlaq minn ħdejhom. Is-sorijiet irringrazzjawna u wegħduna li ser jiftakru fina fit-talb tagħhom. Grazzi kbira lil kull min ta s-sehem tiegħu u grazzi tal-ġenerożità kbira tagħkom. Nixtieq ngħid **prosit** lil dawn l-adoloxxenti ta' dan il-ġest nobbli li bih onorajtu lis-Soċjetà.

Bħala grupp tal-adoloxxenti jiltaqgħu kull nhar ta' Sibt bejn l-4.00 pm u l-5.30 pm. Dan il-grupp jilqa' fi ħdanu l-adoloxxenti minn 12-il sena 'l fuq fejn wara, meta jaslu għall-età ta' 16-il sena jkunu jistgħu jidħlu preparati fis-sezzjoni żgħażagħ fl-istess Soċjetà tagħna.

Għalhekk, bħalma jien imxejt fuq il-passi tal-familjari tiegħi, nixtieq li nħeġġeġ lilkom ġenituri biex tikkoperaw magħna u tibagħtu lil uliedkom biex b'hekk flimkien inkabbru s-Soċjetà tant għażiża għalina, filwaqt li nrawmuhom biex jaħdmu id f'id u nbegħduhom mill-vizzji ħżiena.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi, f'ismi u f'isem sħabi kollha tal-Klabb tal-*Go Reds*, nawguraw lill-President tas-Soċjetà tagħna, is-Sur Carmel Zahra, għall-25 sena ta' ħidma f'din il-kariga. Santa Marija żomm idejk fuqu u mlieh b' aktar saħħa u kuraġġ għal aktar ħidma.

**Dawn l-adoloxxenti huma Soċi tal-Futur…**

***Go Reds* Adoloxxenti Titulari … Kuraġġ! … Aħna lkoll Warajkom!**

Viva Santa Marija l-patruna tagħna l-Imqabbin li biha aħna ferm kburin!



*Membri tal-Klabb Go Reds waqt attività f'Jum l-Omm*



*Il-Klabb Go Reds jippreżenta għotja lit-tfal tal-Ursolini miġbura waqt attività f'Jum l-Omm*

Go Reds
adoloxxenti TITULARI

# Il-klabb Go Reds Adoloxxenti Titulari tħeġġeġ lill-adoloxxenti Mqabbin biex jingħaqdu ma' dan il-klabb biex nieħdu gost flimkien

GRAF FAI Auto Parts Gates ICER

do not waste your time going around stop at

# MAŻINI

AUTOPARTS & ACCESSORIES

QH WÜRTH Valeo Japanparts

FERODO AISIN MONROE

**where you will find**

# everything under one roof

*More brands available...*

Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465

## ShoeShine Footwear

Carmelo Caruana Str,
Zurrieq ZRQ 1140

Tel: 21 685 241
Mob: 99 821 932
shoeshinefootwear@hotmail.com



Exclusive styles from quality brands

Ladies, Men & Children Quality Footwear

- smart shoes
- casual shoes
- elegant shoes
- matching bags & accessories

Best Buy, Best Choice

we offer bonus card

Also Vast Selection Of Sports Shoes

DIADORA KELME CONVERSE asics

## iSHINE

### deep cleaning

Cleaning & Disinfection of Carpets & Mattresses

Upholstery cleaning

Window cleaning

Marble polishing

Boat cleaning

Car valeting



*For more information contact Karl*

*Mob: 7928 1209*
*9982 1932*
*Tel: 2168 5241*

*Klabb Tfal tat-Titular*

# Importanza lill-futur tas-Soċjetà

**Charmaine Azzopardi tagħti rapport ta' sena attivitajiet li l-amministraturi tal-klabb 'Tfal tat-Titular' ħejjew għal dawn il-partitarji ċkejknin tas-Soċjetà tagħna, fejn permezz tagħhom, dawn it-tfal ikunu qegħdin jitgħallmu valuri importanti għall-ħajja tagħhom.**

Għaddiet sena oħra u reġa' wasal iż-żmien biex niċċelebraw il-festa tant għażiża għalina, il-festa ta' Santa Marija. Nixtieq nibda dan l-artiklu billi nirringrazzja lill-ġenituri tat-tfal li jibagħtu t-tfal tagħhom għas-sezzjonijiet li jkollna ta' kull ġimgħa kif ukoll għall-attivitajiet li norganizzaw f'diversi okkażjonijiet matul is-sena. Dan jagħmlilna aktar kuraġġ inkomplu naħdmu u norganizzaw attivitajiet fejn jieħdu gost jattendu t-tfal.

*Meta ma jkunx hemm xi okkażjoni partikolari xorta niltaqgħu ta' kull ġimgħa fejn nagħmlu xi sezzjoni ta' logħob jew xi attivitajiet oħra ta' tagħlim.*

Bħal kull sena barra l-attivitajiet u s-sezzjonijiet ta' matul is-sena, it-tfal ħadu sehem f'attivitajiet organizzati mis-Sezzjoni Żgħażagħ. It-tfal tal-Klabb ħadu sehem permezz ta' żifna fil-Milied fl-attività ta' Villaġġ Imdawwal organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ, kif ukoll b'żifna oħra fetħu attività oħra fi żmien il-Karnival organizzata mill-istess Sezzjoni Żgħażagħ.

Għall-ewwel darba din is-sena organizzajna attività ta' '*Trick or Treat'* madwar ir-raħal tal-Imqabba fi żmien il-*Halloween*. Din l-attività ntlaqgħet ferm tajjeb mill-membri tal-Klabb tat-Tfal tat-Titular kif ukoll mir-residenti li ħabbatnielhom il-bibien. Għalkemm din mhux użanza mdaħħla sew f'pajjiżna, sibna *support* kbir minn ħafna residenti soċji tas-Soċjetà tagħna, li meta ħabbatnielhom il-bieb offrew xi ħaġa tajba lill-membri tal-Klabb tat-Tfal tat-Titular.

Biex nippreparaw għal żmien il-Milied, il-Klabb Tfal tat-Titular bl-għajnuna ta' Patrick Ghigo ħloqna presepju. Il-membri tal-Klabb addottaw pastur kull wieħed biex b'hekk ħloqna presepju ferm sabiħ li nistgħu ngawduh fi żmien il-Milied. Barra minn hekk fi żmien il-Milied it-tfal kellhom ukoll il-*Party* li jsir kull sena bl-għajnuna ferm kbira tal-Kumitat Ċentrali, fejn it-tfal jiġu bi ħġarhom u jieħdu gost flimkien. Fil-Milied sar ukoll it-tqassim tar-rigali fid-djar mill-*Father Christmas*.

Hekk kif għadda l-Milied komplejna niltaqgħu ta' kull ġimgħa fejn xi drabi għamilna sezzjonijiet ta' logħob jew ta' krafts, filwaqt li bdejna nippreparaw għaż-żifna tal-Karnival. Barra ż-żifna tal-Karnival, it-tfal preparajnielhom ukoll *Party* tal-Karnival fejn kellhom logħob u żfin biex flimkien jieħdu gost f'dawn iż-żminijiet ta' ferħ. Wara l-Karnival bdejna naħsbu għall-Festa tal-Għid il-Kbir, fejn għamilna kartolini u krafts biex it-tfal jagħtuhom lill-qraba tagħhom. Meta ma jkunx hemm xi okkażjoni partikolari xorta niltaqgħu ta' kull ġimgħa fejn jew nagħmlu xi sezzjoni ta' logħob jew xi attivitajiet oħra ta' tagħlim.

Kif qegħdin taraw, is-sena tal-Klabb tat-Tfal tat-



*Tfal waqt l-attività Trick or Tweat fil-Halloween*



*Ħdim tal-Presepji*

**V E N M A R** Limited

TOTAL • PEST • CONTROL

P.O. Box 6, Żurrieq,
Tel: (+356) 21 642660
Mobile: (+356) 99 455015
e-mail: jsphgauci@yahoo.co.uk

**Services we offer:**

- Fumigation
- Flying & Crawling Vermin
- Rodent Control
- Woodworm treatment
- Termite & Mite Control
- Pest Control Products

**Call or e-mail us for further information.**

**Nofru servizzi bhal:**

- Fumigazzjoni
- Kontrol ta l-insetti li jtijru,'cockroach', u 'wirdien'
- Kontrol ta' grieden
- Kontrol ta' 'termites' u 'mites'
- Trattament tas-susa ta' l-injam
- Prodotti ghal-'pest control'

**Cempel jew ibghat e-mail ghal aktar informazzjoni.**

We also provide emergency weekend services.

**PEST CONTROL SERVICE**

# *Aida Hall*

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq

**Tel: 2168 3112 - 2164 0083**



*For Receptions, Parties and all occasions*



Membri tal-Klabb Tfal tat-Titular waqt żifna fl-okkażjoni tal-attività 'Milied Imdawwal' imtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ fil-Pjazza tal-Imqabba



Party tal-Milied għat-tfal



Tfal mill-Klabb Tfal tat-Titular ikantaw waqt il-Party tal-Milied



Party tal-Karnival

Titular hija mimlija daqs bajda bl-attivitajiet u jekk ma jkunux il-ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom, ma nkunux nistgħu norganizzaw dawn l-attivitajiet. Għalhekk nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nerġa' nirringrazzja lill-ġenituri talli jibagħtu t-tfal tagħhom għal dawn l-attivitajiet u s-sezzjonijiet ta' kull ġimgħa. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Kumitati u s-Sotto Kumitati kollha tal-għajnuna kbira tagħhom li jagħtuna biex immexxu dan il-Klabb.

F'isem il-Klabb Tfal tat-Titulari, nixtiequ nirringrazzjaw lis-Sinjura Rose Baldacchino għall-ħidma li hi tat b'risq dan il-klabb.

F'isem il-Klabb Tfal tat-Titular nawguralkom festa mill-isbaħ u VIVA L-KBIRA SANTA MARIJA!



Tfal tal-Klabb jipparteċipaw fis-Serata Karnivaleska




# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

*Kummissjoni Web*

# Biex is-Soċjetà tkun aktar qribek

**Jonathan Mifsud, wieħed mill-membri ħabrieka tal-Kummissjoni WEB, jikteb dwar il-ħidma kontinwa ta' din il-Kummissjoni sabiex din is-Soċjetà tkun aktar qrib tal-membri tagħha.**

Hekk kif illum l-Internet huwa l-iktar forma ta' komunikazzjoni użata, huwa importanti ħafna li kull għaqda tieħu l-vantaġġi kollha possibli minn dan il-mezz sabiex tkun aktar qrib tal-membri tagħha.

*Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena, tnedhiet ir-rinovazzjoni tas-sit tas-Soċjetà, www.santamarija.com, liema sit issa għandu dehra friska u moderna, b'iżjed informazzjoni u b'aktar aċċessibilità.*

### Inkomplu nsaħħu l-komunikazzjoni

Matul din is-sena l-Kummissjoni WEB kompliet issaħħaħ ix-xibka ta' komunikazzjoni mal-partitarji u mal-komunità tal-Internet. Issaħħaħ l-użu tal-paġna uffiċjali fuq Facebook (www.facebook.com/santamarija), permezz ta' kontenut aktar varjat, kif ukoll permezz ta' rkejjen ġodda ta' informazzjoni fuq il-festi u aġġornamenti b'mod aktar frekwenti.

Permezz tal-YouTube channel (www.youtube.com/santamarija815), komplew isiru disponibbli bosta filmati attwali kif ukoll mill-passat tas-Soċjetà. Id-dilettanti tal-banda llum jistgħu jitpaxxew bil-marċi brijużi u programmi strumentali tal-Banda Re Ġorġ V permezz ta' 'recordings' imtellgħin ukoll fuq YouTube.

Matul din is-sena kompla jissaħħaħ in-numru ta' abbonati fin-newsletter elettronika 'Il-Ġawhra', li tintbagħat kull 15 tax-xahar lill-partitarji permezz tal-email. Fiha wieħed isib ħafna informazzjoni utli ta' storja, tagħrif dwar attivitajiet li hemm fil-qrib, kif ukoll ħoloq għal ritratti u filmati ta' attivitajiet passati.




*Dehra tal-home page tal-Website tas-Soċjetà*

Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena, tnedhiet ir-rinovazzjoni tas-sit tas-Soċjetà, www.santamarija.com, liema sit issa għandu dehra friska u moderna, b'iżjed informazzjoni u b'aktar aċċessibilità. Permezz ta' dan is-sit li huwa aġġornat kontinwament, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V qed tkompli ssaħħaħ il-preżenza tagħha fuq l-Internet.

Tkompliet ukoll il-ħidma tal-arkivjar diġitali tas-Soċjetà fejn inqalbu diversi ritratti antiki, filmati tal-imgħoddi u pubblikazzjonijiet tal-festa passati mill-format tradizzjonali għal wieħed diġitali. Permezz ta' din il-ħidma, ir-ritratti, il-filmati u l-pubblikazzjonijiet passati llum huma aktar aċċessibbli għas-segwaċi tas-Soċjetà.



*Grupp tal-Kummissjoni WEB waqt l-iScavanger Hunt fl-Imdina*

### Mhux virtwali biss!

Għalkemm ħafna mill-ħidma tal-membri tal-Kummissjoni WEB hija virtwali, il-Kummissjoni WEB tħabrek u tipparteċipa wkoll f'ammont ta' attivitajiet organizzati min-diversi għaqdiet. Għall-ewwel darba l-Kummissjoni WEB ipparteċipat fl-attivita 'L-Imqabba Biss Bil-Ħila' permezz tal-wirja tar-ritratti ntitolata "Idejn ta' ħila…". Ġew organizzati wkoll kompetizzjonijiet, fosthom 'Share the Spirit', kif ukoll 'Scavenger Hunt' li saret ġewwa l-Imdina. Il-Kummissjoni WEB ħadet ħsieb ukoll li tarma *stand* informattiva dwar il-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-attività 'The Malta Records Festival 2014'. Il-parteċipazzjoni tal-pubbliku f'dawn l-attivitajiet tkompli tħeġġeġ lil din il-Kummissjoni sabiex tibqa' toffri s-servizzi tagħha lis-Soċjetà.

### Id f'id ma' kull fergħa fi ħdan is-Soċjetà

Sabiex jinżamm il-kuntatt kontinwu tas-Soċjetà




Free Bonus Card

Free delivery to all limits of Qrendi

- Local pork bone in from €3.65 /kg to €4.60 /kg
- Local pork boneless skinless from €4.75 /kg to €5.50 /kg
- Young bull knuckles (friża) at €6.50 /kg
- Fresh local young bull beef for soup at €6.75 /kg
- Cuberoll at €9.95 /kg
- Ribeye at €10.95 /kg
- Milk veal at €9.95 /kg
- Fresh local young bull beef for frying at €8.95 /kg
- T-Bone at €9.50 /kg
- Free items when purchasing from our shop

Ħinijiet tal-ftuħ

It-Tnejn Magħluqin
It-Tlieta: 8.00am - 1.00pm
L-Erbgħa: 8.00am - 1.00pm
Il-Ħamis: 8.00am - 1.00pm
Il-Ġimgħa: 8.00am - 5.00pm
Is-Sibt: 8.00am - 1.00pm

NIĠMA HI-GRADE MEAT

Hi-Grade Meat Shop
Triq Misraħ is-Sinjura, Qrendi

2164 1295
9944 3161

mal-membri tagħha, il-Kummissjoni WEB taħdem id f'id ma' kull fergħa fi ħdan is-Soċjetà. Dan isir permezz ta' ħolqien ta' diversi kartelluni u produzzjonijiet awdjoviżivi li jservu ta' riklamar għal qabel l-attivitajiet, kif ukoll permezz ta' ġbid ta' filmati u ritratti professjonali waqt l-attivitajiet. Dan kollu jsir sabiex il-partitarji jkollhom rikordju tal-attività jew tal-ħidma volontarja li jkunu ħadu sehem fiha.

### Ħidma matul il-festa

Matul il-Festa Titulari tal-2013, il-Kummissjoni WEB kienet impenjata b'mod speċjali ma' dak li għandu x'jaqsam fi ġbid ta' filmati u ritratti professjonali, kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' festi esterni, kif ukoll waqt ċelebrazzjonijiet reliġjużi bħat-Tridijiet u l-Quddies tal-Paniġirku. Saru wkoll diversi intervisti mal-koordinaturi tad-diversi fergħat u għaqdiet differenti fi ħdan is-Soċjetà. Dan kollu sar sabiex ikun jista' jintwera x-xogħol kollu li sar b'risq il-Festa Titulari permezz tal-ħidma volontarja minn kull għaqda tas-Soċjetà. Fil-Festa Titulari ta' din is-sena għal darb'oħra se tkompli ssir din il-ħidma bla waqfien, kif ukoll jsiru aġġornamenti regolari permezz tax-xibka ta' komunikazzjoni fi ħdan is-Soċjetà.

### Ringrazzjamenti

Fl-aħħar, tajjeb li wieħed jirringrazzja lis-Sur Neil Farrugia għall-ħidma tiegħu fuq id-disinn tas-sit www.santamarija.com, kif ukoll lis-Sur Matthew Spiteri għall-kontribut tiegħu fuq xi produzzjoinijiet awdjoviżivi. Ma jistax jonqos li ma nirringrazzjawx lilkom il-partitarji talli kull meta tlabna l-għajnuna tagħkhom irrikorrejtu bi ħġarkom u dan il-fatt juri li l-għan ta' din il-Kummissjoni qed jintlaħaq.

Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.

Viva l-Patruna Universali, Santa Marija.



*Wirja ta' fotografija mtellgħa mill-Kummissjoni WEB waqt l-attività 'L-Imqabba Biss bil-Ħila' organizzata mill-Kunsill Lokali*



# Philip's Bakery

Triq id-Duluri l-Imqabba



Nagħmlu, ħobż tal-Malti, fancy, bziezen, panini u ftajjar. Ikollna qagħaq tal-Għasel, Qagħaq tal-ħmira, pasti u daughnuts. Issibu pastizzi friżati, għaġina u ravjul. Nagħmlu xiwi matul il-ġimgħa u l-Ħadd. Ikolna pastizzi msajrin.

Ħinijiet tal-ftuħ: Matul il-Ġimgħa: 4:30am sa 4:00pm
Ħdud u Festi: 6:00am sa 10:00am

Mobile: 79001882

Philip's Bakery jawgura l-festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha

*Panel Beating • Spray Painting*

**Lawrence Grixti**

# DEMSWEET

**Garage**

Sejba Road, Mqabba

Mob: 9945 5636

Tel: 2164 2992

### St. Mary Pool Team

# Żewġ timijiet f'kompetizzjonijiet differenti wara biss sena mit-twaqqif

**Robert Ghigo, f'isem is-St.Mary Pool, jikteb fuq it-twaqqif tat-tieni tim tal-pool u jagħti ħarsa fuq il-logħob li dawn iż-żewġ timijiet kellhom matul is-sena li għadha kif għaddiet.**

'*Where there is a will, there is a way*', żgur li dan il-motto kien il-qofol li wassal biex is-Socjetà Santa Marija Mqabba issa għandha żewġ timijiet fil-*Malta Pool Association*. Kien Settembru tal-2012 meta il-każin ġie mgħammar bl-ewwel mejda tal-*pool*. Diversi soċji tas-soċjetà bdew juru l-interess u l-logħob baqa' dejjem jiżdied. Kien hawnekk fejn membri tal-istess soċjetà ħargu bl-idea li jingħaqad l-ewwel *pool team* bl-isem ta' St. *Mary Mqabba A*. Ifforma team magħqud u b'saħħtu bil-membri jkunu: Alex Falzon, Tonio Debono, Mario Darmanin, Fausto Barbara, Maverick Farrugia, Victor Debono, Adrian Micallef, Chris Galea, Twanny Briffa u Jurgen Farrugia. Dawn il-membri kienu jżommu kuntatt regolari mal-logħba tal-*pool* permezz tat-*training* li kienu jorganizzaw matul il-ġimgħa.

*Filwaqt li qegħdin nkomplu nagħtu l-ħajja lill-każin tas-soċjetà tagħna u nkomplu nżidu l-kultura sportiva, fl-istess ħin qegħdin nkomplu bħal dejjem ngħollu isem is-soċjetà glorjuża tagħna.*

F'Jannar tal-2013 ingħata bidu għal-League tat-tielet diviżjoni, fejn l-għan prinċipali kellu jkun li t-team iżomm postu fl-istess diviżjoni. Il-bidu kien daqsxejn iebes u ma kienx faċli, però aktar kemm beda jgħaddi żmien iktar it-team beda jitjieb. Nistgħu ngħidu li b'sorpriża kbira dawn il-membri tat-team irnexxielhom jiġu 'Runners Up' fil-league, suċċess li kompla jgħolli isem is-Soċjetà tagħna fejn jidħol l-qasam sportiv! Din is-sena żdied membru ieħor fit-team ta' *St. Mary Mqabba A*, li huwa Michael Tanti. Minn hawnekk nawgurawlu kull suċċess. Din is-sena 2014 it-team kien qiegħed jikkompeti fit-tieni diviżjoni. Kif kien mistenni, din is-sena l-logħob kienu se jkunu aktar diffiċli, għaliex bħalma kulħadd jaf, it-tieni diviżjoni hija kompetittiva ħafna u ta' livell għoli. It-team tagħna kellu bidu ftit difficli, iżda logħba wara logħba ġibna aktar riżultati pozittivi biex fl-aħħar tal-istaġun li għadu kif intemm ġejna kklassifikati fis-6 post. Riżultat pożittiv ħafna miksub f'sena waħda biss!



*Tazza tal-promozzjoni mirbuħa mis-St. Mary Mqabba Pool Team*

L-interess fil-logħba tal-*pool* baqa' dejjem jiżdied, u din is-sena fforma t-tieni team bl-isem *St. Mary Mqabba B* u l-membri preżenti huma dawn: Robert Ghigo, Adrian Micallef, Brandon Farrugia, George Vassallo, Jurgen Farrugia, Twanny Briffa, Kyle Farrugia u Clayton Baldacchino. Il-kumitat tas-soċjetà kompla jkabbar l-interess billi din is-sena stess xtara t-tieni mejda tal-*pool* biex il-membri jkunu jistgħu jittrenjaw aktar regolari.

Din is-sena din l-iskwadra kkompetiet fit-tielet diviżjoni. Is-*St. Mary Mqabba B* ġew ikklassifikati fid-9 post u nistgħu ngħidu li kienet sena pożittiva fejn fiha tgħallimna u ġibna aktar esperjenza fejn tidħol il-logħba tal-*Pool*. M'ghandhix dubju li aktar ma jgħaddi żmien, aktar se nkunu qegħdin ntejjbu l-livell biex nibqgħu minn ta' quddiem fil-qasam sportiv!



*Żewġ Biliard tables fil-Każin tas-Soċjetà*

L-għaqda u l-armonija li tara f'dawn iż-żewġ timijiet hija waħda imprezzabli. Filwaqt li qegħdin inkomplu nagħtu l-ħajja lill-kazin tas-soċjetà tagħna u nkomplu nżidu l-kultura sportiva, fl-istess ħin qegħdin nkomplu bħal dejjem ngħollu isem is-soċjetà glorjuża tagħna, li bla ebda dubju kienet, għadha u tibqa' fost l-aqwa f'pajjiżna!

F'ismi u f'isem sħabi kollha tal-*Pool*, nawgura l-festa t-tajba lil-Imqabbin kollha. Żgur li bil-grazzja t'Ommna Marija ser ikollna Festa oħra ta' Qawwa Titulari!

VIVA SANTA MARIJA!

TROCADERO
Pastizzeria
&
Confectionery

Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju,**
**Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**

VIPER
Garage

60,
Triq il-Fulija,
Qrendi.
Tel. 99420835
Email. viper.ivan@gmail.com

Body Modifications
Mechanical Repairs
Classic Car Restoration
Panel Beating





**Bar Każin tal-Football L-Imqabba**

*Għal xorb ġenwin u appetizers f'atmosfera mill-isbaħ*



**Mobile: 9926 1302**

Issib ukoll Pizza u bosta ikel għal Take-Away



*Norganizzaw ukoll ikel bil-booking*

*Intervista ma' Lawrence Attard*
*l-Iskultur li ħadem l-Istatwa tal-Assunta ta' fuq il-Mentna*

# 'Xogħol fin fuq ġebla maqtugħa minn barriera fl-Imqabba'

**Jeremy Mercieca, Mario Żammit u Johann Tonna marru jtellfu ftit lis-Sur Lawrence Attard fil-maħżen tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ biex isaqsuh xi mistoqsijiet dwar is-sengħa tiegħu, u kif kien għaddej ix-xogħol fuq l-istatwa ta' Santa Marija. Lawrence huwa l-iskultur li ġie kkomissjonat sabiex jaħdem l-istatwa tal-ġebel li ġiet inawgurata din is-sena fuq il-Mentna. Bl-umiltà kollha tiegħu u bi tbissima fuq xufftejh, Lawrence iddedika ftit mill-ħin prezzjuż tiegħu sabiex tagħna xi tagħrif interessanti fuq il-karriera tiegħu.**

**X'ħarjek titgħallem din is-sena u fejn tgħallimt?**

Tħajjart naħseb minn meta kelli hames snin u naħseb missieri kien li ressaqni lejn din is-sengħa. Ta' xi 8 snin niftakarni kont inaqqax ma' xi hajt tas-sejjieħ jew ġo xi dura. Minn dak iż-żmien 'il quddiem bqajt dejjem miġbud lejn din is-sengħa u ta' 16-il sena dħalt l-skola tal-arti. Mill-iskola tal-arti ħaduni għand Marco Montebello wieħed mill-aktar skulturi magħrufa f'Malta fejn tgħallimt ħafna affarijiet interessanti mingħandu. Kieku ma ltqajtx ma' dan l-indivdwu kieku żgur li ma għamlitx ix-xogħol li għamilt.

*Bħala statwa bil-pedestall b'kollox, din hija l-akbar statwa li qatt ħdimt.*

**Kemm ilek taħdem f'dan ix-xogħol?**

Ilni naħdem mill-1982.

**Hdimt ħafna xogħlijiet sbieħ, liema hi l-aktar biċċa xogħol li għandek għal qalbek?**

Hemm ħafna… iżda waħda mill-aktar li għandi għall-qalbi hija l-istatwa tal-Kunċizzjoni li ħdimt għal mal-faċċata tal-knisja tal-Imġarr Malta li hija waħda mill-istatwi li ħdimt ghal ma' din il-faċċata. Imbagħad hdimt biċċa xogħol oħra li qiegħda ħafna għal qalbi wkoll hija biċċa xogħol ta' dekorazzjoni li mhijiex xogħol fil-ġebel iżda xogħol fl-istukku ma' faċċata ta' spiżerija privata f'Ħaż-Żebbuġ.



*Il-ġebla li minnha nħadmet l-istatwa ta' Santa Marija*

**Inti taħdem biss fil-ġebla jew fuq affarijiet oħra?**

Jiena naħdem xogħol fil-ġebla tal-Franka u xogħol ta' Stukku. Meta tgħid stukku jiġifieri meta inti timmudella direttament bi kwalunkwe tajn, jiġifieri jista' jkun siment u ramel jew inkella ġibs verġni u ġir. Biex niftehmu tkun qed timmudella direttament mingħajr ma tuża forom.

**Din l-istatwa tidher li hija statwa ta' daqs kbir mhux ħażin. Ġieli ħdimt xi biċċa xogħol ta' dan il-kobor?**

Inġenerali iva. Kont ħdimt il-fontispizju tal-Każin tal-Banda ta' San Ġużepp ta' Ħaż Żebbuġ li fih madwar 9 piedi għoli u 12-il pied wiesa bħala skultura biss. Iżda bħala statwa bil-pedestall b'kollox, din hija l-akbar statwa li qatt ħdimt.

**Din l-ewwel biċċa xogħol li qiegħed taħdem għas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba?**

Le mhix l-ewwel biċċa xogħol. Fl-1991 kont ħdimt iż-żewg armi li hemm fuq il-faċċata li jirrappreżentaw żewġ titli mil-Litanija tal-Madonna 'Santa Marija' u 'Mater Inviolata'. Kif ukoll fl-1992 kont ħdimt l-arma li hemm taħt l-istatwa ta' Santa Marija ta' fuq il-Każin. Iġifieri din hija t-tielet biċċa xogħol li qed naħdem għal din is-Soċjetà Mqabbija.

**Kif ġejt avviċinat biex tidħol għal din il-biċċa xogħol u x'kien jirrekjedi l-proċess?**

Niftakar li kien avviċinani Carmel Zahra l-President. Iltqajna u tkellimna dwar l-idea u aċċettajt minn

# REMISSA SPORTS BAR

Live sports showing on big screen, appetizers everyday.

We also accept birthday parties, hens and bachelor parties, etc.
We can make your party for just €5 per person.
With over 20 persons booked for a party, you'll have a free cake.

For more infor or bookings please cal 77270233.

# Tal-Parrina

Confectionery & Convienence Shop

Delicateseen, Frozen Food
Confectionery Goods, Fruit & Veg
& All Type of Grocery Food

opening hours:
Monday - Friday: from 6:00am - 8:00pm
Sundays and Public Holidays: from 6:00am - 12:00pm

Free delivery
now also under new management

Triq is-Salvatur - Qrendi
Tel: 2164 9489







qalbi li nidħol għal din il-biċċa xogħol. Sar id-disinn u tajtulhom sabiex jarawh. Dan intgħoġob u talbuni sabiex nibda ix-xogħol. Għal min ma jafx, il-proċess jibda billi jsir mudell żgħir tal-istatwa maħdum mit-tafal. Ngħidu aħna xi żewġ piedi bħala kobor, wara imbagħad tibda toħroġ id-disinn tal-qies fuq il-kartun. Imbagħad jinbeda xogħol fuq il-ġebla nnifisha billi tibda tqatta' minnha sabiex tħaffifha kemm tista'. Dan ix-xogħol sar fil-barriera ta' Katrinu f'Wied Kosta fl-istess post li nqatgħet il-ġebla. Wara il-ġebla nġarret fil-garaxx tiegħi f'Ħaż Żebbuġ fejn hemmhekk komplejt innaqqas minnha sakem imbagħad tibda tiskolpi fiha u joħroġ il-prodott finali.

Grazzi tal-intervista u ninsabu ċerti li dan ser ikun proġett li ser ser jitgawda mill-Imqabbin u l-ġenerazzjonijiet futuri.

Grazzi lilkom tal-fiduċja u nieħdu din l-opportunità sabiex nawgura l-Festa tajba lill-Imqabbin kollha.



*Lawrence Attard waqt il-ħidma tiegħu fuq l-istatwa ta' Santa Marija*

*Is-Soċjetà Santa Marija*
*u Banda Re Ġorġ V*
*tirringrazzja lill-*

# *Aħwa Ellul (Ta' Ketrinu)*

*li huma l-benefatturi*
*ta' dan il-proġett*




MAYPOLE

since 1900

Qormi | Fgura | Iklin | Buġibba | Żabbar | Ħamrun
Swatar | San Ġwann | Żurrieq | Attard | Naxxar | Mellieħa

tel: 22 581 581 | www.maypole.com.mt

# Kurżità

## *Intervista mal-Aħwa Ellul – Il-benefatturi tal-istatwa tal-ġebel ta' Santa Marija li ser tiżżanżan fuq il-Mentna tal-Imqabba.*

**Mario Żammit, f'isem il-Bord Editorjali, waqqaf ftit lill-aħwa Ellul, magħrufa aħjar bħala 'Ta' Ketrinu' waqt li kienu għaddejjin fuq xogħolhom, fil-ħajja impenjattiva tagħhom ta' kuljum u saqsihom numru ta' mistoqsijiet rigward l-Istatwa l-ġdida tal-ġebel li huma ser jiffinanzjaw.**



**1. Kif nibtet l-idea li tiffinanzjaw din l-istatwa, u kif kontu ġejtu avviċinati?**

Ġejna avviċinati mill-President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V Carmel Zahra u s-Segretarju ta' dak iż-żmien, Carmel Ellul f'isem il-Kumitat Eżekuttiv tal-istess soċjetà. Peress li fl-1951, in-nannu Wenzu kien il-benefattur tal-istatwa ta' Santa Marija ta' fuq il-Każin, aħna xtaqna li nkomplu fuq il-passi tiegħu.

**2. X'tip ta' xogħol/ proċessi kien jirrikjedi min-naħa tal-aħwa Ellul sabiex saret l-istatwa?**

Minħabba li l-blata li minnha saret l-istatwa ta' fuq il-każin kienet inqatgħet minn waħda mill-barriera tal- familja tagħna fil-limiti ta' Ta' Kandja, aħna xtaqna li l-blata ta' din l-istatwa l-ġdida tinqata' wkoll mill- istess post. Għalhekk, l-ewwel biċċa xogħol kienet li nfittxu u nsibu l-blat addattat biex naqtgħu din il-blata, li kienet ser tiġi trasformata f'monument. Il-proċess kien wieħed delikat ħafna, tant li ħa żmien twil mhux ħażin. Wara li l-Blata nqatgħet u bdiet tiġi mnaqqxa mill-iskultur fl-istess post, din ittieħdet fil-maħżen tal-iskultur sabiex ikompli jirfina x-xogħol fuq l-istatwa. Matul dawn is-sentejn li għaddew, aħna komplejna nsegwu x-xogħol fuq l-istatwa, u qed nistennew bil-ħerqa l-ġurnata tal-inawgurazzjoni.



*Lorenzo Ellul (ta' Ketrinu)*

**3. Bħala benefatturi ta' din l-istatwa, kemm tħossukom sodisfatti bil-ħidma li saret u x'inhu l-akbar sodisfazzjon tagħkom?**

Aħna sodisfatti ħafna bix-xogħol impekkabbli li għamel l-iskultur Lawrence Attard. Hu ħadem fuqha b'ċertu perfezzjoni għaliex dan il-monument ser jibqa' f'post prominenti għal dejjem. Ninsabu kuntenti ħafna li kellna l-opportunità li nirregalaw dan il-monument tal-Patruna Titulari lir-raħal tagħna. Dan ser jibqa' tifkira għall-familji tagħna kollha, kif ukoll għal kull Imqabbi.

**4. Apparti li l-istatwa hi rigal mill-isbaħ għas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, għandkom xi dedika speċjali għal din l-istatwa?**

Iva, ninsabu onorati i tajna dan ir-rigal lis-Soċjetà tant għażiża għalina, kif ukoll nixtiequ li niddedikaw dan il-monument ta' Santa Marija lil Ommna Marija Ellul li ħallietna s-sena l-oħra.

F'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, nixtiequ nirringrazzjaw lill- aħwa Ellul, 'Ta' Ketrinu', li kienu strumentali fl-iffinanzjar ta' din l-istatwa. Apparti minn hekk, huma jagħtu l-kontribut tagħhom lis-Soċjetà sena sħiħa, kemm finanzjarjament kif ukoll manwalment, speċjalment lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija.


Charlie It-Tirxa
GĦAL XOGĦOL
TA' QTUGĦ TA' BLAT, MINI SKIP,
TĦAMMIL, TWAQQIGĦ TA' BINI, XOGĦOL BIL-
KUMPRESSUR, ROCK CAT,
ĠARR TA' TORBA, RAMEL, ŻRAR U ĠEBEL,
KIRI TA' BOB CATS, EXCAVATORS U HI-UP
7927 7420


The Garage Door People
Serving You Since 1962
INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
SILENT
WEATHER SEALED
VARIOUS DESIGNS & FINISHES
RESIDENTIAL & INDUSTRIAL DOORS
COMPETITIVE PRICES
REMOTE CONTROL AVAILABLE
FGP Ltd. is Malta's leading & longest established garage door manufacturer.
We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.
FGP LTD. 109, VALLETTA ROAD LUQA LQA1762. TEL: 21667107/8, 21673627 FAX: 21675384 EMAIL: SALES@FGP.COM.MT WEB: WWW.FGP.COM.MT

# Int Marija Wisq Sabiħa

Carmel Bianchi

Int Marija Sultana rebbieħa
fuq il-ħażen ukoll fuq kull dnub
ebda tebgħa ma għandek ta' ħtija
għax hekk jixraq 'l Omm Alla l-maħbub.

Int fawwara ta' xita ta' grazzji
li tħobb tqassam bil-ferħ lill-bnedmin
għandek niġu f'kull ħtieġa li jkollna
għaliex nafu li niġu mfarrġin.

Int Marija żagħżugħa ta' dejjem
qatt ma tikber u lanqas tixjieħ
lil kulħadd tilqa' għandek u tfarraġ
int dik il-warda friska tisbieħ.

Int tbiddlilna kull niket fil-hena
wkoll tferraħ il-qlub l-imnikktin
tassew tħobbna għax int l-omm ħanina
dejjem lesta li tgħin l-imsejknin.

Int Marija l-Omm l-aktar setgħana
qatt ma tagħdab għalina l-bnedmin
inti lesta biex miegħek tħaddanna
u tagħdirna għax taf li dgħajjfin.

Int id-dgħajsa li żgur biha ssalva
lil kull bniedem li jfittxek għall-kenn
tassew tħarsu mill-għawġ u l-periklu
tħaddnu miegħek għax veru taf ħenn.

Int Marija tgħin kemm lil dak għani
il-kapott, tal-imsejken u l-fqir
u mingħajr xi kulur, distinzjoni
żgur ma tkunx qed tistenna tifħir.

Int ix-xemx li żgur tisboq kull dija
l-isbaħ kewkba li hemm fis-smewwiet
jew il-qamar f'xi lejla Sajfija
id-dawl, li jeqred id-dlamijiet.

Int Marija Sultana ta' ġensna
l-eqdes waħda fost il-qaddisin
tibqa' l-għaxqa wkoll l-għożża ta' qalbna
bik kburin il-Maltin u l-Għawdxin.

Int il-pont li tgħaqqadna mal-ġenna
żgur it-triq li twassalna fis-sliem
kull mogħdija tkun lesta twittilna
sakemm naslu f'post l-hena bla tmiem.

**Ħal Qormi**


Victoria's
Beauty Parlour
Our Services Include:
Facials (Specialized Face Treatments)
Non Surgical Face Lifting
Hydradermie Lift eyes
Neoderma light & strong peeling
Body Treatments
Ultratone Slimming Treatments
Body Massage
Authentic Indian head massage
Spa Treatments
Hydrotherapy Bath
Waxing
Electrolysis
Manicures & Pedicures
Eyebrow/Eyelash Tinting
Make-Up for all occasions
GEL Nail Extensions
Gelish
EVAGARDEN
MAKE UP MADE IN ITALY
VICTORIA CUTAJAR - Beauty & Body Therapist & Electrologist C.I.B.T.A.C., DIP - CIDESCO
8, Triq Is-Suq, Qrendi Tel: 2164 2676 Mob: 7920 7158
GEHWOL
GUAM
DERMASTIR
MARY COHR
Neoderma
GUINOT
get fresh
SANTA MONICA
ULTRATONE
gelish
THALION
LCN
andreia
dermalogica
nee
MILANO

MAGI
arredamenti
Main Showroom: St. Paul's Street Naxxar. Tel: 2141 6639
Factory Display: 494, Industrial Estate, Luqa. Tel: 2124 2790
Web: www.magimalta.com E-mail: magiarre@go.net.mt
LOCALLY MADE,
CUSTOM-BUILT
FURNITURE
www.magimalta.com
Contemporary
Modern
Classic
We Produce It
Especially For You!

*Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għoxrin sena anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.*

# 'Oħlom ħolma siewja ... qum ... ħabrek biex twettaqha'

**Jeremy Mercieca, ex-President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, jitkellem fuq il-vjaġġ li embarkaw fuqu numru ta' żgħażagħ sabiex jiċċelebraw l-għoxrin anniversarju mit-twaqqif ta' din is-sezzjoni bil-kbir u kif jixraq, b'mod li jħallu timbru fuq ir-raħal tal-Imqabba u fuq l-Imqabbin.**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet fit-tmintax-il sena tagħha fejn għaddiet min-numru ta' tlajja' u nżul. Wara l-Presidenza tas-Sur Carlo Sciberras u s-Sur Robert Ghigo, kien imiss lili li nilħaq f'din il-kariġa prestiġġjuża ġewwa s-Soċjetà tagħna. Dak iż-żmien, fl-2011, konna kollha żgħażagħ ġodda f'din is-sezzjoni, iżda l-ambizzjonijiet kienu kbar. Beda għaddej iż-żmien, bdejna naħsbu fuq dan l-imbierek anniversarju filwaqt li konnha bdejna norganizzaw attivitajiet kbar, min qata' qalbu u min kompla jimtela bil-kuraġġ biex flimkien niċċelebraw dan l-anniversarju kif jixraq. Is-snin 2011 u l-2012 kienu qishom ġirja wara l-ħin bi preprazzjoni għal dan l-anniversarju.

*Ridna li nkunu uniċi f'dak kollu li nagħmlu matul is-sena. Ridna li din is-sena tibqa' mfakkra minn bosta.*

Filwaqt li nsellem lil kull membru li ħdimt miegħu f'dawn il-kumitat, minn hawnhekk, insellem lil dawk il-membri li kienu determinati u baqgħu jaħdmu bla waqfien f'din is-sezzjoni għal dawn l-aħħar tliet snin, fosthom Luke Vella, Antonella Mifsud u Rebecca Farrugia. Iżda ma nistax ma nsemmix lis-Sur Joseph Briffa, kaxxier tas-Sezzjoni Żgħażagħ għal dawn l-aħħar erba' snin fejn flimkien bdejna nkabbru l-ambizzjonijiet tagħna biex proprju niċċelebraw dan l-anniversarju bil-Kbir. Is-sena 2013 kienet sena speċjali għal kull partitarju tas-Soċjetà Santa Marija b'mod speċjali għaż-żgħażagħ tagħna, għaliex konna qed niċċelebraw l-għoxrin sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba.

Ferħ, tbatija, suċċessi, għajja, qtiegħ il-qalb, tilwim, determinazzjoni u kuraġġ – Dawn kienu ftit mill-emozzjonijiet li ħassejna flimkien aħna l-ħdax –il-membru tal-kumitat li konnha l-moħħ tal-għoxrin anniversarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Ried jingħaqad il-kumitat għas-sena 2012/2013, u l-Kumitat Eżekuttiv kien ċar fi kliemu fejn ried ikun hemm żgħażagħ li jaħdmu bil-qalb għall-Patruna li tant iħobbu. Wara elezzjoni kumbattuta, ingħaqdu magħna l-ħamsa li semmejt aktar qabel, sitt żgħażagħ oħra li kienu membri tal-stess sezzjoni fis-snin ta' qabel u baqgħu attivi fis-soċjetà fis-snin – Robert Ghigo, Steve Cardona, Jessica Farrugia, Tyrone Barbara, Davinia Camilleri, u Reuben Vella.

Mill-ewwel laqgħa tal-kumitat li għamilna, kollha ndunajna li kienet ser tkun sena iebsa, u li konnha ser inbatu sabiex naħsdu l-frott ta' din is-sena f'festa speċjali tal-2013. Li tkun f'kariga uffiċjali ta' sezzjoni ġo każin tal-banda mhix xi ħaġa faċli, bil-wisq iktar ġewwa s-soċjetà tagħna fejn l-ambizzjonijet tal-partitarji u tal-kumitat eżekuttiv huma għolja ferm. U għalhekk ma



Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ 2012/2013 fis-sena tal-20 sena anniversarju



L-ex-President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, Jeremy Mercieca flimkien mal-ex-Segretarja Jessica Farrugia waqt il-ħidma tagħhom sabiex jiġbru fondi għall-Marċ Grandjuż tat-Tielet Tridu 2013

# NIMROD GARAGE

**Vjal l-Indipendenza, Żurrieq**

***For Hire of:*** **Coaches – Mini Buses**

**Mini Coach with wheelchair facilities**

**Tel: 21640098, 21689693 • Mob 9947 6886, 99457554**



WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!

**MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES**

WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE



BIBAS

**YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS, HOMPESCH ROAD, FGURA.**

**Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt**

**5% DISCOUNT**

ON PRESENTATION OF THIS ADVERT

nistax ma nsemmix ukoll lil brava Jessica Farrugia, tfajla ħabrieka u enerġetika li b'responsabbiltà kbira ġarret magħha l-kariga ta' segretarja f'din is-sena importanti. Flimkien bħala żgħażagħ ħdimna lejl u nhar biex immexxu u nwasslu dan il-kumitat sad-destinazzjoni tiegħu… U mill-ewwel laqgħa, bdiet il-ħolma tagħna l-membri!

Ridna li nkunu uniċi f'dak kollu li nagħmlu matul is-sena. Ridna li din is-sena tibqa' mfakkra minn bosta. U għalhekk, ħsibna li norganizzaw serje ta' attivitajiet li jiddistingwixxu dan l-anniversarju bil-kbir, u jekk inħarsu x'għamlet is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija naraw li l-attivitajiet ma naqsu qatt, anzi żdiedu fuq is-snin li għaddew. Iddeċidejna li dak kollu kollu li nagħmlu jkun ta' ġid għall-komunità. Fil-fatt, ftaħna ċ-ċelebrazzjonijiet ta' dan l-anniversarju nhar it-28 ta' Ottubru 2012, permezz ta' quddiesa ta' ringrazzjament mill-Viċi-Kappillan tal-Parroċċa Dun George Schembri, fejn irrikorrejna għand Ommna u Missierna tas-Sema sabiex nirringrazzjawhom u nagħtuhom kull ġieħ. Żrajna wkoll żewġ siġriet fil-Pjazza tar-raħal li jissimbolizzaw il-ħajja u l-enerġija li hemm f'kull żagħżugħ u żagħżugħa li jagħmlu parti minn din is-soċjetà.

Barra minn hekk, dakinhar ippreżentajna l-logo uffiċjali ta' dan l-anniversarju lill-membri tal-Kumitat eżekuttiv u lill-bqija tal-partitarji. Dan il-logo fih in-numru 20 li huwa l-annu li juri kemm ilha mwaqqfa din is-sezzjoni. Fih l-istatwa ta' Santa Marija, li xogħolna kollu kemm hu, hu mdawwar lejha sabiex norganizzaw festa mill-isbaħ.

Fih l-istilel li jiffurmaw it-tnax-il stilla li għandha fuq rasha Santa Marija u fl-aħħar nett il-laser li huwa element innovattiv li juri li din is-sezzjoni hija pijuniera fl-innovazzjoni u fl-oriġinalità fil-marċi f'pajjiżna. Il-laser qiegħed jingħaqad f'punt fokali wieħed li juri li l-ħidma tagħna trid tkun waħda kollettiva li twassalna għas-suċċess. Ħsibna wkoll li nagħmlu slogan li jiddeskrivi lil din is-sezzjoni – Ħidma Żagħżugħa b'Ħila. Ridna li dan ikun magħmul minn kliem sempliċi li, madankollu, ikollu tifsira warajh.

Ma nistax ngħid li wara dan il-ftuħ ma kellniex battibekki, iżda kien għadu biss il-bidu. Fuq kollox, kulħadd beda jġib f'moħħu x'sena importanti hi għas-soċjetà tagħna. Bdejna nagħmlu laqgħa jew tnejn kull gimgħa, bdejna nippjanaw numru ta' attivitajiet, iżda l-ħsieb ta' attivitajiet nazzjonali dejjem kien ittimbrat f'moħħna. Għalkemm kienet sena kemxejn kritika minħabba l-elezzjonijiet fil-pajjiż, aħna ma għamilniex

***Il-minutieri tal-arloġġ baqgħu għaddejjin ġmielhom, u l-mument tal-verità wasal – Data li wħud minnha kienu ilhom jaħsbu u jaħdmu fuqha żmien twil, it-13 ta' Awwissu, 2013.***

*Il-Logo tal-20 Sena Sezzjoni Żgħażagħ*

bħal sezzjonijiet jew soċjetajiet oħrajn u stennejna sa April biex nibdew nagħmlu l-attivitajiet. B'wiċċi minn quddiem ngħid li organizzajna 'l fuq minn tletin attività differenti li kienu bbażati fuq id-diversità tal-individwu. Iżda dejjem ikun hemm dawk l-attivitajiet li l-memorji tagħhom jibqgħu friski.

B'ċertu ftaħir ma nistax ma niftakarx fl-emozzjonijiet li jien u sħabi ħassejna fil-ftuħ tal-akbar attività Nazzjonali li saret propju f'raħalna, ir-raba' edizzjoni tal-Presepju Ħaj.

Xahrejn biss wara li kienet għaddiet il-festa, konnha qegħdin nitkellmu fuq mejda ġol-każin flimkien mas-Sur Jerry Ghigo u semmejna l-edizzjoni preċidenti tal-Presepju Ħaj li kien sar fl-2010. Qisna bdejna nintebħu li din kienet is-sena li stajna nkabbru dan il-proġett tagħna. U wara qbil fost il-membri tal-kumitat, il-ħolma tagħna kompliet għaddejja. Bdejna nfittxu l-post adegwat, żorna għelieqi għal waħda, tnejn u tlieta, u fl-aħħar sibna l-post addattat, għalqa f'post prominenti f'raħalna. Min kien jgħid li dik l-għalqa f'temp ta' xahrejn kellha tinbidel f'villaġġ uniku u li kienet ser tospita eluf ta' nies.

Sar id-disinn, bdejna naraw x'nistgħu nżidu fuq l-edizzjoni preċedenti, u fit-13 t'Ottubru dħalna fl-għalqa biex nibdew l-avventura tagħna. Fil-bidu konnha nkunu tlieta, erba' min-nies, iżda qatt ma qtajna qalbna. L-għajnuna kull meta tlabniha dejjem ġiet, u hekk kif beda għaddej iż-żmien bdiet tiżdied. Tfal iġorru l-qasab, nisa jġorru l-ġebel, min jagħżaq biz-zappun u min itella' xi ħajt, ftit kienu jemmnu fil-prodott finali. X'ferħ konnha nħossu meta konnha nlestu xi biċċa xogħol, aħseb u ara meta wasalna għall-ftuħ ta' dan il-Presepju.

Nhar il-21 ta' Diċembru, 2012 nfetaħ s-separju fuq dan il-presepju, bil-ftuħ uffiċjali jsir mill-Ex-PrimMinistru Dr. Lawrence Gonzi. Għal dan il-Presepju Ħaj attendew mijiet ta' Maltin u turisti fejn kulħadd faħħar il-mod oriġinali ta' kif ittella' dan il-Presepju. Is-Sistemi oriġinali ta' dwal u l-għażla vasta ta' mużika magħżula apposta żgur li daħħlu lil kull min attenda għal dan il-presepju fi spirtu ta' devozzjoni u qima. Dawk il-ġranet ta' preparazzjoni, u dik il-ġimgħa kruċjali żgur li mhux ser jintesew. Minjaf kemm dorna ħwienet u xtrajna frott u ħaxix għas-suq sabiex jispikkaw il-kuluri fix-xenarju tagħna.

Kien vjaġġ diffiċli sal-aħħar, però b'determinazzjoni liema bħala, aħna l-membri tal-kumitat taż-żgħażagh żammejna saqajna mal-art biex norganizzaw waħda








2010
2012




























d.Spiral
Stationery and more...

*Stationery – Greeting Cards – Toys – Souvenirs & Invitations*
*Books & Magazines – Gifts & Novelties – Lamination – Binding & much more…*

***Unbeatable prices in photocopies!***

Sub-post Office for Birkirkara

D.Spiral
Triq il-Vitorja, Birkirkara
Tel: 21491419
Email: dspiralst@gmail.com Website: www.dspiralst.com

mill-ikbar attivitajiet li qatt saret ġol-Imqabba, fin-naha t'isfel ta' Malta u nazzarda ngħid ukoll f'pajjiżna. Mhux ħaġa faċli li għal kważi tliet xhur sħaħ il-post li kont tqatta' nofs il-ġurnata tiegħek kienet din l-għalqa, mhux xi ħaġa faċli li ma toħroġx jew ma tissoċjalizzax man-nies speċjalment fi tmiem il-ġimgħa, għajr dawk li konnha nkunu fl-għalqa. Iżda meta jiġi s-suċċess, tinsa dawk is-sagrifiċċji kollha li tkun għamilt. Għas-sagrifiċċji Kbar li għamilna ġejna premjati mhux darba, imma Darbtejn … X'Unur!

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba ġiet inkurunata bħala r-rebbieħa assoluta tal-Kompetizzjoni tal-Presepji Ħajjin organizzata mill-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura, b'rekord nazzjonali ta' 95% tal-voti tal-ġurija. Apparti minn hekk, fi Frar tal-2013 ġejna premjati mill-kumpanija ta' the Malta Records għall-Akbar Presepju Ħaj f'Malta. Dan l-unur jiżdied ma' dawk nazzjonali u Internazzjonali li s-Soċjetà Santa Marija tħaddan u jagħti konferma tal-aqwa żgħażagħ fl-Imqabba.

Wara li għaddew il-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena, erġajna bdejna bir-rutina normali. Għalkemm konnha għadna kif ġejjin minn suċċess kbir, kull membru kellu xi tħassib partikolari. Kien hemm min qal li kien ħaqqna nieħdu pawża għat-tbatija li għaddejna minnha. Iżda ma waqafniex. Bqajna għaddejjin bl-attivitajiet tagħna, u erġajna bdejna naħsbu u naħdmu fuq attività Nazzjonali oħra, il-wirja La Semana Santa.

Fil-fatt, din l-attività reġgħet ittellgħet għas-seba' sena tagħha b'mod grandjuż bil-Ftuħ Uffiċjali ta' din l-attività Unika isir nhar it-20 ta' Marzu, 2013, bi programm strumentali mill-Banda Re Ġorġ V, taħt il-Patroċinju tas-Sinjura Michelle Muscat u l-Wisq Reverendu Kappillan, Dun George Spiteri. Fil-ftuħ ta' din il-wirja ġew inawgurati Bandalora u Statwa ġdida proprju fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju mit-twaqqif taż-żgħażagħ.

April kien magħna, u l-festa kienet dejjem toqrob. Il-ħsibijiet sabiex inkomplu nkabbru ċ-ċelebrazzjonijiet ta' dan l-anniversarju kienu qegħdin f'moħħna, iżda ridna nsarrfuhom f'fatti. Fil-fatt, f'Mejju ħriġna edizzjoni speċjali tal-pubblikazzjoni 'It-Titular'. Dan il-ktejjeb ta' 120 paġna kien ilu jberren f'moħħna, u fl-aħħar stajna narawh ippubblikat fi kwalità għolja ferm. Dan għaliex dejjem emminna li l-komunikazzjoni mal-bqija tal-partitarji kienet importanti. Min jaf kemm qassamna ittri u *flyers* f'xi lejl kiesaħ tax-xitwa jew fi sħana tas-Sajf, sabiex inżommu l-partitarji infurmati b'dak kollu li qed jiġri.

Iż-żmien baqa' għaddej, iżda x-xogħol ma waqafx. Bdejna naħsbu biex infakkru dan l-anniversarju permezz tal-mużika. Il-ħsieb kien li noħorġu żewġ diski, u hekk seħħ. Robert Ghigo kiteb il-lirika ta' diska ġdida fuq mużika u kant ta' Stephen Mizzi, iżda dan ma kienx biżżejjed. Ridna nkunu aktar oriġinali, ridna nuru li kapaċi nikkomponu diska tal-widna li tkun vera t-timbru ta' dan l-anniversarju. Ħsibijietna mal-ewwel marru fuq uħud mill-aqwa artisti tal-pajjiż – kliem ta' Mark Tonna u mużika ta' Mro. David Agius, kantata minn żewġ kantanti li ghandhom konnessjoni mar-raħal tal-Imqabba – Eleonor Cassar u Victorio Gauci. Xorta waħda ridna nikrejaw iktar – iż-żmien tal-festa kien qorob, l-għajnuna naqset minħabba li t-toroq bdew jiġu armati, iżda la darba għadda ħsieb minn moħħna fuq 'music video', ma stajniex ma nagħmluhx proprju f'dan l-anniversarju.

Ħadna l-inkarigu kollu tal-ippjanar ta' dan il-video jien, Jessica Farrugia u Antonella Mifsud. Tkellimna ma' George Palmier u l-kantanti u huma mal-ewwel aċċettaw li nagħmlu dan l-ewwel video f'raħalna. It-triq ma kinitx waħda faċli, il-ħin kien limitat iżda xorta waħda ridna prodott eċċellenti. Min jaf kemm-il darba llitikajna aħna t-tlieta fuq l-għażla tal-postijiet u l-attrazzjonijiet li konna ser niffilmjaw fix-xeni tagħna. Ħinijiet twal ta' filming issarrfu f'suċċess assolut fejn amalgajna din id-diska marbuta mal-għoxrin anniversarju flimkien mal-postijiet prominenti f'raħalna.

Il-minutieri tal-arloġġ baqgħu għaddejjin ġmielhom, u l-mument tal-verità wasal – Data li wħud minnha kienu ilhom jaħsbu u jaħdmu fuqha żmien twil, it-13 ta' Awwissu, 2013. Fil-fatt, dakinhar nfetaħ is-separju fuq tliet attrazzjonijiet li kienu ilhom jiġu ppreparati xhur sħaħ, apparti x-xow awdjo-viziv, li żgur paxxa lill-eluf ta' Maltin u turisti li kienu preżenti fil-pjazza ta' raħalna.

Huwa importanti li nsostni li s-Sezzjoni Żgħażagħ investiet sena ta' ħidma mingħajr waqfien sabiex tipprepara b'tant reqqa għal dan l-avveniment uniku ġewwa raħalna. F'din il-lejla kompliet tispikka l-qawwa u l-importanza tal-element innovattiv waqt l-ispettaklu li ppreżentajna. Kburin li proprju konnha aħna ż-żgħażagħ li ffinanzjana u bl-għajnuna ta' numru ta' partitarji ħdimna fuq sistema ġdida ta' dawl għal faċċata tal-każin.

Kburin ukoll li ħdimna fuq Pavaljun kbir għal mal-gallarija tal-każin biċ-ċentru ta' din l-arti tkun pittura tal-Patruna Santa Marija. Dawn huma żewġ attrazzjonijet li ser jibqgħu jitgawdew fis-snin li ġejjin. Iżda fuq kollox, ma nistax ma nsemmix il-ħarqa kbira u oriġinali li ħadmu fuqha numru żgħir ta' żgħażagħ. Morna lil hinn mill-ħarqiet l-oħra li naraw f'pajjiżna f'kull Belt jew raħal, u tellajna ħarqa b'dimensjoni ġdida.

Għalkemm in-nar issa nħaraq, din il-ħarqa żgur li ser tibqa' f'moħħ dawk kollha li kienu preżenti dakinhar, għaliex l-għajjat tan-nies ma ried jieqaf qatt. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk il-persuni kollha, mingħajr ebda distinzjoni, mill-kbir saż-żgħir, li kienu ta' għajnuna sabiex stajna nwettqu x-xewqiet taghna.

U l-Ħolma tagħna waslet fi tmiemha. Ix-xhur sħaħ li qattajna naħdmu flimkien ssarrfu f'suċċess. Illum nistgħu biss inħarsu lejn ir-ritratti li jikkommemoraw

30 Years of Service

ATTARD BROS

GROUP OF COMPANIES

Mikesand, Industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332Fax:2143 0967 Email:info@attardbros.com



Attard Bros. Co. Ltd.

Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors



A.C.S. Ltd.

Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.



Cementstone Mfg. Ltd.

Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.



Attard Blue Mix Ltd.

Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.



Eurocraft Ltd.

Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.



Attard Developments Ltd.

Developers of Residential and Commercial Buildings.

Your Construction Partner

www.attardbros.com

l-esperjenza sabiħa li għaddejna minnha jew il-vidjos li juru dawn il-mumenti indimentikabbli. Nistgħu anke nħarsu lejn l-eluf ta' imejls u messaġġi li bgħatna lil xulxin bi preparazzjoni għal xi attività jew għall-festa. Xogħolna spiċċa, iżda l-memorja tibqa' ttimbrata fil-qalb tagħna l-ħdax-il żagħżugħ li għaddejna minn din l-esperjenza u l-bqija tal-partitarji.

Min jaf fejn ser inkunu meta jgħaddu għoxrin sena oħra minn fuq din is-sezzjoni fi ħdan din is-soċjetà. Għalkemm ninsab ċert li mhux ser inkunu parti mill-kumitat minħabba l-età tagħna, żgur li ser nibqgħu nirrakkontaw din il-ħolma li għixna u ta' dan kollu, nirringrazzjaw lill-Ommna Marija talli dejjem żammet idejha fuqna.





















# LUX Nails
by Sabrina

Mqabba Road, Żurrieq

* Gel & Acrylic Nail Extensions
* Natural Nail Care
* Nail Art & more!

T: 2164 9875
M:7904 6888
FACEBOOK.COM/LUXNAILSMALTA

VRT + Wheel Alignment



*For all types of*
*Cars, Trucks, Vans and Buses*



**SIGGIEWI VEHICLE SERVICES**
Siġġiewi

Contact Victor Attard
on 99498736, 21466111

# FRAME MAKER
caruanachristian@gmail.com

**For any kind of frames and glass cutting**

*Opening Hours:*
*Mon - Tue - Thur - Fri:*
*4.00pm - 7.30pm*
*Sat: 8.00am - 1.00pm*
*Wed: Closed*

**57, St. Catherine Street,**
**Mqabba MQB 1203**

**Tel: 2168 3308**
**Mob: 9988 8691**

# Carmel Zahra – Ħamsa u Għoxrin Sena ta' Presidenza Kontinwa

**Dr. Charles Sciberras jirriċerka u jikreja profil fuq il-ħamsin u għoxrin sena ta' presidenza tas-Sur Carmel Zahra. Dr. Sciberras jelenka dawk il-ġrajjiet u esperjenzi li Nenu, bħalma ħafna jafuh, kien strumentali fihom u ħadem bla ebda daqq ta' trombi sabiex jara lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fost l-ewlenin f'pajjiżna.**

Carmel Zahra twieled l-Imqabba nhar is-26 ta' Ottubru, iben Joseph Zahra u M'Grace née Zammit. Huwa l-ikbar wieħed minn familja ta' ħdax-il aħwa.

Ħa l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-Imqabba u dik sekondarja fil-Kulleġġ *St. Albert the Great* u minn hemm kompla fit-*Technical Institute* ta' Raħal Ġdid. Iżda x-xogħol manwali kien aktar jogħġbu mill-bank tal-iskola u għalhekk sa minn eta' żgħira beda jaħdem fl-industrija tal-ġebel, l-ewwel bħala mpjegat ma' missieru u aktar tard *self-employed* bħala sid il-barriera. Ix-xogħol f'din l-industrija kien inkrepattiv ħafna u għalhekk fl-1984 beda jaħdem bix-xarabank tiegħu stess għal ftit żmien. Il-kuntatt mal-inġenji kien pjaġevoli għalih u għalhekk sar importatur tal-inġenji wżati u din l-esperjenza fin-negozju ta' xiri u bejgħ kienet biżżejjed biex espanda u daħal fl-industrija tal-bini, artijiet u rinovazzjoni ta' bini antik. Fl-1998, sar Direttur Maniġerjali tas-sala tat-tiġijiet Palazzo Nobile u llum huwa pensjonant.

Huwa miżżewweġ lil Mary née Sciberras, għandu tlett itfal, Adrian, Claudine u Louise u nannu ta' Gabriel u Mirayne. Joqgħod fil-limiti tas-Siġġiewi.



Carmel Zahra fid-delizzju tan-nar

Sa minn ċkunitu, kellu ħerqa kbira għall-Festa tant li meta kien żagħżugħ beda jaħdem fid-delizzju tan-nar. Ħafna minnha għadhom jiftakru l-kaxxa infernali kbira li kien għamel flimkien ma' Joe Sciberras (tal-Labbru) u Joe Borg (tad-Dovik) nhar il-Ħadd, 7 ta' Awwissu 1966 waqt li l-Istatwa devota ta' Santa Marija kienet qiegħda tinġarr solennement mill-Kleru u l-Banda mill-Kappella tad-Duluri sal-Knisja Parrokkjali wara li kien sarilha r-restawr meħtieġ mill-artist Samuel Bugeja ġewwa l-Imdina. Iżda hu xtaq li l-ħidma u l-kontribut tiegħu jkunu aktar immirati direttament fit-tmexxija tas-Soċjetà li għalih kienet wisq għażiża. Għalhekk fl-1986 sar membru tal- Kumitat Ċentrali u bejn l-1998 u l-1990 okkupa l-kariga ta' Segretarju tas-Soċjetà. Fl-1990 inħatar bħala President u żgur li qatt ma basar li din il-kariga kien ser jibqa' jokkupha għal tant żmien twil. Tant li llum qegħdin niċċelebraw il-ħamsa u għoxrin sena aniniversarju tal-Presidenza tiegħu li kienet waħda mingħajr ebda interruzzjoni.

L-esperjenza kbira li għandu fil-bini ssarfet f'ġid kbir għas-Soċjetà ghax dawn is-snin kollha kienu kkaratterizzati minn programm sħiħ ta' tibdil strutturali fis-Sede tas-Soċjetà kif ukoll embelliment tal-istess Każin. Kif ser naraw aktar 'il quddiem saru diversi proġetti, imma l-aktar proġetti hekk imsejħa kbar kienu bla dubju ta' xejn il-bini tat-tieni maħżen u s-sala li nbniet fuqhom, il-proġett tas-Sala Marija Assunta bid-diversi pitturi li jżejnuha biex b'hekk saret ġawhra ta' post kulturali, u l-qofol ta' kollox kienet l-estensjoni tal-Każin li ġiet inawgurata proprju fil-festi taċ-Ċentinarju tas-Soċjetà. Proġett ieħor li ser isir din is-sena u li hu ferm għal qalbu tant li ħadem għalih bla mistrieħ ser ikun l-Istatwa ta' Santa Marija li ser tiġi mżanżna fl-inħawi tal-Mentna.

Irnexxielu jissoda l-pedamenti tas-Soċjetà u jkabbar l-Festa ta' Santa Marija bis-sħiħ matul dawn is-snin kollha, kemm fl-organizzazzjoni tagħha, kif ukoll ma' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-banda, armar u piroteknika. Sa mill-bidu biddel l-istatut sabiex l-isem sar Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u l-Fergħa tan-Nisa ġiet rikonoxxuta formalment fl-istess statut. Twieldet is-Sezzjoni Żgħażagħ, u ssaħħew l-Għaqda tal-Armar, l-Għaqda tan-Nar u l-Kummissjoni Banda. Dan kollu wassal biex ikun hemm organizzazzjoni sħiħa li wasslet għal diversi rebħ ta' unuri minn dawn l-għaqdiet kemm fuq livell Nazzjonali kif ukoll dak Internazzjonali. B'hekk indirettament irnexxielu jgħolli l-isem tas-Soċjetà minn waħda ta' raħal żgħir għal oħra li tpoġġiet fil-klassi tas-Soċjetajiet kbar Maltin.

Saru diversi żjarat minn ħafna personalitajiet distinti kemm fil-ħajja Maltija kif ukoll barranija. Ħekk iltaqa' ma' diversi Presidenti ta' Malta, Prim Ministri u Politikanti distinti, Arċisqfijiet ta' Malta u Isqfijiet oħra, Ambaxxaturi u ħafna oħrajn. Laqgħa memorabbli kienet dik tad-29 ta' Mejju 1992, meta ltaqa' mar-Reġina Eliżabetta II waqt iż-żjara Rjali li għamlet hawn Malta.



*Żjara tar-Reġina Eliżabetta II*

Il-Banda dejjem kienet għal qalbu u ma naqasx lura milli jagħtiha kull appoġġ mistħoqq u permezz tas-surmastrijiet diretturi maħtura evolviha għal dik kif nafuha llum. L-akkademja tal-mużika ssodat bis-sħiħ u frott ta' din il-ħidma kien in-numru sabiħ ta' bandisti ġodda lokali li ħarġu jagħtu sehemhom mal-Banda tagħna matul dawn is-snin. Il-jum tal-10 ta' Awwissu ġie ddedikat għal Jum il-Banda. Ħadem bis-sħiħ fil-preparamenti biex fit-12 ta' Lulju tal-1996, il-Banda tagħna ħarġet għall-ewwel darba barra minn xtutna. B'riżultat ta' din il-mawra nħoloq il-Ġemellaġġ bejn il-Banda Re Ġorġ V u l-Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano ta' Ascoli Piceno, l-Italja. Dan il-Ġemellaġġ wassal għar-rebħ tal-Unur hekk prestiġjuż ta' Les Etoiles d'Or du Jumelage mogħti mill-Unjoni Ewropeja. Fis-sena 2007, il-Banda Re Ġorġ V kellha x-xorti li ddoqq għall-ewwel darba ġewwa s-sala Nervi quddiem udjenza mal-Papa Benedittu XVI. Matul is-snin saru diversi kuntatti ma' diversi baned internazzjonali li wasslu sabiex dawn ġew iżuruna u ppartecipaw fil-Festa ta' Santa Marija.[1]

Karatteristika importanti fit-tmexxija tiegħu hija bla dubju ta' xejn il-ħila kif, bil-ħsibijiet moderati tiegħu li jħaddan, jirnexxielu jgħaqqad il-maġġoranza mal-



*Il-Ġemellaġġ*

minoranza meta jkun hemm diversità ta' opinjoni. Fuq il-mejda tan-negozjar joqgħod jisma' bil-kalma lil kull min ikollu jgħid xi ħaġa anke jekk forsi ma jkunx qiegħed jaqbel mal-ideat issuġġeriti. Bil-paċenzja jixtarr u jiżen dak li jkun intqal u dlonk jipprova jsib soluzzjoni. Dan id-don kien strumentali sabiex il-Festa ta' Santa Marija 2012 setgħet issir meta waqt id-diskussjonijiet li saru wera dan l-ispirtu ta' għaqal, djalogu ġenwin u rieda tajba.

Dejjem jippriedka li biex niċċelebraw m'hemmx għalfejn inweġġgħu lil ħaddieħor. Il-piki żejda mhumiex fid-dizzjunarju tiegħu. Meta jgħid li hemm bżonn issir xi ħaġa ikun hu stess li minn tal-ewwel ixammar il-komma u jmidd idejh. Qatt ma ħarab mix-xogħol u r-responsabbiltà.

Dan ix-xogħol kollu mimli għaqal u bżulija wassal lil dan il-President hekk ħabrieki li f'Jum l-Imqabba 2010 jingħata Ġieħ l-Imqabba.



*Carmel Zahra onorat b'Ġieħ l-Imqabba*

## Xogħol il-President matul dawn il-ħamsa u għoxrin sena

Wara dan it-tagħrif fuq il-profil tal-President Carmel Zahra, ngħaddi għat-tieni parti ta' dan l-artiklu billi nelenka x-xogħol, żjarat, unuri miksuba u avvenimenti oħra li ħallew il-marka tagħhom fil-ħajja tas-Soċjetà matul dawn il-ħamsa u għoxrin sena. L-iskop mhuwiex biex issir xi litanija ta' tifħir għax fl-aħħar mill-aħħar meta nitkellmu fuq kwalunkwe soċjetà, l-affarijiet ma jsirux minn bniedem wieħed iżda kollettivitament mill-ħafna membri li jappartjenu lill-istess soċjetà. Kwalunkwe soċjetà tista' tixxebbaħ mal-magna ta' arloġġ fejn ir-roti għalkemm huma kollha ta' qisien differenti huma tal-istess importanza u jridu jaħdmu flimkien b'ingranaġġ eżatt għax altrimenti jew jieqaf l-arloġġ jew inkella l-ħin moqri jkun ħażin. Il-mixja

tas-Soċjetà hija waħda kontinwa u dak li jsir illum ikun ibbażat fuq dak li ġara lbieraħ. Madankollu jkun xieraq li nirrikonoxxu l-ħidma siewja li l-President wettaq kemm hu fuq livell personali kif ukoll l-għajnuna u l-inkoraġġiment li ta' lil ħaddieħor meta dan kien ikun dieħel għal xi biċċa xogħol.

### Banda Re Ġorġ V

Il-progress li għamlet il-Banda Re Ġorġ V jista' jarah kulħadd. Wara l-mewt tas-Surmast Chev. George Martin fl-1991, il-banda għaddiet għand il-ħabrieki surmast Imqabbi Anthony Camilleri, li kien diġà qed iservi fil-kariga ta' Assistent Surmast kif ukoll bħala Viċi-President tas-Soċjetà. It-tagħlim tal-banda għamel progress kbir u diversi ġuvintur u tfajliet ħarġu jdoqqu mal-Banda Re Ġorġ V. Il-livell ta' mużika li bdiet tindaqq kien wieħed għoli u l-briju tal-marċijiet matul il-jiem tal-festa sar aktar imqanqal. Fl-1997, it-treġija tal-Banda għaddiet għand is-surmast David Agius li, bħal ta' qablu kien mimli żelu u ħeġġa. Dejjem kien hemm ko-operazzjoni sħiħa bejn is-Surmast, il-Kummissjoni Banda u l-Kumitat Ċentrali. Il-mużika li l-Banda ddoqq waqt il-programmi vokali u strumentali tal-10 ta' Awwissu, Jum il-Banda, dejjem kienet ta' livell għoli, impenjattiva u pjaċevoli.

Għamlet diversi servizzi matul il-festi f'ħafna lokalitajiet f'Malta u anke ġo Għawdex. Marret iddoqq f'diversi attivitajiet li ġew mtellgħa mis-Soċjetà kemm ġol-Imqabba u barra mir-raħal, kif ukoll f'dawk li saru mil-Kunsill Lokali. Aktar programmi fuq skala kbira saru permess ta' tliet Akkademji mużiko-letterarji li saru fl-1995, 2000 u 2012, fit-Teatru Manoel fl-okkażjoni



*L-Etoile d'Or du Jumellage*

tal-festa ta' Santa Ċeċilia u saħansitra f'Ruma quddiem il-Papa Benedittu XVI fis-Sala Nervi. Il-bandist Alfred Camilleri bena ħbiberija kbira bejn il-Banda tagħna u ħafna baned oħra internazzjonali, tant li għal bosta snin kellna xi banda barranija li ħadet sehem fil-Festa ta' Santa Marija. Bis-sehem kbir tiegħu, sar il-Ġemellaġġ bejn il-Banda Re Ġorġ V u il-Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano li eventwalment wassal għar-rebħ tal-unur prestigjuż L'Etoiles d'Or du Jumelage mogħti mill-Unjoni Ewropeja.

Għalhekk kien xieraq li l-President u Kumitat Ċentrali waqqfu l-Kummissjoni Planċier immexxija minn Benjamin Camilleri sabiex jinġabru l-fondi u jitwettaq ix-xogħol ħalli l-Banda Re Ġorġ V ikollha wkoll post xieraq minfejn tkun tista' turi l-kapaċitajiet tagħha waqt l-esekuzzjoni tal-programmi. Kull sena il-Kummissjoni Banda tonora lil bandisti tagħha.

### Il-Fergħa tan-Nisa

Sa mill-ewwel ġranet tal-ħidma tiegħu, il-President għaraf s-sehem kbir li l-Fergħa tan-Nisa kienet qiegħda tagħti lis-Soċjetà Santa Marija. Kien għalhekk li saret l-emenda importanti li biha din il-Fergħa ġiet rikonoxxuta uffiċjalment fl-istatut tas-Soċjetà. Ħass ukoll il-ħtieġa li n-nisa għandhom ukoll ikollhom id-dritt li jsiru soċi u jikkontestaw l-elezzjonijiet tal-Kumitat Ċentrali. Il-bidliet meħtieġa saru fl-1999 u għall-ewwel darba s-Soċjetà kellha fl-2008 membru femminili fil-Kumitat Ċentrali.

Din il-Fergħa taħdem ħafna minn wara l-kwinti u l-partitarji jkunu jafu x'ikun sar meta f'Jum il-Banda xi rappreżentanta tal-Fergħa tippreżenta lill-President għotja ta' flus miġbura mill-attivitajiet varji li torganizza. Minbarra li tikkontribwixxi għal proġetti varji li jkunu qegħdin isiru mill-Kumitat Ċentrali, il-Fergħa tgħin ukoll lill-għaqdiet oħra fi ħdan is-Soċjetà kemm f'għotjiet monetarji kif ukoll b'xogħol manwali bħal ħjata. Ħadet l-inizzjattiva li tixtri mwejjed u siġġijiet, diversi bċejjeċ ta' għamara u purtieri għas-Sede, arkivju, sett qniepen għal Banda u żewġ statwi għall-armar. Iżda l-akbar għotja dejjiema hija bla dubju ta' xejn il-pittura tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna li tinsab iżżejjen is-Sala Marija Assunta.

### Sezzjoni Żgħażagħ

Il-President dejjem kien jara potenzjal fiż-żgħażagħ u emmen li l-involviment tagħhom kien ser jipprovdi pedamenti sodi għas-Soċjetà. Kien għalhekk li, wara li qasam ħsibijietu mal-Ass. Segretarju Carmel Ellul, ħoloq fl-1993 katina oħra fis-Soċjetà – is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Dejjem kien ta' għajnuna għaliha u llum kulħadd jaf kif din is-Sezzjoni ffjorixxit tant li fl-2013 iċċelebrat l-għoxrin sena tagħha. Il-lista ta' attivitajiet li saru minnha hija twila wisq biex issemmihom kollha, u ħadu xejra ta' natura varja – soċjali, kulturali, edukattivi, reliġjużi, filantropiċi, rekreattivi u sportivi[2]. Is-sehem tas-Sezzjoni fil-festa ta'

# Il-President Carmel Zahra jiltaqa' ma'...



Il-M.T. ir-Reġina Elizabetta II



Il-President ta' Malta E.T. Dr Ċensu Tabone



Il-President ta' Malta E.T. Dr Ugo Mifsud Bonniċi



Il-President ta' Malta E.T. Dr Gwido Demarco



Il-President ta' Malta E.T. Dr Edward Fenech Adami



Il-President ta' Malta E.T. Dr George Abela



Il-President ta' Malta E.T. Is-Sinjura Mary Louise Coleiro Preca



Il-Prim Ministru Dr Alfred Sant



Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi



Il-Prim Ministru Dr Joseph Muscat



L-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca



L-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona



L-Isqof Mons. Nikol Cauchi



L-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca



L-Isqof Mons. Adeodato Micallef



L-Isqof Awżiljarju Mons. Annetto Depasquale



Il-Kummissarju Għoli Ingliż HJS Pearce



Il-Kummissarju Għoli Ingliż Louise Stanton



L-Ammbaxatur Ġermaniż George Merton

Santa Marija sa' mill-bidu kien qawwi tant li sal-2000 kienet tisponsorja l-Marċ tat-Tieni Tridu u mis-sena ta' wara dak tat-Tielet Tridu. Il-livell ta' briju maħluq kien wieħed kbir u dawk imsejjħa 'sorpriżi' ma naqsux – l-imrewħa, il-bandalora, l-umbrelluni, il-kanuni mħaddma bl-arja, u l- Gwarniċun Mekkanizzat[3]. Il-marċ tat-Tielet Tridu ngħata ħajja differenti bil-wirjiet ta' dwal, laser, kanzunetti u korjografija u dan l-aħħar proġezzjonijiet tridimensjonali.

Mil-lat aktar reliġjuż taw bidu għal Ġimgħa Marjana, u barra ħafna attivitajiet oħra, tellgħu għal diversi drabi wirjiet tal-Presepju Ħaj, Ċenaklu Ħaj, u La Semana Santa. Daħħlu lis-Soċjetà fid-dinja tal-informatika bil-ħolqien tas-sit elettroniku *santamarija.com*. Peress li ħafna mill-istess żgħażagħ huma mdaħħlin f'għaqdiet oħra tas-Soċjetà tinsab armonija sħiħa bejniethom u



*Ċenaklu Ħaj*

jgħinu lil xulxin. Hekk insibu għotjiet ġenerużi kemm lill-Kumitat Ċentrali kif ukoll lill-Għaqda tal-Armar billi ħadet ħsieb il-finanzjarjament ta' diversi opri bħal statwi, bandalori u bnadar, trofej u pilandri. Is-Sezzjoni għamlet għas-spejjeż tagħha l-illuminazzjoni tal-faċċata tal-każin u pavaljun għall-gallerija tal-istess faċċata. Is-Sezzjoni tipprovdi kontinwament l-għajnuna fiżika lill-Għaqda tan-Nar. Internazzjonalment, is-Sezzjoni kellha skambju kulturali ma' Sezzjoni ta' Żgħażagħ minn Ciro' l-Italja. Kellu raġun li l-President iħares u jinvesti tant fit-tul.

## L-Għaqda tal-Armar

L-armar tal-festa hu proġett kontinwu li ma jieqaf qatt, għalhekk l-affarijiet iridu jsiru b'viżjoni twila u jkun hemm sensiela sħiħa ta' ħidma kontinwa u proġettata. Lejn l-aħħar tas-snin tmeninijiet kienu diġa bdew jinbidlu ċertu pavaljuni u jsiru bandalori ġodda u jsir restawr fuq l-armar. Il-ħdim tal-liedna kien fuq rittmu mgħaġġel u nbeda wkoll l-isfumar fuq id-drappeġġ. Iżda fil-bidu tas-snin disgħin ix-xogħol tal-armar mexa b'rittmu aktar mgħaġġel u beda isir b'sengħa aktar professjonali. Kien hemm dedikazzjoni sħiħa minn grupp żgħir ta' żgħażagħ immexxija minn Paul Gauci li kienu jiddisinjaw u jisfumaw id-diversi pavaljuni u bandalori u jieħdu ħsieb ż-żebgħa u restawr tal-armar. Hekk insibu żgħażagħ bħal Antoine Abdilla, Patrick Ghigo, Michael Ghigo, Raymond Vella, Kevin Camilleri, Mario Camilleri u oħrajn mgħejjuna minn membri aktar maturi bħal Francis Vella, Carmel Ellul, Peter Psaila, Carmel Briffa u mill-grupp tan-Nisa li kienu jagħmlu l-ħjata neċessarja. Il-ħolqien tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fl-1993 għen ħafna biex dan il-grupp tal-armar issaħħaħ sew tant li fl-1995 minn grupp żgħir ta' dilettanti ħarġet l-Għaqda tal-Armar biż-żieda ta' ħafna dilettanti oħra, bħal Charles Falzon u l-uliedu Alex u Ivan, Andrew Zammit, Jerry Ghigo, Grezzju Farrugia, Joseph Tonna, Emmanuel Pace, Matthew Ellul, Ian Camilleri u ħafna oħrajn. Illum għandha għeruq sodi ħafna taħt it-tmexxija għaqlija ta' Mario Camilleri.

Kullħadd jista' jara, jammira u jitpaxxa bit-tisbiħ tar-raħal tagħna għall-festa tal-Patruna tal-Imqabba f'dak li għandu x'jaqsam ma' pavaljuni, bandalori, bnadar, statwi u l-armar tal-injam li jakkompanjhom. L-għaqda qiegħda tkun involuta fi proċess kontinwu ta' restawr tad-diversi statwi, xogħol tal-injam u drapp kif ukoll fil-ħolqien ta' proġetti kbar bħal dak tat-triq Karmenu Ciantar. Inħoloq livell kbir ta' simetrija f'dan l-armar ġdid li sar peress li kemm jista' jkun inżammu l-istess disinjatur, pittur u statwarju ie Renzo Gauci, Andrew Bugeja u Aaron Camilleri Cauchi u Paul Falzon. Għalhekk mhux beħsiebni nidħol fid-dettall ta' kull ma' sar minn dan ir-rigward għax inkella ma nieqaf qatt. Aktar 'il quddiem ser insemmi biss ċerti affarijiet importanti.

## Għaqda tan-Nar Santa Marija

Il-President ta appoġġ kbir lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija kemm bħala President kif ukoll bħala ammiratur u dilettant kbir tan-nar. Ma nistax ma nikkummentax dwar il-fatt li fil-kitbiet tiegħu, il-Licencee Joseph Camilleri ta' spiss jaċċenna għall-għajnuna kbira li jagħtih il-President. Matul dawn is-snin l-arti tal-piroteknika ngħatat spinta kbira u l-Għaqda tan-Nar Santa Marija għamlet taqliba sħiħa ta' kif jinħadem u jinħaraq in-nar tal-ajru.

Kienet l-ewwel għaqda ġo Malta li bdiet tagħmel fl-1991 l-hekk msejħa 'murtali tal-beraq li ma jidhrux'; li fl-lejliet il-Festa ta' Santa Marija 1997 bdiet taħraq in-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika sabiex b'hekk ħolqot spettakkli sħaħ li paxxew lill-eluf ta' nies li bdew jiġu ġol-Imqabba għall-Festa ta' Santa Marija; li fl-1998, dejjem f'lejliet il-festa, introduċiet id-disinni, li għall-bidu kienu sempliċi u ma' żmien dejjem bdew isiru aktar ikkumplikati; oriġinat il-murtali tal-bebbux. Fir-rigward tan-nar tal-art ivvintat il-kompjuter, reġa' ġie introdott l-arloġġ li issa beda jdoqq kull kwarta, varjazzjoni sħiħa ta' ktajjen u xogħol ieħor mekkanizat u dan l-aħħar l-introduzzjoni tar-raddiena 3D.

Mhux ta' b'xejn li l-Festa ta' Santa Marija tal-Imqabba saret il-Mekka għall-eluf ta' Maltin u turisti li bi ħġarhom jattendu għall-dawn l-ispettakkli hekk sbieħ u oriġinali. In-nies dejjem jistennew xi ħaġa ġdida u


*Tower of Light142*


*Spettaklu CHOGM*



*Caput Lucis*


*Unuri mirbuħa mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*

s-Soċjetà dejjem irreċiprokat, bl-aħħar attrazzjoni kbira tkun fl-2011 meta sar it-Tower of Light, record ieħor milħuq mill-Għaqda meta in-nar inħaraq f'għoli ta' madwar tletin metru. Dan l-għoli reġa' nqabeż fl-2013 biex sar ħamsa u erbgħin metru. Għalhekk għandhom ħafna raġun dawk l-entitajiet governattivi u privati li jirrikorru għand l-Għaqda tan-Nar Santa Marija meta waqt okkażjonijiet speċjali jkunu jixtiequ jipprovdu xi wirja tan-nar spettakolari.

Żgur li jagħmlu hekk għax jafu li ser ikollhom is-serħan tal-moħħ. L-Għaqda provdiet diversi wirjiet fil-Port il-Kbir f'għeluq ta' diversi festivals tan-nar organizzati mill-Awtorità tat-Turiżmu, fl-okkażjoni tal-introduzzjoni tal-munita ewro, u fuq stedina minn kumpaniji privati bħal *Thomas Cook, Herbalife u l-Cruise Liners Mein Shiff I u Mein Schiff II*; wirja li saret waqt l-ikla Rjali lid-delegati tac-CHOGM; wirja tan-nar tal-art ġewwa n-Nadur Għawdex fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-FECC; u dan l-aħħar fil-ftuħ tal-Akkwarju Nazzjonali.

Naturalment wirja spettakolari li tibqa' fil-memorja ta' kullħadd hija dik li saret f'Awwissu tal-2007 ġewwa Ruma fil-kompetizzjoni ta' Caput Lucis. Spettakli fuq skala iżgħar saru f'diversi irħula u bliet f'Malta u Għawdex.

Din il-maestrija fl-arti tal-piroteknika wasslet lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija għal diversi unuri kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Hekk insibu r-rebħ fl-2006 tal-Ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta u fl-2010 ir-rebħ tar-IV Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art. Ovvjament l-ikbar unur mirbuħ huwa dak internazzjonali meta fl-2007 ġewwa Ruma l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ġiet iddikjarata 'World Champions' bir-rebħ tal-Caput Lucis. Unur ieħor prestiġjuż huwa fuq livell personali meta l-Licencee Joseph Camilleri nħatar President tal-Għaqda Piroteknika Maltija.

## *Mela b'dan l-isfond ta' informazzjoni ġenerali ngħaddu għal dak li essenzjalment ġara matul kull sena ta' din il-Presidenza hekk twila u sabiħa.*

**1990 – Tibda l-Presidenza ta' Carmel Zahra**

1 Carmel Zahra jinħatar President tal-Każin tal-Banda Re Ġorġ V.

2 L-istatut tal-Każin King George V Band Club jiġi rivedut u l-aktar żewġ emendi li spikkaw kienu t-tibdil tal-isem tal-Każin għal dak ta' Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u r-rikonoxximent fl-istatut tal-Fergħa tan-Nisa tas-Soċjetà[4].

3 Għall-Milied il-faċċata tal-Każin tiżżejjen bi dwal


Daily Needs
Fiorucci
Latteria Soresina
Misraħ il-Fidwa, Mqabba (ħdejn il-bandli)
Tel: 2164 7381
All you need in one stop shop
Free delivery
Great choices on delicatessen, beverages, wines, detergents, etc.


Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
DERBY
Bikrija
ALPHA
Safra
SLANEY
Bajda
SAVANNA
Bajda
DERBY
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u għammiela ħafna li ser tiġi esportata lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
DRUID
Ħamra
ARRAN BANNER
LISETA
CARA
Ta' Għajnha Ħamra
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com

spettakolari u tirbaħ l-ewwel premju għas-sbuħija u oriġinalità fil-kompetizzjoni Nazzjonali ta' Tiżjin tal-Faċċati tal-Każini.

### 1991 – Tinbidel it-treġija tal-Banda Re Ġorġ V

4 Il-President imexxi lill- Kumitat Eżekuttiv, Fergħa tan-Nisa, membri, partitarji u l-Banda Re Ġorġ V fil-funeral tas-Surmast tal-Banda Chev. Mro. George Martin li miet nhar 24 ta' Frar 1991 wara li kien ilu Surmast Direttur tal- Banda Re Ġorġ V għall- ħamsa u tletin sena[5].

5 Jinħatar Mro. Anthony Camilleri bħala Surmast Direttur tal-Banda.



*Il-President jirringrazzja lill-aħwa Ellul*

6 Żewġ armi bit-titlI 'Sancta Maria' u 'Mater Inviolata' jiġu skolpiti mill-iskultur Lawrence Attard fuq il-faċċata tas-Sede. Tħallsu mill-aħwa Ellul 'ta' Ketrinu' u tbierku nhar l- 10 ta' Awissu mill-WR Kapp. Dun Willie Vella.

7 Tinħadem l-istatwa tal-Papa Piju XII mill-istatwarju Renzo Gauci fuq disinn tiegħu stess. Pawlu Mifsud iddisinja il-pedestall u ħadmu hu stess, mgħejjun mill-partitarji. L-ispejjeż kollha ħallashom Joseph Farrugia, President Onorarju tal-istess Soċjetà.

8 Il-Kamra tal-Kumitat Eżekuttiv tissebbaħ b'*wall unit* ġdida u jsiru l-purtelli għall- bieb.

9 Il-President tas-Soċjetà Carmel Zahra jirregala sett ta' sitt *portraits* ta' mużiċisti magħrufa maħduma bil-lapes minn Keith Sciberras. Dawn jinsabu mdendla fis-sala tal-Banda.

10 Isiru sett ta' erbatax-il bandalora għat-triq Karmenu Ciantar u sett ta' pavaljuni ġodda għal triq San Bażilju kif ukoll xogħol ta' restawr fuq l-armar u l-festuni tad-dawl. Ix-xogħol sar mill-Kummissjoni tal-Armar u mill-partitarji nisa.

11 L-Għaqda tan-Nar Santa Marija turi l-kapaċitajiet tagħha b'innovazzjoni għal ġo Malta meta ħarqet murtali bil-beraq li ma jidhrux.

### 1992 – Ħamsin Sena tal-Konvoj ta' Santa Marija

12 Isir kontrabejt ġdid tas-sala prinċipali, it-taraġ eżistenti twaqqa' u sar tal-konkrit. It-taraġ tlibbes bil-granit, ħadid u poġġaman. Il-każin nżebagħ mill-ġdid minn fuq sa' isfel. Il-kontrabejt u l-konkrit ingħataw mill-aħwa Ellul, x-xatter ntrama' minn Philip Farrugia u ċ-ċeramika tal-pjanijiet tqegħdet minn Andrew Zammit. Sar ħafna xogħol mill-partitarji.

13 Nhar id-29 ta' Mejju l-President tas-Soċjetà jmexxi delegazzjoni f'laqgħa storika mal- M.T. ir-Regina Eliżabetta II waqt iż-żjara rjali li għamlet f'Malta. Ritratt storiku juri lir-Reġina tammira r-rakkmu tal-istandard il-prim tas-Soċjetà.

14 Isiru ċelebrazzjonijiet kbar fil-Festa sabiex jittfakkar il-ħamsin sena aniversarju tal-Konvoj ta' Santa Marija. L-iskultur Lawrence Attard irrestawra l-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fuq il-faċċata tal-Każin u ħadem l-iskultura għall-pedestall tal-istess statwa. L-aħwa Ellul ta' Ketrinu ħallsu l-ispejjeż.



*Il-President ta' Malta Dr Ċensu Tabone waqt il-kxif tal-pittura tal-Konvoj*

15 Pittura kbira bit-tema tal-Konvoj u l-Imqabba titpitter mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u tinsab iżżejjen is-sala prinċipali. Tħallset mill-benefatturi l-aħwa John u Michael Ghigo ta' Pataw. Il-pedestall, pittura u lapida komemmorattiva inkixfu nhar il-Kwindiċina, 30 ta' Lulju mill-President ta' Malta l-E.T. Dr. Ċensu Tabone u tbierku mil-Vigarju Ġenerali Emeritus Mons Carmelo Xuereb.

16 Fit-12 ta' Awwissu il-President jilqa' fil-Każin lill-piloti tar-Red Arrows. F'din iż-żjara storika nibdet ħbiberija qawwija bejn is-Soċjetà u l-piloti tant li huma stess talbu li jlbsu l-flokkijiet tal-festa u tħaltu mal-partitarji biex jiċċelebraw mal-ferħ tal-festa.

17 Jitwaqqa' s-saqaf tax-xorok tat-tromba u jsir wieħed tal-konkrit li kien ġentilment mogħti minn Dennis Farrugia.

18 Jinbeda x-xogħol ta' bini fuq biċċa art mixtrija bi prezz baxx ħafna mingħand l-aħwa Ghigo tan-Naqxi li tinsab appoġġ mal-maħżen ġa' eżistenti fi Triq Annetto Caruana. Bl-għajnuna ta' Baskal Ghigo u ħafna benefatturi oħra li għenu bl-ogħti tal-ġebel, finanzi u xogħol manwali, inbena t-tieni maħżen u ssaqqaf f'Ġunju 1993. L-iskop tiegħu kien sabiex ikun jista' jingħata l-bidu għall-proġett tal-planċier.


Coca-Cola
"Xemx Wisq
Sabiħa"
The Tramps
Għidha b' Coca-Cola u kanzunetta
"Xemx Wisq
Sabiħa"
Coca-Cola, Coca-Cola Zero, Coke and the design of the
Coca-Cola Contour Bottle and the Dynamic Ribbon device
are registered trademarks of The Coca-Cola Company.

**1993 – Iffurmata s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija**

19 Jinbeda l-planċier artistiku fuq disinn ta' Ġużeppi Caruana. Il-Kummissjoni Planċier, immexxija minn Benjamin Camilleri kienet inkarigata li tiġbor il-fondi u twettaq ix-xogħol meħtieġ.

20 Jiġu rrestawrati l-pedestalli tal-Anġli ta' triq il-Parroċċa u jsiru pavaljuni għall-istess triq. Jinbdew il-pavaljuni ddisinjati minn Renzo Gauci għal Triq Santa Katarina bil-pittura ssir minn Andrew Bugeja. Isir restawr ieħor lill-istatwi tal-pjazza.



*Pavaljuni Triq Santa Katarina*

21 Il-festi esterni tal-Ottava ħadu l-forma ta' Lejla Maltija – l-ewwel waħda li qatt ġiet organizzata fir-raħal tagħna. Bis-suċċess miksub bdiet issir fil-Kwindiċina wkoll għas-snin ta' wara.

22 Il-President flimkien mal-Ass. Segretarju Carmel Ellul jaħdmu bil-kbir sabiex titwaqqaf is-Sezzjoni Żgħażagħ. Ġiet inawgurata fil-15 ta' Diċembru waqt quddiesa folk li saret fil-kappella ta' San Bażilju. L-ewwel President tas-Sezzjoni kien Alfred Galea filwaqt li s-Segretarju kien Antoine Sciberras.[6]

23 Terġa' tiżżejjen il-faċċata tal-Każin għall-Kompetizzjoni tal-Milied u għar-raba' darba terġa' tieħu l-ewwel post. Ħafna mix-xogħol sar minn Peter Psaila u Frans Vella mgħejjunin mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

**1994 – Jibda jitfakkar Jum il-Banda**

24 Il-ġurnata tal-10 ta' Awwissu tibda tissejjaħ Jum il-Banda meta wara li jsir marċ qasir, il-Banda Re Ġorġ V tesegwixxi l-programm vokali u strumentali. Fl-aħħar isir riċeviment fis-swali tal-Każin għal mistednin distinti, soċi u partitarji.

25 Jiżżanżu aktar pavaljuni għal Triq Santa Katarina u jinbdew dawk ta' Triq id-Duluri, iddisinjati wkoll minn Patrick Ghigo. Tinħadem aktar liedna għal diversi toroq, jitlestew is-siġar artistiċi li jintramaw mal-Istatwa ta' Santa Marija tal-Pjazza u dik tal-Każin. Irrestawrati aktar statwi tal-pjazza.

**1995 – Ħamsin Sena mit-twaqqif tal-Orkestra Santa Marija**

26 Tibda tinbena sala kbira fuq l-arja taż-żewġ mħażen, bl-għajnuna tal-partitarji u diversi benefatturi fosthom Philip Farrugia, Elbros Construction, Denfar u Southern Construction Ltd.

27 Jinbidlu l-għatiebi u z-zokklatura tal-faċċata li saru tal-granit u l-wiċċ tal-bankina. Ix-xogħol sar minn Andrew Zammit.

28 Il-President tas-Soċjetà jilqa' fid- 9 ta' Awwissu lil diversi uffiċjali tal-bastiment navali l-Ark Royal wara stedina li saritilhom biex iżuru lill-Każin tas-Soċjetà. Wara qassmu l-ferħ tal-festa mal-partitarji.



*Waqt il-kxif ta' lapida li tfakkar lil Ġużeppi Galea*

29 Jitfakkar il-Ġublew tad-Deheb, 1945-1995, mit-twaqqif tal-Orkestra Santa Marija mill- Fundadur tagħha Ġużeppi Galea[7]. Saret nhar l-10 ta' Awwissu Akkademja Mużiko-Letterrarja taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, E.T. Dr Ugo Mifsud Bonnici. L-istess President kixef lapida li tfakkar il-Presidenti tas-Soċjetà. Is-Sinjura Giovanna Galea kixfet l-lapida kommemorattiva li tfakkar lil żewġha Gużeppi. Għal din is-serata attendew ukoll Gużeppi Farrugia u Mikiel Camilleri, żewġ mużiċisti li kienu jiffurmaw parti minn din l-Orkestra. Fost il-ħafna għotjiet li saru lis-Soċjetà kienn hemm il-vjolin li l-istess Mikiel kien idoqq.

**1996 – Jinbeda il-Ġemellaġġ**

30 Il-President flimkien mal-Kumitat u d-diversi għaqdiet fi ħdan is-Soċjetà jakkumpanjaw lill-Banda Re Ġorġ V fl-aħħar tislima li ngħatat lill-President Onorarju Leonard Farrugia li miet nhar it-18 ta' Marzu 1996.

31 Is-Soċjetà Santa Marija tkun minn tal-ewwel soċjetajiet li daħlu fid-dinja tal-kommunikazzjoni tal-internet permezz tas-sit www.santamarija.com.

32 Fit-12 ta' Lulju l-President u xi membri tal-Kumitat flimkien ma' diversi partitarji jakkompanjaw lill-Banda mmexxija mis-Surmast A. Camilleri




*Banda u partitarji qabel it-tluq lejn Santa Venera*

għall-ewwel safra tagħha. Sar l-ewwel parti tal-ġemellaġġ bejn il-Banda Re Ġorġ V u l-Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano ġo Ascoli Piceno, L-Italja.

33 F'Jum il-Banda, il-President Carmel Zahra irregala Bandiera ġdida lis-Soċjetà.

34 Jinbdew il-pavaljuni iddisinjati minn Renzo Gauci għat-toroq Santa Marija, San Innoċenzju, il-Kileb u ċ-Ċavi. Andrew Zammit beda x-xogħol fuq erba' pilandri għal maz-zuntier. Is-siġar tad-dawl inħadmu minn Jerry Ghigo. Jitkompla r-restawr fuq l-Appostli. Il-Kummissjoni planċier tkompli x-xogħol tagħha.

35 Isir restawr fuq il-faċċata tal-Każin minn Elbros Construction Ltd.

36 F'Settembru l-President flimkien mal-Kumitat u partitarji jerġa' jilqa'għat-tieni darba fil-Każin lit-team akkrobatiku tar-Red Arrows. Ipparteċipat il-Banda li ferrħet lil kullħadd b'marċi militari u tradizzjonali.

37 Jinbdew iċ-ċelebrazzjonijiet biex iffakkru l-ħamsin sena anniversarju tat-trasformazzjoni tal-Orkestra Santa Marija għall-Banda Re Ġorġ V. Il-Ħadd 20 ta' Ottubru 1996, eżattament il-ġurnata meta ħamsin sena qabel, waqt seduta ġenerali ġie deċiż li sseħħ din il-bidla, sar marċ ta' tifkira mat-toroq tal-Imqabba u wara ġie inawgurat Arkivju Mużikali irregalat mill-Fergħa tan-Nisa u bl-għajnuna ta' Joe Farrugia.



*Arkivju tal-Banda*

38 Is-Soċjetà xtrat qabar ġdid għall-użu tal-membri tagħha skond deċiżjoni meħuda waqt laqgħa ġenerali fit-2 ta' Settembru 1996. Fit-23 ta' Frar 1997 saru r-regolamenti għall-użu tiegħu u l-ewwel difna saret nhar is-16 ta' April 1997 meta l-fdalijiet tas-Surmast George Martin inġiebu miċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

### 1997 – Ħamsin Sena tal-Banda Re Ġorġ V

39 Fit-23 ta' Marzu 1997 it-treġija tal-Banda Re Ġorġ V tgħaddi għal għand is-Surmast Direttur Mro. David Agius li għadu jiderrieġi lill-istess Banda sal-lum.

40 Nhar l-24 ta' Mejju jittella' Kunċert Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V fit-Teatru tal-Università ta' Malta bħala tifkira tal-ħamsin sena tat-twelid tal-Banda (1947-1997)[8].

41 Waqt l-istess Kunċert jitnieda l-ktieb "Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba" miktub minn Carmen Lia u ppublikat mis-Soċjetà Santa Marija. Dan il-ktieb ntlaqa' tajjeb ħafna.

42 Fit-9 ta' Awwissu l-President flimkien mas-Soċjetà kollha laqa' uffiċċjalment ġewwa l-Imqabba lil Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano, immexxija mis-Surmast/Sindku Francesco Mancini biex tieħu sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Diversi attivitajiet minn din il-Banda saru fl-Imqabba, il-Belt Valletta u anke Għawdex. Laqgħa kordjali mal-President



*Delegazzjonijiet taż-żewġ baned mal-President Dr Ugo Mifsud Bonnici*

ta' Malta, ET. Dr Ugo Mifsud Bonnici kompliet issaħħaħ il-bażi tal-ġemellaġġ[9].

43 Il-programm ta' Jum il-Banda kien wieħed speċjali u mżewwaq b'mużika addadata għal din l-okkażjoni. Fost ir-rigali li ngħatat s-Soċjetà kien hemm il-bakketta tas-Surmast George Martin u l-kurunetta li kien idoqq Leonard Farrugia. Ġew ippreżentati ukoll tliet Standardi – tal-Imqabba mogħti minn Benny Camilleri, Taljan mogħti minn Carmel Ellul u Silvio Coleiro u dak sekond għall-Banda mogħti minn Mikiel Camilleri. Lapida li tfakkar is-Surmastrijiet tal-Banda Re Ġorġ V inkixfet mis-Sindku Emmanuel Buttigieg. Lapida li tfakkar i1-ħamsin sena mit-twaqqif tal- Banda nkixfet mill-President tas-Soċjetà Carmel Zahra.

44 Għall-ewwel darba f'Malta in-nar tal-ajru ta' Lejliet il-Festa kien sinkronizzat mal-mużika u b'hekk l-Għaqda għolliet isimha għax ħolqot rivoluzzjoni sħiħa fil-qasam pirotekniku. Eluf ta' nies attendew għal dan l-ispettakklu uniku. Fil-bidu kienu jintużaw *switchboards* iżda mill-2005 in-nar sinkronizzat beda jinħaraq bis-sistema kompjuterizzata Fire One.[10]



*Dehra ta' ħruq tan-nar sinkronizzat mal-mużika*

**1998 – L-Imqabba 400 sena Parroċċa taħt il-Patroċinju ta' Santa Marija**
**Jintrebaħ l-Unur tal-Etoile d'Or du Jumellage fl-1998**

45 Il-President imexxi delegazzjoni għal diskussjonijiet bejn iż-żewġ każini ewlenin Imqabbin u l-Kappillan Dun J. Bartolo bl-għan li l-pika żejda u l-firda jinbidlu għal tolleranza u spirtu ta' għaqda.

46 Fit-30 ta' Lulju tasal il-Banda Ġermaniża Leipzig Jugend Blasorchester sabiex tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li kienu qegħdin isiru. Il-President tas-Soċjetà kixef lapida li tfakkar l-400 sena Parroċċa.

47 Il-Banda Re Ġorġ V, f'Jum il-Banda, tesegwixxi programm mużikali ta' livell għoli. Il-Fergħa tan-Nisa kixfet pittura fis-Sala Prinċipali bit-tema Marija fil-Glorja li tpittret mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u li huma irregalawha lis-Soċjetà. L-Isqof Awżiljarju Mons. Annetto Depasquale kixef lapida kommemorattiva.



*Fergħa tan-Nisa tinawgura l-pittura tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna*

48 Isir it-tiżjin ta' Triq il-Knovoj Santa Marija kif ukoll saret bandiera ġdida bi xbieha ta' Maria Assunta għal fuq il-Każin.

49 Fit-13 ta' Ottubru s-Soċjetà Santa Marija tirbaħ l-unur prestiġjuż Les Etoiles d'Or du Jumelage mogħti mill-Unjoni Ewropeja bħala rikonoxximent tal-Ġemellaġġ li sar fl-1996/7. Il-preżentazzjoni saret fit-13 ta' Novembru ġewwa Ferrara fl-Italja lid-delegazzjoni tas-Soċjetà li kienet magħmula mill-President Carmel Zahra, s-Sindku Emmanuel Buttigieg u l-bandist Alfred Galea, li pprepara r-rapport rigward il-Ġemellaġġ.

**1999 – Propjetà ġdida għall-Estensjoni**

50 Fis- 6 ta' Marzu, il-Banda Re Ġorġ V magħmula mill-bandisti tal-lokal itella' programm sinfoniku fis-Sala Principali sabiex tiċċelebra r-rebħ tal-Unur Les Etoile d'Or du Jumelage. Dan il-*home concert* baqa' jittella' kull sena.

51 Wara ħafna diffikultajiet, fil-11 ta' Marzu s-Soċjetà tixtri minn għand Tereża Zammit il-fond 41,42,43 Pjazza tal-Knisja sabiex issir l-estensjoni tas-Sede prinċipali.

52 Is-Soċjetà timxi fuq linji moderni u saret emenda sabiex in-nisa jkunu jistgħu jsiru soċi u jikkontestaw ukoll fl-elezzjonijiet tal-Kumitat Ċentrali.

53 Il-fergħa tan-Nisa tlesti sett ta' purtieri ġodda fuq stil antik għall-kamra tal-Kumitat.

54 Il-Kumitat jibda jorganizza sensiela ta' ġiti għall-partitarji bl-ewwel waħda tkun lejn Lourdes u Costa Brava.

55 Il-President flimkien mal-Kumitat jagħti bidu, nhar l-1 ta' Novembru, għaċ-ċelebrazzjonijiet li kellhom isiru sabiex jitfakkar il-ħamsin sena mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta.

**2000 – Ħamsin Sena tad-Domma tal-Assunta**
**400 mitt sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tas-Sagrament**
**Jinbeda l-Millenju l-ġdid**

56 Fit-2 ta' Jannar isir marċ mill-Banda u wara nkixfu sett ta' erba' pitturi oħra mill-E.T. il-President ta' Malta Dr. Gwido Demarco. Dawn tpittru mil-Kav Pawlu Camilleri Cauchi u ġew irregaliti lis-Soċjetà minn Martin Gaffarena u s-Sinjura tiegħu.

57 Delegazzjoni mill-Kumitat Ċentrali tieħu sehem fil-korteo li sar il-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-festi tal-Millenju.

58 Fi Frar jinbeda x-xogħol minn Anthony Ellul sabiex tiġi r-restawrata l-kamra ta' barra tas-Sede u tirritorna għall-istat oriġinali tagħha.

59 Il-Festa ta' Santa Marija tkun waħda speċjali, għax barra li kienet l-ewwel waħda tal-Millenju kien qiegħed jitfakkar ukoll l-anniversarju tal-ħamsin sena tal-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta.



Callus
Landscaping & Gardening

- Detailed Design & Landscaping
- Automatic water irrigation
- Ponds and water falls
- Natural & artificial rocks-scaping
- Suppliers of all types of trees, palms and shrubs
- Real carpet lawns
- Garden Cleaning and Maintenance
- Pruning of Trees
- Free consultation

We can alter your garden to your likings!

'Serjo' • Triq Wied Xkora • Siggiewi
Tel: 2146 4602 | Fax: 2740 5135 | Mob: 7940 5135 • 7906 2797
E-mail: callusj@onvol.net





Albert Abela woodworks

for all your furniture needs!

Arcadia, Gilbiena Street, Zabbar

Contact 9988 5347
2167 7970

albertabelawoodworks@live.com



www.albertabelawoodworks.com

Ipparteċipaw żewġ baned barranin: il-Banda Filarmonika ta' Larissa, Grecja u l-Banda Kiryat, Israel. F'Jum il-Banda saret l-inawgurazzjoni mill-Kummissarju Għoli H.J.S. Pearce tal-Ingliterra ta' aktar pitturi li saru mill-Kav Pawlu Camilleri Cauchi ġewwa s-Sala Prinċipali

60 L-armar ikompli jiżdied b'sett ta' għaxar bandalori għall- pjazza prinċipali. Ġew iddisinjati u mpittra minn Andrew Bugeja. Nbeda wkoll xogħol minn Carmel Ellul fuq sett trofej iddisinjati minn Renzo Gauci.

61 Safra oħra ta' divertiment lejn l-Isvizzera u Franza.

62 Is-Soċjetà tipparteċipa bis-sħiħ fil-festi li saru bejn l-20 u l-31 ta' Ottubru biex ifakkru l-ħamsin sena tad-Domma u l-erba' mitt sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament. Saru proċessjoni aux flambeaux bl-istatwa devota ta' Santa Marija, quddiesa ta' radd il-ħajr li tmexxiet mill-E.T. Isqof Awżiljaru Mons. Annetto Depasquale, u Akkademja Mużiko-Letterarja bis-sehem tal-Banda Re Ġorġ V flimkien mal-kor Laudate Dominum fil-preżenza tal-E.T. Isqof Mons Francis Baldacchino li aktar tard kixef lapida ta' tifkira.[11]



*Akkademja Mużiko-Letterarja*

63 Il-Ħadd 29 ta' Ottubru l-Kumitat organizza marċ mat-toroq tal-Imqabba mill-Banda Re Ġorġ V flimkien mal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat. Immedjatament wara saret l-inawgurazzjoni mill-WR Kapp. Dun Joe Bartolo tal- aħħar erba' pitturi fis-Sala Prinċipali tal-Każin sabiex b'hekk ġiet fit-tmiemha l-ewwel fażi tal-pitturi magħmulin mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi.[12] Filgħaxija saret il-proċessjoni aux flambeaux.

### 2001 – Jinbdew is-sorpriżi mis-Sezzjoni Żgħażagħ

64 Il-faċċata tal-Każin reġgħet ġiet restawrata.

65 Il-Banda Filarmonika ta' Kfar-Saba, Israel tkun mistiedna għall-Festa ta' Santa Marija.

66 Għall-Marċ tat-Tielet Tridu tinfetaħ għall-ewwel darba "Imrewħa Artistika" li nħadmet mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

67 Ġita oħra organizzata li ħadet lill-partitarji ġo Praga fir-Repubblika Ċeka.

### 2002 – Isiru l-pjanti tal-Estensjoni

68 Bosta żgħażagħ u partitarji jagħmlu restawr ġenerali lil ħafna mill-armar speċjalment il-pedestalli u vażi tal-Appostli.[13] Charles Zammit jirregala sett pavaljuni għal Triq il-Parroċċa.

69 Inbeda x-xogħol ta' *surveys* minn Omar Caruana u l-Kumitat ressaq il-pjanti iffinalizzati mill-periti Edwin Mintoff u Vince Centorino għall-approvazzjoni tal-membri waqt laqgħa ġenerali.

70 Ġiet installata sistema moderna ta' sigurtà għal Każin.

71 Għall-ewwel darba ġol-Imqabba ġiet banda Għawdxija, dik ta' San Girgor tax-Xewkija u ħadet sehem fil-jiem tal-Festa.

72 Tkompli s-sensiela ta' ġiti għall-partitarji. Din is-sena kien imiss it-Tirol.

73 Il-Banda Re Ġorġ V marret iddoqq għall-ewwel darba ġewwa x-Xagħra Għawdex waqt il-Festa tal-Vitorja.

74 Fl-10 ta' Novembru saret żjara ġewwa l-Imqabba mill-Kor Iżraelit Alei Gefen bħala mistednin tas-Soċjetà. Huma taw kunċert memorabbli ġewwa s-Sala Prinċipali tas-Soċjetà.

### 2003 – Direttur Spiritwali ġdid

75 Ġiet installata l-arja kkondizzjonata fis-sala tal-Banda

76 Is-Soċjetà tagħti l-aħħar tislima lil-Patri Joseph M Ghigo li kien id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà għal bosta snin u lil Mro. JM Barbara li kien l-ewwel surmast tal-Banda Re Ġorġ V. Fl-istess ħin ferħet lill-Patri Joe Zahra li laħaq Direttur Spiritwali.

77 Ġita oħra mas-Soċjetà fis-seher tal-Black Forest il-Ġermanja.

78 L-Għaqda tan-Nar ħadet sehem fl-Ewwel Festival ta' Malta tan-Nar li ġie organizzat mill-Awtorità ta' Malta tat-Turiżmu ġewwa il-Port il-Kbir.

### 2004 – Jiżżanżan il-Planċier
### Kappillan ġdid għal-Parroċċa tal-Imqabba

79 Il-planċier jingħata spinta kbira u għalkemm ma kienx komplut minn kollox iżżanżan għall-Festa ta' Santa Marija.[14]

80 Ix-xogħol estensiv tar-restawr tal-armar jitkompla bil-kbir. Jiżżanżnu s-sett tat-trofej.[15]

81 Banda oħra Għawdxija, Ite ad Joseph tal-Qala tilqa' l-istedina tal-Kumitat u ġiet itferraħ it-toroq tar-raħal nhar l-Għid tal-Assunta.

82 Is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħmel Bandalora artistika u torganizza l-ewwel *Mqabba Song Festival* ġo l-Imqabba.

83 Organizzata ġita oħra li ħadet lill-partitarji ġewwa l-Awstrija, l-Italja, is-Slovenja u l-Kroazja.

84 Il-President u l-Kumitat flimkien mas-Soċjetà kollha laqgħu fis-Sede lill-E.T. President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami waqt iż-żjara li għamel ġol-Imqabba għall-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba.

85 F'Novembru l-President u l-Kumitat flimkien

# Żepp
Skip Hire



*Joseph Mifsud*

Rochelle,
Triq Innoċenz Zammit,
Mqabba MQB 9020

Tel: **2168 9407**
Mob: **9987 7417**

*Nagħmlu alterazzjonijiet f'kull tip ta' bini*

# NETTA
## PETROL STATION

***Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla s'għand***
*Netta Petrol Station*
***fejn għandek issib kull ħaġa li tinħtieġ.***

- **SPARE PARTS U AĊĊESSORJI TA' KULL KWALITÀ TAJBA GĦAL KWALUNKWE KAROZZA.**
- **TYRES ĠODDA TA' KULL DAQS, GĦODOD, ŻJUT U BATTERIJI.**
- **COVERS GĦAL KULL TIP TA' KAROZZA.**
- **TISWIJA FIL-PRONT TA' TYRES B'APPARAT MODERN.**
- **BATTERIJI B'SENTEJN GARANZIJA: PETROL €40 - DIESEL €65**

**24 Hour Service**

**Pjazza San Nikola, Siġġiewi**
**Tel: 2146 7764**

mas-Soċjetà kollha laqgħu fis-Sede lill-WR Kapp Dun Nazzaren Caruana, il-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa.

### 2005 – Mitt sena mit-twaqqif tal-Każin Soċjali Santa Marija

86 Is-Sala Prinċipali tal-Każin tiġi rrestawrata, miżbugħa u ndurata mill-ġdid. Isir aktar xogħol ieħor ta' manutenzjoni fil-Każin.

87 Is-soltu *home concert* isir fis-sala Robert Sammut fit-2 ta' April u dan kellu suċċess kbir.

88 Jitfakkar mis-Soċjetà l-anniversarju tal-mitt sena minn meta ġie ffurmat il-Każin Soċjali Santa Marija[16]. F'Jum il-Banda l-President tas-Soċjetà kixef lapida li tfakkar dan l-avveniment fil-lok fejn kienu jiltaqgħu l-membri ie: 2 Triq il-Karmnu.

89 Għal darb'oħra tiġi banda barranija, Bedford Town Band, Ingliterra fil-ġranet tal-Festa.

90 Fil-Festa ta' Santa Marija jsir skambju kulturali bejn is-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjetà tagħna u żgħażagħ minn Ciro' l-Italja. It-tieni parti ta' dan l-iskambju sar f'Lulju 2006.

91 Is-saqaf tas-Sala Prinċipali jiżżejjen artistikament bi tliet pitturi maħdumin mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Ġew inawgurati mill-E.T. Arcisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca. Hekk inbdiet t-tieni parti tal-proġett tas-Sala Prinċipali.

92 Jingħata Standard Ingliż minn Nicholas Ghigo tan-Naqxi.

93 L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tkompli żżejjen l-ispettakli ta' lejliet il-festa fejn in-nar sinkronizzat mal-mużika jibda jinħaraq bis-sistema *Fire One*.

94 Fil-15 ta' Novembru s-Soċjetà toħroġ bl-unuri kollha meta l-Banda Re Ġorġ V għamlet il-Kunċert Sinfoniku fit-Teatru Manoel fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilia, il-Patruna tal-Mużiċisti u li sar taħt il-Patroċinju tal-E.T. President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami.



*Il-Banda Re Ġorġ V fit-Teatru Manoel*

95 F'Novembru, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tagħmel spettaklu ta' nar ġewwa Għajn Tuffieħa wara ċ-ċena Rjali li għamlet il-Maestà Tagħha r-Reġina Elizabetta II għad-delegati li attendew is-Summit tal-Commonwealth (CHOGM).

96 Il-President u s-Sinjura tiegħu jkunu mistednin, flimkien ma' Soċjetajiet oħra b'rabta mal-Familja Rjali, mill-Maestà Tagħha r-Reġina Elizabetta II għal riċeviment li sar fuq il-bastiment HMS Illustrious.

97 L-Għaqda tal-Armar toħloq proġett ambizzjuz għal Triq Karmenu Ciantar – tmien trofej u għaxar pedestalli fuq disinni ta' Andrew Bugeja u statwi li ser jinħadmu minn Aaron Camilleri Cauchi. Inbdew ukoll l-armi tat-trofej tal-pjazza u sar restawr fuq l-Istatwi tal-Inkurunazzjoni.[17] Parti minn dawn kellhom jibdew jiżżanżnu għal-Festa tal-2006 u jitkomplew fis-snin ta' wara. Il-protagonisti ta' dan il-proġett kienu Charles Falzon, Michael Ghigo u Mario Camilleri mgħejjuna minn ħafna dilettanti oħra tal-armar.

### 2006 – L-ewwel unur nazzjonali għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija

98 L-isem tas-Soċjetà jkompli jogħla permezz tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija li ġiet iddikjarata rebbieħa assoluta tal-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar organizzat f'Malta mill-Ministeru tat-Turiżmu. Sar marċ mat-toroq tal-Imqabba mill-Banda biex tiċċelebra dan l-unur[18].

99 Il-Festa ta' Santa Marija tkompli tikber bil-presenza ta' St. Kaverne Town Brass Band minn Cornwall, Ingilterra.

100 F'Jum il-Banda, il-mistednin u l-partitarji jkollhom okkażjoni unika biex jisimgħu lil David Morris, Whistling World Champion, jagħti esebizzjoni mpekkabbli tal-arti tiegħu.

101 Il-Fergħa tan-Nisa tkompli ssaħħaħ il-Banda billi irregalatilha sett qniepen.

102 Jerġa' jinbeda r-restawr fuq l-Appostli minn Andrew Bugeja filwaqt li jitkompla x-xogħol fuq l-armar diġà mibdi. Iżżanżet l-ewwel Statwa għal Triq Karmenu Ciantar, San Ġwann il-Battista, mgħotija mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

103 Is-Sezzjoni Żgħażagħ uriet il-kapaċitajiet tagħha billi tellgħet l-ewwel Presepju Ħaj li qatt sar ġol-Imqabba. Mijiet ta' nies żaru l-Isptar il-Qadim biex jaraw din l-opra.

104 L-Għaqda tan-Nar kompliet turi l-prestiġju tagħha bil-wirjiet piroteknici li tat bejn 2 u 5 ta' Diċembru waqt ikliet li saru fil-Barrakka ta' Fuq lil madwar elfejn *manager* li attendew il-Konferenza ta' *Thomas Cook* li saret f'Malta. Tagħti wirja wkoll tan-nar tal-art fin-Nadur Għawdex fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Bliet Ewropej tal-Karnival (FEEC).

### 2007 – Caput Lucis - Unur internazzjonali għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija

105 Il-President u Kumitat flimkien mal-President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Carlo Sciberras jilqgħu lil E.T. Arcisqof Mons. Pawlu Cremona O.P. nhar it-28 ta' Marzu sabiex jinawgura, fil-preżenza tal-



*Il-President mal-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona*

Ambaxxatrici ta' Spanja l-E.T. Marta Vilardell, l-wirja unika u oriġinali tal-vari ta' Spanja msejjħa "La Semana Santa". Din ittellgħet mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija bil-għajnuna kbira ta' Michael Chetcuti, Nathalie u Leonard Azzopardi u għadha ssir sal-lum.

106 Il-Banda Re Ġorġ V, fuq is-soltu inizzjattiva ta' Alfred Galea, issiefer fit-3 ta' Lulju għat-tieni darba u marret Cave, l-Italja ħadet sehem flimkien ma' baned mill-Italja, Ingilterra u Franza fil-Festival Internazzjonali għall- Baned imsejjaħ bħala *Festa del Socio Cave 2007*. Il-Banda daqqgħet ġo s-Sala Nervi fil-preżenza tal-Papa Benedittu XVI.

107 Fis-6 ta' Awwissu l-Għaqda tan-Nar tiġi ddikjarat ir-rebbieħa, minn fost tmien kontestanti, tal-Premju Internazzjonali *Caput Lucis* li sar ġo Ruma. Il-President tas-Soċjetà flimkien mal-membri tal-Kumitat u l-Għaqda tan-nar kellu diversi laqgħat ta' awguri mal-għola Awtoritajiet ta' Malta – President Dr Edward Fenech Adami, il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, l-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Alfred Sant. Ċelebrazzjonijiet kbar saru ġol-Imqabba.[19]



*L-ewwel mumenti tal-premjazzjoni tal-'Caput Lucis'*

108 Il-Festa tiġi ċċelebrata b'entużjazmu kbir. Minn Cornwall l-Ingilterra jkollna fostna l-banda St. Slythians Brass Band. F'Jum il-Banda l-Amerikan Surmast Dr. Andy Isca ipparteċipa fid-direzzjoni tal-Banda tagħna. Nhar l-14 ta' Awwissu sar programm strumentali mill-banda St. Slythians u li għalih attenda l-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi flimkien ma' martu Kate.

109 Issir l-istatwa ta' San Ġużepp li tħallset mis-Sezzjoni Żgħażagħ u l-briju tal-festa jkompli jikber biż-żieda ta' żewġ umbrelluni kollha pittura.

110 Is-Soċjetà terġa' tikseb unur ieħor permezz tas-Sezzjoni Żgħażagħ li tellgħu għat-tieni darba l-Presepju Ħaj u rebħu l-ewwel post fil-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Presepji.

**2008 - Jinħarġu l-permessi għall-bini tal-estensjoni**

111 Wara xhur ta' taqtiegħ il-qalb, ġiri u laqgħat mill-President u sħabu mal-periti u l-MEPA, jinħarġu l-permessi kollha sabiex jinbeda x-xogħol fuq l-estensjoni tal-Każin. Dan beda f'Ottubru mill-kumpanija Zahra Ltd.[20]




*Il-pjanti tal-faċċata hekk kif ġew approvati*

112 Is-Soċjetà jkollha l-ewwel membru femminili fil-Kumitat Ċentrali, Maria Psaila li kellha l-kariga ta' delegat attivitajiet/delegat nisa.

113 L-Għaqda tan-Nar tagħmel spettaklu fil-Port il-Kbir fiċ-ċelebrazzjonijiet tad-dħul tal-ewro. Spikkaw id-disinni forma ta' €. Fl-ispettaklu ta' lejliet il-Festa jsiru aktar innovazzjonijiet bħal ħruq ta' forom mill-art, disinni ikkumplikati bħal nome di maria u s-simbolu tal-mużika kif ukoll imrewħa li taqleb il-kulur.



*L-Għaqda tan-nar tkompli tavvanza b'disinni kkumplikati*

114 Il-President u s-Soċjetà flimkien mal-Banda jagħtu l-aħħar tislima lil qassis Imqabbi u benefattur tas-Soċjetà Dun Karm Ghigo li għadda għall-ħajja ta' dejjem fit-22 ta' Ġunju 2008.

115 Is-Soċjetà Santa Marija tingħaqad mal-poplu Imqabbi nhar it-2 ta' Awwissu u tattendi bi ħġarha

fil-Knisja Parrokkjali għall-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Fr Jonathan Farrugia li kien ordnat Saċerdot fit-3 ta' Lulju. Għal xi żmien iż-żagħżugħ Jonathan kien bandist mal-Banda tagħna.

116 Għall- Festa ta' Santa Marija żżurna il-Banda Taljana Associazione Bandistica Cittadine di Cave.

117 Fl-anniversarju tal-ħmistax-il sena tas Sezzjoni Żgħażagħ il-Marċ tat-Tielet Tridu jingħata spinta kbira f'dak li hu briju bl-introduzzjoni tal-Gwarniċun Mekkanizat[21] u ta' spettaklu kbir ta' dwal, laser u sistema ta' kanuni mħaddma bl-arja kkompressata u ssinkronizzati biex jisparaw l-karti mal-mużika. Permezz ta' dan il-Gwarniċun Mekkanizzat, is-Sezzjoni Żgħażagħ rebħet 'il-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2011' fil-kategorija għall-kreattività u l-innovazzjoni.

118 Jitkompla r-restawr tal-pilandri antiki li jżejnu l-Istatwa ta' Santa Marija tal-Pjazza, Matthew Ellul ikompli x-xogħol fuq il-vażi għall-pedestalli tat-Triq Karmenu Ciantar, u jinbeda x-xogħol fuq tmien armi għat-trofej ġol-istess triq.

119 Il-Fergħa tan-nisa tħallas żewġ statwi ġodda, Santa Elizabetta u Rebecca, sabiex jintramaw fi Triq Karmenu Ciantar. Dawn iżżanżnu għall-Festa ta' Santa Marija tal-2010.

120 Il-Kumitat jorganizza ġita oħra għall-Belgju, Franza, Lussemburgu u Olanda.

121 Il-President jilqa' lill-Ambaxxatur Taljan E.T. Paolo Andrea Trabalza għall-programm mużikali li l-Banda Re Ġorġ V tellgħet nhar il-15 ta' Novembru fis-sala tal-Iskola Primarja tal-Imqabba fl-okkażjoni tal-għaxar snin anniversarju tal-għoti tal-unur Les Etoiles d'Or du Jumelage u l-ħmistax-il sena tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

### 2009 – Isir il-Logo għall-Festi Ċentinarji L-ewwel Ċenaklu Ħaj ġol-Imqabba

122 Is-Soċjetà permezz tas-Sezzjoni Żgħażagħ torganizza għall-ewwel darba ġol-Imqabba Ċenaklu Ħaj fis-sotterran u f'parti mix-xelter tal-Każin, kif ukoll il-wirja 'La Semana Santa' li ġiet inawgurata mill-Isqof Emeritus Mons. Francis Adeodato Micallef tal-Kuwajt. Kemm il-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi kif ukoll il-Kap tal-Oppożizzjoni Dr. Joseph Muscat żaru dawn iż-żewġ wirjiet.

123 Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Imqabba, iż-żewġ baned Imqabbin idoqqu flimkien fl-attivita 'Mal-Medda taż-Żmien' li kienet mtellgħa mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

124 F'Ottubru l-Kumitat Ċentrali jaħtar il-Kummissjoni Festi Ċentinarji li kellha tieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-attivitajiet li kellhom isiru matul is-sena 2010 sabiex jiġi ċċelebrat fuq livell għoli għall-Ewwel Ċentinarju tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.[22]

125 Il-Kummissjoni tagħżel id-disinn tal-logo uffiċjali taċ-Ċentinarju bil-motto ikun "Mitt sena għall-Imqabbin… Mużika, Kultura, Suċċess". Dan il-logo ġie ppreżentat lill-membri u l-partitarji waqt l-ikla ta' lejliet l-Ewwel tas-Sena 2010 li ġiet organizzata fis-Sede tas-Soċjetà.

### 2010 – L-ewwel Mitt Sena tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

126 Fl-1 ta' Jannar is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tibda ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ewwel Ċentinarju b'quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali u riċeviment fis-Sala Principali tal-Każin għall-għaqdiet soċjali u reliġjużi Imqabbin. Dawn ġew ippreżentati bil-logo ta' dawn il-Festi.




*Il-Logo tal-Ewwel Ċentinarju tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*

127 Il-Kummissjoni tħejji xi forma ta' attività għal kull xahar tas-sena. Fit-12 ta' Jannar l-President tas-Soċjetà flimkien mal-membri tal-Kumitat u l-Kummissjoni Festi Ċentinarji jagħmlu żjara ta' korteżija lill-President ta' Malta E.T. Dr George Abela fil-Palazz il-Belt. Il-President irreċiproka din iż-żjara billi nhar 24 ta' Jannar żar il-Każin.



*Waqt iż-żjara ta' korteżija għand il-President Dr G. Abela*

128 Fid-9 ta' April issir lejla ta' tifkira bit-titlu '9 ta' April 1942… Ġrajjiet l-Imqabba'. Tfakkru l-ħamsin sena mill-ftuħ mill-ġdid tal-Koppla tal-Knisja u tal-Istatwa ta' Santa Marija tal-Pjazza wara li dawn iġġarfu fl-attakki tal-gwerra li saru fuq l-Imqabba nhar 9 t'April 194. Għall-ewwel darba ġie miftuħ għall-pubbliku ix-xelter tal-Każin.

# *Liliana Camilleri*

## *Beauty Therapist*

C.I.B.T.A.C.
Diploma B.A.B.T.A.C.

*10, Triq il-Mitħna, Mqabba*
*Tel: 2168 3214 • Mob: 9942 6054*

**Treatments Available**

*Skin Rejuvenating Facials*
*Essential Care Facials*
*Deep Cleansing Facials*
*Eyelash - Brow Tinting*
*Electrolysis, Waxing and Make-up*





Strictly Dance & Fitness Centre

**Lezzjonijiet ta' żfin u fitness fiż-Żurrieq** (Dulli Hall).
**Baby Dance Class (età bejn 3 u 5 snin)**
**Modern Ballet • Disco Freestyle • Tap Dancing**
**Yoga & Stress • Relaxation • Fat Burner**
**Il-lezzjonijiet huma kollha mmexxija minn għalliem kwalifikat (N.A.T.D, K.F.M. – MEDAU Method) u ta' esperjenza.**
**€5 GĦAL KULL LEZZJONI.**

**Għal aktar informazzjoni ċempel lil Mario Schembri fuq 79977398.**

*Feel great, have fun, be healthier... join now!!!*

**Tombla hawnhekk stess kull nhar ta' Erbgħa fl-10 ta' filgħodu u l-Ġimgħa fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.**




129 Fl-24 ta' April l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tiġi ddikjarata r-rebbieħa assoluta tar-IV Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art li sar fuq il-Fosos tal-Floriana. Hija rebħet tlieta minn erba' kategoriji. Il-Ħadd 2 ta' Mejju saret Quddiesa u marċ brijuż mill-Banda.

130 Il-President jiftaħ fis-6 ta' Ġunju wirja bl-isem 'Lenti fuq is-Socjetà 1910-2010'. Din il-wirja kienet waħda ddetaljata ħafna u ġabret l-istorja kollha tas-Socjetà.

131 F'Jum il-Banda, il-President tas-Soċjetà jagħti merħba lill-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi u wara l-Banda għamlet kunċert vokali u strumentali taħt il-patroċinju tal-istess Prim Ministru. Waqt din is-serata żżanżnet il-kanzunetta 'Mitt Sena għall-Imqabbin' li tkantat minn Allison Ellul. Lapida li tfakkar iċ-Ċentinarju nkixfet mill-Prim Ministru.



Kxif ta' lapida mill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi

132 Il-Kumitat flimkien mal-fergħat kollha tas-Soċjetà u partitarji jieħdu sehem fl-1 ta' Novembru f'quddiesa kantata u kkonċelebrata li tmexxiet minn iben Imqabbi, il-W.R. Mons Joseph Bugeja sabiex jingħata bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet li kienu ser isiru fil-2011 biex ifakkru l-175 sena mill-miġja ġol-Imqabba tal-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fl-1836.

133 Is-Sibt 20 ta' Novembru twieldet fergħa ġdida fi ħdan is-Soċjetà – Tfal tat-Titular.[23]

134 Fl-20 ta' Diċembru jiġi inawgurat mill-Onor Segretarju Parlamentari Clyde Puli l-Presepju Ħaj li għal din is-sena is-Sezzjoni Żgħażagħ ħadet ħsieb li tagħmlu fuq medda art ta' madwar 1700 metru kwadru u b'aktar minn 100 persunaġġ jipparteċipaw.

135 Il-Jum tant mistenni wasal u ġie ċċelebrat bil-kbir għax intlaħaq il-qofol u l-quċċata taċ-Ċentinarju. Nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru l-President tas-Soċjetà Carmel Zahra fil-presenza tal-Kumitat Ċentrali, Fergħat kollha tas-Soċjetà, Soċi u Partitarji inawgura l-Estensjoni tas-Sede tas-Soċjetà li ġiet imbierka mill-W.R. Kapp. Dun Nazzaren Caruana.[24]



Il-President jinawgura l-Estensjoni tal-Każin

136 Il-President jilqa' minngħand Chris Schembri Baldacchino verżjoni moderna tal-Arma tas-Soċjetà.[25]

## 2011 – Jitfakkar il-175 sena mill-miġja tal-Istatwa ta' Santa Marija

137 It-tema prinċipali għal din is-sena tkun it-tifkira tal-175 sena minn meta l-Istatwa artistika tal-Patruna tal-Imqabba Santa Marija twasslet miż-Żejtun għall-Imqabba, fost il-ferħ u briju tal-parroċċani li għexu dawk il-mumenti tal-14 ta' Awissu 1836. Is-Soċjetà tagħna, kif kien mistenni, għamlet għal darb'oħra festi kbar[26] u nediet Logo li s-Soċjetà wżat għal dawn il-festi.[27]

138 Is-Soċjetà kollha tibki nhar il-11 ta' Frar t-telfa ta' Ġużeppi Ghigo, ex-President tas-Soċjetà, dilettant kbir tan-nar speċjalment dak mekkanizzat tal-art, u benefattur kbir tas-Soċjetà. Missier il-*universal joint* li ġab rivoluzzjoni sħiħa fin-nar tal-art u jibqa' famuż għall-arloġġ li kien ukoll idoqq it-tokki kull siegħa.

139 Il-proġett ta' triq Karmenu Ciantar jitkompla bit-tlestija tal-pedestalli kollha mix-xogħol tal-injam, u bandalora minn sett ta' tmienja li juru l-virtujiet tal-Madonna. Il-pittura tal-bandalori qegħdha ssir minn Paul Falzon. Tkompla xogħol ta' restawr fuq l-appostli u nbeda dak ta' fuq il-pedestalli.

140 Jum il-Banda, 10 ta' Awissu, il-Banda tesegwixxi l-programm impenjattiv tagħha taħt il-Patroċinju tal-E.T. Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca. Indaqq l-Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema tas-surmast George Martin (l-Innu l-Kbir).

141 L-Għaqda tan-Nar tkompli tiġbed eluf ta' nies lejn l-Imqabba għal-lejliet il-Festa bl-innovazzjonijiet

li baqgħet tagħmel kull sena. Kisret record ieħor meta oriġinat it-'Tower of Light' li saħħar li dawk kollha preżenti.

142 Isiru Festi speċjali organizzati mill-Parroċċa u bil-kollaborazzjoni sħiħa tas-Soċjetà Santa Marija bejn 24 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru sabiex ifakkru l-175 sena tal-miġja tal-Istatwa tal-Patruna Santa Marija fostna l-Imqabbin. Tnieda l-ktieb *Il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba* miġbur mill-Kan. Dun Jonathan Farrugia.

143 Nhar it-28 ta' Ottubru il-Banda Re Ġorġ V ittella' Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-patroċinju tal-Isqof Mons. Adeodato Micallef fil-Knisja Parrokkjali. Il-qofol ta' din l-akkademja intlaħaq bl-esekuzzjoni tal-Oratorju 'Bukkett ta' Mitt Warda lil Santa Marija', mużika tal-Mro. David Agius u versi tal-Kav. Carmel Bianchi.28 Wara l-akkademja, l-Isqof Micallef mar fis-Sede prinċipali tas-Soċjetà Santa Marija u kixef lapida ta' tifkira.



*Akkademja Mużiko-Letterarja*

144 Jum id-Domma tal-Assunta, l-1 ta' Novembru, kien il-jum li dawn il-festi laħqu l-qofol tagħhom meta b'devozzjoni kbira sar pellegrinaġġ *aux flambeaux* bl-istatwa artistika u devota tat-Titulari Santa Marija. Ippartеċipaw it-tliet fratellanzi u numru qawwi ta' lajċi.

**2012 – Il-Festa ta' Santa Marija ssir fuq skala ridimensjonata**

145 Fit-23 ta' Frar is-Sezzjoni Żgħażagħ tirċievi rikonoxximent Nazzjonali għall-Gwarniċun Mekkanizzat bil-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2011 fil-kategorija għall-kreattività u l-innovazzjoni.

146 Benefatturi jagħtu sehemhom għat-tkomplija tal-pittura tas-saqaf fis-Sala Prinċipali.

147 Il-manutenzjoni tal-Każin titkompla u ssir antiporta ġdida.

148 L-Għaqda tan-Nar tagħmel diversi spettakkli. F'April tieħu sehem fis-simposju tan-nar fil-Mellieħa u f'Settembru tipprovidi wirja oħra spetakkolari għall-passiġġieri fuq il-Cruise Liner lussuż *Mein Schiff I*.

149 Bejn it-13–17 ta' Ġunju l-istess Għaqda ttellgħa wirja msejjħa *The Cradle of Innovation* dwar l-iżviluppi u l-innovazzjonijiet li saru minnha fin-nar tal-art.

150 It-telfa tal-Kappillan Dun Nazzaren Caruana nhar id-9 ta' Lulju taħsad lill-Imqabbin kollha.[29] Is-Soċjetà Santa Marija tagħtih l-aħħar tislima u l-baned taż-żewġ soċjetajiet daqqew flimkien marċi funebri waqt il-korteo.

151 Din it-telfa tħalli effetti mhux mistennija fuq il-Festa ta' Santa Marija tant li l-Kurja ssospendiet l-istess festa. Il-President imexxi delegazzjoni li bi spirtu ta' djalogu sinċier u rieda tajba daħlet fi trattativi mal-Kurja sabiex tiġi salvata l-Festa. Dan l-iskop intlaħaq u l-Festa ta' Santa Marija ssir imma b'ċertu ridimensjoni u kondizzjonijiet.[30]

152 L-Għaqda tal-Armar tkompli l-proġett tat-triq Karmenu Ciantar u tiżżanżan ukoll l-istatwa ta' Żakkarija li tħallset miż-Żgħażagħ. Jinbdew il-pavaljuni ta' Triq Valletta fuq disinn ta' Silvio Pace. Dawn qegħdin jitħallsu mir-residenti tal-istess triq.[31]

153 Is-Soċjetà Santa Marija tfakkar is-sittin sena tal-Konvoy. Is-Sezzjoni Żgħażagħ waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tat-Tielet Tridu tiproġetta fuq il-faċċata tal-Każin dokumentarju audio-viżiv permess tal-laser. L-Għaqda tan-Nar tagħmel wirja ta' disinni relatati mal-gwerra u li kienu sinkronizzati mal-qari ta' dokumentarju dwar il-Konvoj ta' Santa Marija.

154 Fl-1 ta' Diċembru is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ l-W.R. Kan. Dun Ġorġ Spiteri għall-pussess tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Imqabba taħt il-Patroċinju tal-Patruna Santa Marija.



*Xena mill-Presepju Ħaj*

155 Is-Sezzjoni Żgħażagħ terġa' torganizza Presepju Ħaj bil-bixra ta' raħal tradizzjonali Malti.[32] Eluf ta' nies żaru dan il-presepju. B'din l-attività hekk kbira, is-Sezzjoni Żgħażagħ rebħet l-premju ta' l-ewwel post fil-kompetizzjoni nazzjonali tal-presepji kif ukoll il-premju mgħoti minn 'The Malta Records' peress li nkiser ir-rekord ta' l-akbar Presepju Ħaj.

### 2013 – L-għoxrin sena anniversarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija

156 Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tiċċelebra l-għoxrin sena mit-twaqqif tagħha. Għalhekk organizzat diversi attivitajiet matul is-sena sabiex jitfakkar dan l-anniversarju.



*Preżentazzjoni tal-logo mill-President taż-Żgħażagħ Jeremy Mercieca f'għeluq l-għoxrin sena tas-Sezzjoni Żgħażagħ*

157 Fit-22 ta' April tibda tiffunzjona l-Kummissjoni Web.[33]

158 Il-President u l-Kumitat Ċentrali flimkien mal-Kappillan il-WR Kan Dun Ġorġ Spiteri jagħmlu żjara ta' kortesija lill-Isqof Awżiljarju Mons. Charles Scicluna.

159 Inħatret ukoll fil-5 ta' April il-Kummissjoni Manutenzjoni tal-Każin bl-ewwel impenn tagħha jkun ir-restawr bil-għajnuna ta' Michael Grech tal-madum tas-Sala Prinċipali. Tiġi nstallata wkoll sistema ta' sigurtà permess ta' CCTV.

160 Jitkompla x-xogħol fuq l-armar u drapp tat-triq Karmenu Ciantar, il-pavaljuni ta' triq Valleta.



*Is-saqaf tas-sala Marija Assunta*

161 F'Jum il-Banda waqt il-programm vokali u strumentali, il-President tas-Soċjetà Carmel Zahra jinawgura is-Sala Prinċipali li issa kellha l-pittura tas-saqaf kompluta minn kollox. B'hekk il-proġett ta' sensiela ta' pitturi maħduma mill-Kav Pawlu Camilleri Cauchi34 li nbeda propju mill-istess President fl-1992 jiġi fi tmiemu. Bix-xieraq is-sala bdiet tissejjaħ s-Sala Marija Assunta.[35]

162 Fit-Tielet Tridu s-Sezzjoni Żagħażagħ Santa Marija fost briju kbir u spettaklu mill-isbaħ tinawgura l-illuminazzjoni ġdida tal-faċċata tal-Każin u pavaljun għal mal-gallerija. L-ispejjeż kollha tħallsu mill-istess sezzjoni.

163 L-Għaqda tan-Nar terġa' tagħmel spettaklu iehor f'lejliet il-Festa u jittawwal aktar 'il fuq it-Tower of Light.

164 Fl-4 ta' Ottubru l-Banda Re Ġorġ V u l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tellgħu servizz ta' mużika tradizzjonali Maltija kif ukoll wirja ta' logħob tan-Nar fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta fil-Qawra.

165 L-Għaqda tan-Nar tipprovdi spettaklu ieħor fit-13 ta' Ottubru ġewwa l-*Waterfront* fl-okkażjoni tal-waqfa tal-Cruise Liners *Mein Schiff I* u *Mein Schiff II*.

166 Fil-ġranet tal-Milied jittella' *Christmas Village* mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

### 2014 – Titwettaq xewqa kbira tal-President – Statwa ta' Santa Marija

167 Waqt il-Laqgħa Ġenerali fit-23 ta' Marzu titnieda uffiċċjalment il-verżjoni ġdida tal-website tas-Soċjetà.

168 Fit-18 ta' April, il-President ta' Malta l-E.T. is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca tagħmel żjara fis-Sede tas-Soċjetà Santa Marija fl-okkażjoni tal-wirja 'La Semana Santa'. Din is-sena din il-wirja kellha ż-żjieda ta' statwa *lifesize* tal-Esperanza Macarena.

169 Bil-fondi miksuba mill-Aġenzija Żgħażagħ ġiet irrestawrata s-sala tal-banda u nxtraw xi strumenti tal-banda.

170 Jinkisbu fondi mill-Gal-Xlokk sabiex f'Settembru jinbeda l-proġett tal-lift fis-Sede tas-Soċjetà.

171 F'Ottubru s-Sezzjoni Żgħażagħ ser itella' Seminar Nazzjonali bit-tema 'Qalb Żagħżugħa Festi Inklussivi'. Ħidma speċjali qegħdin jagħtuha Pauline Agius Farrugia u Chris Schembri Baldacchino ħalli din l-attività tkun suċċess.

172 Fit-8 ta' Awwissu ser jitwettaq proġett ieħor li tant ilu jberren f'moħħ il-President. Fuq l-inizjattiva tiegħu u l-ex-Segretarju Carmel Ellul saret proposta li ssir statwa ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema biex issebbaħ ir-raħal tagħna tal-Imqabba. Il-benefatturi, il-familja Ellul ta' Ketrinu ħarġu l-fondi kollha sabiex l-Istatwa u l-Pedestall ikunu jistgħu jinħadmu mill-iskultur Lorenzo Attard. Żgur li din l-Istatwa ser tkun ta' ġmiel naturali u li ser tiġbed id-devozjoni ta' dawk kollha li jkunu għaddejjin mill-inħawi tal-Mentna.

Dawn l-attivitajiet kollha li saru jagħtu ġieħ kbir lill-President Carmel Zahra li nvesta tant żmien minn ħajtu sabiex jara lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li tant iħobb timxi 'l quddiem u tkabbar isimha u ġieħha mhux biss lokalment imma wkoll internazzjonalmet.

Ħamsa u għoxrin sena huma twal. Imma żgur li

# SIX BAR



Żuru dan il-Bar għal
Xorb ġenwin b'appetizers
f'atmosfera familjari u
ferriħija

**il-proprjetarju**
**Joe Calleja**
**jawgura**
**il-Festa t-Tajba**

**Jiftaħ kuljum mill-3.45am**
**'il quddiem**

**Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Żurrieq**

# COMPUTER BARGAINS

**Computer Systems**
**Laptops • Upgrades**
**Repairs • Accessories**
**Peripherals & Networking**

*André Cassar* ( Director)

**Triq tal-Maħżnier, Luqa LQA 04 - Malta**
**Tel/Fax: 21677999 • Mob: 9945 3187 • E-mail: info@computerbargainsmalta.com**
**Opening Hours: Mon to Sat: 9.00am - 1.00pm • Mon to Fri: 4.00pm - 7.00pm**
**www.computerbargainsmalta.com**



*Il-President ma' Carmel Ellul u Carmel Briffa*

l-President Carmel Zahra xħin jitfa' ħarstu lura u jara kif għadda ż-żmien japprezza wkoll l-fatt li hu seta' iwettaq l-attivitajiet tiegħu għax kellu ħafna stabbilità fil-Kumitat Ċentrali. Din l-istabbilita nħolqot peress li l-aktar żewg karigi importanti fil-kumitat, dik ta' segretarju u ta' kaxxier kienu okkupati għal snin twal minn żewġ persuni li wkoll taw servizz twil lis-Soċjetà – Carmel Ellul u Carmel Briffa. Inħoloq triumvirat ta' tliet persuni kollha bl-isem ta' Carmel li ħadmu spalla ma' spalla u flimkien setgħu jipproġettaw fit-tul għax dejjem taw l-appoġġ lil xulxin. Fejn kien ikun il-President kienu jkunu t-tnejn l-oħra.

Żgur li l-ġenerazzjoniet futuri jibqgħu jagħtu ġieħ lil dan il-President hekk ħabrieki u umli.

**Referenzi**


[1] Antoine Sciberra, *Relazzjonijiet Internazzjonali*, Programm tal-Festa ta' Santa Marija, Mqabba 2010 pp 109-111

[2] *Sezzjoni Żgħażagħ Għoxrin sena ta' ħidma, suċċess u unuri,* Programm tal-Festa ta' Santa Marija, l-Imqabba 2013 pp 193-203

[3] Permezz ta' dan il-Gwarniċun Mekkanizzat, is-Sezzjoni Żgħażagħ rebħet "il-Premju Gieħ l-Artigjanat Malti 2011' fil-kategorija għall-kreattività u l-innovazzjoni. Ara *Mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija* Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba pp 31-34

[4] Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-1990 nħatret Kummissjoni biex tirrivedi l-Istatut. Din kienet magħmula minn Carmelo Psaila, Nazzareno Sciberras, Frans Vella u Anthony Camilleri

[5] Joyce Guilliamier *Tifkiriet ta' Kav. George Martin*, Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 1997

[6] Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija għadha kif iċċelebrat l-20 sena anniversarju fil-Festa ta' Santa Marija 2013.
Dr Sciberras *L-ewwel żminijiet tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija*, Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 2013,pp 193-203
*Sezzjoni* Żgħażagħ *Santa Marija – Il-Ħolqa ġdida fil-Katina tas-Soċjetà,* Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 1994 pp 57-65 u fil-
Ħarġa speċjali Nru 15 ta' 'It-Titular' li nħarġet mis-Sezzjoni bl-iskop li tfakkar dan l-anniversarju.

[7] Joseph Farrugia *L-Orkestra 'Santa Marija'* Programm tal-Festa ta' Santa Marija, L- Imqabba 1995 pp 107-117
Carmen Lia *60 sena mid-debuttta' l-Orkestra Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija*, Programm tal-Festa ta' Santa Marija, L- Imqabba 2005 pp 39-41

[8] Christopher Spiteri u Alfred Galea *50 Sena Ilu* Programm tal-Festa ta' Santa Marija, L- Imqabba 1997 pp 27-37
Carmen Lia *60 Sena mit-Trasformazzjoni tal-Orkestra Santa Marija* Programm tal-Festa ta' Santa Marija, L-Imqabba 2007 pp 44-45

[9] Sensiela ta' artikli interessanti miktubin minn Alfred Galea rigward il-Ġemellaġġ, il-Banda u din iż-żjara jinsabu fil-Programmi tal-Festa ta' Santa Marija, L- Imqabba 1997, 1998, 1999, 2006, 2013

[10] John Zammit *Hmistax-il sena ta' spettakli sinkronizzat*i Programm tal-Festa ta' Santa Marija, Mqabba 2012 pp 131-133

[11] *Tifkiriet Speċjali Sena 2000*, Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 2001 pp 47

[12] *Is-Sala Artistika tal-Każin* Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 2001 pp 110-111

[13] "*Mill-Għaqda tal-Armar*" Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba pp 43-45

[14] Benjamin Camilleri, *Minn Fomm id-Delegat tal-Planċier,* Programm tal-Festa ta' Santa Marija, L-Imqabba 2003 p 75
Mill-Kummissjoni Planċier, *Planċier Artistiku*, Programm tal-Festa ta' Santa Marija, L-Imqabba 2003 p 77
Benjamin Camilleri, *Il-Planċier Artistiku*, Programm tal-Festa ta' Santa Marija, L-Imqabba 2004 p 108

[15] Mario Camilleri *Frott id-Dedikazzjoni*, Programm tal-Festa ta' Santa Marija, L-Imqabba 2004 p 19

[16] Carmen Lia *Il-100 anniversarju mill-formazzjoni tal-Każin Soċjali Santa Marija* Programm tal-Festa ta' Santa Marija, L-Imqabba 2005 p 49

[17] Mario Camilleri, *Sena ta' Ħidma Kontinwa*, Programm tal-Festa ta' Santa Marija, l-Imqabba 2006 p 19-21

[18] Sensiela ta' artikli dwar dan l-avveniment jinsabu fil-Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2006 pp 105 -127

[19] Dettalji u kummenti dwar dan l-avveniment jinsabu fil-Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2008 pp 103 – 125
John Zammit *Il-ħames anniversarju mir-rebħ ta' Caput Lucis,* Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2012 pp 137- – 139

[20] *L-Estensjoni tal-Każin* Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 2009 pp 43-47

[21] Carlo Sciberras, *Il-Gwarniċun Mekkanizat, Sorpriża 2008,* Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 2009 pp 108-109

[22] Il-Kummissjoni kienet magħmula minn Dr C. Sciberras, Antoine Abdilla, Antoine Farrugia, Antoine Sciberras, Mario Zammit, Carlo Sciberras u John Zammit

[23] Marica Mifsud, *Tfal tat-Titular*, Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2011 pp 163-164

[24] Dr. Charles Sciberras, *Bini tal-Estensjoni tal-Każin Re Ġorġ V – Soċeta' Santa Marija*, Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2011 pp 107-115

[25] Chris Schembri Baldacchino, *Verżjoni moderna tal-Arma tas-Soċjetà*, Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2011 pp 107-115

[26] Dr Charles Sciberras, *175 sena fostna l-Imqabbin,* Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2012 pp 57-72

[27] John Zammit, *Il-messaġġ tal-Logo tall-175 sena tal-istatwa titulari*, Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2011 pp 131

[28] Dr Charles Sciberras, *Kummenti tal-Protagonist*, Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2012 pp 73-79,

[29] *F'Qalb l-Imqabbin* Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 2012 pp170-171

[30] Dr Charles Sciberras *Ghaqal, djalogu ġenwin u rieda tajba jsalvaw il-festa tas-sena l-oħra* Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 2013 pp109-117

[31] Mario Camilleri *Rapport tal-Ħidma* Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 2012 pp 41-42

[32] Jeremy Mercieca, *L-Iżvilupp tal-Presepju Ħaj* Programm tal-Festa Santa Marija, L-Imqabba 2013 pp 163-168

[33] Chris Schembri Baldacchino *Kummissjoni Web* Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2013 pp 190-191

[34] Patrick Ghigo *Pawlu Camilleri Cauchi jlesti l-pittura tas-sala ċentru tal-arti* Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2013 pp 185-187

[35] Patrick Ghigo *Ċentru Artistiku* Programm tal-Festa Santa Marija, l-Imqabba 2013 pp 178-181


The Fruit Shop
Prop. George Attard
9th April 1942 Street, Mqabba
Tel: 21 647963 • Mobile: 7946 3151


C&G HARDWARE STORE
45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA
TEL N^OS: 21642167 • 99885491
• CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
• NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
• WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
• ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
• ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
• GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
• GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
• LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
• ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
• METAL FANS + GAS HEATERS
• 10% DISCOUNT ON PAINT
• CAR ACCESSORIES
• LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
• IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS
MOTTURA
SIGMA COATINGS
Sika
CISA
2300 W
GARDEN
HAMMERITE
METAL PAINT
WÜRTH
THE ASSEMBLY PROFESSIONALS
narex
Cuprinol
SILCA

# 1814: tispiċċa l-ġrajja tal-Knisja ta' Santa Marija "il-Fuqqanija"

**Il-Kanonku Dun Jonathan Farrugia jniedi għall-ewwel darba d-dokumenti marbuta mal-knisja li fl-imgħoddi kienet iddedikata lil Santa Marija u li llum hija ddedikata lill-Madonna tad-Duluri u juri kif seħħet din il-bidla. Fir-riċerka joħorġu wkoll xi punti marbuta mal-istorja tal-parroċċa tagħna li ma kienux magħrufa qabel.**

Meta saret l-ewwel viżta pastorali fl-Imqabba, fit-8 ta' Frar 1575, il-viżitatur Mons. Pietro Dusina sab tmien knejjes fl-Imqabba: 4 ddedikati lill-Madonna, u 4 ddedikati lill-qaddisin. Tnejn mill-knejjes iddedikati lill-Madonna kienu jġibu t-titlu tal-Assunta, waqt li t-tnejn l-oħra kienu ddedikati lil-Lunzjata u lill-Viżitazzjoni. Dawn it-tliet titli, għalhekk, huma xhieda tal-eqdem devozzjonijiet Marjani f'raħalna. Titli oħra daħlu aktar tard. Il-fatt li kien hemm żewġ knejjes iddedikati lill-Assunta juri kemm fir-realtà dan it-titlu minn dejjem kien għal qalb l-Imqabbin, u juri wkoll kemm fin-nisġa tal-istorja ta' raħalna r-rabta bejn l-Imqabba u l-Assunta ma tistax titwarrab.

Iż-żewġ knejjes tal-Assunta kienu jinsabu waħda fil-post fejn illum hemm il-knisja parrokkjali – din kellha mibnija qrib tagħha l-knisja ddedikata lill-Viżitazzjoni – waqt li l-oħra, mibnija lejn is-sena 1500, kienet fil-post fejn illum hemm il-knisja tad-Duluri – u din kellha mibnija ħdejha l-knisja l-oħra b'titlu Marjan, dik tal-Lunzjata. Din kienet magħrufa bħala "il-Fuqqanija" għax kienet tinsab aktar 'il fuq mill-knisja l-oħra li kellha l-istess titlu.



*Il-Knisja ta' Santa Marija Fuqqanija*

Minn fost il-knejjes li kienu jeżistu fl-1575, din ta' Santa Marija "il-Fuqqanija" ma kinetx fi stat ħażin. Ma kellhiex tiżjin u apparat liturġiku, fil-fatt Dusina ħalla miktub li kienet nieqsa minn kollox. Kellha biss xi affreski mal-ħajt wara l-artal uniku li kellha. Iżda jidher li kellha post speċjali f'qalb l-Imqabbin għax waqt li xi knejjes oħra, bħal tal-Viżitazzjoni u ta' San Pietru kienu kompletament abbandunati jew kważi, din – li ma kellha l-ebda dħul – kienet ikkurata tajjeb, fiha kienet tiġi ċċelebrata l-festa bl-għosrien u l-quddies u fiha kienu jsiru wkoll il-quddies fil-ġranet tal-festi.

L-informazzjoni bikrija li għandna dwar din il-knisja nsibuha miġbura fil-ktieb li kien ħareġ Dun Lawrenz Zammit fl-1927. Minnu nafu li ftit tas-snin wara l-ewwel viżta, meta Malta ġiet milquta mill-pesta bejn Ġunju 1592 u Settembru 1593, il-vittmi Mqabbin indifnu quddiem din il-knisja[1]. Dan jidher li hu l-ewwel testimonjanza ta' dfin fl-Imqabba, peress li meta l-Imqabba fl-1592 inqatgħet minn Birmiftuħ u waqgħet taħt it-tmexxija parrokkjali ta' Ħal Kirkop, l-Imqabbin gergru li ppreferew jibqgħu taħt Birmiftuħ peress li hemm kien hemm l-oqbra ta' missirijiethom[2]. Dan id-dettall itina x'nifhmu li sal-1592 dfin fl-Imqabba kien għadu ma bediex isir. Meta beda jsir, wara l-pesta, bħala sit intgħażlet ir-roqgħa art quddiem din il-knisja, sabiex il-vittmi jsibu l-mistrieħ tagħhom taħt id-dell ta' Santa Marija.

Meta fl-1595 saret l-ewwel supplika formali biex l-Imqabba ssir parroċċa awtonoma – taħt il-patroċinju tal-Madonna mtellgħa fis-sema, kif insibu f'kull dokumentazzjoni li għandha, bla konsiderazzjoni ta' xi titlu ieħor – jidher illi l-Imqabbin riedu li tkun proprju *din* il-knisja parrokkjali tagħhom, mhux dik bl-istess titlu li kien hemm fil-misraħ tar-raħal[3], u li eventwalment inbidlet fil-knisja parrokkjali li għandna llum.

Ħjiel ieħor dwar il-ġrajja ta' din il-knisja nsibuh fil-viżti pastorali li saru tul is-seklu XVII. Wara t-twaqqif tal-parroċċa, l-ewwel nota li għandna dwarha ġejja mill-viżta tas-7 ta' Diċembru 1600 magħmulha mill-Isqof Tommaso Gargallo. F'din naqraw li l-knisja kienet taħt idejn Antonio Agius u dan ġie ordnat mill-isqof jibdel il-ħajt tas-sejjieħ li kien hemm madwar il-midfen tal-pesta u floku jibni ħajt xieraq. Sa ħmistax-il sena wara dan kien għadu ma sarx, għax fil-viżta tal-1615 l-Isqof Baldassere Cagliares iġedded l-ordni lill-istess raġel u jtih żmien sitt xhur biex iwettqu. Minn hawn nitgħallmu wkoll li l-bini kien fi stat ħażin. Fl-4 ta' Mejju 1679 kien imiss lill-Isqof Gerolamo Molina li jikkummenta li din

il-knisja kienet qadima ħafna u żgħira wisq. Waqt li l-knejjes Marjani l-oħra tal-Lunzjata u tal-Viżitazzjoni ma kinux għadhom jeżistu, jidher li din ta' Santa Marija "il-Fuqqanija" kienet għadha għal qalb il-poplu għax l-isqof ma ordnax li titneħħa, imma li tinbena mill-ġdid. Hu ħajjar lill-aħwa saċerdoti Dun Franġisk u Dun Rokku Agius[4], li kellhom xi artijiet ħdejn din il-knisja, biex jieħdu fuqhom dan l-impenn. Dan għamluh u nbniet l-istruttura li naraw illum[5]. Il-ġenerożità ta' dawn iż-żewġ saċerdoti ma waqfitx hemm għax huma ħallew ukoll fondazzjoni biex fiha jiġu ċelebrati sitt quddisiet f'festi prinċipali tal-Madonna, apparti dik tal-Għid tal-Assunta li kienet bdiet issir bl-għasar kantat u b'quddiesa kantata. Kienet daħlet ukoll id-drawwa li jitqassam il-ħobż lill-fqar minn din il-knisja nhar il-festa[6].

Wara dan ma nafu xejn aktar dwar din il-knisja għajr li wara xi snin ġiet mitluqa u li eventwalment fl-1814 ingħatat bħala ġuspatronat lil Dr Giovanni Schembri li rranġaha u bidlilha t-titlu għal dak tad-Duluri, kif għadha sal-lum[7]. Dan iwassalna għad-dokument li se nippubblikaw il-kontentut tiegħu għall-ewwel darba hawn.

### Ir-rikorsi tal-1814

L-uniċi rikorsi li nafu bihom marbuta ma' din il-knisja miżmuma fl-arkivju tas-suppliki fil-Kurja jitrattaw proprju l-għotja tagħha lil Schembri fl-1814. S'issa l-unika informazzjoni li kellna dwar din l-għotja kienet il-ftit kelmiet li ħalla Zammit fil-ktieb tiegħu: "Mazmien chienet xi ftit trascurata, ghalech l'Iskof Mattei, tagha lil Assessur tighu Dr. Giovanni Schembri, fein dan irrangiagha u inauguragha taht ittitolu tad-Doluri ta M.V."[8] Il-mod kif inhu poġġut il-kliem ("xi ftit trascurata") jimplika li l-knisja kienet mitluqa u li kienet deċiżjoni ta' Mattei li jgħaddiha lil Schembri li kullma kellu x'jagħmel kien li jagħmillha xi rtokki

Fil-kitba ta' wara li titkellem xi ftit fit-tul fuq din il-knsija, p. John Mary Ghigo jżomm mal-linja ta' Zammit: "Imma jkollna nistennew is-sena 1814 u viżta oħra mill-Isqof Ferdinand Mattei, biex insibu 'l din il-knisja tingħata bħala ġuspatronat lil Dr Giovanni Schembri, assessur fil-Kurja. Dan biddel isem il-knisja f'dik tad-Duluri…"[9]

Waqt li d-dokumenti li se nġibu hawn taħt jitkellmu wkoll fuq din l-għotja, huma juruna stampa xi ftit differenti, waqt li jtuna aktar informazzjoni dwar il-qagħda tal-knisja u x'raġunijiet inġiebu biex din tingħata lil Schemrbi.

B'kollox hemm ġabra ta' ħames dokumenti: tlieta proprju fuq l-affidament ta' din il-knisja lil Schembri, kopja tal-istat tal-obbligu li kien sar mis-saċerdoti Agius dwar il-fondazzjoni għall-quddies u talba għal indulġenza.

L-ewwel dokument iġib id-data tal-20 ta' Mejju 1814 u huwa talba li jagħmel Schembri nnifsu lill-Isqof Mattei fejn jitlob li jingħata l-patronat ta' din il-knisja



Rikors Indulgenza

waqt li jippreżenta xi raġunijiet u xi obbligi li kien lest li jieħu:

*Eċċellenza Reverendissima, Dr Giovanni Schembri, qaddej umli u devot tal-Eċċellenza Reverendissma Tiegħek jesponi li l-knisja filjali ċkejkna taħt it-titlu tal-Assunzjoni li hemm fir-raħal tal-Imqabba, ladarba hija binja antika, u li hi fil-fatt mitluqa u fil-bżonn tat-tiswijiet, u li hi nieqsa minn dak kollu meħtieġ, għal liema raġuni qatt ma ssir quddiesa fiha, u lanqas għadhom isiru festi fiha, imma li għall-kuntrarju jinżammu fiha affarijiet u oġġetti li ma jixirqux lill-post maħsub għat-talb. Is-supplikant minn dejjem rawwem devozzjoni partikulari lejn din il-knisja mhux biss għax tinsab qrib tad-dar tiegħu, imma wkoll għax minn tliet naħat hija mdawra bl-artijiet tiegħu; għalhekk għandu xewqa kbira li jinħatar patrun tagħha biex jagħmel ir-restawr kollu li huwa meħtieġ, jixtrilha l-oġġetti bżonnjużi għaċ-ċelebrazzjoni liturġika, u jħallilha dota xierqa biex tibqa' dejjem miżmuma tajjeb u biex fiha jiġu mfakkra solennement xi ġranet tas-sena ddedikat lill-Verġni Mbierka. Għaldaqstant qiegħed jirrikorri għat-tjieba tal-Eċċellenza Reverendissima tiegħek u jitolbok ittih il-patrunaġġ ta' din il-knisja bl-obbligu li jsewwiha, jipprovdilha l-meħtieġ u jħallilha d-dota.*[10]

Minn dan ir-rikors, għalhekk, naraw li x-xewqa li din il-knisja tgħaddi taħt il-ġuspatronat ta' Schemrbi kienet ġejja minnu, mhux minn xi terzi persuni li fdawhielu. Nitgħallmu wkoll li l-art madwar dil-kappella kienet tiegħu u li hu kien jgħix x'imkien qrib fl-Imqabba. Dwar l-istat tal-knisja nifhmu li ma kienetx sempliċement "xi ftit traskurata" bħalma jgħid Zammit, imma kienet saret maħżen u kellha xi ħsarat ukoll. Quddies fiha ma kienx għadu jsir, minkejja li kien hemm dik il-fondazzjoni għal sitt quddisiet f'ġieħ il-Madonna mħolliha mis-saċerdoti Agius fl-1680.

Nota fil-qiegħ tal-paġna tgħidilna li qabel tiġi kunsidrata din it-talba, kellu jiġi infurmat il-kappillan. Minn hawn nifmhu wkoll li Schembri donnu mexxa



Rikors Schembri

waħdu bla ma kellem lill-kappillan qabel. Dak iż-żmien il-kappillan kien Dun Stiefnu Zerafa.

Dan iwassalna għat-tieni dokument, din id-darba miktub minn ċertu Benedetto Schembri li, milli nistgħu nifhmu kien mibgħut mill-Kurja jara l-istat tal-knisja. Id-data hija 3 ta' Ġunju 1814[11]. Jgħid l-stess affarijiet, imma jżid xi dettalji dwar il-quddies li kellu jitqaddes fiha u li kien twaqqaf:

*Eċċellenza Reverendissima, Dr Giovanni Schembri jixtieq jitlob il-ġuspatronat ta' knisja filjali ċkejkna taħt it-titlu tal-Imqaddsa Verġni Assunta, li tinsab fir-raħal tal-Imqabba, u fost l-oħrajn jippreżenta dawn ir-raġunijiet: li din il-knisja ilha ħafna mibnija; li tinsab mitluqa għalkollox; li għandha bżonn xi tiswijiet; li hi nieqsa għalkollox mill-oġġetti sagri, u għalhekk qatt ma ssir quddiesa fiha, u lanqas tiġi ċċelebrata xi festa; u fl-aħħar għax minn dejjem rawwem devozzjoni partikulari lejn din l-imsemmija knisja, speċjalment peress li tinsab viċin tad-dar tiegħu u għax minn tliet naħat hija mdawra bl-artijiet tiegħu. Sabiex jingħata dan il-ġuspatronat hu qiegħed joffri li jagħmel ir-restawr meħtieġ, li jixtri l-oġġetti sagri bżonjużi u li jħallilha dota biex tkun tista tibqa' tiġi miżmuma tajjeb, u biex fiha jkunu jistgħu jiġu ċelebrati xi festi tal-Madonna tul is-sena.*

*Wara li sema' l-parir siewi tal-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima fid-data tal-20 ta' Mejju 1814, il-Wisq Reverendu Kappillan ta' dan ir-raħal tal-Imqabba tana l-istess stampa tal-istat miżerabbli ta' din il-knisja, u anzi żied jgħidilna li s-sidien ta' dar qrib tagħha għandhom l-obbligu li jaraw li fiha jiġu ċelebrati sitt quddisiet kull sena u tnejn oħra fil-ġurnata solenni tal-Assunzjoni glorjuża, u li dan l-obbligu, minħabba l-istat miżerabbli tal-knisja, ġie trasferit għall-knisja parrokkjali tal-istess raħal, kif jixhed kapitlu mill-viżta ta' Monsinjur Labini, li għadna niftakru bil-ferħ, fis-sena 1783. Għaldaqstant ma nistgħux nonqsu milli nfaħħru l-qalb tajba tas-supplikant (Schembri) u li nagħtu lill-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima il-parir li jistħoqqlu jkun mismugħ u xewqtu għandha tinqata', waqt li b'inkin profond inbusulek idejk.*

Taħt inisbu nota tal-Isqof miktuba fl-istess ġurnata li permezz tagħha hu jagħti l-permess mixtieq skont il-kundizzjonijiet li hemm imniżżla, jiġifieri li l-knisja tiġi rranġata, li jinxtrawlha l-oġġetti meħtieġa u li tingħatalha dota.

Ma' dan insibu annessa silta mill-viżta pastorali ta' Mons. Vincenzo Labini li kienet saret f'din il-knisja fis-17 ta' Ottubru 1783. Minn dan nitgħallmu li ġa f'dik id-data l-knisja kienet "*destitutam de omnibus necessarij pro sacrificis missae*". Dan id-dokument jgħidilna wkoll li f'dak iż-żmien Dun Ġwann Psaila, kappillan ta' Ħal Tarxien, kien jgħid li kellu l-patrunat ta' din il-knisja ("*praetensionem haberet quod sit patronatus Ecclesiae*")[12]. Dan ġie mistoqsi juri d-dritt legali li kellu fuqha. Hu wieġeb li dan id-dritt kien jiġi mill-fatt li kellu xi dar qribha li kellha l-piż li tħallas għal dawk is-seba' quddisiet tul is-sena flimkien mal-quddies fil-festa tal-Assunta u li tixgħel il-lampier. Milli jidher dan l-obbligu Psaila ma kienx qed iwettqu ladarba l-knisja kienet nieqsa minn kollox u ma kienx isir quddies fiha, għalhekk fil-viżta pastorali ġie deċiż li r-responsabbiltà ta' din il-knisja kellha tmur lura f'idejn il-kappillan tal-Imqabba (li dak iż-żmien kien Dun Mikiel Tortella), li kellu jara li dan il-quddies jerġa' jibda jiġi ċelebrat ("*mandavit in actis hujus Sanctae Visitationis redigi hac documenta et injunxit Il.m Rev. D.no Paroco Casalis Micabiba, ut curet providere Ecclesiam de necessaris pro sacrificis missae, ac adimpleri decreta in precedenti sua visitatione edita*")[13]. Minn dan nikkonkludu li b'xi mod il-proprjetà tas-saċerdoti Agius kienet għaddiet għand Dun Ġwann Psaila u li għal xi żmien il-quddies ma kienx qed isir.

Wara dan hemm ittra mibgħutha mill-kappillan Zerafa fejn jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dan kollu. Din iġġib id-data tad-29 ta' Mejju 1814, jiġifieri għandha titpoġġa bejn ir-rikors ta' Schembri u n-nota mibgħutha minn Benedetto Schembri.

"*Sinjur, ġejt mgħarraf dwar ir-rikors li għamel Dr Giovanni Schembri, li qiegħed jitlob il-patrunat tal-knisja filjali mwaqqfa fil-parroċċa tiegħi taħt it-titlu tal-Assunzjoni, bi pjaċir ninfurmak li waqt li din il-knisja suppost tiġi kkurata u pprovduta b'dak li hu neċessarju mis-sid ta' xi djar fil-qrib u li fiha suppost jiġu ċelebrati sitt quddisiet letti flimkien ma' tnejn oħra nhar il-festa tal-Assunzjoni, snin ilu dan l-obbligu ġie trasferit għall-knisja parrokkjali, u li fil-preżent f'din il-knisja ċkejkna la jiġi ċelebrat quddies u lanqas festi, u jonqosha l-apparat kollu meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u għandha bżonn ukoll ta' xi tiswija fil-bini. Għalhekk jidhirli li t-talba tal-imfaħħar Assessur Schembri tista' tiġi milqgħuha, sakemm id-drittijiet parrokkjali tal-Imqabba ma jiġux maqbuża.*"[14]




# BIMBI BABY SHOP

Now Open at Siġġiewi
(Pjazza San Nikola)

*From Mum To Mums*
*For mother to be, newborns and toddlers*
*All Brands under one roof*

Tel: 2146 3967
Mob: 9922 3963
sharon.calus1@gmail.com



Din l-ittra tispjegalna x'kien sar minnhom dawk il-quddisiet li kellhom jiġu ċelebrati kull sena. Jidher li wara l-viżta tal-1783 xi kappillan dehrlu li la kien ilu żmien ma jsir quddies fiha u peress li forsi ġa kellha xi ħsara, id-drittijiet u l-obbligi li kellha kellhom jiġu trasferiti għall-parroċċa, li wara kollox kellha l-istess titlu. Dan jidher li sar mingħajr ma ntalab il-permess tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Huwa f'din l-ittra li Schembri jissemma għall-ewwel darba "Assessur" u b'hekk nafu x'kien xogħlu. Zerafa joqgħod attent li fl-ittra tiegħu jsemmi li minkejja li l-knisja setgħet tingħata bħala ġuspatronat lil Schembri, hi kellha tibqa' propjetà tal-parroċċa u d-dritt li kellu l-kappillan fuqha ma jintilifx.

Tajjeb ninnutaw li fl-ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma jissemma' l-bdil tat-titlu tal-knisja. Ħjiel indirett għal dan forsi nsibuh fl-aħħar dokument, wieħed qasir, li nsibu ma' dawn.

Dan huwa talba biex xbieha tal-Madonna tiżżejjen b'indulġenza. Ngħid id-dritt ma hemm xejn li jindika li dan ir-rikors hu marbut ukoll ma' din il-knisja li qed nitkellmu dwarha. Li hemm li jsostni din l-ipoteżi hu li jinsab miktub fuq in-naħa ta' wara tal-istess karta li fuqha hemm l-ittra tal-kappillan Zerafa. Dan itina x'nifhmu li hu relatat, iżda l-lokalità ta' fejn tinsab din ix-xbieha ma tissemmiex.



*Titular tad-Duluri*

Ir-rikorrent hu l-kjeriku Antonio Galea, u fir-rikors jgħid li xtaq jippromwovi d-devozzjoni lejn xbiha u sabiex min jitlob quddiemha jgawdi ġid spiritwali, jitlob li tingħata l-indulġenza tas-soltu. Id-data li fiha l-Isqof Mattei ta l-indulġenza hija tal-21 ta' Settembru 1814. L-ispjegazzjoni li nista' nagħti hi li tul ix-xhur ta' Ġunju, Lulju, Awwissu u l-bidu ta' Settembru 1814 din il-knisja ġiet restawrata bl-ispejjeż imħallsa minn Schembri u fiha tpoġġiet xbieha tal-Madonna. Li mhux faċli nifhmu hu għala dan ir-rikos m'għamlux Schembri stess, imma minflok sar minn dan Galea. Forsi Galea, la kien kjeriku[15], ġie mqabbad minn Schembri jieħu ħsieb din il-knisja u jixtrilha n-neċessarju. Ma jgħidx ix-xbieha x'kienet, imma milli nistgħu nifhmu m'hi xejn għajr il-kwadru titulari l-ġdid li tpoġġa hemm – dak tal-*Pietà* mpitter minn Antonio Grech. Il-fatt li din l-indulġenza ntalbet u ngħatat f'Settembru jkompli jsaħħaħ din l-ipoteżi għax fil-15 ta' Settembru ta' dik is-sena, sitt ijiem qabel ħareġ id-digriet tal-indulġenza, ġiet iċċelebrata għall-ewwel darba l-festa tad-Duluri f'din il-knisja. Għalhekk, jekk dan hu l-każ, naraw kif il-knisja bidlet it-titlu tagħha mill-Assunta għall-Addolorata, u biex dan il-bdil jiġi aċċettat aktar malajr mill-poplu l-pittura l-ġdida li tpoġġiet fiha żżejnet b'indulġenza biex tħajjar aktar nies jitolbu quddiemha.

Li hu żgur hu li l-imħabba lejn din il-knisja reġgħet kibret u għadha qawwija sal-lum, fejn għal ħafna snin din kienet l-aktar knisja filjali miżmuma tajjeb u kienet l-unika waħda fir-raħal li kienet tinfetaħ kull ġimgħa biex l-Imqabbin immorru jqimu lill-Madonna addolorata. Mill-2004 saret iċ-ċentru tal-adorazzjoni Ewkaristika f'raħalna u issa għandna x-xorti li nsibu din il-knisja miftuħa kuljum u hemm, flimkien mal-Madonna nsibu wkoll lil Binha.

**Referenzi**

1 Laurenz Zammit, *Descrizioni Storica tl Cnisia Parrochiali tal Imkabba*, Malta 1927, 36.
2 Alexander Bonnici, *Lejn l-erezzjoni tal-parroċċa fl-Imqabba fl-1598*, f'*L-Imqabba mal-medda tas-snin*, Malta 1998, 30.
3 ibid., 31.
4 Milli nistgħu nifhmu dawn ma kienux saċerdoti Mqabbin minkejja li kellhom xi art hawn, għax isimhom ma jidhirx fil-lista tal-kleru Mqabbi miġbura minn Zammit.
5 Zammit, op. cit., 36.
6 Tony Terribile, *Teżori fil-knejjes Maltin: Ħal Kirkop, L-Imqabba, Il-Qrendi, Ħal Safi, Iż-Żurrieq*, Malta 2004, 50-51.
7 Joseph M. Ghigo, *Monumenti xhieda tal-qima tal-poplu*, f'*L-Imqabba mal-medda tas-snin*, Malta 1998, 50.
8 Zammit, op. cit., 37.
9 Ghigo, ibid.
10 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, *Suppliche 1808-1816*, vol. 13, f. 293r.
11 Insemmu li żewġ paġni wara hemm ittra mibgħutha mill-kappillan Zerafa li ġġib id-data tad-29 ta' Mejju, jiġifieri 5 ijiem qabel din l-ittra. Għal xi raġuni ġiet arkivjata warajha.
12 ibid. f. 294r.
13 ibid. f. 295f.
14 ibid.
15 Kjeriku huwa raġel li qed jipprepara ruħu għas-saċerdozju, li jkun ġa rċieva xi ordni minuri, imma jkun għadu mhux saċerdot.

# ELECTROCARE



25, Valletta Road, Kirkop.
Tel: 21640654, Mobile: 9947 7755

T.V. Retailer including
**LCD TV's of major brands:**
**Panasonic, Samsung, etc** Retailer of **Hi Fi systems,**
**Home Theatre sound systems, car stereos, speakers and Digital cameras**



***We specialise in TV repairs***

# VRT MOTOR TESTS
Services Ltd

**Anna Maria Grech**
*Managing Director*

**VRT test for Heavy/Light Commercials & Vehicles**
**Mon - Fri :** 8.00am - 4.30pm **Sat :** 8.00am - 12.00pm

**Building 50, Industrial Estate, Luqa LQA 3000**
**t: 2122 1316 m: 9906 1316 e: metallic@nextweb.net.mt**



# L-Imġarrba Titkellem... fid-disprament tagħha

Saviour Bianchi

Jien kont f'purċissjoni
f'jum id-dulur tagħha
fuqi l-proxmu qasqas
x'ħin kont miexja magħha.

Tlift kull devozzjoni
waqaft mir-rużarju
lill-folla bdejt nisħet
tefawni f'kalvarju.

Bdejt niżbel bil-bosta
w il-paċi ħaduli
intlejt b'seba' xjaten
u qalbi ħadruli.

Bdejt nisħet xortija w tlaqthom
bid-dmugħ minn għajnejja
ma terġax tkun oħra
posti fil-kerrejja.

Poġġejt fuq banketta
quddiem kwadru tagħha
waqt dik id-dagħdija
jien ftaħt qalbi magħha.

Fejn kont int Madonna
x'ħin flusi jien lagħabt?
Biex kont kelli nħallas
spiċċajt mort ittallabt.

Tifhima Madonna?
Spiċċajt intlejt bid-dejn
sad-deheb kelli nbiegħu
għax xi nrodd m'għandix mnejn.

Ħallejtni Madonna
lil dan ġismi inbiegħ,
l-irġiel li mort magħhom
lili waqqgħu f'zebblieħ.

Skantajtni Madonna
avolja m'għandekx tort
kif lanqas waqqaftni
milli nagħmel abort.

X'qalb għandek Madonna?
Int tad-demm u laħam?
Ħallejt lit-tarbija
minn miegħi tinfatam.

U għaliex Madonna
dan int tippermetti?
Il-gwaj li ġibt b'idi
jinfidni b'stalletti.

Dnubieti Madonna
jien xtaqt li nidfinhom
għalkemm il-kuxjenza
ma tħallikx tinsihom.

Possibli Madonna
qed tissaportini
w minkejja kull ħażen
il-grazzji tagħtini?

Ġarraftek Madonna
bl-għemil ħażin tiegħi
u int ma' dan kollu
kull ħin tieqaf miegħi.

Dawn fatti Madonna
ta' min f'ħajtu ġarrab
w għal blugħa li wettaq
jispiċċa mwarrab.

U miegħek Madonna
żvugajt kif jidhirli,
kont wisq żorra miegħek
nitolbok taħfirli.

**L-Erbgħa 23 t'April 2014**
**Festa Liturġika ta' San Ġorġ Megalomartri.**

B'dedika u kull rispett lejn min qiegħed jiġi mweġġa' mis-soċjetà – Dawn minni qatt minsija.

# Is-sena 2014 iġġib magħha numru ta' anniversarji

**Il-Bord Editorjali jitkellem fil-qosor fuq id-disa' anniversarji li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V qed tiċċelebra din is-sena.**

### 80 sena mis-sede tal-każin

Din is-sena taħbat ukoll għeluq it-tmenin sena minn mindu nxtara l-propjeta f'numru 27, Pjazza tal-Knisja. Kien propju fit-22 ta' Jannar 1934 meta nxtrat il-propjeta li llum tilqa' fiha l-parti prinċipali tal-każin. Qabel din, is-sede tal-każin kien propju bieb ma' bieb fin-numru 26.

### 75 sena diżgrazzja fil-każin

Fil-15 ta' Awwissu 1939, propju fil-jum tal-festa ta' Santa Marija, ġrat diżgrazzja kerha, meta Carmelo Farrugia (id-Daqni), li kellu l-bottegin tal-każin, ħalla lil wieħed mit-tfal tiegħu, Joseph, fil-bar. It-tifel li kellu l-età tenera biss ta' seba' snin sab xi porvli li kienu jikkargaw il-maskli bih u biż-żball kien tħalla fil-bottegin. Ġara li l-bottegin ħa n-nar u Joseph miet kaġun tal-feriti gravi li sofra ta' ħruq.



*Joseph Farrugia meta rċieva l-Ewwel Tqarbina*

### 50 sena bandisti mal-Banda Re Ġorġ V

Kien propju ħamsin sena ilu, meta Robert Farrugia u Victor Galea ħarġu jdoqqu għall-ewwel darba mal-Banda Re Ġorġ V. Robert, magħruf bħala Bertu, u Victor huma żewġ bandisti li dejjem taw sehemhom fil-banda u l-kontribut tagħhom kien wieħed konsistenti matul iż-żminijiet. Ċertament raw lill-Banda u s-Soċjetà tevolvi maż-żminijiet u għaddew diversi esperjenzi sbieħ fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V.

### 30 sena minn meta ġiet rreggalata l-art tal-maħżen

Nhar il-25 ta' Ġunju 1984, fis-sebgħa ta' filgħaxija sar il-kuntratt quddiem in-Nutar Nikola Said tas-Siġġiewi li bih ġiet rregalata biċċa art biex fuqha tinbena l-maħżen tal-armar u n-nar tal-art li hemm illum fit-triq biswit il-BOV. Din il-biċċa art ġiet ġentilment mogħtija lis-soċjetà mill-aħwa WR Dun Carm Għigo, is-Sur Joseph Ghigo u s-Sur Nikola Ghigo.

### 30 sena minn meta żżanżnu żewġ standardi Ġodda

Fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija tal-1984 ġew mżanżna żewġ standardi ġodda. L-ewwel standard kien dak sekond tal-banda Re Ġorġ V li jintuża mas-servizzi tal-Banda. Dan l-istandard kien ġie rregalat mill-partitarji nisa tas-soċjetà. Id-disinn sar mis-Sur Rosario Zammit u l-ħjata saret mill-partitarji nisa tas-soċjetà. Il-flus ġew miġbura mill-attivitajiet li għamlu matul dik is-sena.

It-tieni standard kien dak Awstraljan li ġie rregalat mis-Sur Joseph Żammit, emigrant Malti Awstraljan. Dawn l-istandardi ġew mberkin mil-WR Dun Wille Vella Kappillan tal-Paroċċa kif ukoll mid-direttur spiritwali tal-każin ta' dak iż-żmien Patri Joseph Ghigo S.J.

### 30 sena mill-ewwel programm tal-festa bil-kulur

Din is-sena taħbat it-tletin anniversarju minn meta l-kumitat tal-każin tas-Soċjetà Santa Marija nieda l-ewwel programm tal-festa ad unur il-patruna tal-Imqabba bil-qoxra tal-kulur. Dan kien l-ewwel ktejjeb tax-xorta tiegħu fir-raħal ċkejken tagħna u li fassal it-triq għall-programmi kif nafuhom illum.

### 25 sena mill-ftuħ tas-sala tal-banda

Kien nhar l-10 ta' Awwissu 1989 meta sar il-ftuħ uffiċjali tas-Sala hekk msejħa Ġdida li llum isservi bħala sala tal-kunċerti tal-Banda Re Ġorġ V. Qabel ma nbniet is-sala l-kunċerti kienu ssiru kollha fis-sala prinċipali tal-Każin. Il-ftuħ uffiċjali sar mill-President Onorarju l-wisq maħbub Sur Leonard Farrugia fil-preżenza ta' bosta mistiednin distinti. Is-sala ġiet imbierka mill-Wisq Reverendu Dun Willie Vella.

### 15-il sena mix-xirja tal-propjetà biswit il-każin

Din is-sena taħbat il-ħmistax-il sena minn meta l-kumitat ċentrali rnexxielu jixtri l-propjetà ta' biswit il-każin. Din il-propjetà llum tħaddan fiha l-parti l-ġdida tal-każin tas-soċjetà.

### 10 snin bħala direttur spiritwali

Din is-sena taħbat l-10 anniversarju mill-ewwel festa ta' Santa Marija li fiha rajna lil Patri Joseph Żahra OP bħala direttur spiritwali tal-każin. Dan wara t-telfa tal-mibki iżda qatt minsi Patri J.M.Ghigo nhar l-20 ta' Lulju 2003. Kemm ilu direttur spiritwali Patri Żahra mexxa diversi attivitajiet reliġjużi fosthom L-Erbgħat ta' Santa Marija, Ġimgħat Marjani kif ukoll sehem dirett fil-festa titulari ta' Santa Marija.

Il-Kumitat, Soċji u Partitarji
tas-Soċjetà Santa Marija Banda Re Ġorġ V
tirringrazzja lill-

## WR Kan. Ġorġ Spiteri Kappillan

tas-servizz pastorali
li għoġbu jagħti lir-raħal tagħna.



# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**CAR WASH**

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235**

# La Principessa Dolceria

UB10, Industrial Estate, San Ġwann

Tel: 2137 8749 • Mob: 7972 9718

# La Principessa Pastizzeria

P.P Saydon Street, Żurrieq

Naċċettaw ordnijiet ta' xogħol għal kull okkażżjoni

We accept orders for any occasions



# Shoe Lane Footwear & Fashion

Lorraine Mamo

Matteolo Saliba Street, Żurrieq
Near Bellizzi Services (Elmo Insurance) same area
Mob: 9923 8561 • Tel: 2723 8561
Email: lorraine-mamo@hotmail.com

With more variety of women's, men's, children's clothes, leather goods & accessories and much more.

Ditti Puma, Reebok, Adidas, Skechers, Piccadilly & orthopedic shoes

**Also St. Benedict Primary School Uniforms**

# It-30 Anniversarju mill-ewwel Programm tal-Festa bil-Kulur maħruġ mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

**Mark Zammit MBA(Henley)CIRM, membru fil-Bord Editorjali, jagħti ħarsa fuq dan l-anniversarju marbut mal-Programm tal-festa u jikteb kif il-Programm annwali li toħroġ is-Soċjetà Santa Marija evolva għal fost wieħed mill-aqwa f'pajjiżna.**

Din is-sena taħbat it-tletin anniversarju minn meta l-kumitat tal-każin tas-Soċjetà Santa Marija nieda l-ewwel programm tal-festa ad unur il-patruna tal-Imqabba bil-qoxra tal-kulur. Dan kien l-ewwel ktejjeb tax-xorta tiegħu fir-raħal ċkejken tagħna u li fassal it-triq għall-programmi kif nafuhom illum.

*Din id-deċiżjoni kienet il-pediment ewlieni li ħejjiet it-triq għall-viżjoni ta' kif is-soċjetà tibda tikkomunika b'mod ħaj mal-partitarji u d-dillettanti tal-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba.*

Il-bidu tal-programm tal-festa jmur lura għas-snin ħamsin meta kienu jitqassmu karti żgħar bil-programm tal-funzjonijiet f'ġieħ il-patruna tar-raħal ġewwa l-knisja parrokkjali u li fuqhom kien ikun hemm xi talba lil Santa Marija. Fis-snin bikrin tas-sebgħinijiet kienu bdew jinħarġu fuljetti żgħar bil-'*black & white'* li kien fihom programm aktar dettaljat tal-festi esterni u tal-funzjonijiet fil-knisja. Dawn il-fuljetti kienu jitqassmu mill-knisja parrokkjali tal-Imqabba fl-okkażjoni tal-festa titulari u kellhom dejjem ritratt tal-istatwa tal-Assunta fuq quddiem u xi innu lil Santa Marija fuq il-qoxra ta' wara.

Fl-1984 kien inħass il-bżonn li l-programm għandu joħrog mis-soċjetà b'format li jkun aktar attraenti u li jkun fih aktar informazzjoni dwar il-festa, il-każin u l-ħidmiet tal-kumitati fi ħdan is-soċjetà. Din id-deċiżjoni kienet il-pediment ewlieni li ħejjiet it-triq għall-viżjoni ta' kif is-soċjetà tibda tikkomunika b'mod ħaj mal-partitarji u d-dilettanti tal-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba.

Għalhekk, l-ewwel programm tal-festa bil-kulur nħareg għall-festa ta' Santa Marijia tal-1984. Kellu qoxra aktar iebsa u sempliċi li tirraffigura l-istatwa titulari u mal-ġenb kien mlissen l-motto tar-raħal 'Non Nisi Per Ardua' jew inkella 'Biss Bil-Ħila'. Dan kollu kien mdawwar b'bordura ħamrani sempliċi.

Il-format tiegħu kien dak li stabbilixxa l-format ta' kif naraw l-programmi tal-festa tal-lum, b'sensiela ta' artikli mill-esponenti ewlenin tal-Imqabba, il-knisja, u tas-Soċjetà. Kellu fih ukoll numru żgħir ta' artikli storiċi u ta' interess dwar l-inkwatru titulari ġewwa l-knisja parrokjali kif ukoll ta' natura informattiva fuq il-ħajja tal-każin.

Fost oħrajn, insibu informazzjoni interessanti fuq ix-xiri ta' biċċa art li llum hemm l-imħażen tan-nar ta' ħdejn il-każin tal-futbol. Insibu wkoll li dik is-sena kien għadda għall-ħajja ta' dejjem il-Wisq Rev. Mons Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta. Dawn l-artikli wrew kemm is-soċjetà kienet riedet tkun qrib il-partitarji tagħha matul is-snin ta' wara, kif ukoll kemm riedet tkun għajn ta' informazzjoni u tagħlim.

Minn dak iż-żmien 'il quddiem stajna naraw titjib fil-kwalità tal-programmi ta' kull sena kemm fis-sbuħija u l-arti tal-preżentazzjoni, kif ukoll fl-ammont ta' artikli ta' informazzjoni kemm storika kif ukoll ta' ħidma li dawn il-pubblikazzjonijiet jagħtuna. Ma jistax jonqos in-numru ġmielu ta' ritratti li fihom u li jibqgħu tifkira tal-mumenti sbieħ u mhux daqshekk sbieħ li jsawru l-ġrajjiet tas-soċjetà u tal-Imqabbin.

Fis-sena 1992 rajna rivoluzzjoni sħiħa fid-dehra tal-programmi tal-festa. Il-programm tal-1992 kien l-ewwel minn sensiela ta' programmi b'qoxra innovattiva fejn bdejna naraw ritratti b'forma ta' '*collages*' jew inkella ritratti montati fuq xulxin biex jagħmlu effett artistiku. Ma jistax jonqos li f'kull programm il-protagonista kienet dejjem tkun l-istatwa titulari ta' Santa Marija, il-patruna ta' raħalna.

Illum, il-programm tal-festa sar pubblikazzjoni mfittxija ħafna mill-Maltin u l-barranin u huma kollha sors ta' informazzjoni storika dwar il-ħajja kemm tal-każin kif ukoll ta' raħalna. Tul il-tletin sena li ilu jigi stampat nistaw naraw il-bidliet li għaddiet minnhom is-soċjetà kif ukoll il-kisbiet ta' unuri li s-soċjetà hija mogħnija bihom.




1910 – 1985
SANTA MARIJA




REGINA
IN COELUM
ASSUMPTA




Il-Fjuri ta' Madwarek,
Jixhdu li int Sultana;
Jixhdu l-Imhabba Tieghek,
Jixhdu l-Imhabba Taghna.






Festa Santa Marija – Mqabba 1999


Festa
Santa Marija
Mqabba
2000


Festa Santa Marija, Mqabba – 2001


Festa Santa Marija


Festa Santa Marija
Mqabba 2007
60 Sena
Banda Re Ġorġ V


Festa Santa Marija
Mqabba 2008
Soċjetà Santa Marija u
Banda Re Ġorġ V








PROGRAMM Festa Santa Marija
Mqabba 1990


SANTA MARIJA






50
SENA
BANDA
1947-1997
FESTA SANTA MARIJA - MQABBA 1997


Festa 2002
Festa
Santa Marija
Mqabba


1998 - 2003


Santa Marija Mqabba
Festa 2004


Santa Marija Mqabba
Festa 2005


Festa Santa Marija - Mqabba 2010
100 Sena
Soċjetà Santa Marija u
Banda Re Ġorġ V




Festa Titulari Santa Marija
Mqabba
Festa 2012


Festa Titulari Santa Marija
Mqabba
2013

# NOW AVAILABLE!

**OUTDOOR CEMENT TILES**
**& TERRAZZO TILES**
Also ideal as Parquet &
Ceramics underlay

NEW STYLES & COLOURS, SAME OLD QUALITY.

**e-mail: francescofench@gmail.com**

**FRANCESCO** FENECH Ltd. Valletta Road, Mosta 21434555

# Santa Marija tal-Imqabba l-aqwa u l-aħjar għal Ċensu s-Solot!

**Ritianne Ellul, in-neputija ta' Ċensu Galea, li ħalla din id-dinja aktar kmieni din is-sena, tikteb fuq il-karattru grazzjuż tan-nannu tagħha, u l-Imħabba li hu kellu lejn l-Patruna Santa Marija u fuq kollox, l-Għaqda tan-Nar li hu tant ħadem u stinka għaliha.**

Għandi ħafna memorji sbieħ tal-eroj tiegħi, in-nannu tiegħi. Minn ċkuniti niftakar lin-nannu jitbissem, għajnejh koħol ileqqu u b'leħen għoli li jwassal jiċċajta. Niftakru miexi mill-kuritur sal-kċina bil-papoċċ griż tiegħu filwaqt li jgħid lin-nanna tagħmillu bela' te Alla jaħfrilha. Niftakru l-hena tiegħu jfittet xi galettina ġol-kikkra u wara erħilha jħaffef biex malajr malajr imur jagħmel xi biċċa xogħol il-post tan-nar jew il-garaxx.

*Dejjem lest li jagħtina pariri tajbin u jwassal messaġġ ġust, imbagħad erħilu jxengel xi tnejn rasu u jgħid xi ċajta kif jaf hu.*

Bħalma tistgħu tindunaw, in-nannu tiegħi huwa Censu Galea. Twieled fit-22 ta' Marzu 1936 ġewwa r-raħal sabiħ tal-Imqabba. In-nannu kien is-sitt wild għal Manuel u Grezzja. Dejjem kien jirrakontalna dak li huwa kien jiftakar mit-trobbija tiegħu u l-ħajja tal-passat. Minn ċkunitu rabba ġo fih imħabba kbira għal Ommna Santissima Santa Marija, il-festa u n-nar speċjalment dak tal-ajru.

Fil-fatt in-nannu kien inkarigat mill-kaxxa infernali, kien jieħu ħsieb in-niċċa u ma kien jiddejjaq xejn jgħin f'dak kollu li kien ikun hemm bżonn. Il-post tan-nar kien qisu t-tieni dar tiegħu. Jiena minn dejjem hekk niftakru! Ftit mill-ewwel memorji tan-nannu hija propju ġej mill-post tan-nar. Minn dejjem niftakru jgħidilna kemm il-festa ta Santa Marija hija l-Aqwa u l-Aħjar. Il-Ġimgħa tal-festa kienet tkun l-aktar ġimgħa importanti għalih – ara biss ifettillek tkellmu!

F'għajnejja ma narax biss persuna ċajtiera, ta' kariżma u nannu tal-ġenn, nara wkoll persuna b'qalb soda u tad-deheb. In-nannu baqa' kuraġġjuż u pożittiv sal-aħħar minuta ta' ħajtu. Dejjem lest li jagħtina









*Memorji mill-ħajja attiva ta' Censu Galea, is-Solot*

pariri tajbin u jwassal messaġġ ġust, imbagħad erħilha jxengel xi tnejn rasu u jgħid xi ċajta kif jaf hu.

Nann! Għalkemm illum il-ġurnata m'għadekx hawn magħna, it-trobbija u l-memorji sbieħ li ħallejtilna m'aħna se ninsewhom qatt u ser jibqgħu magħna tul ħajjitna kollha. Nafu li qiegħed mistrieħ u kuntent tgawdi lil Santa Marija, li kont kont tħobb u tgħożż. Nirringrazzjawk Nann – Dejjem f'qalbna u f'qalb sħabek kollha. M'aħna ser ninsewk qatt!

*Filwaqt li l-familja kollha tixtieq tirringrazzja lis-Soċjetà Santa Marija tal-funeral xieraq u sentimentali u lil kull minn wera s-sogħba tiegħu, tixtieq ukoll tawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin u l-partitarji kollha.*




# TA' BALAL
## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**

# TAKE OFF

*BAR AND RESTAURANT*

*St. Thomas Street, Luqa*
*Malta.*

***Specialises in Pasta and Grill***

**Tel: 2180 0243** ***QUICK FOOD***

# Seabreeze Hotel

Pretty Bay, Birżebbuġa - Malta

Tel: 24 Hours (+356) 21 651256, 21 651499 - 21 651493
Fax: (+356) 21 653898 • E-mail: seahotel@maltanet.net



**OPEN TO NON-RESIDENTS**

**FULLY AIRCONDITIONED**









# TAL-BAZZI

*Joseph & Julian Farrugia*

*Ġarr ta'*
*ġebel, ramel u torba,*
*żrar u xogħol bil-gafef u tractor,*
*ħsad u ħart*

12, Warda tal-Ġilju,
Triq in-Nazzarenu, Mqabba
**mob: 9988 7021**
**mob: 9987 7175**
**tel: 2168 3409**






## Creative Catering

At C. Camilleri & Sons (Catering) Ltd we have built a reputation for creative catering and coordinating dream weddings and other elegant events. From casual to formal, standing to seated, we bring together all the elements necessary for a memorable occasion, leaving our clients to relax, confident in the knowledge that everything will run smoothly.

The principle behind our catering is translated into a desire to please our clients in a personal way. We offer the opportunity to be individualistic with an emphasis on imaginative foods and presentations, which are not only delicious, but also exciting. We also constantly strive to update our catalogue, inclusive of 300 plus items, to include a balance between imaginative foods and traditional, sought-after items.

Special offers available for 2014.

C. Camilleri & Sons (Catering) Ltd
13-20 M. Borg Gauci Street,
Handaq, Qormi
T: 21472255

Jonathan Attard
jattard@camillerigroup.com
info@camillericatering.com
www.camillericatering.com







# The Malta Records

Matul is-sena 2013, żewġ Sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V applikaw u ġew rikonoxxuti b'żewġ rekords Nazzjonali mill-Organizzazzjoni 'The Malta Records'. Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija f'Diċembru tal-2012 ħadmet fuq l-Akbar Presepju Ħaj ta' dak iż-żmien, u filfatt, Jeremy Mercieca f'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ kien ġie ppreżentat bir-rekord Nazzjonali nhar it-8 ta' Frar, 2014 f'riceviment tal-okkażjoni li sar fis-'Sala Marija Assunta'. Membri żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda tan-Nar Santa Marija applikaw għat-tieni rekord Nazzjonali proprju għall-'Itwal ħarqa vertikali', u nhar l-14 t'Awwissu 2014, proprju wara l-ħarqa ewlenija ta' lejliet il-festa, is-Sur Josef Camilleri f'isem l-Għaqda tan-Nar ġie ppreżentat biċ-ċertifikat tar-rekord wara s-suċċess miksub mit-torri tad-dawl. Dawn l-unuri jkompli jiżdiedu ma' dawk li s-Soċjeta' tħaddan, u nkomplu nikkonfermaw li s-Soċjeta' tagħna hi l-aktar Soċjeta' mogħnija b'unuri diversi f'raħalna.

























# Lorraine's

## Beauty Clinic

*Lorraine Muscat I.T.E.C.*

*Beauty Therapist & Electrologist*

- Facials
- Specialised Facial Treatments
- Pedicures
- Manicures
- Hand & Foot Treatments with Paraffin Wax
- Eyebrow & Eye Lash Tinting
- Eyelash Perming
- Waxing
- Electrolysis
- Slimming Treatments
- Make-up for all occasions
- Make-up lessons (1-1 1/2 hours)
- Aroma Therapy Massage
- Paraffin Wax Treatment
- Nail Acrylics
- Nail Art

**Opening Hours**

Mon: 3.00pm till 7.00pm
Tue: 9.00am till 1.00pm or 3.00pm till 7.00pm
Wed: 9.00am till 7.00pm
Thur: Closed
Fri: 9.00am till 7.00pm
Sat: 9.00am till 12.00pm

***Kindly call or send an sms for an appointment.***



**56, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba**
**Tel: +356 2168 9785 • Mobile: +356 9945 0647**
**lorraine.muscat@gmail.com**

# IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi    Tel: 2168 0006    Mob: 79704143
Email: ivans@maltanet.net







**Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims**

**Available Underseal & Rustproofing**

# Ħamsin sena ta' Servizz mill-qalb fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V

**Remenda Borg Grech B.A.(Hons)S.W., membru tal-Bord Editorjali, tiltaqa' ma' Robert Farrugia u Victor Galea, f'għeluq il-ħamsin sena tagħhom ta' servizz mal-Banda Re Ġorġ V.**

Kien propju ħamsin sena ilu, meta Robert Farrugia u Victor Galea ħarġu jdoqqu għall-ewwel darba mal-Banda Re Ġorġ V. Żgur li qatt ma bassru li ħamsin sena wara ser ikunu għadhom qed jagħtu servizz lis-Soċjetà Santa Marija, Mqabba, li rawmithom fl-imħabba lejn l-mużika.

Robert, magħruf bħala Bertu, u Victor huma żewġ bandisti li dejjem taw sehemhom fil-banda u l-kontribut tagħhom kien wieħed konsistenti matul iż-żminijiet. Ċertament raw lill-Banda u s-Soċjetà tevolvi maż-żminijiet u għaddew diversi esperjenzi sbieħ fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V.

*Iż-żewġ bandisti kburin ħafna li huma wkoll, bħala parti mill-Banda Re Ġorġ V taw sehemhom f'bosta ċelebrazzjonijiet tal-unuri li rnexxilha tikseb fi ħdanha matul iż-żminijiet is-Soċjetà Santa Marija.*

Bertu jiftakar b'għożża ż-żminijiet tat-tfulija, meta l-ħabib tiegħu Louis Galea, li dak iż-żmien kien idoqq l-orgni tal-knisja, ħajru sabiex jibda jitgħallem strument. Kien pront enfasizza li kien Ġużeppi Galea l-ewwel persuna li taħtu beda jitgħallem l-mużika u wara beda jdoqq l-istrument li għadu jdoqq sal-lum, l-klarinett.

Min-naħa tiegħu Victor trabba f'familja ta' mużiċisti, fejn kien propju missieru stess, Ġużeppi Galea li kien jgħallem l-mużika fis-soċjetà. Victor jiftakar li kien iz-ziju tiegħu Rene Galea li nissel fih l-imħabba lejn s-*saxaphone*, peress li dan tal-aħħar kien idoqq *saxaphone tenor* mal-band master Twanny Chircop, li dak iż-żmien kien surmast tal-banda tal-Forzi Armati. Victor jispjega li ħareġ idoqq meta kellu biss għaxar snin u li beda jdoqq il-*korno* u mbagħad qaleb fuq l-*althorn*. Spjega b'memorja viżiva li moħħu dejjem kien li jdoqq s-*saxaphone* u li meta beda jaħdem kien ifaddal nofs lira fil-ġimgħa sabiex fl-aħħar, fl-1970, wettaq il-ħolma tiegħu u xtara l-ewwel *saxaphone alto* tiegħu. Jiftakar li kien imur kull ġimgħa b'tal-linja għand zijuh sabiex jieħu l-lezzjonijiet. Spjega wkoll li anke tgħallem il-muzika fl-iskola tal-mużika ta' Malta, fejn hemm hekk tgħallem il-bass guitar u llum il-ġurnata jdoqq l-*eletric bass* u d-*double bass*.

Victor jinsisti li kull sena kienet speċjali u li meta tkun mużiċist, kull sena toffrilek sfida ġdida. Żgur iżda li mumenti li ż-żewġ bandisti ma jinsew qatt huma l-okkażjonijiet fejn il-Banda Re Ġorġ V daqqet barra minn Malta. L-ewwel darba fl-1996 gewwa l-provinċja ta' Ascoli Piceno fejn flimkien mal-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano* qasmet l-esperjenzi mużikali tagħha permezz ta' ġemellaġġ storiku li wassal għall-kisba tal- unur tal-Etoile D'Or du Jumelage mill-Unjoni Ewropeja fl-1998.

It-tieni darba li l-banda daqqet barra minn xtutna kien fl-2007, għal darba oħra fl-Italja, din id-darba ġewwa Cave, fejn fl-istess sena l-Banda Re Ġorġ V kienet ukoll qed tfakkar 60 sena fejn minn Orkestra inbidlet għal Banda Re Ġorġ V. F'din l-okkażjoni, il-banda tat is-sehem tagħha fil-*Festa del Socio*, li huwa festival tal-baned li jsir kull sena u li fih kienu ħadu sehem wkoll baned mill-Ingilterra, Franza u l-Italja. Hawnhekk ukoll l-Banda daqqet għall-ewwel darba ġewwa s-Sala Nervi fil-Vatikan waqt udjenza mal-Papa Benedittu XVI.

Iż-żewġ bandisti kburin ħafna li huma wkoll, bħala parti mill-Banda Re Ġorġ V taw sehemhom f'bosta ċelebrazzjonijiet tal- unuri li rnexxielha tikseb fi ħdanha matul iż-żminijiet is-Soċjetà Santa Marija. Fosthom jiftakkru b'għożża ċ-ċelebrazzjonijiet fl-2007, meta l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba, ġiet iddikjarata bħala rebbieħa assoluta tal-Kampjonat Mondjali tal-Logħob tan-Nar 'Caput Lucis' ġewwa Ruma u kif ukoll meta l-Għaqda tan-Nar Santa Marija Imqabba kienet ir-rebbieħa fl-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta fl-2006.

Kburin wkoll mill-kwalità li ta' kull sena l-Banda Re Ġorġ V ttella' fil-programm annwali fl-10 ta' Awwissu li dejjem ikun spettaklu ta' mużika, letteratura u diversi sorprizi oħrajn li matul is-snin qatt ma naqsu. Fosthom jiftakru l-okkażjoni meta fis-sena 2000 kien ta' sehmu s-Sur David Morris li huwa World Whistling Champion. Żgur li fiż-żewġ bandisti tispikka d-dedikazzjoni tagħhom, fejn issibhom preżenti għal kull *rehearsal* u servizz tal-Banda Re Ġorġ V.

Okkażjoni li tibqa' minquxa f'moħħ dawn iż-żewġ bandisti hija wkoll l-opportunità fejn fl-2005 il-Banda Re Ġorġ V kienet l-ewwel banda Mqabbija li daqqet ġewwa t-Teatru Manwel. Hija tassew l-ħolma ta' kull


D&N Household
By DCF Home Decor
For Any Type Of kitchen Ware Household and appliances.
Address: Triq Id-9 ta’ April 1942 , Ħdejn il-bandli.
Mobile Number: 77471958 • 99041534


marecoLUCE
Fittings have reinforced thermoplastic body which is ideal for a saline environment such as that found in Malta
Available in various colours & on British standard boxes
a
ave
ess
electrical supplies & services ltd.
San Gwakkin Road,
Mriehel, BKR3000
Tel : +356 21 255 777 / 888
Fax : +356 21 255 999
Mob: +356 99999988
e-mail: duncan.agius@ess.com.mt
Available from all leading hardware stores
CLICK



*Ritratt ta' tifkira tal-bandisti ġodda li ħarġu jdoqqu fl-1964, fosthom Robert Farrugia u Victor Galea*

mużiċist li jkollu l-opportunità li jdoqq ġewwa wieħed mill-isbaħ teatri fl-Ewropa, opportunità li l-Banda Re Ġorġ V tat lill-bandisti tagħha.

Kburin wkoll li taw sehemhom fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-anniversarju tal-175 sena mill-miġja tal-Istatwa Titulari ta' Santa Marija, fejn ttelgħat Akkademja Muziko-Lettararja ġewwa l-Parroċċa tagħna, fejn indaqqu diversi innijiet bil-qofol ikun l-esebizzjoni tal- Oratorju 'Bukkett b'Mitt Ward lil Santa Marija', mużika ta' Mro. David Agius b'versi tal-Kav. Carmel Bianchi.

Iż-żewġ bandisti jiftakkru b'għożża l-ewwel esperjenzi tagħhom fil-Banda Re Ġorġ V, li għal żmien twil kienet immexxija mill-wisq maħbub Mro. George Martin, li dam imexxi l-banda sal-1991. Jiftakkru bi kburija ż-żminijiet fejn is-soċjetà kienet immexxija minn wild raħalna Mro. Anthony Camilleri li mexxa din l-banda sal-1997.

Mhux b'inqas, isemmu wkoll dawn l-aħħar sbatax-il sena, taħt it-tmexxija għaqlija ta' Mro. David Aguis. Ma jistax jonqos li jsemmu wkoll lill-wisq mibki Leonard Farrugia li għal żmien twil kien anke assistent surmast tal-Banda.

Victor jsemmi b'għożża meta ħareġ CD b'diversi siltiet mużikali, fosthom innu lill-Fundatur Ġużeppi Galea, liema innu kitbu l-istess Victor, bl-għajnuna ta' Mro. Raymond Cremona u versi ta' Pawlu Aquilina. Fis-sena 2000 Victor Galea ngħata r-rikonoxximent bħala l-Bandist tas-Sena. Dan ir-rikonoxximent ingħata wkoll lil Albert Farrugia fis-sena 1999.

Bertu jenfasizza li x-xewqa tiegħu tkun li iktar tfal jitħajru jersqu lejn it-tagħlim tal-mużika, tagħlim li għandna x-xorti li jiġi provdut b'xejn mis-Soċjetà Santa Marija u li minn taħt idejha ħarġu diversi mużiċisti rinomati. Miegħu jingħaqad Victor fejn jinsisti li l-mużika hija importanti ħafna fil-ħajja ta' kulħadd u li saħansitra tista' tintuża bħala terapija filwaqt li tlaqqak ma' diversi nies u sitwazzjonijiet differenti.

Iż-żewġ bandisti spjegaw li apparti s-sehem tagħhom fil-banda, huma wkoll kienu attivi fis-soċjetà. Bertu jispjega li huwa kien dilettant sew tan-nar tal-art u li ta sehmu wkoll għal żmien twil f'dan il-qasam. Min-naħa l-oħra, Victor spjega li huwa jkun inkarigat li jarma s-sound f'diversi serati filwaqt li wkoll idoqq f'diversi avvenimenti u ljieli Maltin li jiġu organizzati mis-soċjetà.

Bertu u Victor xtaqu jirringrazzjaw lis-Soċjetà Santa Marija li provdiet it-tagħlim tal-mużika b'xejn u li permezz tagħha kellhom l-opportunità li jkomplu jwessaw l-esperjenza tagħhom matul dawn iż-żminijiet. Victor xtaq ukoll jirringrazzja lil kull min għenu f'dawn is-snin, b'mod speċjali lil kull min jgħinu kull sena sabiex ittella' l-amplifier fuq l-planċier. Żgur li l-esperjenza ta' dawn iż-żewġ bandisti ser isservi ta' inspirazzjoni għal bandisti li għadhom jibdew l-avventura tagħhom fil-mużika u lil bosta oħrajn li qegħdin jitħajru jersqu lejn din l-esperjenza.


# Għandek tfal ta' bejn it-3 u t-12-il sena?

Daħħalhom bħala membri fil-Klabb Tfal tat-Titular issa!

Niltaqgħu darba fil-ġimgħa,
għall-attivitajiet edukattivi, artistiċi,
rikreattivi u aktar.

Avviċina lill-membri tal-Klabb jew tas-Sezzjoni Żgħażagħ.



DES
IMPORTERS & DISTRIBUTORS
Triq Mons. M. Azzopardi, SIĠĠIEWI | Triq l-Iskola, SAFI
M: 7946 3403 / 9946 3403
DES MALTA
WANNAPARTY MALTA
WANNA PARTY
COSTUMES & ACCESSORIES
at Daniels shopping complex, Hamrun.
UP TO
20% Discount & Free String Bag with every school bag
TERMS & CONDITIONS APPLY
Jazzi
BAGS
LONDON
COLLECTION
O'NEILL
Accessorize
BESTGEAR
DIESEL
REPLAY
seven
kimmidoll
collection
All Other Leading Brands & Characters Available

# Mill-Orkestra għall-Banda Re Ġorġ V

*Mark Zammit MBA(Henley)CIRM, Bandist tal-Post mal-Banda Re Ġorġ V jiltaqa' mas-Sur Michael Zammit u jsaqsih fuq l-esperjenza tiegħu ma' din il-banda, u s-Sur Żammit jitkellem kif tul il-karriera tiegħu ta' Bandist ra l-marċ tradizzjonali tal-festa jinbidlu.*

**Meta bdejt titgħallem iddoqq u x'ħajrek għall-banda?**

Qabel ma kellna l-banda kellna l-orkestra, kienu jagħmlu kunċerti fuq il-bejt tal-każin. Missieri kien idoqq il-flawt u l-akkordjin fl-orkestra u darba ġegħluni nżomm inkwatru bl-emblema tal-orkestra biex ħadu ritratt ta' tifkira u kien minn hemm li qaluli biex nibda nitgħallem. Kelli bejn 10 u 11-il sena. Imbagħad ta' kważi 12-il sena bdejt indoqq.

**Kellkom uniformi dak iż-żmien?**

Uniformi kellna meta ffurmat il-banda mill-orkestra. Kellna qmis bajda u qalziet griż ċar irqiq.

**Bħala banda kemm kontu bandisti u fejn kontu tmorru ddoqqu?**

Fil-banda konna 31 bandist. Fil-bidu konna mmorru ndoqqu ż-Żurrieq f'Santa Katerina, Ħal Tarxien għal tal-Lunzjata, l-Imsida f'San Ġużepp, Ħaż-Żabbar għal San Mikiel u Ħal Qormi għal San Bastjan.

**L-ewwel banda kienet iffurmata minn:**

**Althorns:**
Ġużeppi Farrugia tal-Marokk
Kola Mallia ta' Kanġu

**Euphonji:**
Ċikku ta' Pranz ħu Nardu
Ġorġ ta' Krafes

**Baxxi:**
Ċensu ta' Kalċ
Ċensu tan-Naw

**Trombuni:**
Pinu Psaila il-Wupi
Pinu Farrugia tad-Daqni
Saver ta' Verġinja

**Kurunetti:**
Mattew Zammit tal-Mejlaq
Ċensu ta' Genienu
Leli Farrugia tat-Testa
Toni ta' Ħaħaj
Wenzu tal-Qalqula
Ġamri tal-Ħami
U Ħuh Abel

**Klarini:**
Ġużeppi Galea ta' Nozzi
Ġanni ta' Kalċ
Ġużeppi ta' Filfla
Karmnu tal-Wirxa
Żaren ta Nozzi (Flawt)
Nardu ta' Pranz (Surmast Obwe)
Michael Zammit (Kwartin)
Fattu Galea ta' Nozzi



*Mikiel Zammit*

# Carabott Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

# Pet Care

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' l-imperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.



**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**

# Super S
## ironmongery

*Everything you need for your Home under one Roof!*



**Electrical & Water Fittings, A Large Selection of Power Tools & Hand Tools,
Indoor & Outdoor Lightings, Skirting, A Large Variety of Household Appliances and Kitchen Utensils,
Fans, Dehumidifiers, Heaters & Fan Heaters, Ceiling Roses, Garden Furniture,
Picnic Tables, Umbrellas and much more ...**

**Dun Matteola Saliba Street, Żurrieq Tel: 2768 9256**

**Opening Hours: Monday to Friday 06:30 to 19:00hrs; Saturday 06:30 to 14:00hrs**

**Korni:**

Ġużeppi Mallia tad-disa' Ħabbiet
Ġużeppi tal-Ħami

**Saxsafones:**

Toni Farrugia tal-Wirxa
Feliċ ta' Krafes

**Batterija:**

Kola Galea ta' Nozzi
Ġanni ta' Kalċ
Ġużeppi Mizzi

**Kif kienet tkun l-attendenza tan-nies waqt il-marċi?**

Fil-bidu tal-banda in-nies kienu jattendu aktar għal funzjonijiet tal-knisja u għal marċi n-nies kienu jmorru jimxu wara l-banda mhux bħal-lum. Illum il-festa nbidlet.

**Kemm ilħaqt Surmastrijiet?**

Jidhirli li sitta: Espedito Deguara, Giusè Maria Barbara, Leonardo Spiteri, George Martin, Twanny Camilleri u s-Surmast preżenti David Agius.

**Maż-żminijiet rajt tibdil fil-marċi?**

Dawn l-aħħar snin mas-surmast żagħżugħ tagħna, daqqejna ukoll siltiet minn mużika *pop* moderna, differenza kbira minn dari.

**Appell liż-żgħażagħ x'tgħidilhom?**

Ninkoraġġixxi liż-żgħażagħ biex jingħaqdu mal-baned. Li wieħed jingħaqad ma' banda minbarra li jitgħallem il-mużika, ikollu ċ-ċans li jagħmel ħbieb ġodda, t'etajiet differenti, irabbu d-dixxiplina u impenn għax biex wieħed idoqq trid tattendi għal kunċerti jekk jista' jkun regolarment. U jekk jeħduha bis-serjetà jistgħu jaqilgħu wkoll xi ħaġa tal-flus.




HORACE ENTERPRISES LTD.

Trophies & Sports Goods
Importer & Wholesaler



**Horace Micallef**
Director

Tel: 2169 6302, Mob: 9942 0346,
Fax: 2169 3397
174, Triq Raymond Caruana, Gudja ZTN11
E-mail: horaceltd@gmail.com
www.horace-ent.com

# Lil Ommna Marija Assunta Mtellgħa fis-sema minn Fostna l-Imqabbin

Carmelo Caruana

O Marija mimlija bid-doni
Inti l-Għaxqa ta' Ibnek is-sid
Merfugħa fis-sema mill-anġli
Fejn wieħed isib kull ma jrid.

Fehem il-poplu li ħabbek
B'tifħir, fit-talb inklingħat
B'pass lura mill-frugħa tal-ħażen
Madwarna mill-mewġ inkurlat

O Marija mimlija bil-grazzji
Li xxerred fostna –Mqabbin
Idħol għalina fejjieda
Ma' ismek ħlejju minsuġ

O Madonna mimlija bit-tegħba
Ma' ismek ħlejju marbutin
Tassess fil-merħla madwarek
Inti l-għaxqa fil-qlub, L-Imqabbin.

Quddiem dal-poplu imrawwem
Se nkomplu fejn ħallejna
Fl-Imgħoddi bqajt magħna tindokkra
Fil-gwerra tgħidx kemm bagħtejna.

Żommna b'dik ħarstek ta' ħniena
B'Uliedek f'raħalna u fil-madwar
Ta' niesna imrawmha mill-bidu
Imkebbsa bħall-forga u n-nar.

O Marija ismek jidwi
Minn qalbna nħobbuk
Iġborna taħt saltnatek
Ha nkomplu nqimuk.

Fik dija qawwija li tlellex
Ta' surtek imkebbsa nirien
Fik qawwa eterna għal dejjem
Qawsalla imkebbsa ta' lwien.

Imtellgħa s-sema mill-anġli
B'kont ħlejju li instema' mal-innijiet
Fid-deher tax-xemx kibja u imsaħħna
Mill-għoli, ta' dawn l-għeġubijiet.

**Qrendi**





Saviour Camilleri
Crane Hire

għal kull tip ta xogħol bil-crane
bi prezzijiet raġonevoli

Mob. 99455391

# Matthew Ellul – Bniedem ħabrieki fl-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija

**Joseph Briffa, ħabib tat-tfulija u kollega fil-ħidma tal-logħob tan-nar tal-art ta' Matthew, jaqsam magħna diversi ħsibijiet fuq il-ħidma li s-Sur Ellul ta u għadu qed jagħti fi ħdan diversi sezzjonijiet tas-Soċjetà Santa Marija.**



*Matthew Ellul jirċievi t-trofew 'Attivist tas-Sena' mingħand il-President tas-Socjetà Carmel Zahra*

Matthew Ellul ilu attiv fis-soċjetà Santa Marija minn mindu kien għadu żgħir ħafna. Permezz tal-familja tiegħu b'mod speċjali ta' missieru hu sar dilettant kbir tan-nar. Kif beda jikber ħadem bla waqfien fis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fejn kien ta' kontribut kbir fl-ewwel snin tal-wirjiet La Semana Santa u kif ukoll tal-Presepju Ħaj fost l-oħrajn. Fl-Għaqda tal-Armar, Matthew kien strumentali fuq xogħol ta' pedestalli kif ukoll diversi stutturi oħra tal-ħadid. Huwa dejjem jagħti daqqa t'id lill-ħaddiema tan-nar li jkunu qed jaħdmu għall-Festa tal-Patruna tagħna Santa Marija.

Matthew illum il-ġurnata huwa wieħed mill-pilastri tal-għaqda nar tal-art ta' din is-soċjetà. Matul dawn l-aħħar snin ħadem bla għeda biex in-nar tal-art fl-Imqabba jkompli jikber. Fost ħafna affarijiet is-sena l-oħra ħadem fuq l-ikkargar tal-fintuna kollha kemm tal-kulur kif ukoll tal-porvli u l-gass li jintuża għall-festa ta' Santa Marija.

Matthew, għalkemm dejjem ikun mgħobbi bix-xogħol, dejjem jipprova jgħin lil kull min jitlob xi pjaċir minn għandu; bniedem ħabrieki li jħobb ħafna l-Festa tal-Patruna Santa Marija.



*Matthew Ellul waqt il-ħidma tiegħu fil-qasam tan-Nar tal-Art*



*Matthew Ellul fi tmiem il-ħarqa Nar tal-Art f'Lejliet il-Festa Titulari ta' Santa Marija*


ALL N' 1
Dr. Nikola Zammit Street, Siġġiewi
Tel: 00356 21462360
Clothes • Underwear • Baby Items • Shoes
Hand Bags • Households • Gifts
MONDAY TO FRIDY 9.00AM TILL 12.30PM · 4.30PM TILL 7.15PM
SATURDAY 9.00AM TILL 12.30PM


BeautyLab
By Ritienne Agius(N.S.T.B th)
Mob: 79091799
Address: 12, BeautyLab, Pal Street, Mqabba
ST. TROPEZ
St. Tropez Spray Tanning available
Services offered:
• Facials (For pigmentation, wrinkles, …)
• Body Massages(Aromatherapy, Stone Therapy, Tibet, Tuina, Indian Head …)
• Manicures/Pedicures ( removing of corns and calluses)
• Gym Massage for face (lifting)
• Reflexology Treatment
• Waxing
• Electrolysis
• Nail Art
• Nail Extensions (acrylic and gels)
• Eyelash/Eyebrow tinting
• Diet treatments and consultations
• Professional Make up for all occasions
• (weddings, special effects make up …)

Arti fil-knisja

# Fjuri nterzjati fix-xemgħa tal-vara

**Il-Kanonku Dun Jonathan Farrugia jaqsam magħna l-informazzjoni li ġabar waqt intervista informali mas-Sur Rosario Żammit, nhar it-2 ta' Lulju 2014, fuq ix-xemgħat li kienu żżanżnu madwar il-vara titulari fl-2011.**

Fl-2011, bħala parti mill-proġetti li saru fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa titulari ta' Santa Marija f'raħalna, grazzi għall-ħidma tas-sur Karmnu Psaila, kienu saru ġodda s-sitt xemgħat li jkunu madwar il-vara fil-ġranet tal-festa. Bix-xieraq ix-xogħol ġie fdat f'idejn l-artist Imqabbi Rosario Zammit. Fit-tpinġija tal-fjuri l-artist żamm mal-istess disinn li kien ħoloq missieru Antonio meta pitter ix-xemgħat ta' qabel aktar minn sittin sena ilu, li kellhom jinbidlu minħabba l-ħsara li kienet saritilhom biż-żmien. Ix-xogħol kien mill-isbaħ.

Iżda ġara li għal xi raġuni kull meta dawn ix-xemgħat kienu qed jiġu mgerżwrin fil-karti biex jintrefgħu bejn festa u oħra, iż-żebgħa kienet qed issirilha l-ħsara u kull meta kienu jiġu armati madwar il-vara Rosario dejjem kien jiġi jagħmel l-irtokki meħtieġa.

Wara l-festa tas-sena l-oħra, biex jiġi evitat ix-xogħol żejjed, l-artist offra li jagħmel ix-xogħol mill-ġdid b'mod li ma jerġgħux jinqalgħu l-istess diffikultajiet fis-snin li ġejjin. Dam ħafna jaħseb u jipprova metodi differenti, sakemm fl-aħħar ħareġ bl-idea li flok ipitter ix-xemgħa, jinterzja l-pittura fix-xemgħa!

> *Ħarsa lejn iċ-ċifri tagħtina idea aktar ċara għax-xogħol u l-paċenzja meħtieġa biex sar dan l-interzjar.*

Hekk beda proċess twil li ħa madwar disa' xhur li fih qaxxar kompletament ix-xemgħat mill-pittura u reġa' pitter l-istess diżinn fuq it-tila. Wara, Rosario qata' kull werqa, kull zokk, kull fjura u kull fjamma. Ħadhom waħda waħda u poġġihom max-xemgħa fil-post fejn kellhom jeħlu, u permezz ta' xafra għamel il-forma ta' kull biċċa fuq ix-xemgħa. Imbagħad dewweb ftit il-parti ta' ġol-forma fix-xemgħa, poġġa t-tila u daħħalha f'postha, l-istess kif fl-antik kien isir l-interzjar fl-injam. Kolla ma ntużat qatt. Meta waħħal il-biċċiet kollha, ta' kisja xemgħa fuq kollox biex it-tila tkun tleqq bħall-bqija tax-xemgħa. Ħarsa lejn iċ-ċifri tagħtina idea aktar ċara għax-xogħol u l-paċenzja meħtieġa biex sar dan l-interzjar: b'kollox twaħħlu 528 werqa, 252 zokk, 16-il blanzun, 120 fjura vjola, 16-il warda safra u 16-il warda roża.

Issa, wara mijiet ta' sigħat ta' xogħol metikoluż, id-diżinn floreali li kien ħoloq missieru għax-xemgħat ta' madwar il-vara titulari tar-raħal se jibqa' konservat għal snin twal, bla periklu li jista' jingiref jew jintilef. Huwa grazzi għad-dedikazzjoni u l-inġenju ta' nies bħal Rosario li nittamaw li l-patrimonju artistiku tar-raħal tagħna jista' jiġi konservat biex jitgawda għas-snin li ġejjin.



Disinn tal-Fjuri ta' fuq ix-xemgħat



Disinn tan-Nome di Marija



Disinn minn Rosario Zammit tal-Fjuri ta' fuq ix-xemgħat




# Velton Ltd

**Għad-dilettanti tal-Festi**

**Lampi tal-Kulur u Ċari**

**15 watts u 25 watts**

**Bozoz LED's**

**Mob: 9949 7336**

# Primavera caterers

**CATERERS FOR ALL OCCASIONS**

**SCHOOL STREET, TARXIEN**
**TEL: 2182 6226, 2167 7098 FAX: 2167 6891**



# Dr. Lorraine Żammit B.A. Dip. Not. Pub. LL.D.

Notary Public & Commissioner for Oaths

Office: 21, Valletta Road, Mqabba, MQB 9012 MALTA

Mobile: (+356) 9986 0028
E-mail: notary@lorrainezammit.com
Office hours: by appointment









# Timeless

**Jewellers**

***Nixtru Deheb Antik***

***Prezzijiet Tajbin***

Triq San Bażilju, Mqabba
(wara l-Knisja Parrokkjali)

Mob: 7942 7473
Email: timeless@melita.com






THE CORE
BEAUTY CLINIC
... where Beauty is at Heart

6, Sebastian Saliba Street , Luqa -- Contact Mariella on 9927 3375

Guinot & Mary Cohr Customised Facials -- Guinot & Mary Cohr Anti-ageing Treatments
Guinot Non Surgical Facial Lifting Treatments
Electroloysis & Waxing -- Manicures -- Pedicures
Make up for all occasions -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Tinting
La Stone Therapy Massage -- Swedish Massage -- Holistic Massage -- Slimming Programmes

GUINOT INSTITUT • PARIS
PUPA
ARRAN AROMATICS
GUAM
MARY COHR

Twemmin

# Marija fil-Kitbiet ta' San Ġwann

**Dun George Schembri, viċi parroku tal-Imqabba, jirrifletti fuq Sidtna Marija fl-Evanġelju skont San Ġwann u fl-Appokalissi. Hu jagħmel enfasi fuq ir-rabta li nsibu bejn Marija u l-bniedem.**

## Introduzzjoni

Kulħadd jaqbel miegħi: Marija hija l-Mara li tisraq il-qalb tal-Bniedem u ta' Alla. Marija hija dik il-bniedma li bosta nies iħarsu lejha u fiha jilmħu l-kapaċità li jekk trid tista' tgħix ta' Nisrani. L-għażla li għamlet Marija, jiġifieri li ħajjitha tkun biss ibbażata fuq Alla, jista' jagħmilha kull nisrani ieħor – int u jien.

*F'din il-kitba nixtieq li nirreferi għall-kitbiet antiki, imma li forsi aħna mdorrijin nisimgħu, li jġorru element ta' misteru madwar il-Verġni Marija.*

Imma Marija hija Mara speċjali – hija l-Mara tal-Privileġġ, għax hija Omm Alla; hija l-Immakulata; hija l-Verġni Omm; hija safja u pura; hija l-Mara rebbieħa ma' Kristu Rxoxt. Marbuta dejjem ma' Kristu, bih hija tirbaħ bil-qawwa tal-pjagi ta' binha, u wieqfa ħdejn l-artal tas-Salib, Marija issir omm l-umanità kollha.

Fuq Marija saru għadd kbir ta' diskorsi, omeliji, poeżiji u tagħlim li diffiċli jingħaddu. Marija serqet il-qlub ta' diversi għorrief u predikaturi ewlenin tal-Knisja. Diversi kitbiet juruna b'mod ċar is-sehem ta' Marija fil-ġrajja tal-fidwa, il-medjazzjoni tagħha lejna, u l-protezzjoni materna tagħha.



Il-Viċi Parroku Dun George Spiteri

Fil-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja, nilmħu r-rabta ta' Marija magħna, aħna li aħna Knisja. Imma Marija, fl-isfond ta' kull kitba ġġorr magħha element ta' misteru, element ta' skiet u bħal donnu l-vojt li jinħoloq jurina l-istess sehem ta' Marija fil-ġrajja tal-Fidwa. F'din il-kitba nixtieq li nirreferi għall-kitbiet antiki, imma li forsi aħna mdorrijin nisimgħu, li jġorru element ta' misteru madwar il-Verġni Marija. Dan l-element ta' misteru f'Marija huwa neċessarju biex juri li hija mhix l-għan aħħari tal-bniedem, imma biss it-targa aħħarija, hekk viċin il-ġid uniku tal-bniedem: Sidna Ġesù Kristu. Il-Kitbiet li se naraw flimkien huma:

1. L-Evanġelju skont San Ġwann
2. L-Apokalissi.

## L-Evanġelju Skont San Ġwann

Ir-Raba' Evanġelju, jew kif magħruf popolarment fostna, l-Evanġelju Mqaddes skont San Ġwann, huwa kitba importanti fit-Testment il-Ġdid li nkiteb bejn is-sena 90 u 100 WK. Hija l-ġrajja ta' Ġesù li ġie fostna biex lil dawk li jilqgħuh, jagħtihom is-setgħa li jsiru wlied Alla. Dan l-Evanġelju jitqies bħala biċċa xogħol letterarja ta' livell għoli, minkejja l-fatt li l-vokabularju tiegħu mhumiex wiesgħa. F'din il-Kitba għandna kwadru ta' kulma Ġesù għamel u għallem lilna l-bnedmin. Imma wkoll, f'din il-Kitba nsibu ritratt ċar tal-komunità Nisranija li għaliha nkiteb l-Evanġelju. Ejjew niftakru li l-Evanġelji kienu jinktibu għall-Knejjes partikulari – biex ngħidu hekk, b'mod sempliċi, kull Knisja kien ikollha r-rakkonti tagħha fuq Ġesù. Għaldaqstant, l-Evanġelju Skont San Ġwann jagħtina stampa ta' min kienet il-Knisja li għaliha din l-kitba nkitbet, xi problemi kellhom l-insara u l-isfidi li bħala nsara kienu qed jaffrontaw.

Għalkemm l-isem tal-Evanġelju huwa marbut ma' xi ħadd bl-isem ta' San Ġwann, illum fl-istudju tal-Bibbja ssir differenza bejn 'awtur' u 'kittieb'. L-'awtur' huwa l-awtorità li magħha hemm it-Tradizzjoni tal-komunità ta' dawk li jemmnu filwaqt li l-'kittieb' huwa dak li jniżżel dak li huwa magħruf min-nies ta' madwaru u f'isem l-awtur, jiġifieri, dak li għandu awtorità, jorbot ix-xogħol tiegħu taħt ismu. Għaldaqstant, l-istudju bibliku tal-Evanġelju ta' San Ġwann, iżomm il-kitba bħala prodott ta' skola: l-hekk imsejjaħ *Corpus Johanneus* jew l-iskola ta' Ġwanni. Ma' nafux min kien eżattament dan Ġwanni. Tradizzjoni antika torbtu ma' Ġwanni, ħu Ġakbu, ulied Żebedew; imma din ir-rabta, għalkemm għandha l-ġibda qawwija tat-Tradizzjoni, hija dibattibli ħafna. Mhuwiex l-iskop tagħna llum li nitkellmu fuq dan Ġwanni li l-identità u l-bixra tiegħu hija moħbija f'misteru u sikta. Imma ma nistgħux ma nirreferux għal dak li fl-evanġelju jissejjaħ *id-dixxiplu l-Maħbub,* li aktarx jista' jkun jew l-awtur innifsu jew xi persunaġġ







EuroCaterers

Slush Machine Sales and Rentals
Also Soft Serve Machines

Testaferrata Street, Żurrieq • Tel / Fax: 21642647
E-mail: pulsar@onvol.net
Contact Person: Mario Attard

ieħor li kellu rabta ta' Kristu jew il-qarrej li qiegħed jaqra l-Evanġelju.

*Id-dixxiplu l-Maħbub* huwa persunaġġ bla isem fl-Evanġelju. Għalkemm jissemmew bosta ismijiet ta' diversi persunaġġi f'dan l-Evanġelju, hemm żewġ ismijiet ta' persunaġġi li huma importanti ħafna, imma l-awtur sagru ma jagħtinix isimhom. Apparti *d-dixxiplu l-Maħbub* (li huwa annonimu) hemm il-figura ta' Mara, li isimha mhuwiex imniżżel mill-evanġelista, u li bħad-*dixxiplu l-Maħbub* iġġorr magħha elementi wiesgħa ta' misteru. Minkejja kollox, għalkemm *id-dixxiplu l-Maħbub* u *l-Mara* huma persunaġġi annnonimi, l-importanza tagħhom hija fundamentali.

L-Evanġelju skont San Ġwann ma jgħidilnix li Omm Ġesù kien jisimgħa Marija. Jirreferi għaliha biss bħala jew *Mara*, jew *Omm* Ġesù jew *Ommu*. Hija stramba kif jagħmel dan il-fatt l-evanġelista. Xinhi r-raġuni ta' dan kollu? Forsi Marija ma kinetx mara ta' importanza fil-komunità/knisja ta' Ġwanni? Forsi Marija kienet imwarrba mill-Knisja Ġiovannina? Le. Xejn minn dan. L-awtur irid jurina l-importanza tagħha fl-assenzza ta' isimha.

*Omm* Ġesù tissemma l-ewwel darba fl-Evanġelju ta' Ġwanni fit-tieġ ta' Kana. Hija kienet mistiedna flimkien ma' binha Ġesù u d-dixxipli tiegħu. L-ambjent ta' tieġ fil-mentalità Lhudija huwa element qawwi ta' ferħ, waqt ewlieni fejn il-koppja tal-maħbubin jissimbolizzaw l-għaqda li Alla għandu mal-poplu tiegħu. Il-preżenza ta' Ġesù, Ommu u d-dixxipli tiegħu kienet turija tal-misteru li kien dieħel għalih Kristu. L-għarusa mhi qatt imsemmija f'dan ir-rakkont filwaqt li l-għarus għandu referenza sottili ta' bla importanza. F'moħħ l-awtur tal-evanġelju, l-għarusa hija l-Knisja, il-komunità li temmen, filwaqt li l-għarus huwa Kristu nnifsu. Imma t-tieġ veru mhux qed iseħħ f'dak l-waqt: mhuwiex il-ħin li fih Ġesù bħala l-għarus jiżżewweġ. Iż-żwieġ ta' Ġesù mal-għarusa tiegħu iseħħ fis-*Siegħa* tas-salib. Is-*Siegħa* – il-waqt li fih Kristu jitgħolla mill-art u jiġbed lill-bnedmin kollha lejh.

*Omm* Ġesù preżenti għat-tieġ ta' Kana hija dik li tintroduċina għas-*siegħa* li fiha Ġesù jingħata lill-maħbuba tiegħu. Ommu, preżenti fil-bidu tal-rakkont tal-ġrajja, ma' terġax tissemmgħa darb'oħra fl-Evanġelju, għajr taħt is-Salib, wieqfa fis-*Siegħa* tal-mewt ta' Kristu. It-tieġ ta' Kana huwa preludju tas-*Siegħa* li fiha jseħħ iż-żwieġ mistiku bejn Alla u l-umanità, b'Mara – *omm* Ġesù – preżenti li twassal lil binha biex jagħti l-ħajja lill-kotra.

Jekk fit-tieġ ta' Kana l-*Mara* twassal lil binha lejn is-siegħa tal-glorja, lejn is-Salib, taħt is-Salib wieqfa, *il-Mara* tirċievi isem ta' maternità ieħor: mhix maternità fiżika. Imma bħall-maternità fiżika, tbati biex teħles. L-uġigħ tal-ħlas, li ġarrbet f'riġlejn is-salib, kien iffisser it-twelid ta' wlieda; tagħna lkoll li nemmnu fi Kristu. F'riġlejn is-salib il-*Mara* tirċievi iben ġdid fid-*dixxiplu l-Maħbub* u fih tgħannaq l-uliedha kollha. Id-dixxiplu l-Maħbub flimkien mal-Mara huma l-frott ewlieni; l-ewwel ulied tal-Knisja li tnisslu mill-kustat ta' Kristu msallab. Jekk fi Kristu Msallab Missirijiet il-Knisja lemħu Adam ġdid, hekk ukoll f'Marija lemħu lil Eva l-Ġdida. Wieħed mill-kittieba ta' żmien il-Konċilju Vatikan II, pilastru tat-teoloġija kattolika, Henri De Lubac, jikteb fuq Marija: "taħt is-salib il-Mara saret l-ewwel orġaniżmu tal-ġenna l-ġdida." Il-Papa Beneditu XVI, fil-ktieb tiegħu *Ġesù ta' Nażaret* jikteb: "Fil-figura ta' Marija San Ġwann jurina l-Mara li tappartjeni għal Adam il-ġdid… Id-dixxiplu l-Maħbub huwa msejjaħ biex jieħu 'l ommu bħala individwu u bħala knisja fil-qalb tiegħu."

**L-Apokalissi**

Ktieb li forsi nsibuh kemxejn stramb u li jaqa' taħt il-kategorija tal-kitbiet Ġiovannini huwa l-Appokalissi, ktieb li forsi ħafna mill-insara jsibuh diffiċli biex jifhmuh. Huwa ktieb apokalittiku, jiġifieri juri 'rivelazzjoni' jew 'dehra' ta' xi ħaġa stra-ordinarja. Mhuwiex ktieb tal-biża', kif forsi ħafna jagħtu l-impressjoni li hu. Imma huwa xogħol letterarju mimli simboli li jridu jwassluna biex nagħrfu lil Ġesù li ġej biex jiltaqa' magħna. L-awtur ta' dan il-ktieb huwa mill-ġdid imsejjaħ bħala 'Ġwanni'; imma min hu dan Ġwanni? It-Tradizzjoni antika mill-ġdid tgħidilna li huwa San Ġwann Appostlu, iben Żebedew. Imma l-istudjużi tal-lum jgħidulna li dan Ġwanni mhuwiex l-istess wieħed, li skont it-tradizzjoni huwa l-awtur tal-Evanġelju wkoll. Aktarx dan il-ktieb inkiteb lejn is-sena 70 WK, bl-isfond storiku ta' Neruni, l-imperatur ruman li jaħraq il-belt ta' Ruma u jwaħħal fl-Insara, eżattament meta bejn wieħed u ieħor ħadu l-martirju tagħhom Pietru u Pawlu.

Fost is-simboloġija li nsibu f'dan il-ktieb insibu l-figura tal-Mara, li l-awtur sagru mill-ġdid ma' jagħtinix isimha. Fil-kapitlu 12 insibu xena tal-Mara u d-dragun: il-ġlieda bejn il-Mara u d-dragun, ġlieda li qamet fis-sema. Min hi din il-Mara? Forsi din hija riferenza għal Marija – *il-mara liebsa x-xemx*?

L-aħjar interpretazzjoni li taqbel mal-viżjoni u l-iskop tal-awtur hija li l-Mara hi figura tal-Knisja, Ġerusalemm tas-sema. Min-naħa tat-test sagru ma jidhirx li hemm riferenza biex nifhmu li l-Mara hija Marija Omm Ġesù. Madanakollu, nistgħu ngħidu xorta waħda li Marija Omm Ġesù tidħol f'din is-simboloġija kollha. Xorta japplika għaliha l-kliem tal-Apokalissi. Imma l-iskop ewlieni tal-awtur sagru kien referenza għall-Knisja.

Il-Mara hija l-Knisja. Is-*Santi Padri* bħalma huma Santu Wistin u San Girgor jgħidulna li l-Mara hija l-metafora tal-Knisja ta' Kristu. Fiż-żminijiet tan-Nofs bosta dutturi tal-Knisja, bħalma huwa San Bonaventura, jgħidulna li l-Mara hija Marija Omm is-Salvatur. Il-Papa Piju XII fil-bolla tal-Assunzjoni ta' Marija Verġni jieħu s-simboloġija tal-Apokalissi. Madanakollu, Piju XII ma jieħux il-Mara tal-apokalissi bħala l-argument bibliku li bih iddefenixxa din id-domma Marjana.

# P&P Garage

## Auto Mechanical Service & Repairs
## Air Conditioning Service

Triq L-Imqabba, Sqaq il-Mitħna, Qrendi
*(iddur mal-Kappella ta' Santa Katarina)*

Contact
PATRICK - **7945 5385** PAUL - **7986 5925**

# tower ironmongery

WÜRTH — FASTENERS
SIGMA COATINGS — INTERIOR & EXTERIOR PAINT
PROTOOL — POWER TOOLS
POWER TOOLS
V-TAC — LED BULBS & TUBES
MOTTURA — SECURITY LOCKS
Cuprinol — WOOD TREATMENT
TOPEX — HAND TOOLS
Kress — POWER TOOLS
fumagalli since 1973 — RESIN OUTDOOR FITITNGS
ABB — ELECTRICAL SUPPLIES
Unoair® — AIR TOOLS
CISA — LOCKS
TECHNICAL PROTECTION TEXTILES ARRIGONI 1936 — SUN SHADING
NEO — HAND TOOLS

DUPLICATE YOUR KEY NOW!
PROFESSIONAL KEY CUTTING HERE. SILCA YOUR GLOBAL PARTNER IN LOCKSMITHING

**Tower Street, Żurrieq, ZRQ 2360**
Tel: **2164 0196** • E-mail: **towiro@maltanet.net**

# John's Butcher

Tue: 07.15 - 11.45
Wed: 09.30 - 11.45
16.00 - 18.45
Thurs: 06.30 - 11.45
Fri: 06.30 - 11.45
16.00 - 18.45
Sat: 06.30 - 11.45



41, Misraħ il-Fidwa,
Mqabba

**Tel: 2168 0942**

L-istudjużi tal-Bibbja llum jaqblu bejniethom li l-Mara tal-Apokalissi hija figura tal-Knisja. Dan ma jnaqqasx mill-importanza ta' Marija. Anzi, bejn Marija u l-Knisja hemm rabta li ma tistax tħollha. Ir-rabta tal-Knisja ma' Marija hija ewlenija. Santu Wistin jgħallem li Marija hija l-membru prinċipali tal-Knisja, l-ogħla membru, li lilha l-Knisja tappartjeni. San Bernard, imnebbaħ mill-Apokalissi jħares lejn Marija bħala dik li hija inkurunata bix-xemx, il-ħolqa bejn żewġ kwiekeb li huma Kristu u l-Knisja. Ir-rabta tal-Knisja ma' Marija hija deskritta fi kliem ta' Klement ta' Lixandra meta qal: "hemm biss Verġni waħda, u li jien kburi li nsejjħilha l-Knisja" Riċentament, fi żmien il-Konċilju Vatikan II, id-dumnikan Franċiż, Henri De Lubac jagħllimna li Marija hija "Sagrament ta' Kristu" jiġifieri s-sinjali ta' Kristu, u li " qalba hija Evanġelju ħaj." Origene ta' Lixandra jistqarr li Marija u l-Knisja huma ta' oriġini wieħed. It-tnejn li huma, huma Verġni u Immakulati.

**Konklużjoni**

Marija hija l-Mara ta' bla isem fil-kitbiet tal-*corpus Johanneus*, imma l-isem tagħha huwa magħruf. Magħruf mhux biss fl-eżempju li tagħti u li joħroġ minn dawn il-kitbiet qaddisa, imma għax f'qalbna, f'moħħna, f'demmna u ma' kull nifs li nieħdu hemm l-isem ta' Marija. Kemm kellu raġun l-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila jikteb li ma' kullimkien l-isem ta' Marija huwa minqux. Kemm għandha raġun il-Knisja tħares lejn Marija u ssejħilha *Stella Maris* – għax hija l-Kewka li qatt ma tintefa għax tieħu d-dawl min-nar tal-imħabba, minn Kristu, ix-xemx li qatt ma tgħib. U mal-Knisja kollha ntennulha:

*Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej*
*Int bieb li jagħti għas-sema*
*Int kewba tal-baħar, Marija!*
*Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna*
*Għajnuna tal-poplu l-maħtur*
*Li b'għaġeb nissilt lil min ħalqek,*
*Fis-siegħa li lqajt it-tislima u bqajt xebba,*
*nissilt Alla u bniedem.*
*lqagħaha l-Ave –is-sliema -ta' Gabriel*
*Ħenn għalina midinba.*

**27 ta' Mejju 2014, tifkira ta' Santu Wistin minn Canterbury**




BRIAN & JAMES GREEN

FUNERAL SERVICE

*Irrikorru*

30, Main Street, Żurrieq Tel: 2164 2738

Rustica, Massabielle Street, Qrendi Tel: 2164 2508 – 9949 7959

"Green", St. Catherine Street, Qrendi Tel: 2164 7791 – 9949 4880

GRAZZI DUN NAZZAREN!

# Esperjenza fil-Vatikan

**Jonathan Pace jitkellem fuq l-esperjenza ta' numru ta' abbatini ġewwa l-Vatikan, u l-ferħ li ħass il-kontinġent Malti meta ltaqgħu mal-Papa Franġisku.**

*Kull ġurnata servietni ta' formazzjoni umana, kulturali u spiritwali*

Niftakar qisu lbieraħ fis-6 ta' Jannar 2012 meta rċevejt ittra mingħand Dun Nazzaren biex nersaq għall-eżami tal-Vatikan.

Mort inkellmu. Għidtlu li ma kontx preparat sabiex nagħmel dan l-eżami u għidtlu wkoll li ma kinitx faċli għalija li norqod 20 ġurnata barra mid-dar. Niftakru jkellimni b'ġentilezza kbira u jgħidli li kien jemmen ħafna fil-kapaċità tiegħi. Spjegali li sakemm jiġi ż-żmien inkun kbirt aktar u forsi naħsibha mod ieħor. Aċċettajt, għax ma ridtx immur kontra xewqtu. B'xorti ħażina l-anqas ilħaqt għidtlu li għaddejt mill-ewwel eżami. Ninsab ċert li minn hemm fuq rani nagħmel t-tieni eżami kif ukoll nagħmel is-servizz tiegħi ġewwa l-Vatikan.


Joantahna Pace waqt iċ-ċerimonja tal-abbatini l-ġodda

Fit-23 ta' Awwissu 2013, 25 abbati flimkien ma' Fr. Carl u s-seminarista Aayrton, iltqajna mad-Direttur Dun Frans Bonnici ġewwa l-Pre-Seminarju li qiegħed eżatt wara l-Bażilika tal-Vatikan. Kif sibna postna, Dun Frans dawwarna mal-Bażilika ta' San Pietru, rajna fejn kienu jinsabu l-artali u x'kellna nagħmlu fis-servizzi ta' kull filgħodu.

Ħassejtni ferħan u fortunat fl-istess ħin, għax l-ewwel servizz tiegħi kien fil-Kappella Clementina (fuq l-altare della tomba di San Pietro fil-kripta tal-bażilka) bil-lingwa Ġermaniża. Il-Ħadd kelli l-quddiesa ġewwa Lo Storpio u wara ltqajna mal-Papa Franġisku fejn kellimna, ħadna ritratt miegħu u ffirmalna fuq il-faxxa l-ħamra.

Kull filgħodu konna rridu nqumu fil-5:30. Is-servizzi kienu jvarjaw, min jgħin lill-qassisin jilbsu u min jipprepara l-kalċijiet u l-impulluzi. L-aktar servizz li kien jaffaxxinani kien meta kont ninżel nixgħel jew narma l-artali tal-kripta ma' abbatini oħra. Wieħed mill-iktar mumenti sbieħ kien meta ġew il-familjari tiegħi. Kull filgħodu kienu jiġu għall-quddiesa tas-sebgħa u jarawna nagħmlu s-servizz.

Il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu kellna l-funzjoni tal-Vestizzjoni, li kienet immexxija mill-Kardinal Angelo Comastri. Dakinhar iltqajna mal-Kardinal Malti Prospero Grech. Nhar l-Erbgħa 4 ta' Settembru kellna l-Udjenza mall-Papa Franġisku, fejn indirizza l-folla fost briju kbir fil-pjazza ta' quddiem il-palazz. Wara nofsinhar morna Santa Maria Maggiore bil-ferrovija.

Matul il-mawra tagħna ġewwa Ruma, żorna diversi postijiet interessanti fosthom Castel Gandolfo, il-Kappella Sistina, il-Mużew, il-ġonna tal-Vatikan, Villa Borghese, il-Colosseo, Castel Sant Angelo, Fontana di Trevi, Piazza Navona u anke bliet oħra bħal Assisi, fejn żorna l-knisja ta' Santa Klara… Tlajna wkoll għarkopptejna l-Scala Santa, it-taraġ li jingħad li għadda minnu Sidna Ġesù waqt il-passjoni tiegħu.

Kull ġurnata servietni ta' formazzjoni umana, kulturali u spiritwali. Nixtieq nirringrazzja lil Dun Frans Bonnici tad-dedikazzjoni u l-paċenzja li ħa u għadu jieħu bina. Nixtieq minn qalbi li abbatini oħra jagħmlu esperjenza bħal din u nħeġġiġhom biex qatt ma jaqtgħu qalbhom kif kien qalli **Dun Nazzaren**. Din l-esperjenza żgur ser inġorrha miegħi tul ħajti kollha.


L-Abbatini mal-Papa Franġisku fil-Belt tal-Vatikan


Jonathan Pace mal-Papa Franġisku

# 'Federica tagħmel unur lil Malta u lill-Imqabba bil-vuċi impekkabbli tagħha!'

**Jeremy Mercieca, f'isem il-Bord Editorjali, tellef ftit lill-Federica Falzon waqt li kienet għaddejja bl-aħħar preparamenti għall-kunċert kbir ma' Joseph Calleja sabiex staqsiha numru ta' mistoqsijiet fuq dan it-talent kbir li għandha.**

***Bejn Frar u April tal-2014, Federica Falzon kienet qed tieħu sehem fil-Programm 'Ti Lascio Una Canzone', li kien ikun trasmess dirett fuq Rai Uno, preżentat mill-ġurnalista Antonella Clerici. Il-Mezzo Sopran Maltija kisbet l-ammirazzjoni u s-simpatija tal-poplu Malti waqt li kienet qed tipparteċipa f'dan il-programm li kien jiġi segwit minn miljuni kbar ta' telespettaturi madwar id-dinja kollha. F'"Ti Lascio Una Canzone", Federica kienet qed tieħu sehem f'duet mat-tenur Taljan Vincenzo Carni. Għalkemm ta' età żgħira, Federica flimkien ma' Carni rnexxielhom jaffaxxinaw lill-ġurija u jerbħu l-edizzjoni ta' din is-sena ta' dan il-programm popolari.***

**Kemm għandek żmien u meta twelidt?**

Jiena għandi 11-il sena u twelidt fi sbatax ta' Frar tal-2003.

**X'ħajrek titgħallem il-mużika?**

In-nannu kien joħodni nkanta *karaoke* u kont nieħu gost inkanta, u n-nies li kienu jisimgħuni kienu jħeġġuni biex nistudja l-vuċi għax kienu jgħiduli li ntunata u għandi vuċi tajba.

**Kemm ilek li bdejt tistudja l-vuċi?**

Issa ilni għal dawn l-aħħar sentejn nistudja l-vuċi tiegħi.

**X'kien li wasslek tagħżel dan l-istil ta' mużika?**

Għall-bidu kont bdejt inkanta l-*country* iżda meta bdejt immur għand l-għalliema tiegħi Gillian Attard, hi mill-ewwel indunat li kelli vuċi ta' sopran, għalhekk bdilt l-istil u nista' ngħid li ma jiddispjaċini xejn.

**Ġieli kantajt barra minn Malta qabel il-konkors fuq ir-RAI?**

Iva, is-sena l-oħra fi Frar 2013 kont ħadt sehem għall-ewwel darba barra minn Malta fil-konkors 'Sanremo Doc' fejn kont ikklassifikajt fl-ewwel post.

**Kif tiddeskrivi l-esperjenza tiegħek fil- programm 'Ti  Lascio Una Canzone'?**

Esperjenza li sal-lum għadni ma nistax nemmen li kienet realtà u mhux ħolma. Esperjenza li għallmitni ħafna u li se nibqa' ngħożż għal ħajti kollha.











# GMP SKIP HIRE

Ta' Leri

*• Kiri ta' Skips • Ġarr ta' xogħol bil-vannijiet*
*• Tħammil bil-gaffa • Ġarr ta' ġebel*

Emmanna, Triq Costa, Ta' Kandja l/o Siġġiewi

**Maurizio u Giovanni Psaila**
**9983 0453 / 9982 6145**
taleri@hotmail.com

**Xi ħsibijiet għandek fuq l-opportunità tiegħek li tkanta mat-tenur Malti Joseph Calleja?**

L-istess bħall-esperjenza tal-program 'Ti Lascio Una Canzone' – din għalija hija ħolma oħra kbira, huwa ta' unur kbir għalija li nkanta ma' bniedem daqshekk kbir fil-kant u ta' fama internazzjonali.

**Kif għaddejjin il-preparamenti sabiex tirrappreżenta lil pajjiżna fil-Junior Eurovision? Hemm xi sigriet li tista' tikxef?**

Bħalissa għadhom għaddejjin il-preparamenti fuq il-kompożizzjoni tad-diska, u sa dan l-istadju ma hemmx xi sigrieti x'nistgħu niżvelaw, ħalli nħallu lill-Maltin bil-kurżità.

**X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-futur?**

Għalissa bi ħsiebni nibqa' nistudja, għax għadni żgħira u baqagħli ħafna x'nitgħallem, imbagħad naraw 'il quddiem.

**Hemm xi xewqa partikolari li tixtieq li sseħħ?**

Ix-xewqa tiegħi hija li nagħmel unur lil pajjiżi fil-Junior Eurovison.

F'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, nixtiequ nifirħu lil Federica għas-suċċess kbir li hi għamlet f'dan il-programm televiżiv u nixtiequ nawgurawlha kull suċċess fil-karriera tal-kant tagħha, b'mod speċjali għal Novembru li ġej peress li Federica ntgħażlet biex tkun l-Ambaxxatriċi ta' Malta għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-Junior Eurovision Song Contest.

Proset mill-Qalb Federica!




# J. Cutajar

SMOKING ARTICLES

46, Springvale,
Triq il-Madonna tal-Ġilju
Mqabba
Tel: 21689653 Mob: 7949 5354

*For all your smoking needs*

# Il-karru tal-istatwa ta' Santa Marija fin-niċċa

**Joseph Farrugia, kittieb tal-istorja, jikteb fuq il-karru ta' taħt l-istatwa ta' Santa Marija fil-parroċċa tal-Imqabba li kien intuża għall-ewwel darba għall-festa tal-1962.**

Kos, kemm hi sabiħa l-ħajja! Meta titfa' ħarsa ħafifa lejn l-imgħoddi taħseb li ż-żmien ġera bik. Imma hu f'dak il-perjodu li tkun qed tikber u tibni ħajtek, u b'dik l-istess ħarsa ħafifa tal-imgħoddi llum inħoss li għandi għax nirringrazzja 'l Alla li qed naqsam mal-komunità Mqabbija l-ġrajja ta' kif sar il-karru ta' taħt l-istatwa ta' Santa Marija fil-parroċċa tagħna.

L-istorja ta' dan il-karru bdiet b'suġġeriment prattiku li għamilt lill-kappillan Dun Gerald Mangion fl-1959 ta' x'kien meħtieġ fiċ-ċirkustanzi prevalenti. Il-ħsieb daħal meta fhimt id-diffikultà li kien hemm fil-ħruġ u dħul tal-istatwa min-niċċa.

Meta l-proposta mmaturat u l-kappillan tani l-inkarigu biex nara li dan isir, kien meħtieġ mill-ewwel li nkunu nafu x'piż għandha l-istatwa. Minn dawk li niftakar, Ġużeppi Psaila, Karmenu Borg, Xandru Saliba u Ġużeppi Cutajar, reffiegħa regolari tal-istatwa fil-purċissjoni, taw tagħrif siewi. Kien imiss x'*castor wheels* hemm bżonn. Hawn sibna s-servizzi tad-ditta (illum waqfet) "JJ Zammit Supplies and Services" ta' 127 Triq il-Merkanti Valletta. Hekk, pass pass, wasalna għall-bżonn ta' disinn tal-proġett. Issa rrikorrejna għall-għajnuna professjonali tas-Sur Saviour Ebejer (1934-2007) li aċċetta bil-qalb u ta s-servizz tiegħu kollu gratis. Xieraq li nkunu nafu aktar dwaru.

Is-Sur Ebejer twieled l-Imqabba iben Karmenu u Anna. Wara l-iskola primarja pprepara ruħu biex jersaq għad-*Dockyard Apprentices Examination* fejn effettivament ikkwalifika u beda kors ta' apprentistat mal-*Manager Construction Department* fit-Tarzna Navali. Attenda b'suċċess il-kors kollu ta' erba snin mad-*Dockyard Technical College*. Wara ġie appuntat biex jaqdi dmiru fid-*Drawing Office* tad-dipartiment, fil-grad ta' *Draughtsman*. Fl-1963 intbagħat l-Ingilterra fuq kors ta' speċjalizzazzjoni fid-disinn u l-kostruzzjoni tal-Bastimenti. Saviour Ebejer kien bniedem intelliġenti ta' karattru kwiet, umli u ta' min jirrispettah.

Issa li kellna d-disinn f'idejna, min kien ser jaħdmu? Fi triqti għax-xogħol fid-*Dockyard* kont nara workshop ta' inginerija f'Luqa Road, Paola. Għażilt li nipprova hawn. Sibt ruħi fl-uffiċċju tal-imgħallem, żagħżugħ ta' 25 sena. Spjegajtlu x'kelli bżonn fuq id-disinn. Niftakar sew li kien saqsieni x'kien l-iskop ta' dan

*Il-proċess ġdid ta' ħruġ tal-istatwa ntgħoġob*

il-karru u għedtlu. Wara ftit ħin ta' ħsieb qalli "Ara, issa billi ngħidlek 40 lira?! Jekk għandek xi ħadd jaf jaqta l-ħadid jiġi hawn u jaħdmu hu." Hekk twieldet ħbiberija dejjiema ma' Emilio u Salvu aħwa Orlando.


Emilio Orlando

Xtrajt l-*angle iron* mingħand Anġlu Vella tal-imħazen tal-Menqa tal-Marsa. Meta sa Ġunju 1961 ir-roti kienu għadhom ma waslux għażilt li nkompli x-xogħol is-sena ta' wara. F'April 1962 waslu r-roti u f'Ġunju bdejt inqatta' l-ħadid u wasalt biex nibda l-*welding*. Ħsibt li ma nwaqqafx ix-xogħol normali tal-workshop. B'xorti tajba l-providenza silfitna s-servizzi tas-Sur Juttisani (Juse') Mallia, *foreman* tal-*welders* fit-Tarzna u Soċju tal-MUSEUM fil-qasam ta' Ħal Luqa, servizz li hu ta b'mħabba lejn Marija Santissima. Il-*welding* kollu ħadilna ġurnata twila, imma fraħna li xogħol mexa bis-sengħa u rnexxa.


Salvu Orland

Waslet il-ġurnata tal-ħruġ tal-istatwa minn-niċċa, il-Ħadd filgħodu tal-5 ta' Awwissu 1962, bil-bankun armat u l-bradella ħdejn in-niċċa, u bil-karru mbukkat mal-istatwa. Jiena fuq ix-xellug u Saviour Ebejer fuq il-lemin mexxejna l-istatwa għal fuq il-karru u bil-mod il-mod ħadniha f'nofs in-nava quddiem il-bradella.


Saviour Ebejer

Il-proċess ġdid ta' ħruġ tal-istatwa ngħoġob. Kumment interessanti wasal mingħand raġel anzjan tas-sengħa ta' bennej u drabi membru tal-Kumitat tas-Soċjetà Re Ġorġ V li ħadem spalla ma' spalla ma' Ġanni Ghigo, ġibidni kemxejn fil-ġenb u b'ton konvint qalli "Ara, jiena ngħidlek proset – għax jiena naf..." Dan kien Ġużeppi Farrugia


Ġużeppi Farrugia

(1892-1969) iben Leonardo u Karmena mwieled iż-Żurrieq. Kompla jgħidli: "Saru ħafna proposti biex niffaċilitaw ħrug l-istatwa minn-niċċa; issa wasal il-jum"

Nifhem li xieraq nagħti dan l-artiklu bħala tifkira u għall-storja. U kif dejjem irringrazzjajt 'l Alla li bl-interċessjoni ta' Marija Santissima l-kompitu twettaq b'sodisfazzjon iktar u iktar illum li qed naqsam magħkom il-ferħ ta' din l-opra li saret 52 sena ilu u li għadha tintuża sal-lum.


**Referenzi:-**
Ref: NAM MFA D1 136399/63
Ktejjeb Festa Santa Marija 2000, Mqabba, p.27



DOCKYARD TECHNICAL COLLEGE
MALTA

This book is the property of the College and, if lost or damaged, must be paid for by the apprentice to whom it was issued.

All books should be covered with clean brown paper.

| NAME | CLASS | DATE ISSUED |
|---|---|---|
| | | |

The LHL Oxford Dictionary

*Karta maħruġa mid-Dockyard ta' Malta li juri l-ħidma fuq dan il-karru*


MQABBA F.C. 1957

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
tixtieq tifraħ
lit-tim tal-Imqabba F.C
għar-rebħ tal-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni
u l-Promozzjoni għall-Kampjonat
tal-Ewwel Diviżjoni.

Awguri għall-Istaġun li ġej!

CARNIVAL
DREAM TEAM
FLOAT BUILDERS

**Is-Soċjetà Santa Marija**
**u Banda Re Ġorġ V**
tixtieq tifraħ lil
**Chris Micallef** u **Alvin Livori**
f'isem
**'The Dream Team Carnival Company'**
għar-rebħ ta' Sezzjoni Ċ
il-Karnival ta' Malta tal-2014.

Awguri għall-edizzjoni li ġejja tal-Karnival ta' Malta 2015.





Shapes Junior

29, Blue Grotto Avenue
ŻURRIEQ
*(opposite football ground)*
Tel: 27617585

72, Triq Tumas Dingli
ŻABBAR
*(opposite Primary School)*
Tel: 27017585

*For all types of kids wear from new born to age 16 years*



# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*
jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**





# Ruben's Garage

**Oven Baked Spray Painting**
**Insurance Approved**

**Mob: 79064856**
**6, Sejba Road, Mqabba**
**rubengarage@gmail.com**

**We Also do Plastic Bumper Repair & Windscreen Installations.**

# Il-Wegħda li saret sabiex tiġi kkummissjonata statwa ta' Santa Marija

**Giovanni Farrugia, riċerkatur Imqabbi, jasal f'konklużjoni li wara li numru ta' baħħara Mqabbin għamlu wegħda li jekk isalvaw fil-maltemp jagħmlu statwa ta' Santa Marija, din saret minn arblu ta' bastiment.**

Fil-programm tal-Festa ta' Santa Marija 2013, paġna 210, tkellimna dwar il-bidu u ftit mill-proċess ta' din il-wegħda, li għamlu l-antenati tagħna fi żmien qalil ta' ħajja jew mewt, meta sabu ruħhom bejn sema u ilma f'maltempata qalila liema bħala.

Kien fi żmien il-kappillan Dun Alwiġ Bartilmew Caraffa, li dam kappillan mill-1787 sa 1802. Tajjeb li wieħed ikun jaf li Dun Bartilmew kien irċieva medalja tad-deheb mingħand il-kaptan Sir Alexander Ball f'dawk is-sentejn tat-twaqqif tal-kungress Nazzjonali, fid-9 ta' Frar 1801, għax Dun Bartilmew kien rappreżentant tal-Imqabbin. Għax kif nafu, konna għadna kif ħriġna mill-konflitt tal-Franċiżi.

*Il-partitarji ta' Santa Marija flimkien mal-grupp tal-wegħda ftehmu li jkellmu lill-kappillan il-ġdid meta joqrob il-Milied u jispjegawlu dwar il-kwistjoni tal-wegħda u l-arranġamenti li saru ma' Xandru Farrugia sabiex jagħmel din l-istatwa.*

Dun Bartilmew kien spiċċa minn kappillan fil-25 ta' April 1802. Miet fis-7 ta' Ġunju 1832 fl-età ta' 84 sena u midfun fil-katidral tal-Imdina. Ma rridux ninsew li f'dan iż-żmien ta' Dun Bartilmew sar l-ewwel kuntatt ma' Capt. Ball li kien l-għola awtorità u fl-istess ħin, Karmnu Farrugia, wieħed minn dawk li għamlu l-wegħda kellu xi ħadd mill-familjari jaħdmu l-Palazz mal-awtoritajiet Ingliżi u allura kienu strumentali biex sar il-kuntatt ma' Sir Alexander Ball.

F'dawn iż-żminijet diffiċli, minħabba li l-amministrazzjoni tal-Pajjiż kienet għaddejha minn taqlib u l-istorja tal-maħbuba gżira tagħna bdiet tgħaġġel, wara li spiċċa Alexander Ball, ta' warajh bdew isiru Gvernaturi. Captain Ball spiċċa f'Jannar 1801, warajh sar Pigot fi Frar tal-1801. Wara Pigot sar Sir Charles Cameron, Civil Commissioner. Fl-1801 u fl-1802 reġa' laħaq Sir Alexander Ball u hawn reġgħet saret laqgħa bejn il-baħħara tal-wegħda u ttieħdet deċizjoni li jibdew jiltaqgħu miegħu u reġgħu marru għand Sir Alexander Ball. Dawn kienu Karmnu Farrugia, Salvu Zammit magħhom kien hemm ukoll il-Kaptan Mario. Kif rahom u ħadilhom b'idejhom tant ħa pjaċir li b'ċajta qallilhom "Jiena ħsibt li ġejtu biex niġi naraha lesta". Hu qalilhom x'kienet il-kwistjoni u meta ra li l-kwistjoni qisha ħa titwal għajjat lis-segretarju privat. Kitbu ittra biex ikollhom x'juru u ta l-ordni biex isir *file* għall-każ ta' referenza fit-tul. Saret laqgħa t-torri għall-partitarji fejn intlaqgħu b'ċapċip kbir.


*Alexander Ball*

F'dan iż-żmien kellna lil Dun Stiefnu Zerafa, kappillan li dam mill-1803 sal-1829 u li ġie midfun


*Sir Thomas Maitland*

fil-qabar ta' Marija Farrugia li din tiġi minn Karmnu Farrugia li kien imdaħħal fil-grupp tal-wegħda. F'dan iż-żmien kienet għadha ma tteħditx deċizjoni minħabba li l-vapur mitluq li kien hemm qrib l-Isla kellu l-arblu rqiq wisq u l-inġinier tal-ammiraljat tat-Tarzna qallhom biex iħallu ftit żmien ieħor biex jinstab wieħed aħjar.

Wara l-kappillan Zerafa laħaq Dun Franġisk Galea li dam mill-1831 sal-1833. F'dan iż-żmien kellna lill-Gvernatur Sir Thomas Maitland. Dan beda jara l-*files* kollha tal-amministrazzjoni ta' qablu u fost kollox sab il-kopja ta' Captain Ball u bagħat għal xi Mqabbin devoti ta' Santa Marija sabiex jivverifika l-każ. Dan ried li din il-kwistjoni titwettaq mill-aktar fis.

Wara li ra sew il-kwistjoni reġa' bagħthom it-Tarzna li issa bdiet tiġi amministrata sew mill-ammiraljat u qallhom biex jgħarrfuh jekk kienux ġew moqdija, u hawn jidher li Sir Thomas kien ħerqan biex din il-problema tiġi solvuta nkella ried jagħti daqqa fuq ras il-musmar.

F'dan iż-żmien, bħalma għedna, il-kappillan tal-Imqabba kien Dun Franġisk Galea, u lilu kienu qed jgħidulu x'kien għaddej u li l-kwistjoni dalwaqt kellha tiġi solvuta għax in-nies tat-Tarzna sabulhom arblu ta' vapur li kien qrib il-baċir ta' Bormla u dan Dun Franġisk qallhom biex jorganizzaw laqgħa għall-Imqabbin ħalli jiġi deċiż l-artist jew skultur. Saret laqgħa l-Ħadd ta' wara mal-Kappillan fit-Torri.

F'din il-laqgħa ssemmew xi skulturi, fosthom Psaila u oħrajn però l-aktar li kien fuq fomm il-maġġoranza kien Xandru Farrugia. Dun Franġisk qallilhom biex ikomplu jitkixxfu u sabiex imbagħad tittieħed deċizjoni f'laqgħa oħra. Saret laqgħa oħra l-Ħadd ta' wara u tieħdet id-deċizjoni li l-iskultur ikun Xandru Farrugia taż-Żejtun.

Karmnu Farrugia, Salvu Zammit u żewġ Imqabbin oħra reġgħu marru t-Tarzna u sabulhom arblu ta' vapur qrib it-Tarzna ta' Bormla. Wara ħadu lil Xandru biex jarah u ftehmu li meta jinqala' jeħduh l-Imqabba. U hekk sar, għax xi ħmistax wara tellgħuh San Bażliju fejn dam għal xi żmien.

Reġgħet saret laqgħa oħra fejn ġie deċiż li tintala stima mingħand Xandru u li wara kellu jibda l-ġbir.

Il-grupp tal-wegħda marru għand Xandru jitolbuh l-istima, u wara li ddiskutew x'għandu jsir ftehmu li l-ispiża titla għall-£300 u li tkun lesta sa Lulju 1836. Il-kuntratt sar aktar tard, fit-30 ta' Lulju 1835, fi żmien il-kappillan ta' wara.

Dan il-perjodu ta' laqgħat u arranġamenti li kienu waslu fl-aħħar tagħhom għall-ħabta ta' Settembru 1833. Din is-sena Dun Franġisk ġie maħtur Kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Lija fejn dam sal-1837. Irriżenja minn Kappillan meta nħatar Kappillan tal-isptar ċentrali tal-Furjana u rtira minn din il-ħidma pastorali fis-sena 1865 u ġie nominat prepostu tal-Knisja ta' San Filippu tal-Isla fl-1865.

Wara Dun Franġisk Saver Galea, laħaq kappillan tal-Imqabba Dun Tumas Agius Caruana (1833-1849). Dun Tumas ġie maħtur kappillan minn Mons. Franġisku Saverju Caruana. Kien il-Ħadd 3 ta' Novembru 1833 wara l-Għasar meta ħa l-pussess fil-preżenza tal-Vigarju Ġenerali Dun Salvatore Lanzon.

Il-devoti ta' Santa Marija flimkien mal-grupp tal-wegħda ftehmu li jkellmu lill-kappillan il-ġdid meta joqrob il-Milied u jispjegawlu dwar il-kwistjoni tal-wegħda u l-arranġamenti li saru ma' Xandru Farrugia sabiex jagħmel din l-istatwa. Sadanittant kellu jilħaq isir aktar ġbir.

Dun Tumas kellu seba' mitt sena biex ikun jaf l-istorja fiex waslet għax deherlu li l-karti li ħalla Dun Franġisk ma kinux biżżejed biex jifhem sewwasew x'kien sar u x'kien hemm bżonn isir, u għal dan fit-3 ta' Diċembru tal-istess sena, iltaqa' mal-għaqda li kienet qed tieħu ħsieb biex issir l-istatwa ta' Santa Marija. Dan Tumas ħa ħafna pjaċir bix-xogħol li sar u kif sar. Ħafna nies saru jafu kemm il-kappillan ħa pjaċir u riedu li laqgħat dwar is-suġġett isiru iżjed ta' spiss u hawn wieħed jinnota kemm missirijietna kellhom entużjażmu kbir għal din il-biċċa xogħol. Issa wieħed jinnota minn ċertu dokumenti li l-laqgħat kienu qed iħallu effett sew għaliex żdiedu l-gruppi tal-ġbir. Riedu li jsibu post fiss fejn jagħmlu l-laqgħat u tant inizjattivi oħra. Fost ħafna diffikultajiet oħra tal-ħajja, bħan-nuqqas ta' finanzi, kienu għadhom kif ħarġu mill-pesta, l-imblokk tal-Franċizi li wara ħafna serq li sar, il-poplu kien għadu ma ġiex sew fuq saqajh. Però minkejja dan kollu u anke xi diffikulatjiet oħra, Dun Tumas daħal għal din il-biċċa xogħol li iebsa kemm kienet iebsa ried iwettaqha. Beda jaħdem b'ħiltu kollha, u jittallab biex ifittex jilħaq l-istima u sakemm qegħdin ngħidu b'dan l-arranġamenti kienu diġa nġabru mal-£190. Dun Tumas flimkien ma' Farrugia u Zammit bdew ifittxu benefattur *sta bene* li seta' jtihom palata; ma nsibux ismijiet imniżżla fid-dokumenti, imma biss li s-somma ta' £300 inġabret fiż-żmien stipulat.

Kien Mejju tal-1834 meta għamlu laqgħa biex tinħatar delegazzjoni biex imorru jirringrazzjaw lill-Gvernatur Sir Thomas Maitland tal-għajnuna li kien tahom. Dan tant ħa pjaċir li qallhom li kif l-istatwa titlesta kellhom juruhielu. Tant kienet importanti din il-laqgħa li wara xi żmien is-segretarju privat tal-Gvernatur Maitland bagħat ittra ta' kortesija lil Dun Tumas biex din jagħtiha lid-devoti ta' Santa Marija u baqgħat imsemmija sakemm waslet għand Dun Salv Schembri, li 'l quddiem niktbu xi ħaġa dwaru. Dan Salv ħadem ħafna għall-ġid tal-poplu Mqabbi.

Wara li sar il-kuntratt f'Ottubru 1835, meta nifhmu li s-somma kienet inġabret kollha, il-bravu Xandru Farrugia beda jaħdem fuq l-arblu tal-vapur li wara xi żmien kien diġà beda jieħu sura, tant li Dun Tumas u nies fl-għaqda wrew sodisfazzjon.

F'dan il-perjodu, Xandru Farrugia kien tħallas sew tax-xogħol, għax kien anke taha il-kulur u kien qiegħed ilestiha għall-induratura. Il-partitarji ftehmu miegħu d-data biex jippreparaw ħalli jeħduha l-Imqabba

purċissjonalment fuq l-ispallejn miż-Żejtun għal Bir id-Deheb, Ħal Għaxaq, il-Gudja, Bir Miftuħ u l-Imqabba. Dan kellu jsir fl-14 ta' Awwissu 1836.

Kien billejl meta wasslu lill-Patruna tagħna Santa Marija fil-knisja tagħha fl-Imqabba fost briju, daqq ta' qniepen u sufarelli, kollox magħmul bl-akbar solennità kif jafu jagħmlu d-devoti ta' din il-kbira Reġina tas-sema u l-art, li ma nixba' qatt infaħħar b'ilsien fqir li għandi u li għad irridu niltaqgħu magħha u narawha fil-glorja ta' dejjem.

F'din il-purċissjoni devota nqalgħu 15-il grazzja li nafu bihom u xi wħud minnhom anke reġistrati, għal dan se noħorgu ktejjeb bil-ġrajjiet tagħhom.

**Referenzi:-**


Dun Loret Zammit – storiku – Brittanja St. Zurrieq
Guzeppi Pace – Arkivist – St Nicholas Siggiewi
Guzeppi Zahra – Arkivist Privat Hal Qormi
Dun Ewgen Malli – Habib Personali
Baskal Baldacchino – Dokumenti Antiki 116 Main Street Gudja
Zmien l-Imblokk tal-Francizi –Giov. Segno P316
Spiru Schembri Dokumenti moghtija minn Dun Salv Schembri
Nutar C. Caruana – 7 Brittanja Zurrieq
Dun Salv Caruana – Storiku Zurrieq
Ferris


# Pasta Night f'Jum l-Ottava

**22 ta' Awwissu 2014**




# L-isbaħ libsa

**Rita Saliba**

Marianna kaxkret saqajha lejn it-tieqa tal-kċina. Laqagħha l-ħoss tal-mutur tal-friġġ. Ma kinitx taħmlu. Kien donnu qed jgħaddiha biż-żmien. Kien jaf kemm kienu saru jdejquha l-ħsejjes.

U bħal daż-żmien kienet tieħu qatgħa. Ftakret fiż-żmien meta kienet tieħu gost bl-istorbju u l-ġenn ta' żmien il-festa. Kemm kienet tiġġieled ma' Ġanni u tgħidlu li n-nar ma kellux xi jridu! Imma xħin ixxomm ir-riħa tal-ewwel murtal kienet titla' fuq il-bejt u tħossha trid tgħajjat u ċċapċap kif tara l-fetħa timla s-sema.

Imliet il-kitla u xegħlet xemgħa quddiem ir-ritratt tal-Assunta. Carmelina, il-kbira kienet tkun trid tixegħlu hi. U ħutha, Rożann u Stella, ġieli ħaduha magħha talli taqbad u tiżżattat. Kienet tinkihom li għadhom żgħar biex tafdahom bis-sulfarini. Imbagħad kien jibda l-ġbid tax-xagħar u t-twerżiq. U Marianna kien ikollha titlaq kollox minn idejha u tiġi tferraqhom.

Ħarset lejn ir-rokna tal-kċina fejn kien hemm il-magna Singer siekta. Bħal dal-ħin kienet tkun diġà b'saqajha fuq il-pedala, ittektek u tħit. Issa l-magna kienet mgħottija bl-għatu u Carmelina, Rożann u Stella ġieli qalulha li dik setgħet iżżejjen biha; toħroġha mill-kċina u tpoġġiha għall-wiri fil-kurutur. Imma lil min kienet se turiha? Lil dar vojta? Le, aħjar hawn magħha fil-kċina. Dik il-magna qasmet wisq stejjer magħha. Bħal daż-żmien, dik il-magna kienet tismagħha titlob għal Ġanni hi u tgħaddi ritpont. U titlob għall-bniet biex ma jsibux kumpanija ħażina u jimxu dejjem fit-triq it-tajba.

Marianna ftakret fiż-żmien meta t-tlett ibniet kienu jduru jgħinuha tfassal mal-mejda. Min jaf kemm raddet slaleb qabel fasslet u qasqset bl-imqass? Rożann kienet tibda titfa' l-botti lil Carmelina li kienet qiegħda tinbaram ġmielha. Stella kien moħħha fil-ġmigħ u Carmelina ġieli marret bil-moħbi terġa' ttella' pulzier ieħor keffa. Marianna kienet tagħlaq għajn waħda. Dil-magna kienet taf wisq sigrieti. Il-bniet ta' spiss kienu jistaqsu lil ommhom ta' min kienet l-isbaħ libsa.

Marianna kienet turihom ir-ritratt tal-Madonna u tibda tgħidilhom l-istorja tat-tlugħ fis-sema ta' Omm Alla. Tgħidilhom li l-Bambin kien żejjinha b'kollox u meta telgħet fis-sema kien deher sinjal kbir fis-sema: Mara liebsa x-xemx bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha.

"Dik liebsa l-isbaħ libsa!" kienet tgħidilhom biex tagħlqilhom ħalqhom.

Minn mindu kibru, il-bniet ftit li xejn isibu għal xiex jiġu 'l hawn. Imħabbtin wisq b'uliedhom. Daż-żmien ikollhom iwassluhom għall-privat, xitwa u sajf, għaż-żfin u t-taħriġ tal-futol. Għal xi żmien kienet taħseb li forsi setgħu ħadu għalihom għax qatt ma kienet tgħidilhom min minnhom kien liebes l-isbaħ libsa. Imma dawn kollha ħsibijiet fiergħa. Illum il-ħajja hekk saret, minn ħaġa għal oħra. Bla ma riedet ħasset xi ftit tad-diqa. Tgħid kienu jiddejqu bl-istorja tal-mara liebsa x-xemx?

"Xi trid tagħmel, ma?" ġieli argumentaw magħha, "it-tfal iridu żvog. Illum ma tantx tista' tafdahom jilagħbu barra bħalma konna aħna!"

Marianna kienet ittihom raġun. Illum it-tfal mgħobbijin wisq. Kienet tistenniehom fuq ix-xwiek daż-żmien tal-festa. Carmelina kellha tlieta, Rożann żewġ subien u Stella kellha waħda. Kif kienu jimlewha d-dar u joħdulha rasha tilgħin u neżlin it-taraġ. Imbagħad meta bdew jitfarfru bdew jiġu jittawluluha, iva, imma kien moħħhom biex jitilqu għall-marċ u l-briju. Ma ttihomx tort sa barra. Żgħażagħ huma. Angele ta' Stella kienet għadha żgħira u kienet tħobb tiġi toqgħod magħha. Kienet tiggustaha ddur fil-kmamar. Aħjar tgawdiha kemm tista'. Ftit żmien ieħor u titlaq mal-kuġini.

Filgħaxija ttawlu ftit u telqu għall-marċ tal-aħħar Tridu. Ġieli ħarġet magħhom iżda issa saqajha ma jtuhiex. Angele baqgħet hemm. Kienet tieħu gost għand nannitha. U biha magħha d-dar kienet terġa' tieħu l-ħajja. Marianna kienet tħossha qed terġa' tibda trabbi.

Iż-żgħira kienet ittaqtaq ġmielha u kellha ħabta tirrakkonta stejjer ivvintati minn moħħha.

Illum ġiet ħdejn nannitha u kollha serjetà qaltilha, "Nann, illum se nirrakkontalek storja sabiħa, taf."

"Iii! Mela le, għidli, qalbi, xi waħda li nħobb nisma' jien?"

Angele qaltilha iva b'rasha u bdiet,

"Din tgħidhieli l-mamà u tgħidx kemm togħġboni. Tibda' hekk; Deher sinjal kbir fis-sema: Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha…" It-tifla waqfet xħin rat demgħa nieżla ma' ħaddejn nannitha.

"Xi ġralek nanna? Jaqaw mhix togħġbok l-istorja?"

Marianna għannqet lit-tifla magħha.

"Le, qalbi, jien naħseb li din l-isbaħ storja li qatt smajt!"

Marianna kompliet l-istorja, "… u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha."

*Tagħrif mid-dinja tal-arti*

# L-Assunzjoni tal-Verġni Marija ta' El Greco 1577-1579

**Il-Kavallier Charlie Schembri O.S.S., jagħti ħarsa fuq waħda mill-pitturi tal-Grieg Theotokopoulos iddedikata lill-Assunzjoni ta' Marija, u l-istorja ta' din il-pittura.**

Domenikos Theotokopoulos li kien ta' oriġini Griega, imlaqqam El Greco, twieled nhar is-7 ta' April 1541 fil-villaġġ ta' Candia jew Foledo fuq il-gżira ta' Kreta; hu kien iben Georgios Theotokopoulos negozjant u kollettur tat-taxxi. Hu kien ħa l-ewwel tagħlim tiegħu bħala pittur tal-ikoni fl-iskola ta' Kreta li kienet iċ-ċentru tal-arti Biżantina. Probabilment El Greco kompla l-karriera tiegħu f'Venezja u aktar tard mar Ruma, fejn kien fetaħ bottega u impjega żewġ assistenti sabiex flimkien jaħdmu pittura minjatura.

Fl-1577 El Greco emigra lejn Spanja, u wasal f'Toledo f'Lulju tal-istess sena fejn mill-ewwel kien iffirma kuntratti għall-grupp ta' pittura sabiex jiddekoraw il-knisja ta' Santo Domingo el Antiguo f'Toledo, li dak iż-żmien kienet il-belt kapitali ta' Spanja. F'din il-knisja ta' Santo Domingo, El Greco pitter disa' pitturi fosthom tliet pitturi tant margħufa *El Espolio, It-Trinità* u *L-Assunzjoni tal-Verġni Marija*. Intant hawn kien bidu tajjeb fejn El Greco stabilixxa reputazzjoni f'Toledo.

***Din il-pittura tirrappreżenta lill-Verġni Marija tielgħa s-sema fuq nofs qamar, filwaqt li l-Appostli jinsabu jħarsu 'l fuq.***



*Dik li hi maħsuba li hija 'self-portrait' ta' El Greco*

Il-pittura tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija kienet maħsubha għal fuq l-artal maġġur tal-knisja ta' Santo Domingo el Antiguo. Din il-pittura tirrappreżenta lill-Verġni Marija tiela' s-sema fuq nofs qamar, filwaqt li l-Appostli jinsabu jħarsu l-fuq. Marija Santissma tirrapreżenta pożizzjoni interessanti f'din il-pittura, fejn il-pittur El Greco iddivida l-kwadru f'żewġ sferi bl-Appostli jokkupaw l-isfera tad-dinja u l-Anġli jokkupaw l-isfera tal-ġenna.



*Il-kwadru tal-Assunzjoni fil-knisja ta' -----*

L-Appostli jinsabu mdawrin madwar qabar tal-ġebel filwaqt li ħarsithom iċċassata 'l fuq biex jaraw lill-Verġni Mbierka dieħla fl-isfera tal-ġenna. L-Anġli jifformaw f'nofs ċirku madwar Marija Santissma, filwaqt li jidhru f'ċelebrazzjoni fit-tlugħ lejn is-sema. Il-Verġni Marija flimkien mal-Anġli u l-Appostli jinsabu mlibbsin b'ilbies rikk mitluq u qawwi, iżda l-libsa blu tal-Verġni Marija tagħmlilha tispikka fuq l-oħrajn. Il-karettaristiċi ta' El Greco jagħtu sinjal drammatiku fil-persunaġġi serpentinali, li flimkien mal-kuluri u l-linji joħolqu importanza fl-istorja tal-Assunta, sabiex ukoll jitqajjem fervur spiritwali minn dawk li jħarsu lejn dan il-kwadru. Iċ-ċentru tal-attenzjoni f'din il-pittura skont l-istorja hija t-tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema, fejn viżwalment jidhru diversi numri ta' passaġġi. L-ispettatur minn isfel iħares 'il fuq lejn Marija Santissma fejn temfasiżża l-assunzjoni tagħha lejn il-ġenna, b'idejja mitfuħa f'pożizzjoni dinamika li tirrappreżenta kmand kontra t-tidwir tal-isħab u l-movimenti tal-Anġli. L-ispazju safrani madwar ir-ras tal-Assunta jirrrimarka d-divinità tagħha komparata mal-massa tal-Anġli li jinsabu madwarha, kif ukoll il-kulur blu qawwi li jikkuntrasta mal-aħmar fl-ilbies tal-Verġni Marija jagħmilha tispikka fuq il-kulur dehebi tas-sema u fuq is-sħab bajdani.

Il-kuluri flimkien mal-pożizzjoni dinamika tal-Verġni, jemfażizzaw l-importanza u d-drammatiċità tal-Assunzjoni. Għall-ispettaturi Insara li jaraw din il-pittura, l-Assunzjoni hija suġġett importanti għaliex jagħtihom sinjal li bħall-Verġni Marija huma wkoll jistgħu jirċievu l-premju tal-ġenna. El Greco emfażizza fuq il-Verġni Marija u l-Assunzjoni tagħha għaliex

huwa sinjal importanti fir-reliġjon ta' kull min kien jgħix f'Toledo.

Il-linji dijagonali maħluqin fil-pożizzjonijiet dinamiċi, jagħtu lil din il-pittura l-għola mobiltà li hija essenzjali għall-pittura li tirrappreżenta lill-Assunta. Il-moviment importanti tal-Verġni Marija tielgħa 'l fuq, huwa emfasizzat bil-linja tal-personaġġi serpentinali u b'idejhom jippuntaw dirett lejn l-Assunta. Minħabba li l-linja hija dinamika u mhux statika, din il-pittura tqajjem spirtu reliġjuż u forza fl-ispettatur li jġiegħlu jidħol f'livell aktar profond ta' fidi. Aspett qawwi ieħor f'din il-pittura tal-Assunzjoni tal-Verġni huwa l-użu tal-kulur skur u l-iswed, li għalkemm il-pittura hija kulurita l-iswed huwa mifrux sabiex jiddistingwi bejn l-isfera tad-dinja u l-isfera tal-ġenna.

L-iswed użat fil-persunaġġi jagħti aktar toqol u distinzjoni, filwaqt li l-kuluri ta' kull wieħed jiġbdu l-attenzjoni ta' għajnejn l-ispettatur biex iħares 'il fuq lejn il-Verġni Marija. L-ilbies tal-Verġni Marija jirrimarka wkoll l-importanza tax-xena kif Hija tinsab tinqata' mill-persunaġġi ta' madwarha. Il-linja flimkien mal-kulur jilgħabu parti importanti fit-tagħlim tal-istorja tal-Assunzjoni, u jgħinu sabiex jitqajjem fervur spiritwali f'min ikun qed iħares lejha.

# Lil Ommi Marija

**Angelo Ghigo**

Qiegħed ninseġ din it-talba
O Madonna, kollha għalik,
Nixtieq nuri kemm inħobbok
U li qalbi rrid nagħtik

Inti lqajt lill-Iben Alla
Magħmul bniedem għall-bnedmin
Fik sar ħlejqa min ħalaqna
O kemm Alla hu ħanin!

Ried li inti tkun tarka tiegħi
Matul ħajti f'kull inkwiet
Biex tkun inti l-gwida tiegħi
Fejn missierna inti fis-smewwiet

# Il-Konvoj

**Emmanuel Buttigieg**

Lilek Sultana għamlek Alla,
Donnu aktar ma setgħax,
Lilek għamlek ir-Reġina
Kemm tas-sema u l-art.

Bil-ġuħ konna qed immutu,
Fl-aħħar gwerra li għaddiet
Imma inti ftakart fina,
Minn ġol-għoli tas-smewwiet.

Ejjew nuru gratitudni,
U imħabba lejn din l-Omm,
Inwegħduha b'qalbna kollha,
Li ġo qalbna jkollna tronn.

# Innu lil Marija Assunta

**Fr JM Ghigo S.J.**

Ħallina ntennulek Marija
Din l-għanja li ssawret mas-snin
Irridu ngħallmuha l-uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!

Inti għexta ġo qalbek il-ħajja tal-fidwa,
U qalbek ingħasret f'demm Ibned mislub,
Għalhekk qomt sabiħa mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek mill-mewt u mid-dnub.

Id-dinja bik tifraħ, tissieħeb mal-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek kuruna tal-ġieħ,
U lilek issellem, Omm Alla, Sultana,
Mogħnija bis-setgħa ta' drieghu rebbieħ.

**Referenzi:-**
1. Ktejjeb Festa Santa Marija 1990 pg. 47
2. Ibid 1992 pg. 69
3. Ibid 2006 pg. 25
4. Ibid 1995 pg. 29
5. Ref. 1
6. Ktejjeb Festa Santa Marija 1996 pg. 97

# Lil Santa Marija Omm l-Imħabba!

Stefano Farrugia

Minn ħdejn ibnek fis-sema, setgħana,
Inti ħarisna mid-dlam tat-telfien,
Ħalli nkunu għall-dejjem ferħana,
U niddawlu b'dak dawlek dehbien.

Kollok grazzja u tjieba, O Marija,
Inti bqajt tempju tul ħajtek fuq l-art,
U sal-qurriegħa, anke b'sejf ġejt mifnija

Fik is-sebbaħ id-Din li ħaddant,
Ilqa' għandek lil dawk li ħallewna,
Biex isibu, il-kenn u l-mistrieħ,
U hekk aħna nixtiequ waqt mewtna,
Biex mal-anġlu nkantawlek qatiegħ!

# Lil Marija F'Jum it-Tlugħ tagħha fis-Sema

Francis X. Mangion

Ġejt magħżula – hekk kien xieraq
Fost kemm huma l-Qaddisin:
Omm min ħalqek Bint min għammrek
Omm u xebba fl-istess ħin.

Għax inti kbira, O Marija!
U min jista' jifhem qatt,
Kemm inti kbira, kemm Inti għolja,
Kemm mimlija bis-setgħat!

Itfa' mela, O Marija,
Fuq dar-raħal tagħna żgħir
Dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena
U ħarisna mit-twegħir!

# Bukkett għall-Madonna

Joseph Farrugia

Għamel żjara fil-ġnien ta' tfulitu
Li tħabbeb mill-fjuri li kibru mas-snin
Żammhom magħżula, fjurett wara l-ieħor
Hekk kibret l-aroma tal-fjuri Mqabbin.

# Lilek Madonna

Joseph Farrugia

Ma: se nieqaf, b'ħarsti lejk
U Ġesu' ibnek, b'talba għalija
"Flimkien konna minn filgħodu
Ibqgħu mieghi, sa filgħaxija."

# Lil Ommi Marija

Angelo Ghigo

Tini mħabbtek, O Marija
Dan għalija huwa ġid kbir
Miegħek lil Ġesu' jkolli
Meta r-ruh għall-ġenna ttir.

# Lil Raħal Twelidi

Joseph Farrugia

Għandek rajt id-dawl tal-ħajja
F'dar kennija, kollha mħabba
Hemm trabbejt u hekk bqajt nikber
Fl-ambjent sbejjaħ tal-Imqabba

Meta ħtieġ minnek nitbiegħek
Żammejt b'għozza x'kont għalija
Fik tant nifraħ, bik Jiena kburi
Taħt il-mant t'Ommi Marija.

2 ta' Awwissu 1996

# Fantasy Flowers

*Your fantasy into reality*

**Aldo Ritchie**

Madonna Ta' Pinu,
Triq il-Ħarriġiet,
Mqabba MQB 1480, Malta
Tel: 2164 1032
Mob: 9946 5963 / 7960 2432
E-mail: fantasyflowersmt@gmail.com

## *TRY ELMO*
*and benefit from our multi product discount*

Elmo
INSURANCE




B'KARA ✆ 2343 0322 | COSPICUA ✆ 2343 0301 | PAOLA ✆ 2343 0306 | QORMI ✆ 2343 0311 | RABAT ✆ 2343 0332 | ST. PAUL'S BAY ✆ 2343 0310 | ZEBBUG ✆ 2343 0326/7 | VALLETTA ✆ 2343 0316

Bellizzi Services Ltd. | Tel: 21642519 | Fax: 21689791 | bellizziservices@gmail.com
Bellizzi Services Ltd, 86, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq ZRQ 2021

Elmo Insurance Ltd., Head Office, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111 Tel: 2343 0000 | www.elmoinsurance.com

Bellizzi Services Ltd. is enrolled to carry out tied insurance intermediary activities and is regulated by the Malta Financial Services Authority.
Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry out general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

# "Miss Malta" b'demm Imqabbi

## *Joanne Galea, tfajla li ġejja minn familja mill-Imqabba, rebbieħa tal-konkors Miss World Malta u ambaxxatriċi ta' pajjiżna f'Miss World 2014*

Joanne għandha 23 sena. Hi twieldet fit-23 ta' Ottubru 1990.

Attendiet l-iskola Primarja taż-Żejtun, dik sekondarja ta' San Benedittu f'Ħal Tarxien u kompliet l-istudji tagħha ġewwa l-Beauty Culture Centre fejn studjat il-Beauty Therapy. Għalkemm beauty therapist, dan mhuwiex ix-xogħol prinċipali ta' Joanne iżda tagħmlu bħala part-time. Joanne taħdem bħala Office Administrator f'kumpanija privata.

Joanne ta' minn età żgħira dejjem kienet miġbuda lejn id-dinja tal-immudellar iżda bdiet timmudella meta kellha 16-il sena fejn dak iż-żmien ġiet imħajra mill-ex-partner tagħha li ukoll kien jimmudella.



*Joanne Galea*

Joanne rebħet diversi konkorsi fosthom fl-2008 rebħet il-konkors Miss Princess of the World fejn irrappreżentat lil Malta ġewwa Repubblika Ċeka. Fl-2011 irrappreżentat lil Malta ġewwa Calabria fl-Italia fil-konkors Miss Italia Nel Mondo u fl-2013 fil-Face of Malta 2013 fejn kellha l-opportunità li tidher f'ħafna rivisti, gazzetti u programmi lokali.

Joanne issa ser tirrappreżenta lil Malta f'Miss World, ġewwa Londra, fejn hi qed tqisha bħala avventura indimentikabbli li kull mudella toħlom li xi darba tirbaħ dan it-titlu prestiġjuż.

Hawnhekk ser ikollha l-opportunità li tiltaqa' ma' mudelli minn 130 pajjiż differenti f'wieħed mill-akbar konkorsi tas-sbuħija fid-dinja. Joanne tħossha ferm onorata li ser tkun hi li ġorr il-bandiera Maltija u qed tħares 'il quddiem sabiex tagħmel unur u promozzjoni tajba kif jixraq lill-pajjiż li tant hi kburija bih.

Joanne fil-ħajja privata tagħha għandha diversi passatempi fejn tħobb toħroġ u tissoċjalizza, tħobb iżżomm u tagħti każ tal-figura tagħha billi tiekol ikel tajjeb għas-saħħa u tmur il-gym. Dan l-aħħar bdiet ukoll tieħu xi lezzjonijiet tal-belly dancing.

Minn hawn aħna f'isem il-board editorjali u f'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V filwaqt li nifirħu lil Joanne għar rebħ tal-Konkors Miss World Malta, nawgurawlha kull suċċess fl-avventura tagħha fil-konkors Ms World ġewwa Londra.

Awguri Joanne.








Fresh & Clean
Laundry & Dryclean
We clean Suites, Curtains, Quilts, Wedding Dresses, Suede, Leather, Carpets and Fitted Carpets, Car Seat Covers, Boat Covers, Sofas, Camps, etc.
Free Collection and Delivery
Tel: 21461410, 99202280
79666262
www.freshandcleanmalta.com
talfreshandclean@gmail.com


B & G HARDWARE
STORE
Paint
OVER 5,000
COLOURS
INSTANTLY
AVAILABLE
10% DISCOUNT on:
PAINTS • ELECTRICAL & PLUMBING FITTINGS
SELECTION • QUALITY • PRICES
FREE DELIVERY
10, Triq San Tumas, Luqa
Tel/Fax: 2167 5362

# Perikli ta' qima żbaljata lejn il-Verġni Mbierka

**Joe Chetcuti, preżentatur tal-Programm 'Marci u Bandalori' fuq Radio 101, jispjega kif ċertu drawwiet tal-imgħoddi jinbidlu u li dawn qed ifixxklu l-qima tagħna l-bnedmin lejn il-Madonna.**

Nibdew sabiex infakkru dak li kiteb il-Papa Pawlu VI lil l-Insara tad Dinja kollha fid-dokument li jġib l-isem ta' *Marialis Cultus*: "Il-Knisja turi b'ħafna modi ta' qima r-relazzjoni tagħha mal-Verġni Mbierka, b'venerazzjoni profonda meta taħseb fuq id-dinjità singulari tal-Verġni li saret Omm Alla, il-Verb Inkarnat bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, b'imħabba mħeġġa meta tikkonsidra lil Marija bħala l-Omm spiritwali tal-membri kollha tal-Ġisem mistiku, b'invokazzjoni fiduċjuża meta ġġarrab l-interċessjoni tagħha bħala avukata, bħala dik li Hi mimlija bil-grazzja, b'ammirazzjoni kbira meta tara fiha x-xbieha bla tebgħa meta tagħraf fiha s-sieħba tal-Feddej u dik li diġà ħadet sehem sħiħ mill-frott tal-misteru tal-Għid." (*Marialis Cultus*, 22)

> *Hija qima bla sens ta' dawk l-Insara li jikkuntentaw b'devozzjonijiet magħmulin bi drawwa reċiti ta' talb bla ma wieħed ikun jaf x'qed jgħid*

Il-qima li l-Papa ħeġġeġ sabiex ikollna lejn il-Madonna tista' titlef ħafna mis-siwi tagħha u forsi wkoll tisfa' ta' ħsara spiritwali jekk ma tkunx imwettqa kif imiss jew inkella tinbidel f'devozzjoni falza u forsi wkoll superstizzjuża li tikkonsisti biss f'atti esterni (baned, sparar eċċ) b'sentimenti superfiċjali. Din it-twissija qalhielna l-Papa Piju XI fid-diskors li għamel nhar il-21 ta' Lulju tal-1947. X'ried jgħid il-Papa Piju b'*devozzjoni falza*? Infissru xi ftit: hija qima bla sens ta' dawk l-Insara li jikkuntentaw b'devozzjonijiet magħmulin bi drawwa, reċiti ta' talb bla ma wieħed ikun jaf x'qed jgħid – talb bix-xufftejn biss, imma bla qalb u bla moħħ illi jkun jaħseb f'xi ħaġa oħra. Ġieli tiltaqa' ma' nies li jgħidu r-Rużarju f'kamra fejn il-programm tat-televiżjoni ikun għaddej. Jgħidulek "imma jien baxxejtlu il-volum!". Kif jista' wieħed jaħseb fil-misterji u f'dak kollu li jkun qed jgħid bl-istampi tat-televiżjoni għaddejjin quddiem għajnejh?

Il-Papa Piju XII isaqsi: "Kif jista' jingħata ġieħ lill-Madonna jekk il-ħajja tal-fidi tiġi ridotta għal diversi manifestazzjonijiet esterni mingħajr dak l-Ispirtu sopranaturali, spirtu intern li jagħti siwi lil kull ħaġa tar-ruħ u li mingħajru kull imġieba esterna tkun bla ebda valur?" (Radju messaġġ – Papa Piju XII, April 1956)

L-anqas ma tkun qima vera u awtentika lejn il-Madonna dik il-qima li ma tkunx imsieħba ma' vera konverzjoni tal-qalb. Persuna ostinata fid-dnub bla xewqa li tikkonverti serjament lejn Alla, tkun ukoll qed titlob bix-xufftejn biss, imma l-qalb tkun 'il bogħod minn qima vera. Dwar din il-ħaġa l-Papa Piju X jgħidilna li din tkun qima qarrieqa li titlob lil Madonna u fl-istess ħin ma tagħmilx li tista' sabiex taħrab l-okkażjoni tad-dnub u li tirranġa l-ħażen magħmul – din il-ħaġa hija bla sens. (Enciklika *Ad diem* – 2 ta' Frar 1904).

Hija żbaljata wkoll din l-għamla ta' qima (xbieha u interessata) illi biha xi nsara jirrikorru għand il-Madonna biss meta jkunu jeħtieġu xi għajnuna ta' maljar, u li meta mbagħad ma hemmx il-ħtieġa jinsewha għalkollox. Nies bħal dawn huma egoisti, jaraw il-Madonna bħala mezz ta' kif jakkwistaw dak li jkunu iridu, vantaġġi materjali, temporali u xejn iżjed. (Papa Piju XII – taħdita Jannar 1945).

Biex jiġu evitati l-perikli ta' qima żbaljata lejn il-Madonna jeħtieġ illi l-qima tiġġedded kontinwament. Id-daħla tal-*Marialis Cultus* tgħid hekk:

"Xi drawwiet ta' qima li sa ftit taż-żmien ilu kienu jidhru tajbin biex ifissru l-fehmiet reliġjużi tal-Insara, illum jidhru li mhumiex tajbin biżżejjed għaliex marbutin ma' għamliet soċjali u kulturali tal-imgħoddi. Fl-imgħoddi s-superstizzjonijiet kienu aktar imxerrda mil-lum. L-antiki tagħna kienu jagħtu importanza kbira lill-leġġendi Marjani. Fl-imgħoddi bosta nsara kienu jaħsbu li l-Madonna tfassal il-ġrajjiet tagħhom ta' kuljum, ġrajjiet li jkun jaqbel lilhom u għall-ħidma temporali tal-bniedem, sabiex b'hekk tħaffef il-ħajja u wieħed jgħix kif irid u jaqbillu."

Dan huwa logħob mad-divinità u qatt ma għandna ndaħħlu l-Madonna f'dan il-logħob. U dan li qed ngħidu għall qima Marjana jista jingħad ukoll għall qima tal-Qaddisin. Kemm leġġendi hemm marbutin mal-Qaddisin! Minn jemmen bla riserva dawn il-leġġendi ma jkunx qed jagħti qima lill-Verġni Mbierka u l-anqas lill-Qaddisin.

Viva Marija Assunta Imtellgħa s-Sema

# Alessio's Old Cottage

**Sub Post Office**

**Triq il-Parroċċa, Mqabba Tel: 2168 3292**

**Ħinijiet tal-ftuħ:**

**Mit-Tnejn sas-Sibt:**
***7.30am - 12.00pm***
***4.00pm - 7.00pm***

**Ħdud u Festi:**
***6.30am - 12.00pm***

*Issibu dak kollu li teħtieġu: Stationery, Kartolini, rigali, videos, CDs, cassettes films, Hi-Fi u toys, rigali, kif ukoll ħwejjeġ u żraben tat-tfal, nisa u irgiel u servizz ta' ritratti tal-passaport*

# Grotta Coffee Bar

I ♥ COFFEE

WIED IZ-ZURRIEQ

CAPPUCINO, ESPRESSO, TEA
FRESH ORANGE JUICE, TOAST,
ICE - CREAMS AND MUCH MORE

# Briffa Landscaping

Kirsten Briffa

***Automatic Drip Irrigation Systems***
***Turf Maintenance & All Your Gardening Needs***

*Mob: 9946 9580*
*E-mail: kbriffa783@gmail.com*

*Storja u devozzjoni lejn l-Assunta f'Malta*

# L-artal tal-Assunta fil-Knisja ta' San Nikola fis-Siġġiewi

**Mario Fenech jitfa' dawl fuq uħud mill-altari ddeddikati lill-Madonna li nsibu f'numru ta' knejjes fis-Siġġiewi, b'enfasi fuq l-artal tal-Assunta.**

Fil-knejjes tagħna l-kult Marjan minn dejjem kien u għadu wieħed qawwi.

Minbarra n-numru kbir ta' knejjes parrokkjali u knejjes oħrajn filjali li huma ddedikati lill-Madonna b'titli differenti, insibu knejjes oħrajn li għalkemm it-titular tagħhom mhux dak tal-Madonna fihom hemm altari bi kwadri fuqhom u statwi tal-Madonna li jiġbdu lejhom devozzjoni kbira min-nies tal-lokal.

*Għalkemm ir-raħal antik tas-Siġġiewi huwa taħt il-ħarsien ta' San Nikola, fih hemm numru ta' knejjes żgħar li huma ddedikati lill-Madonna*



*Inkwatru tal-Assunzjoni fil-Knisja tas-Siġġiewi*

Għalkemm ir-raħal antik tas-Siġġiewi huwa taħt il-ħarsien ta' San Nikola, fih hemm numru ta' knejjes żgħar li huma ddedikati lill-Madonna filwaqt li fil-knisja arċipretali hemm numru ta' artali ddedikati lill-Madonna.

Dawn huma tad-Duluri, tal-Immakulata Kunċizzjoni, tal-Madonna tal-Karmnu, tas-Sagra Familja, tal-Madonna tar-Rużarju u tat-Tlugħ fis-sema tal-Madonna.

Il-kwadri ta' fuq dawn l-artali huma kollha ta' livell artistiku għoli bħalma huwa wkoll dak tal-Assunta li sfortunatament għadu ma sarx studju bir-reqqa fuqu biex jiġi stabbilit min hu l-artist li għamlu.

Ix-xena li tidher f'dan il-kwadru hija waħda mimlija moviment u kuluri sbieħ mirquma b'attenzjoni bil-messaġġ ta' din il-ġrajja mhux tas-soltu spjegati b'mod espressiv.

Fil-parti ta' fuq tal-kwadru l-figura tal-Assunta hija waħda ta' prominenza fejn numru ta' anġli żgħar jidhru qegħdin iwasslu lil-Omm Alla lejn is-sema filwaqt li din qiegħda fuq tron sabiħ magħmul minn sħab abjad.

Il-mod ta' kif hija ppreżentata l-figura tal-Madonna jfakkarna fil-kwadri tal-Assunta li pinġa l-artist Michele Busuttil li jinsabu fuq l-altari titulari tal-Katidral tal-Belt Victoria f'Għawdex u tal-Knisja filjali ta' Santa Marija *Ta' Duna* fir-raħal ta' Ħal Lija.

Ftit 'il fuq minn ras il-Madonna jidher l-Ispirtu s-Santu fil-forma ta' ħamiema bajda b'dija ta' kulur dehbi ħiereġ minn madwarha. Din il-figura tal-Ispirtu s-Santu hija s-sinjal tal-wasla ta' dik li ġiet magħżula biex tkun Omm Alla u l-bnedmin kollha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Fil-parti ta' isfel tal-kwadru mdawrin ma' qabar vojt jidhru t-tnax-il Appostlu. L-artist hawnhekk inkluda wkoll lil missierna San Pawl, l-appostlu tal-ġnus, fix-xena.

L-appostli li kienu għadhom kemm assistew għall-mewt kiefra fuq is-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, il-qawmien tiegħu mill-imwiet u t-tlugħ tiegħu fis-sema, f'dan il-waqt huma msaħħrin b'dak li qegħdin jaraw jiġri quddiem għajnejhom; għal darb'oħra xena mhux tas-soltu għalihom.

Uħud minnhom jidhru għarkupptejhom fl-art filwaqt li oħrajn qegħdin iħarsu 'l fuq lejn il-Madonna b'espressjoni ta' ġabra u ta' fidi.

Tassew li din hija ġrajja li seħħet darba biss, iżda huwa fatt ukoll li min għamel dan ix-xogħol kien ispirat minn rakkonti varji ta' din il-ġrajja li permezz tagħhom l-insara kienu jfittxu li juru l-kobor ta' Ommna Marija Assunta.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.

# Rendikont tal-Knisja
# Festa Santa Marija 2013

| | |
|---|---|
| **Dħul** | |
| Ġabra tal-ħrug fuq iz-zuntier | € 460.00 |
| Donazzjoni privata | € 261.00 |
| Envelopes | € 2956.00 |
| Ġabra l-Ħadd 5 ta' Awwissu | € 450.00 |
| Ġabra fil-Festa 15 ta' Awwissu | € 1085.00 |
| **Total** | **€ 5,212.00** |
| | |
| **Ħruġ** | |
| Servizzi ta' saċerdoti u trasport | € 360.00 |
| Qniepen | € 275.00 |
| Kappisti | € 165.00 |
| Orkestra | € 2,200.00 |
| Faċċata | € 1,398.00 |
| Fjuri | € 160.00 |
| Koppla | € 962.00 |
| **Total** | **€ 5,520.00** |
| | **Żbilanċ € 308.00** |

Il-festa lill-parroċċa tiswiha ħafna flus biex tkun tista' ssir b'mod xieraq. Jekk irridu li l-festa titulari tibqa' tiġi ċelebrata bis-solennità li jistħoqqilha hemm bżonn li inkunu aktar ġenerużi fil-ġbir li jsir mill-parroċċa għax ma nistgħux nibqgħu kull sena nżidu l-iżbilanċ.

Inkomplu nkabbru
s-Soċjetà tagħna
billi aktar żgħażagħ
jingħaqdu magħna



*Ġebla li nħadmet minnha l-Istatwa l-ġdida*

*L-istatwa ta' Santa Marija li hemm fil-Pjazza*

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


3M Kebab House ... 84
3M Take Away ... 84
A & A Stone & Interiors ... 88
A to Z Electronics ... 44
A. Ferriggi Importers & Distributors ... 182
Aida Hall ... 94
Alan Spiteri Petrus Funeral Service ... 182
Albert Abela Woodworks ... 134
Albion Vrt Station ... 12
Alessio's Old Cottage ... 204
All N' 1 ... 176
Andrew Vassallo Ltd ... 6
Antonio Piscopo Wines & Spirits ... 80
ATCS ... inside front
Attard Bros Group of Companies ... 118
B & G Hardware Store ... 202
Bar tal-Każin Football L-Imqabba ... 102
Beauty Lab ... 176
Bellizzi Services Ltd for Elmo Insurance ... 200
BIBAS ... 112
Bimbi Baby Shop ... 150
BOV ... 88
Brand It Merchandising ... 86
Brian & James Green Funeral Service ... 185
Briffa Landscaping ... 204
Browns Malta ... 80
C&G Hardware Store ... 146
Callus Landscaping & Gardening ... 134
Carabott Jewellers ... 172
Cassar Florist ... 64
Charlie It-Tirxa ... 108
Clinton Electrical & Mechanical Installations ... 69
Coca-Cola ... 130
Computer Bargains ... 144
Creative Catering ... 164
Ctronics ... 54
Cutie Boutique ... 82
D.Spiral Stationery and more… ... 114
D&N Household ... 168
Daily Needs ... 128
Daves ... 155
David's Bakery Gozo ... 56
Dee's Pizzeria ... 76
Demsweet Garage ... 100
DES ... 170
Di Rocco Limited ... 24
Digital Arena Computer Centre ... 189
Dolceria Croce Bonaci ... 66
DOM Book Distributors ... 62
Dr Lorraine Żammit ... 179
Dr Mark Portelli ... 78
E. Theuma Company Ltd ... 96
Easygas Malta Ltd ... 26
Elbros ... 16
Electrical Supplies & Services Ltd ... 168
ElectroCare ... 152
Euro Caterers ... 182
F1 Cheyenne Auto Mechanic Garage 54
Fantasy Flowers ... 200
Farell Ironmongery ... 36
FGP Ltd ... 108
Filder Market ... 71
Fire & Security Engineering ... 32
Frame Maker ... 120
Francesco Fenech Ltd ... 160
Fresh & Clean Laundry & Dryclean ... 202
G. Camilleri Petrol Station ... 156
Gabba Auto Tint ... 48
GMP Skip Hire ... 189
Gold Lady Jewellery ... 178
Golden Point Discount Store ... 79
Grotta Coffee Bar ... 204
Hi-Grade Meat ... 98
Horace Enterprises Ltd ... 173
Ishine Deep Cleaning ... 92
Ivan's Garage ... 166
J. Cutajar Smoking Articles ... 189
J. Gaff Service Station ... 46
J&J Boatyard & Warehousing ... 72
Jerry's Silencer Repairs ... 6
JMA Aluminium Works ... 36
John's Butcher ... 184
Joseph Busuttil for GasanMamo Insurance ... 74
Julio & Charlie Sacco ... 192
KBL Signs & Designs ... 164
Kristianne Stationery ... 10
La Principessa Dolceria/Pastizzeria ... 156
Leli Camilleri Skip Hire ... 38
Liliana Camilleri Beauty Therapist ... 140
Lorraine's Beauty Clinic ... 166
LUX Nails ... 120
MAGI Arredamenti ... 110
Magri Butcher Shop ... 82
Manuel Bezzina Co. Ltd ... 128
Maypole ... 106
Mażini Autoparts & Accessories ... 92
MobilTech VRT Station ... 180
Movie Land ... 152
Nenu The Artisan Baker ... 106
Netta Petrol Station ... 136
Nick's Agriculture ... 68
Nimrod Garage ... 112
P&P Garage ... 184
Pet Care ... 172
Philips' Bakery ... 100
Pineapple Take Away ... 44
Polidano Group ... 50
Primavera Caterers ... 179
Reborn Bar ... 86
Remissa Sports Bar ... 104
Reno Farrugia Funeral Services ... 68
Ruben's Garage ... 192
Sala tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija ... 43
Saviour Camilleri Crane Hire ... 174
Scicluna Florist Garden Centre ... 90
Seabreeze Hotel ... 163
Shapes Junior ... 192
Shoe Lane Footwear & Fashion ... 156
ShoeShine Footwear ... 92
Siġġiewi Vehicles Services ... 120
Silvio's Chair and Tables ... 96
Six Bar ... 144
St Paul's Dental Clinic ... 76
St Peter's Ironmongery ... 20
Step In ... 40
Strictly Dance & Fitness Centre ... 140
Super S Ironmongery ... 172
Ta' Balal Petrol Service Station ... 162
Ta' Frida Pet & Garden ... 18
Ta' Rita Lapsi View Bar & Restaurant ... 90
Ta' Victor Restaurant ... 78
Tahabel Ltd ... 38
Take Off Bar and Restaurant ... 162
Tal-Bazzi ... 163
Tal-Parrina Confectionery & Convenience Shop ... 104
Tar-Robba Recycling Centre Limited ... 4
The Convenience Shop ... 150
The Core Beauty Clinic ... 180
The Fruit Shop ... 146
Timeless Jewellers ... 179
Tower Ironmongery ... 184
Trocadero Pastizzeria & Confectionery ... 102
Ultimate Physique Mqabba Gym ... 114
Unistyler Hair Salon ... 80
Uskin Ltd ... 195
Velton Ltd ... 178
Venmar Limited ... 94
Victoria's Beauty Parlour ... 110
Viper Garage ... 102
Visage Sound Limited ... 40
VRT Motor Tests Services Ltd ... 152
Xuereb Installations Ltd ... inside back
Żepp Skip Hire ... 136


*Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.*


SUPPLY
& INSTALLATION
OF ALL KINDS OF
SOFFITS
& GYPSUM BOARDS
Mineral
Fibre Soffits
Demountable
Partitions
Bulkheads
and all kind of ceilings
Gypsum
Partitions
Xuereb Installations Ltd.
Tal-Hlas Road, Qormi
T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834
E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com


Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba
www.santamarija.com
santamarija
@santamarija